Verżjoni Elettronika

MALTA

ATT Nru XXXIII tal-2024

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jipprovdi għar-regolamentazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol u b'mod partikolari l-promozzjoni u s-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq ix-xogħol, u biex jipprovdi għal ħwejjeġ li joħorġu minn, huma konnessi ma' jew anċillari għalih.

ACT No. XXXIII of 2024

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to provide for the regulation of matters relating to health and safety at work and particularly the promotion and safeguard of the health and safety of workers at work, and to provide for matters emanating from, connected with or ancillary thereto.

Verżjoni Elettronika

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
President

9 ta' Awwissu, 2024

ATT Nru XXXIII tal-2024

ATT sabiex jipprovdi għar-regolamentazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol u b'mod partikolari l-promozzjoni u s-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq ix-xogħol, u biex jipprovdi għal ħwejjeġ li joħorġu minn, huma konnessi ma' jew anċillari għalih.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

TAQSIMA I
Preliminari

Titolu fil-qosor, għan u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2024 dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol.

(2) L-għan ta' dan l-Att huwa l-promozzjoni u s-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq ix-xogħol.

(3) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet u, jew għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Verżjoni Elettronika

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Awtorità" tfisser l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol imwaqqfa bl-artikolu 4;

"Bord" tfisser il-Bord tat-Tmexxija regolat skont l-artikoli 4, 7 u 8;

"detentur ta' dmir" tfisser kwalunkwe persuna li għandha dmir jew obbligu li twettaq u, jew ir-responsabbiltà li tiżgura li jitwettaq dmir jew obbligu bis-saħħa ta' xi rekwiżit ta' dan l-Att jew ta' leġiżlazzjoni sussidjarja, u għandha tinkludi, skont il-każ, prinċipal, persuna li taħdem għal rasha, ħaddiem, klijent, superviżur tal-proġett għal kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà, maniġer b'responsabilità ta' ħaddiema, superviżur b'responsabilità ta' ħaddiema, HSRO u kwalunkwe persuna oħra li lilha dan l-Att jew kwalunkwe leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħtu jassenjaw dmir jew responsabbiltà;

"Eżekuttiv" tfisser l-Eżekuttiv tas-Saħħa u s-Sigurtà rregolat skont l-artikoli 4 u 9;

"HSRO" tfisser l-Uffiċjal li jirrapporta dwar is-Saħħa u s-Sigurtà maħtur skont l-artikolu 12(8) u li huwa impjegat fi grad għoli f'livell maniġerjali, jew kwalunkwe persuna oħra li l-prinċipal jista' jaħtar, kif jista' jiġi stabbilit b'regolamenti magħmula taħt dan l-Att;

"ħaddiem" tfisser kwalunkwe persuna impjegata minn prinċipal sabiex twettaq xogħol, jew li tipprovdi servizz lil persuna oħra taħt kuntratt ta' servizz jew għal servizz, kemm jekk dak il-kuntratt ikun bil-miktub jew xort'oħra, u tinkludi trainee, apprendist, voluntier, illi li kieku ma kienx għan-nuqqas ta' rimunerazzjoni, ikun essenzjalment qiegħed iwettaq responsabbiltajiet simili għal dawk ta' impjegat bi ħlas u persuna li taħdem għal rasha, iżda ma għandhiex tinkludi l-ekwipaġġ ta' bastiment jew ajruplan reġistrat f'Malta jew xi persuna oħra impjegata fuqu bħala parti mill-komplement tal-bastiment jew ajruplan;

"Kap Eżekuttiv" tfisser l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv maħtur skont l-artikolu 9;

"klijent" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li għaliha jitwettaq proġett;

"Kodiċi ta' Prattika" tfisser standard, speċifikazzjoni jew

Verżjoni Elettronika

kwalunkwe forma oħra miktuba jew illustrata ta' gwida prattika, struzzjoni jew kontroll;

"korp dixxiplinat" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni u għandha tinkludi d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili mwaqqaf bl-Att dwar il-Protezzjoni Ċivili; Kap. 411.

"korpi kostitwiti" tfisser kwalunkwe korp imwaqqaf sabiex jirrappreżenta l-interessi tal-membri tiegħu bħal ħaddiema jew prinċipali u għandu jinkludi kwalunkwe korp rikonoxxut taħt l-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali u korpi oħra ta' natura simili li huma rikonoxxuti taħt xi liġi oħra; Kap. 431.

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol;

"persuna" tinkludi korp ta' persuni u kwalunkwe korp ġuridiku mwaqqaf minn jew taħt kwalunkwe liġi;

"persuna kompetenti" tfisser persuna li jkollha kwalifiki adegwati u akkreditazzjonijiet minimi skont il-liġi jew fejn meħtieġ, kif stabbilit mill-Awtorità permezz ta' strumenti amministrattivi, taħriġ adegwat u għarfien suffiċjenti, esperjenza u ħila għat-twettiq sigur tal-kompitu jew xogħol speċifiku meħtieġ, u li tipprovdi pariri fir-rigward tal-miżuri preventivi u protettivi meħtieġa li jittieħdu għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, u li isimha jidher fir-reġistru tal-persuna kompetenti amministrat jew xort'oħra delegat mill-Awtorità fir-rigward ta' tali kwistjonijiet li huma regolati mill-Awtorità;

"persuna li taħdem għal rasha" tfisser persuna li taħdem għal profitt jew qligħ għajr b'kuntratt ta' impjieg;

"post tax-xogħol" tfisser kwalunkwe fond, post, faċilità, vettura, bastiment jew bċejjeċ oħra tal-baħar, jew kwalunkwe lok jew post ieħor mobbli jew immobbli, pubbliku jew privat, fejn isir xogħol jew li għalih il-ħaddiem ikollu aċċess fil-kors tal-impjieg tiegħu, u bla ħsara għall-ġeneralità hawn qabel stabbilita, għandu jinkludi vettura jew bastiment jew bċejjeċ oħra tal-baħar fejn dawn ikunu f'port f'Malta jew fl-ibħra interni jew territorjali tagħha, jew f'xi tarzna, port jew stallazzjoni oħra simili f'Malta, għajr bastiment tal-gwerra li jappartjeni għal stat barrani;

"prinċipal" tfisser kwalunkwe persuna li għaliha jitwettaq xogħol jew servizz minn ħaddiem jew persuna oħra li għandha relazzjoni ta' impjieg ma' ħaddiem, u tinkludi kuntrattur jew

Verżjoni Elettronika

sottokuntrattur li jwettaq xogħol jew jipprovdi servizz jew jimpenja ruħu li jwettaq kwalunkwe xogħol jew li jipprovdi servizzi, u

(a) fir-rigward ta' xogħol imwettaq taħt kuntratt għal servizzi tfisser il-kuntrattur jew is-sottokuntrattur, iżda ma għandhiex tinkludi d-diretturi, il-maniġers, is-sħab jew is-sidien, l-okkupanti jew il-pussessuri li f'isimhom qiegħed isir ix-xogħol, ħlief fir-rigward ta' kwalunkwe għodda, materjal jew tagħmir minnhom ipprovdut fir-rigward ta' kwalunkwe difett tagħhom jew fihom li huma magħrufa u mhux iddikjarati jew li setgħu kienu magħrufa;

(b) fir-rigward tal-organizzazzjonijiet l-oħra kollha inkluż dawk volontarji, jew fir-rigward ta' kwalunkwe forma oħra ta' impjieg taħt kuntratt ta' servizz, tinkludi kwalunkwe persuna li għandha direzzjoni ġenerali jew li jkollha t-tmexxija ta' kuljum;

"rappreżentant għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema" tfisser persuna eletta, magħżula jew nominata, kif preskritt fir-regolamenti, sabiex tirrappreżenta lill-ħaddiema dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-promozzjoni u l-protezzjoni tas-saħħa jew is-sigurtà tagħhom fuq ix-xogħol;

"sena finanzjarja" tfisser kwalunkwe perjodu ta' tnax (12)-il xahar li jintemm fil-31 ta' Diċembru kif determinat minn żmien għal żmien bis-saħħa ta' strumenti amministrattivi:

Iżda s-sena finanzjarja li tibda f'data wara l-1 ta' Jannar għandha tiġi estiża għal tali perjodu sabiex tintemm fil-31 ta' Diċembru sussegwenti;

"strument amministrattiv" tfisser tali strumenti skont l-artikolu 17 li huma meħtieġa sabiex jaqdu l-funzjonijiet tal-Awtorità u għandha tinkludi kwalunkwe ordni, direttiva, protokoll, linja gwida, memorandum ta' spjegazzjoni, ċirkolari ta' informazzjoni, inkluż avviżi, jew kwalunkwe pubblikazzjoni oħra maħruġa mill-Awtorità;

"Tribunal" tfisser it-Tribunal għas-Saħħa u s-Sigurtà mwaqqaf bl-artikolu 23;

"uffiċjal" tfisser uffiċjal tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol maħtur skont l-artikolu 18 u li jkollu fil-pussess tiegħu ċertifikat ta' ħatra maħruġ skont id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu;

Verżjoni Elettronika

"uffiċjal pubbliku" fir-rigward tal-artikolu 21 għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni, iżda ma tinkludix il-Prim Imħallef, imħallef tal-Qrati Superjuri jew maġistrat tal-Qrati Inferjuri;

"xogħol" tfisser kwalunkwe dmir, attività, kompitu jew servizz li jipproduċi prodott jew riżultat, imwettaq minn ħaddiem jew persuna li taħdem għal rasha u li jitwettaq bi ħlas jew b'xejn jew bi skambju għal oġġetti, għal servizzi, għal profitt jew għal benefiċċju.

Applikabbiltà ta' dan l-Att.

3. Dan l-Att għandu japplika għall-postijiet tax-xogħol kollha u għas-setturi kollha ta' attivitajiet ta' xogħol, kemm pubbliċi kif ukoll privati, u għall-attivitajiet kollha ta' xogħol, inkluż dawk imwettqa minn persuni li jaħdmu għal rashom iżda ma għandux japplika għal dawk l-attivitajiet speċifiċi mwettqa minn membri ta' korp dixxiplinat jew servizz ta' protezzjoni ċivili, li jkollhom karatteristiċi partikolari għal attivitajiet mill-korp dixxiplinat li inevitabbilment ikunu f'kunflitt ma' dan l-Att, inklużi attivitajiet relatati ma' emerġenzi ċivili, ordni pubbliku, sigurtà nazzjonali jew operazzjonijiet mill-militar:

Iżda fir-rigward tal-esklużjonijiet imsemmija fil-paragrafu preċedenti, is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema kkonċernati għandhom ikunu protetti għall-finijiet tal-għan ta' dan l-Att:

Iżda wkoll il-frażi "operazzjonijiet mill-militar" għandha teskludi kwalunkwe azzjoni anteċedenti għall-operazzjoni.

TAQSIMA II
Twaqqif, Funzjonijiet u Tmexxija tal-Awtorità

Twaqqif u kompożizzjoni tal-Awtorità.

4. (1) Għandha tiġi mwaqqfa Awtorità li għandha tikkonsisti minn Bord u mill-Eżekuttiv.

(2) L-Awtorità għandha tkun responsabbli għall-promozzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol kif imfissra fl-Att u sabiex tiżgura, fil-limiti tar-responsabbiltajiet tagħha kif preskritt f'dan l-Att, li d-detenturi ta' dmirijiet jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-liġi.

(3) L-Awtorità għandha tkun korp ġuridiku b'personalità distinta u soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, tkun kapaċi tidħol f'kuntratti, li takkwista, iżżomm u tiddisponi minn kull xorta ta' proprjetà għall-finijiet tal-funzjonijiet tagħha, li tħarrek u tiġi mħarrka, u għandu jkollha s-setgħa li tagħmel dawk l-affarijiet kollha u tidħol f'kull tali tranżazzjonijiet li huma inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju jew it-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att.

Verżjoni Elettronika

(4) Ir-rappreżentanza legali u ġuridika tal-Awtorità għandha tkun vestita fil-Kap Eżekuttiv:

Iżda l-Kap Eżekuttiv jista' jaħtar wieħed (1) jew aktar mill-impjegati tal-Awtorità sabiex jidhru f'isem u għan-nom tal-Awtorità f'kull proċediment u f'kull att, kuntratt, strument, jew dokument ieħor ikun li jkun.

(5) Il-Bord għandu jkun magħmul mid-disa' (9) membri li ġejjin:

(a) Chairperson maħtur mill-Ministru;

(b) id-Direttur tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi;

(ċ) persuna maħtura mill-Ministru b'kompetenza fis-saħħa u, jew is-sigurtà fuq ix-xogħol jew li tkun imniżżla fir-reġistru tal-persuni kompetenti;

(d) persuna maħtura mill-Ministru responsabbli għas-saħħa;

(e) persuna maħtura mill-Ministru responsabbli għall-affarijiet ekonomiċi;

(f) żewġ (2) membri maħtura mill-Ministru sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-ħaddiema, wara konsultazzjoni mal-imsemmi korp jew korpi li l-Ministru jista', minn żmien għal żmien, jikkunsidra bħala r-rappreżentanti ewlenin tal-ħaddiema;

(g) żewġ (2) membri maħtura mill-Ministru sabiex jirrappreżentaw l-interessi ta' prinċipali wara konsultazzjoni mal-imsemmi korp jew korpi li l-Ministru jista', minn żmien għal żmien, jikkunsidra bħala r-rappreżentanti ewlenin tal-prinċipali.

(6) Il-Ministru għandu jaħtar persuna sabiex tkun is-segretarju tal-Bord kif ukoll Deputat Chairperson minn kwalunkwe wieħed (1) mill-membri tiegħu sabiex jeżerċita d-dmirijiet taċ-Chairperson kemm-il darba ċ-Chairperson ma jkunx jista'għal kwalunkwe raġuni jaqdi d-dmirijiet tiegħu.

(7) Iċ-Chairperson u l-membri l-oħra tal-Bord għandhom jibqgħu fil-kariga għal perjodu ta' sentejn (2), iżda l-membri hekk maħtura jistgħu jerġgħu jinħatru mill-ġdid mal-iskadenza ta' kwalunkwe mit-termini tal-kariga tagħhom:

Iżda jekk membru jinħatar fi kwalunkwe waqt wara li l-

Verżjoni Elettronika

membri l-oħra jkunu diġà ġew maħtura, it-terminu tal-ħatra tal-imsemmi membru għandu jintemm fl-istess data bħal dik tal-membri l-oħra.

(8) Persuna ma għandhiex tkun kwalifikata li tokkupa l-kariga bħala membru tal-Bord jekk:

(a) hija Ministru jew Segretarju Parlamentari;

(b) tkun legalment inabilitata;

(ċ) ġiet iddikjarata falluta jew għamlet kompożizzjoni jew arranġament mal-krediturі tagħha;

(d) tkun instabet ħatja ta' reat li jaffettwa l-fiduċja pubblika, serq jew frodi, jew li xjentement irċeviet proprjetà miksuba b'serq jew frodi, jew ta' kwalunkwe reat taħt dan l-Att; jew

(e) għandha interess finanzjarju jew interess ieħor fi kwalunkwe intrapriża jew attività li x'aktarx taffettwa t-twettiq tal-funzjonijiet bħala membru tal-Bord:

Iżda l-iskwalifika ta' persuna taħt dan il-paragrafu tista' tiġi rrinunzjata mill-Ministru jekk l-interess jiġi dikjarat u d-dikjarazzjoni tiġi ppubblikata fil-Gazzetta.

(9) Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-kariga ta' membru tal-Bord għandha ssir vakanti mal-iskadenza tat-terminu tal-kariga.

(10) Membru tal-Bord jista' jitneħħa mill-kariga mill-Ministru jekk, fil-fehma tal-Ministru, l-imsemmi membru ma jkunx idoneu sabiex ikompli fil-kariga jew ma jibqax kapaċi sabiex iwettaq kif jixraq id-dmirijiet bħala membru.

(11) Jekk membru jirriżenja jew jekk il-kariga ta' membru tal-Bord tkun xort'oħra battala jew jekk membru għal xi raġuni ma jkunx jista' jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga, il-Ministru jista' jaħtar persuna li tkun kwalifikata sabiex tinħatar bħala membru temporanju tal-Awtorità u kwalunkwe persuna hekk maħtura ma għandhiex, kif soġġett għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (5) u (6), tibqa' membru, ladarba persuna tkun inħatret sabiex tokkupa l-kariga battala jew, skont il-każ, meta l-membru li ma setax iwettaq il-funzjonijiet tal-kariga jerġa' jassumi tali funzjonijiet.

(12) Kwalunkwe membru tal-Bord li jkollu kwalunkwe interess direct jew indirett fi kwalunkwe kuntratt magħmul jew propost li jsir

Verżjoni Elettronika

mill-Awtorità, li ma jkunx interess li jiskwalifika lil tali membru milli jibqa' membru, għandu jiżvela n-natura tal-interess fl-ewwel laqgħa tal-Bord wara li l-fatti rilevanti jkunu saru magħrufa minn tali membru. L-imsemmi żvelar għandu mbagħad jiġi reġistrat fil-minuti tal-laqgħa u l-membru li jkollu interess kif intqal qabel għandu jirtira minn kwalunkwe laqgħa li fiha jiġi diskuss tali kuntratt. Kwalunkwe tali żvelar għandu jiġi kkomunikat lill-Ministru mingħajr dewmien:

Iżda fejn l-interess tal-membru jkun tali li jiskwalifika lil dak il-membru milli jibqa' membru, huwa għandu jirrapporta l-fatt immedjatament lill-Ministru u jagħti r-riżenja tiegħu.

(13) Il-ħatra ta' kwalunkwe persuna bħala membru tal-Bord u t-terminazzjoni tal-kariga jew ir-riżenja ta' xi tali persuna, kif ukoll kwalunkwe funzjonijiet addizzjonali assenjati lill-Bord mill-Ministru, għandhom jiġu nnotifikati fil-Gazzetta u għandu jkollhom effett immedjat:

Iżda n-nuqqas li tiġi ppubblikata l-ħatra jew it-terminazzjoni tal-kariga, skont il-każ, ma għandu jkollu l-ebda effett fuq il-validità tal-imsemmija ħatra jew terminazzjoni.

(14) Iċ-Chairperson u l-membri tal-Bord għandhom jitħallsu kif il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, jiddetermina.

Dikjarazzjoni ta' prinċipji.

5. (1) Il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol għandha titqies ta' interess pubbliku.

(2) L-Awtorità għandha tkun responsabbli sabiex tiżgura li l-benesseri fiżiku, psikoloġiku u soċjali tal-ħaddiema kollha fil-postijiet kollha tax-xogħol jiġi promoss u sabiex tiżgura li dan jiġi salvagwardjat minn kull min hu obbligat li jagħmel dan.

Dmirijiet ġenerali.

6. Għandu jkun id-dmir tal-Awtorità li tiżgura li l-livelli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol stabbiliti b'dan l-Att u b'regolamenti magħmula taħtu jinżammu.

Dispożizzjonijiet relatati mal-Bord.

7. (1) Il-Bord għandu jkun responsabbli sabiex jiżgura li l-Eżekuttiv iwettaq dmirijietu f'livell għoli u għandu jissorvelja lill-Eżekuttiv fl-implimentazzjoni ta' inizjattivi dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol kif preskritt fl-Att u fir-regolamenti magħmula taħtu.

(2) Il-Bord għandu jirrevedi u jissorvelja li l-Eżekuttiv jilħaq il-miri stabbiliti għall-Awtorità mill-Ministru jew li l-Eżekuttiv innifsu jipproponi fir-rigward tad-dmirijiet varji tal-Awtorità taħt dan l-Att.

(3) Il-Bord għandu jirrevedi l-baġits tal-Awtorità, il-kontijiet ta' ġestjoni, il-proċeduri interni, il-pjanijiet tar-riżorsi umani u l-verifiki

Verżjoni Elettronika

finanzjarji.

(4) Il-Bord għandu japprova u jadotta l-estimi tad-dħul u l-infiq tiegħu għas-sena sussegwenti.

(5) Il-Bord għandu jkollu wkoll il-funzjonijiet li ġejjin:

(a) jirrakkomanda strateġiji li bihom il-politika nazzjonali ġenerali dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, indikata lill-Awtorità mill-Ministru, tista' tiġi implimentata;

(b) jagħti pariri lill-Ministru dwar l-abbozzar ta' politiki u regolamenti sabiex jippromwovu, iżommu u jipproteġu livell għoli ta' saħħa u sigurtà fuq ix-xogħol, u dwar kwalunkwe kwistjoni li tikkonċerna lill-Awtorità;

(ċ) jirrakkomanda u jekk meħtieġ iħejji abbozzi ta' regolamenti għall-konsiderazzjoni tal-Ministru, dokumenti ta' gwida, u Kodiċijiet ta' Prattika meħtieġa għall-promozzjoni, iż-żamma u l-protezzjoni ta' livell għoli ta' saħħa u sigurtà fuq ix-xogħol:

Iżda l-Bord jista' jaħtar għal dan il-għan, kumitati jew sottokumitati u jista' jikkooptja fuq l-imsemmija kumitati jew sottokumitati persuni kompetenti minn barra s-sħubija tiegħu li, fl-opinjoni tal-Bord, ikollhom għarfien professjonali jew espert dwar kwalunkwe kwistjoni ttrattata taħt dan l-Att, b'danakollu li l-membri kkooptjati ma għandux ikollhom vot fuq kwalunkwe kwistjoni quddiem kumitat jew sottokumitat;

(d) jitlob il-parteċipazzjoni mill-imsieħba soċjali u jippromwovi inizjattivi favur livelli għolja ta' saħħa u sigurtà fuq ix-xogħol;

(e) irawwem relazzjonijiet armonjużi dwar kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà fuq ix-xogħol bejn il-varji partijiet interessati u d-detenturi tad-dmirijiet;

(f) jinkoraġġixxi u jsostni djalogu kostruttiv bejn il-korpi kostitwiti jew organizzazzjonijiet ta' kwalunkwe natura dwar il-benefiċċji li jiġu żgurati s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol;

(g) jidħol f'konsultazzjonijiet regolari ma' korpi kostitwiti dwar kwistjonijiet pertinenti għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema kif regolati f'dan l-Att.

(6) Qabel l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe politika relatata mas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, il-Ministru għandu jitlob lill-

Verżjoni Elettronika

Bord sabiex jipprovdi kwalunkwe rakkomandazzjoni jew opinjoni li jista' jkollu fir-rigward ta' kwalunkwe politika.

(7) Il-Bord għandu joqgħod lura milli jkun involut f'deċiżjonijiet jew azzjonijiet eżekuttivi meħuda mill-Eżekuttiv fit-twettiq tal-għanijiet u l-objettivi tal-Att.

(8) Il-Bord għandu fuq bażi annwali u qabel il-bidu tas-sena finanzjarja tal-Awtorità, jippreżenta lill-Ministru rapport dwar l-attivitajiet tiegħu taħt l-Att.

(9) Il-Bord jista' wkoll iwettaq tali attività oħra li huwa jqis xierqa jew spedjenti għall-finijiet tal-funzjonijiet u l-objettivi tiegħu taħt dan l-Att.

(10) L-Awtorità tista', bl-approvazzjoni tal-Ministru, taġixxi bħala aġent jew xort'oħra f'isem persuni oħra għal kwalunkwe kwistjoni relatata mas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.

Dispożizzjonijiet fir-rigward tal-proċeduri tal-Bord.

8. (1) Il-laqgħat tal-Bord għandhom jissejħu miċ-Chairperson kull meta jkun meħtieġ, iżda mill-inqas darba (1) fix-xahar, jew fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba ta' kwalunkwe tnejn (2) mill-membri l-oħra.

(2) Nofs in-numru tal-membri li fi kwalunkwe waqt jikkostitwixxu l-Bord għandu jifforma kworum. Id-deċiżjonijiet għandhom jiġu adottati b'maġġoranza sempliċi tal-voti tal-membri preżenti u li jivvutaw. Iċ-Chairperson, jew fin-nuqqas taċ-Chairperson id-Deputat Chairperson, għandu jkollu vot inizjali u fil-każ ta' voti ndaqs, vot deċiżiv:

Iżda bla ħsara għar-rekwiżiti ta' dan l-Att, l-ebda deċiżjoni li ma tkunx appoġġata minn tal-inqas żewġ (2) membri tal-Bord, ma għandha tkun valida.

(3) Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Bord jista' jirregola l-proċedura tiegħu stess.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, l-ebda att jew proċedura tal-Bord ma għandhom jiġu invalidati sempliċement minħabba l-eżistenza ta' xi kariga battala fost il-membri.

(5) L-atti kollha magħmula minn xi persuna li taġixxi in *bona fide* bħala membru tal-Bord għandhom ikunu validi, minkejja li sussegwentement jiġi skopert xi difett fil-ħatra jew fil-kwalifika. L-ebda att jew proċedura tal-Bord ma għandha titqajjem minn xi membru minħabba ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4(12).

Verżjoni Elettronika

(6) Is-segretarju tal-Bord għandu d-dmir li jagħmel it-tħejjijiet meħtieġa għal-laqgħat tal-Bord u li jżomm il-minuti tal-imsemmija laqgħat.

Dispożizzjonijiet relatati mal-Eżekuttiv.

9. (1) L-Eżekuttiv għandu jkun immexxi minn Kap Eżekuttiv li għandu jinħatar mill-Ministru b'konsultazzjoni mal-Bord għal perjodu definit taħt dawk il-pattijiet kif stabbiliti fl-ittra tal-ħatra u l-imsemmi perjodu jista' jiġi estiż għal perjodi oħra kif meħtieġ.

(2) L-Eżekuttiv għandu jkollu l-awtorità u r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Att u għandu jkollu dawk il-funzjonijiet u s-setgħat fir-rigward tal-istrutturi tiegħu kif stabbiliti fl-Att u tali funzjonijiet u setgħat oħra li jistgħu jiġu delegati lilu bis-saħħa ta' xi liġi oħra, jew kif jistgħu jiġu assenjati lilu mill-Ministru.

(3) L-Eżekuttiv għandu jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) japplika d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu;

(b) jistabbilixxi strateġiji ta' implimentazzjoni u politiki relatati mas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol;

(ċ) iwettaq monitoraġġ tal-konformtà mal-liġijiet rilevanti dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol u t-teħid ta' azzjoni ta' infurzar fejn meħtieġ;

(d) jippromwovi u jxerred informazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol u l-metodi meħtieġa għall-prevenzjoni ta' korriment fuq ix-xogħol, mard jew mewt;

(e) jiġbor u janalizza data u statistika dwar korrimenti fuq ix-xogħol, mard u mwiet u dwar kwistjonijiet anċillari għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol:

Iżda l-Eżekuttiv jista' jitlob kwalunkwe data jew informazzjoni minn kwalunkwe persuna inkluż kwalunkwe dipartiment tal-Gvern, aġenzija, entità jew korporazzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni, direttament jew indirettament, relatata mas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, u tali data jew informazzjoni għandha tiġi pprovduta mingħajr dewmien:

Iżda wkoll kwalunkwe tali data jew informazzjoni għandha titqies li tkun ingħatat u ġiet riċevuta taħt l-obbligu ta' kunfidenzjalità u fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment

Verżjoni Elettronika

liberu ta' tali data, u li jħassar id-direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data);

(f) iżomm reġistri ta' tali impjant, installazzjonijiet, tagħmir, makkinarju, oġġetti, sustanzi jew kimiċi intiżi għall-użu fuq ix-xogħol, kif iqis xieraq, li jipprovdu riskju serju għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol;

(g) iwettaq kwalunkwe investigazzjoni dwar xi kwistjoni li tikkonċerna s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, inkluż iżda mhux limitat għall-investigazzjoni ta' kwalunkwe aċċident, inċident, korriment, mard jew mewt li jseħħu bħala riżultat, jew minħabba, kwalunkwe assoċjazzjoni max-xogħol, kif ukoll investigazzjonijiet sabiex jiġi aċċertat il-livell ta' saħħa u sigurtà fuq ix-xogħol pprovdut fi kwalunkwe post tax-xogħol, u d-dmir tal-Awtorità li tiżgura l-infurzar ta' kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan l-Att ma għandux jikkostitwixxi raġuni sabiex twaqqaf it-twettiq ta' tali investigazzjonijiet:

Iżda meta jwettaq l-imsemmija investigazzjoni, l-Eżekuttiv jista' jitlob kwalunkwe informazzjoni, dokumentazzjoni jew xi oġġett jew ħaġa meqjusa meħtieġa mill-Eżekuttiv għall-konklużjoni tal-investigazzjoni:

Iżda wkoll l-Eżekuttiv jista' jaħtar persuni kompetenti mir-reġistru msemmi fil-paragrafu (i) sabiex jakkumpanjaw u jassistu f'kull investigazzjoni;

(h) jippromwovi u jwettaq, jikkoordina jew jikkummissjona, u fejn l-Awtorità jidhrilha li hu meħtieġ jippubblika, riċerka xjentifika, stħarriġ jew studji professjonali oħra mmirati lejn metodi aħjar ta' prevenzjoni ta' mard, korriment jew mewt fuq ix-xogħol;

(i) iżomm reġistri, jekk applikabbli skont dan l-Att, ta' persuni kompetenti fi kwistjonijiet relatati mas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, u jiżviluppa skemi kif meħtieġ għall-akkreditazzjoni tal-kompetenza u, jew ċertifikazzjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol:

Iżda l-Eżekuttiv jista' jiddetermina l-kwalifiki minimi meħtieġa qabel ma l-persuna tkun tista' tiddaħħal fir-reġistru;

(j) jirċievi u jirrevedi r-rapporti ppreżentati mill-HSRO u jieħu l-azzjoni xierqa sabiex jindirizza t-tħassib identifikat;

Verżjoni Elettronika

(k) joħroġ strumenti amministrattivi kif imfissra fl-artikolu 2; u, jew

(l) jimponi penali amministrattivi u multi kif imsemmi fl-artikoli 25, 26 u 27.

Kap Eżekuttiv.

10. Il-Kap Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-objettivi tal-Awtorità fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu u, bla ħsara għall-ġeneralità preċedenti, huwa għandu:

(a) ikun responsabbli għall-implimentazzjoni u t-twettiq tal-miri stabbiliti tal-Awtorità għall-użu effiċjenti tar-riżorsi tagħha;

(b) jiżgura li jiġu żviluppati l-istrateġiji meħtieġa sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Awtorità; u

(ċ) ikollu wkoll tali dmirijiet oħra relatati mas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol li l-Ministru jista' jassenja minn żmien għal żmien.

Responsabbiltà lejn il-Ministru.

11. (1) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha, l-Awtorità filwaqt li taġixxi permezz tal-Eżekuttiv għandha:

(a) tagħti effett, malajr kemm jista' jkun, lil kwalunkwe direzzjoni, li l-Ministru jista' jagħtiha dwar il-politika li għandha tiġi segwita fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha, u dwar kwalunkwe kwistjoni li l-Ministru jidhirlu li tolqot is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol; u

(b) tagħti lill-Ministru faċilitajiet sabiex jikseb kwalunkwe informazzjoni dwar il-proprjetà u l-attivitajiet tal-Awtorità u għal dan il-għan l-Awtorità għandha tipprovdi lill-Ministru prospetti, kontijiet u informazzjoni oħra dwarhom, u toffri faċilitajiet għall-verifika ta' kwalunkwe informazzjoni mogħtija, b'dak il-mod u f'dawk il-ħinijiet li l-Ministru jista' raġonevolment jeħtieġ.

(2) L-Awtorità għandha, fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Ministru, tagħti parir lill-Ministru dwar kwalunkwe ħaġa li għandha x'taqsam mas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.

(3) L-Awtorità għandha tibgħat kopja tal-minuti tal-laqgħat tagħha lill-Ministru kemm jista' jkun malajr wara kull laqgħa.

(4) Il-Ministru għandu jfittex il-parir tal-Awtorità qabel ma jagħmel regolamenti kif provdut fl-artikolu 45 u l-imsemmi parir ma

Verżjoni Elettronika

għandux madanakollu jkun vinkolanti fuq il-Ministru.

(5) L-Awtorità għandha, mhux aktar tard minn sitt (6) ġimgħat wara l-għeluq ta' kull sena finanzjarja, tħejji u tissottometti lill-Ministru rapport annwali li jittratta b'mod ġenerali l-attivitajiet tal-Awtorità matul tali sena finanzjarja preċedenti u li jkun fih tali informazzjoni li jkollha x'taqsam mal-proċedimenti u l-politika tal-Awtorità kif il-Ministru jista' minn żmien għal żmien jeħtieġ u li għandu jikkonsisti minn:

(a) rapport dwar l-operat tal-Awtorità matul is-sena finanzjarja preċedenti; u

(b) kwalunkwe riċerka, stħarriġ jew studji professjonali oħra u analisi tal-programmi u strutturi edukattivi relatati mal-attivitajiet dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol li l-Awtorità jidhrilha li jkunu meħtieġa.

(6) Il-Ministru għandu jiżgura li kopja ta' kull tali rapport titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati flimkien mal-estimi kif provdut fl-artikolu 38(5).

TAQSIMA III
Dmirijiet

Dmirijiet tal-prinċipali.

12. (1) Għandu jkun id-dmir tal-prinċipal li jiżgura l-benesseri fiżiku u psikoloġiku tal-ħaddiema tiegħu f'kull waqt u tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati mix-xogħol li jkun qiegħed jitwettaq għal dak il-prinċipal fuq il-post tax-xogħol tagħhom.

(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn prinċipal sabiex jevita mard, korriment fiżiku u psikoloġiku jew mewt fuq ix-xogħol, għandhom jittieħdu abbażi tal-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri:

(a) billi jiġi evitat ir-riskju;

(b) bl-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;

(ċ) bl-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;

(d) bil-kontroll fis-sors ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;

(e) billi jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jitnaqqas ir-riskju u l-perikolu kemm jista' jkun raġonevolment prattikabbli, skont il-każ partikolari;

Verżjoni Elettronika

(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri protettivi kollettivi fuq miżuri protettivi individwali;

(g) billi jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, b'mod partikolari inkwantu għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għażla tat-tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi tax-xogħol u tal-produzzjoni, b'mod partikolari bil-ħsieb li jittaffa x-xogħol monotonu u x-xogħol b'rata tax-xogħol predeterminata, u sabiex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;

(h) billi jsir adattament għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol;

(i) billi tiġi żvilupatta politika ġenerali koerenti ta' prevenzjoni li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni tax-xogħol, il-kondizzjonijiet tax-xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi relatati mal-ambjent tax-xogħol;

(j) bis-sostituzzjoni tal-perikoluż b'dak li mhux perikoluż jew anqas perikoluż; u

(k) bl-għoti ta' struzzjonijiet xierqa lill-ħaddiema.

(3) Bla ħsara għall-ġeneralità tas-subartikolu (2), għandu jkun id-dmir ta' prinċipal li jipprovdi dik l-informazzjoni, tagħlim, taħriġ u superviżjoni li tkun meħtieġa sabiex tiġi żgurata s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.

(4) Għandu jkun id-dmir tal-prinċipal li jiżgura li f'postijiet tax-xogħol fejn numru ta' ħaddiema huma impjegati kif jista' jiġi stabbilit f'regolamenti magħmula bis-saħħa ta' dan l-Att, għandhom jiġu eletti, magħżula jew xort'oħra nominati persuna jew persuni sabiex jaġixxu bħala r-rappreżentant jew ir-rappreżentanti għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, u li għandhom jiġu kkonsultati minn qabel u fi żmien raġonevoli mill-prinċipal dwar kwistjonijiet li jistgħu jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol. Tali rappreżentanti għandhom:

(a) jingħataw aċċess għal, u jistgħu jitolbu kopji elettroniċi ta' dokumenti mħejjija b'konnessjoni mas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol; u

(b) jingħataw ukoll il-mezzi meħtieġa, inkluż iż-żmien meħtieġ sabiex ikunu jistgħu jwettqu r-rwol tagħhom bħala rappreżentanti:

Iżda l-ebda azzjoni, dixxiplinarja jew xort'oħra, ma tista' tittieħed minn prinċipal kontra rappreżentant li jaġixxi *in bona fide* fit-twettiq tad-dmirijiet li jappartjenu għal dik il-pożizzjoni.

Verżjoni Elettronika

(5) Il-prinċipal għandu jħejji u jirrevedi kif u meta jkun xieraq, dikjarazzjoni tal-politika ġenerali fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, li għandha tinkludi l-miżuri ewlenin għall-implimentazzjoni ta' tali politika, u li jġib id-dikjarazzjoni u kwalunkwe reviżjoni tagħha għall-attenzjoni tal-ħaddiema kollha u tar-rappreżentanti tagħhom.

(6) Għandu jkun id-dmir tal-prinċipal li jinforma lil kwalunkwe kuntrattur, persuna li taħdem għal rasha u ħaddiema minn barra l-organizzazzjoni bil-kontenut tal-politika dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, bil-preżenza ta' perikli speċifiċi fuq ix-xogħol, bir-riskji li jirriżultaw, u bil-miżuri preventivi u protettivi meħtieġa li jittieħdu, u għandu jiżgura li d-dispożizzjonijiet tal-politika jiġu osservati f'kull waqt.

(7) Il-prinċipal għandu jiżgura li kwalunkwe miżura meħtieġa li tittieħed bis-saħħa ta' kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, ma tinvolvix spiża finanzjarja għall-ħaddiema.

(8) Il-Ministru jista' b'regolamenti maħruġa skont dan l-Att, sabiex jindirizza konformità xierqa mat-termini ta' dan l-Att u r-regolamenti magħmula taħtu jew inkella minħabba n-natura tax-xogħol imwettaq mill-prinċipal, jitlob lill-prinċipal sabiex jaħtar HSRO li għandu jkollu l-kompitu li jissorvelja u jimmonitorja l-implimentazzjoni ta' kuljum tal-miżuri, il-politiki u l-proċeduri tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol ta' dan l-Att u kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu:

Iżda, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-Awtorità taħt dan l-Att u r-regolamenti magħmula taħtu, l-Awtorità tista', f'każijiet fejn jidher li jkun hemm ksur serju u konsistenti ta' dan l-Att u r-regolamenti magħmula taħtu, tordna lill-prinċipal jaħtar HSRO għal tali żmien li l-Awtorità tista' tqis meħtieġ. F'dan il-każ, it-termini tal-Att relatati mal-HSRO għandhom japplikaw għal dak il-prinċipal irrispettivament minn jekk ir-regolamenti skont dan is-subartikolu ġewx ippubblikati.

Dmirijiet tal-HSRO.

13. (1) L-HSRO għandu jkollu d-dmirijiet li ġejjin:

(a) jirċievi rapport magħmul minn uffiċjali oħra, ħaddiema jew kwalunkwe persuna dwar kwalunkwe informazzjoni jew kwistjoni oħra li tista' tagħti lok għal informazzjoni jew suspett ta' ksur ta' dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu;

(b) iwettaq investigazzjonijiet meħtieġa sabiex

Verżjoni Elettronika

jiddetermina jekk l-informazzjoni jew il-kwistjoni msemmija fil-paragrafu (a), jiġġustifikawx li jsir rapport lill-prinċipal;

(ċ) jipprovdi rapport bil-miktub lill-prinċipal meta l-HSRO jqis li jkun hemm ksur ta' dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, li għandu jinkludi wkoll rakkomandazzjonijiet għar-rettifika tiegħu; u

(d) jipprovdi rapport bil-miktub lill-Awtorità meta l-HSRO jiddetermina li wara rapport magħmul minnu lill-prinċipal skont il-paragrafu (ċ), li l-prinċipal ma jkunx implimenta b'mod raġonevoli r-rakkomandazzjonijiet magħmula fih jew ma jkunx fittex li jikkonforma ruħu mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, fi żmien raġonevoli.

(2) Fejn wara l-konsiderazzjoni ta' rapport skont is-subartikolu (1)(d) l-HSRO jiddetermina li ma jkun meħtieġ l-ebda rappurtar lill-Awtorità, l-HSRO għandu jirreġistra r-raġunijiet għal dik id-determinazzjoni bil-miktub u, jekk mitlub mill-Awtorità, għandu jpoġġiha għad-dispożizzjoni tal-Awtorità. L-HSRO għandu jżomm reġistru għal dan il-għan.

(3) Il-prinċipal għandu f'kull waqt jinżamm infurmat bis-sħiħ bi kwalunkwe komunikazzjoni, skambju jew diskussjonijiet bejn l-HSRO u l-Awtorità u għandu jkun intitolat li jipparteċipa fi kwalunkwe stadju tagħhom.

Responsabbiltajiet ta' prinċipal u l-HSRO.

14. (1) Meta prinċipal ikun ħatar HSRO sabiex iwettaq id-dmirijiet imsemmija fl-artikolu 13, dan ma jeżentax lill-prinċipal mid-dmirijiet tiegħu stabbiliti skont dan l-Att u ma għandux jaffettwa l-prinċipju tar-responsabbiltà tal-prinċipal kif provdut f'dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu.

(2) Il-prinċipal għandu d-dmir li jiżgura li l-HSRO jingħata aċċess għal kwalunkwe riżorsi meħtieġa għat-twettiq tar-rwol tiegħu u l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe rakkomandazzjoni li hu jista' jagħmel skont is-subartikolu (1).

(3) Il-prinċipal għandu jipprovdi lill-HSRO aċċess mingħajr restrizzjonijiet għal kwalunkwe informazzjoni rilevanti miżmuma minnu stess.

(4) F'dawk l-istanzi fejn l-HSRO jkun meħtieġ skont l-Att, il-prinċipal għandu javża lill-Awtorità bid-dettalji tal-HSRO maħtur u bi kwalunkwe tibdil sussegwenti fir-rigward. L-HSRO għandu jirritjeni r-responsabbiltajiet kollha taħt l-Att sakemm l-Awtorità tiġi avżata b'dik ir-riżenja. Jekk persuna maħtura sabiex taġixxi bħala HSRO ma tibqax

Verżjoni Elettronika

taġixxi bħala tali għal kwalunkwe raġuni, f'dawk l-istanzi, l-HSRO għandu javża lill-Awtorità b'dak il-waqfien:

Iżda fil-każ ta' mewt tal-HSRO, il-prinċipal għandu javża lill-Awtorità fi żmien erbatax (14)-il jum minn tali mewt.

(5) L-HSRO għandu jikkonsulta mar-rappreżentant għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema għall-finijiet tat-tħejjija tar-rapport skont l-artikolu 13(1)(ċ).

(6) Sabiex tiġi ppreservata s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, il-prinċipal għandu jqis kwalunkwe rapport magħmul mill-HSRO skont l-artikolu 13(1)(d) u fi żmien raġonevoli għandu jieħu l-miżuri raġonevoli kollha sabiex jirrettifika l-ksur ta' dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu billi jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-HSRO jew xort'oħra.

(7) L-ebda azzjoni, jew proċedura oħra għad-danni ma għandha tkun jew tiġi istitwita kontra l-HSRO għal:

(a) kwalunkwe att magħmul skont dan l-Att u kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, sakemm l-HSRO ma jkunx aġixxa b'mod negliġenti li għandu jinkludi *inter alia* n-nuqqas ta' osservanza tad-dmirijiet tiegħu kif provdut taħt dan l-Att u kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu; jew

(b) kwalunkwe att magħmul jew li jonqos milli jsir fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu fejn ikun ippruvat suffiċjentement li l-prinċipal naqas milli jipprovdi lill-HSRO bl-informazzjoni meħtieġa skont is-subartikolu (3) u l-HSRO kien ikun irrapporta tali nuqqas ta' informazzjoni lill-Awtorità.

(8) Għandu jitqies bħala reat taħt dan l-Att li l-HSRO jonqos milli jissottometti rapport lill-Awtorità skont l-artikolu 13(1)(d).

(9) F'każijiet fejn ħaddiem jew kwalunkwe persuna, sew jekk taġixxi f'isimha proprju jew għan-nom ta' ħaddiem, jirrapportaw kwistjoni skont dan l-artikolu lill-HSRO, l-HSRO għandu minnufih jinforma bil-miktub lill-prinċipal bil-kwistjoni u jipprepara r-rapport bil-miktub tiegħu fir-rigward ta' tali kwistjoni fi żmien ħmistax (15)-il jum mid-data li fiha tali kwistjoni tkun ġiet irrapportata lilu. Dan ir-rapport għandu jiġi pprovdut lill-prinċipal u lill-ħaddiem skont il-każ. Fejn jitqies meħtieġ mill-HSRO, ir-rapport għandu jagħmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet u jistipula dawk il-perjodi ta' żmien li l-HSRO jista' jqis xierqa wara li jkun ikkonsulta lill-prinċipal fir-rigward tal-perjodi ta' żmien għal dik l-implimentazzjoni, b'qies għar-responsabbiltajiet tal-prinċipal taħt dan l-Att. Persuna li tonqos milli

Verżjoni Elettronika

tippreżenta tali rapport għandha tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att.

(10) F'każijiet fejn ħaddiem jew kwalunkwe persuna li tagħmel rapport tkun sodisfatta bis-sejbiet tar-rapport, l-HSRO għandu jirreġistra l-kwistjoni kif xieraq fir-reġistru tiegħu u l-kwistjoni għandha titqies li tkun ġiet deċiża b'mod konklużiv kemm-il darba kwalunkwe rakkomandazzjoni magħmula mill-HSRO tiġi implimentata kif xieraq fil-perjodi ta' żmien stipulati.

(11) F'każijiet fejn ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-HSRO ma jiġux implimentati, l-HSRO għandu jirrapporta dak in-nuqqas ta' implimentazzjoni lill-Awtorità u l-prinċipal għandu jkun ħati ta' reat taħt dan l-Att.

(12) F'każijiet fejn l-HSRO jistabbilixxi li l-prinċipal ma jkunx implimenta b'mod korrett it-termini tar-rapport ippreżentat minnu skont dan l-artikolu, l-HSRO għandu jissottometti r-rapport tiegħu magħmul skont l-artikolu 13(1)(d) lill-Awtorità fi żmien ħmistax (15)-il jum mid-data ta' tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni. L-Awtorità li tkun irċeviet dak ir-rapport mill-HSRO skont l-artikolu 13(1)(d) għandha finalment tistabbilixxi jekk il-prinċipal ikunx aġixxa b'mod korrett meta ma jkunx implimenta kwalunkwe mir-rakkomandazzjonijiet tal-HSRO skont dan ir-rapport sottomess. Jekk l-Awtorità tiddetermina li l-prinċipal kellu jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-HSRO, dak in-nuqqas ta' implimentazzjoni għandu jitqies bħala reat taħt dan l-Att:

Iżda l-prinċipal ma jkunx wettaq reat skont dan l-Att jekk l-Awtorità tiddetermina li n-nuqqas ta' implimentazzjoni kien dovut għal nuqqas ta' qbil dwar l-interpretazzjoni tad-dmirijiet tal-prinċipal skont dan l-Att u unikament f'dawk il-każijiet fejn dak in-nuqqas ta' implimentazzjoni ma setax raġonevolment jirriżulta f'riskju ta' xi forma ta' dannu fiżiku jew psikoloġiku jew mewt ta' ħaddiem.

(13) F'każijiet fejn il-ħaddiem jew kwalunkwe persuna li tkun ippreżentat rapport bil-miktub lill-HSRO ma tkunx sodisfatta bir-rapport jew bir-rakkomandazzjonijiet imħejjija mill-HSRO fir-rigward ta' xi kwistjoni mqajma minn tali ħaddiem jew persuna, dak il-ħaddiem jew dik il-persuna għandhom ikunu intitolati li jirrapportaw l-kwistjoni lill-Awtorità. L-Awtorità għandha tinvestiga tali kwistjoni kif xieraq u għandha tikkomunika s-sejbiet tagħha lil tali ħaddiem jew persuna, lill-prinċipal u lill-HSRO bil-miktub. Jekk jiġi stabbilit li l-HSRO naqas milli jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet korretti lill-prinċipal skont dan l-Att, f'dak il-każ l-HSRO għandu jkun ħati ta' reat taħt dan l-Att.

(14) In-nuqqas li jinħatar HSRO skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandu jikkostitwixxi reat kontra dan l-Att. Kwalunkwe prinċipal

Verżjoni Elettronika

li jinstab ħati ta' dan il-ksur għandu jkun soġġett għal multa ta' mhux aktar minn ħamsin elf euro (€50,000), kif stabbilit mill-Awtorità.

(15) F'każijiet fejn il-ħaddiem jew kwalunkwe persuna li tissottometti rapport bil-miktub lill-prinċipal skont dan l-artikolu ma tkunx sodisfatta bir-rapport jew bir-rakkomandazzjonijiet imħejjija mill-prinċipal dwar xi kwistjoni mqajma minn dak il-ħaddiem jew persuna, dak il-ħaddiem jew dik il-persuna għandhom ikunu intitolati li jirrapportaw il-kwistjoni lill-Awtorità. L-Awtorità għandha tinvestiga tali kwistjoni kif xieraq u għandha tikkomunika s-sejbiet tagħha lil tali ħaddiem jew persuna u lill-prinċipal bil-miktub. Jekk jiġi stabbilit li l-prinċipal naqas milli jindirizza b'mod korrett il-kwistjonijiet imqajma mill-ħaddiem jew mill-persuna skont dan l-Att, f'dak il-każ il-prinċipal għandu jkun ħati ta' reat skont dan l-Att.

Dmirijiet tal-ħaddiema.

15. (1) Kull ħaddiem għandu jkun responsabbli li jieħu ħsieb kemm jista' jkun is-saħħa u s-sigurtà tiegħu stess u dik ta' persuni oħra affettwati mill-atti jew l-ommissjonijiet tiegħu fuq ix-xogħol skont it-taħriġ tiegħu u l-istruzzjonijiet mogħtija mill-prinċipal.

(2) Il-ħaddiema għandhom skont it-taħriġ tagħhom u l-istruzzjonijiet mogħtija mill-prinċipal:

(a) jagħmlu użu korrett minn makkinarju, apparat, għodda, sustanzi perikolużi, tagħmir tat-trasport u mezzi oħra ta' produzzjoni;

(b) jagħmlu użu korrett mit-tagħmir protettiv personali fornut lilhom u, wara l-użu, jirritornawh fil-post xieraq tiegħu;

(ċ) iżommu lura milli jiskonnettjaw, jibdlu jew ineħħu b'mod arbitrarju tagħmir ta' sikurezza imwaħħla, inklużi dawk imwaħħla ma' makkinarju, apparat, għodod, impjanti u bini, u jużaw tali tagħmir ta' sigurtà korrettement; u

(d) jinfurmaw minnufih lill-prinċipal u, jew lill-ħaddiema b'responsabbiltà speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema bi kwalunkwe sitwazzjoni ta' xogħol li għandhom bażi raġonevoli sabiex jikkunsidraw li tirrappreżenta periklu serju u immedjat għas-saħħa u s-sigurtà u bi kwalunkwe nuqqas fl-arranġamenti ta' protezzjoni.

(3) Kull ħaddiem għandu d-dmir li jikkoopera mal-prinċipal u mar-rappreżentant jew ir-rappreżentanti għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq ix-xogħol dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mas-saħħa u s-sigurtà.

(4) Ħaddiem ma għandu jwettaq l-ebda kondotta jew imġiba

Verżjoni Elettronika

mhux xierqa li tista' tipperikola s-saħħa u s-sigurtà tiegħu fuq ix-xogħol jew dik ta' kwalunkwe persuna oħra.

Responsabbiltajiet li jappartjenu lill-persuni li jaħdmu għal rashom.

16. Id-dispożizzjonijiet statutorji li japplikaw għal prinċipali għandhom japplikaw għal persuni li jaħdmu għal rashom. Partikolarment persuna li taħdem għal rasha għandha tivvaluta r-riskji kollha għas-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha, inkluż tagħha stess, li jirriżultaw mix-xogħol li għandu jitwettaq mill-persuna li taħdem għal rasha u għandha tieħu l-miżuri kollha xierqa skont il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni kif stabbiliti f'dan l-Att.

TAQSIMA IV
Strumenti Amministrattivi

Is-setgħa tal-Kap Eżekuttiv li joħroġ strumenti amministrattivi.

17. (1) Il-Kap Eżekuttiv għandu jkollu s-setgħa, bl-approvazzjoni tal-Ministru li joħroġ strumenti amministrattivi, li fid-diskrezzjoni tiegħu, huma meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet tal-Awtorità taħt dan l-Att u li jiżguraw standards adegwati ta' saħħa u sigurtà fuq ix-xogħol.

(2) Il-kontenut ta' strument amministrattiv jista' barra minn hekk isaħħaħ u jissupplimenta, parzjalment jew kompletament kwalunkwe dispożizzjoni li tinsab f'dan l-Att, u jista' wkoll japplika biss għal każ jew kwistjoni partikolari:

Iżda strument amministrattiv jista' jkun limitat ukoll għal tali perjodi ta' żmien li l-Kap Eżekuttiv jidhirlu xierqa.

(3) L-istrumenti amministrattivi għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità u jistgħu jintużaw bħala miżuri għall-implimentazzjoni ta' kwalunkwe rekwiżit li għandu jiġi infurzat minn jew taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(4) L-istrumenti amministrattivi għandu jkollhom is-saħħa tal-liġi u jkunu vinkolanti fil-ġeneralità tagħhom.

(5) Bla ħsara għan-natura ġenerali ta' dak hawn imsemmi, jista' jinħareġ strument amministrattiv li:

(a) jiddetermina l-kwalifiki, l-istandards u rekwiżiti oħra meħtieġa sabiex jiġi mwettaq kwalunkwe kompitu relatat mas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol;

(b) jipprojbixxi kwalunkwe attività ta' xogħol jew użu ta' kwalunkwe tagħmir fuq ix-xogħol li jista' jqiegħed lill-ħaddiema f'livell għoli ta' riskju għas-saħħa u s-sigurtà;

(ċ) jirregola l-kopertura obbligatorja tal-assigurazzjoni li

Verżjoni Elettronika

l-prinċipali huma meħtieġa jipprovdu għall-ħaddiema tagħhom; u, jew

(d) jispeċifika l-akkreditazzjonijiet minimi meħtieġa sabiex individwi jitqiesu bħala persuni kompetenti.

TAQSIMA V
Uffiċjali għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol

Ħatra ta' uffiċjali.

18. (1) L-Eżekuttiv għandu jaħtar uffiċjali li għandu jkollhom dawk il-funzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni ġenerali ta' dan l-Att jew ta' kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, kif ukoll sabiex iwettqu dak ix-xogħol jew jassumu dawk ir-responsabbiltajiet li jistgħu jiġu preskritti jew li jistgħu jiġu assenjati lilhom mill-Awtorità.

(2) Uffiċjal għandu jinħariġlu dokument ta' identifikazzjoni ffirmat mill-Kap Eżekuttiv u dak id-dokument għandu jiġi ppreżentat fil-ħin ta' kwalunkwe eżami, investigazzjoni jew spezzjoni:

Iżda l-Kap Eżekuttiv għandu jitqies bħala uffiċjal, u d-dokument ta' identifikazzjoni tiegħu bħala uffiċjal għandu jiġi ffirmat miċ-Chairperson tal-Bord.

Setgħat tal-uffiċjali.

19. (1) Uffiċjal għandu jkollu s-setgħat li ġejjin:

(a) li jidħol liberament u mingħajr preavviż fi kwalunkwe post tax-xogħol, fi kwalunkwe ħin tal-ġurnata jew tal-lejl;

(b) li jitlob l-assistenza ta' membru tal-Korp tal-Pulizija fl-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tiegħu;

(ċ) li jistaqsi, waħdu jew fil-preżenza ta' xhieda, inkluża l-persuna li tkun resqet l-ilment, kwalunkwe prinċipal jew ħaddiem, inkluża kwalunkwe persuna li taġixxi għan-nom ta' kwalunkwe prinċipal jew li tagħmel xogħol għal dak il-prinċipal, jekk dan ikun il-każ, fuq kwalunkwe kwistjoni li taqa' taħt dan l-Att jew taħt kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu;

(d) li jispezzjona kwalunkwe ktieb, dokument, disinn, pjan jew lista ta' speċifikazzjonijiet tekniċi li jistgħu jipprovdu informazzjoni jew kjarifika fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol fi kwalunkwe post tax-xogħol partikolari;

(e) li jieħu pussess, filwaqt li jagħti riċevuta fir-rigward, ta' kwalunkwe oġġett meħtieġ għal testijiet jew bħala prova ta' xi aċċident, korriment jew marda fuq ix-xogħol, jew ta' xi allegat ksur ta' dan l-Att jew ta' kwalunkwe regolamenti magħmula

Verżjoni Elettronika

taħtu;

(f) li jeżamina jew jiżgura l-eżaminazzjoni ta' postijiet tax-xogħol u ta' kwalunkwe oġġett fihom, u li jieħu kampjuni għall-eżaminazzjoni ta' kwalunkwe oġġett, sustanza jew materjal li jinsab f'xi post tax-xogħol jew fid-dintorni tiegħu bil-għan li jiġu protetti s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, u li jiżgura li dawk il-kampjuni jiġu ppreservati għall-użu bħala evidenza fi kwalunkwe proċedimenti skont dan l-Att jew ta' kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu;

(g) li jordna li xejn ma jiġi disturbat fuq post tax-xogħol għal kwalunkwe perjodu li jista' jkun raġonevolment meħtieġ għall-iskop ta' xi eżaminazzjoni, investigazzjoni jew spezzjoni msemmija f'dan is-subartikolu;

(h) li jeħtieġ l-operat jew it-tħaddim ta' kwalunkwe tagħmir, magna, apparat, oġġett jew proċess, kif ukoll l-operat ta' kwalunkwe sistema jew proċedura li, fil-fehma tal-uffiċjal, tista' tkun rilevanti għal kwalunkwe eżaminazzjoni, investigazzjoni jew spezzjoni msemmija fil-paragrafi (a) sa (e);

(i) li jeħtieġ lil kwalunkwe prinċipal li jipprovdi bi spejjeż tiegħu:

(i) ċertifikat iffirmat minn Perit relatat mas-sigurtà ta' kwalunkwe bini jew struttura, inklużi kwalunkwe strutturi temporanji;

(ii) ċertifikat iffirmat minn inġinier mekkaniku jew elettriku fir-rigward tas-sigurtà ta' kwalunkwe installazzjoni mekkanika jew elettrika, skont il-każ, inkluża kwalunkwe installazzjoni temporanja;

(iii) ċertifikat iffirmat minn tabib dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol ta' kwalunkwe ħaddiem jew ta' kwalunkwe klassi ta' ħaddiema, li għandu jiġi ppreżentat lill-uffiċjal mediku tal-Awtorità;

(iv) kwalunkwe informazzjoni relatata mas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, inkluż informazzjoni li tirreferi għal miżuri protettivi u kwalunkwe ċertifikati debitament ffirmati minn persuni oħra kompetenti f'oqsma oħra anċillari għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol;

(j) li jeħtieġ lil kwalunkwe detentur ta' dmir u, jew prinċipal, aġent, manifattur, importatur, fornitur, utent jew

Verżjoni Elettronika

persuna oħra li jipprovdu bi spejjeż tagħhom kwalunkwe dokument, ċertifikat jew lista ta' speċifikazzjonijiet tekniċi fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni li tikkonċerna s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, il-metodu ta' mmaniġġjar jew użu ta' kwalunkwe impjant, installazzjoni, tagħmir, makkinarju, oġġett, sustanza jew kimika li tintuża jew li hija maħsuba sabiex tintuża fuq ix-xogħol;

(k) għall-finijiet tal-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe reat taħt dan l-Att jew ta' kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, jew għall-finijiet ta' kwalunkwe appell lit-Tribunal kontra ordni minn uffiċjal, li jiżvela lill-Qorti jew lit-Tribunal dawk ir-riżultati jew informazzjoni riċevuti jew miġbura matul l-investigazzjonijiet; u, jew

(l) kwalunkwe setgħa oħra li tkun raġonevolment meħtieġa għall-fini tas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.

(2) Fil-każ ta' suspett raġonevoli ta' reat taħt dan l-Att, Qorti kompetenti għandu jkollha s-setgħa u l-awtorità li tagħti l-kunsens tagħha għad-dħul ta' uffiċjal fi kwalunkwe post tax-xogħol f'kull waqt.

Ordnijiet minn uffiċjali.

20. (1) Uffiċjal jista' jagħti ordni, verbalment jew bil-miktub, sabiex jissalvagwardja s-saħħa jew is-sigurtà fuq ix-xogħol, u kull persuna għandha tosserva tali ordni minnufih sakemm tiġi revokata minn uffiċjal jew sakemm tiġi revokata minn Qorti kompetenti jew mit-Tribunal:

Iżda l-persuna li tirċievi l-ordni, kemm jekk dik il-persuna tkun ħaddiem kif ukoll jekk prinċipal, tista' tiddefendi ruħha mill-akkuża li ma osservatx l-ordni jekk hija tipprova li l-osservanza tal-ordni kienet tkun ta' detriment immedjat għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol:

Iżda wkoll kwalunkwe ordni mogħtija verbalment għandha tiġi kkonfermata u notifikata bil-miktub, inkluż permezz tal-posta elettronika lill-persuna li lilha tkun ingħatat fi żmien tlett (3) ijiem tax-xogħol.

(2) (a) Uffiċjal jista' jordna li post tax-xogħol jew parti minnu jiġi ssiġillat, u tali uffiċjal jista' jirrevoka kwalunkwe tali ordni.

(b) Meta post tax-xogħol jew parti minnu jiġi ssiġillat, l-ebda persuna ma għandha tidħol f'żona ssiġillata mingħajr il-permess tal-uffiċjal.

Verżjoni Elettronika

(3) Meta uffiċjal jagħmel ordni bil-miktub skont dan l-artikolu, tali uffiċjal jista' jwaħħal fil-post tax-xogħol, jew fuq xi tagħmir, magna, apparat, oġġett jew ħaġa, kopja ta' tali ordni u l-ebda persuna ħlief uffiċjal ma għandha tneħħi tali kopja kemm-il darba ma tkunx awtorizzata li tagħmel dan minn uffiċjal.

(4) Meta uffiċjal jagħmel ordni bil-miktub skont dan l-artikolu, jew joħroġ rapport ta' spezzjoni lil prinċipal jew lil persuna inkarigata mix-xogħol, il-prinċipal jew il-persuna inkarigata mix-xogħol għandha minnufih taċċerta li kopja tiegħu tiġi mwaħħla f'post prominenti fuq il-post tax-xogħol fejn x'aktarx l-aktar li tiġbed l-attenzjoni tal-ħaddiema.

(5) Uffiċjal ma għandux ikun meħtieġ li jagħti lil prinċipal, ħaddiem jew persuna oħra l-opportunità għal smigħ qabel ma jaghti ordni.

Uffiċjali jitqiesu uffiċjali pubbliċi. Kap. 9.

21. (1) L-uffiċjali għandhom, għall-finijiet tal-Kodiċi Kriminali, jitqiesu bħala uffiċjali pubbliċi.

(2) L-ebda persuna ma tista' thedded, tinsulta, timmolesta jew tiddisturba uffiċjali fil-qadi ta' dmirijiethom, jew xjentement tagħti lil uffiċjali informazzjoni falza, jew tikser jew tbagħbas kwalunkwe siġill li jkun ġie magħmul, jew xi tagħmir ta' monitoraġġ installat, imqiegħed jew imħolli minn uffiċjal f'post tax-xogħol jew, fil-każ ta' tagħmir ta' monitoraġġ personali fuq xi ħaddiem.Nuqqas ta' responsabbiltà.

22. L-ebda azzjoni, dixxiplinarja jew xort'oħra, jew proċediment ieħor għad-danni, ma għandhom ikunu jew jiġu istitwiti kontra l-Kap Eżekuttiv, jew kontra uffiċjal tal-Awtorità għal att magħmul jew li naqas milli jsir minnhom *in bona fide* fl-eżekuzzjoni jew fl-eżekuzzjoni maħsuba ta' kwalunkwe setgħa, dritt jew dmir skont dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu.

TAQSIMA VI
It-Tribunal għas-Saħħa u s-Sigurtà

Twaqqif u kompożizzjoni tat-Tribunal.

23. (1) Għandu jkun hemm Tribunal indipendenti u imparzjali li għandu jkun kompetenti sabiex:

(a) jisma' appelli mressqa minn kwalunkwe persuna minn deċiżjonijiet, ordnijiet, jew strumenti amministrattivi maħruġa mill-Awtorità; u

(b) jisma' talbiet inkonnessjoni ma' ksur ta' natura amministrattiva u li bħala riżultat tal-istess tista' tiġi imposta penali amministrattiva.

Verżjoni Elettronika

(2) It-Tribunal ma għandux ikun soġġett għall-kontroll jew direzzjoni ta' xi persuna jew awtorità oħra.

(3) It-Tribunal għandu jkun magħmul minn President li jkollu mill-inqas ħames (5) snin esperjenza bħala professjonist legali bil-warrant u żewġ (2) membri oħra li jkunu professjonisti bil-warrant f'oqsma relatati mas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol mill-inqas b'ħames (5) snin esperjenza.

(4) Il-Ministru jista' b'ordni fil-Gazzetta jistabbilixxi panels tat-Tribunal, u jista' jindika l-kategoriji ta' każijiet li għandhom jiġu assenjati lil kull panel u jista' b'ordni sussegwenti jibdel, jirrevoka jew jissostitwixxi tali ordni:

Iżda l-ebda ħaġa f'dan l-artikolu u l-ebda tibdil fil-kompożizzjoni tat-Tribunal jew fil-kwalifiki ta' esperjenza meħtieġa mill-membri tiegħu, li jista' jseħħ minn żmien għal żmien, ma għandu jaffettwa l-validità ta' kwalunkwe ħaġa magħmula jew li għad trid issir mit-Tribunal kif kompost meta l-każ ikun ġie assenjat lilu, jew il-prosegwiment tal-proċeduri quddiemu meta nbdew il-proċeduri.

(5) Il-President u ż-żewġ (2) membri l-oħra għandhom jinħatru mill-Ministru għal perjodu ta' tliet (3) snin:

Iżda l-Ministru jista' jikkonferma kwalunkwe ħatra minn sena għal sena u jista' jordna li l-President jew membru li jkun ser jispiċċa jista' jissokta fil-kariga fit-Tribunal fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni li jkun ħa konjizzjoni tagħha qabel it-terminazzjoni tal-ħatra tiegħu sakemm dik il-materja tiġi deċiża.

(6) Il-President għandu jkollu d-dritt li jamministra l-ġurament u jeżamina x-xhieda:

Iżda l-ebda membru tal-Bord u tal-Eżekuttiv jew impjegat tal-Awtorità ma jista' jiġi appuntat bħala membru tat-Tribunal.

(7) L-ismijiet tal-persuni maħtura sabiex iservu bħala Presidenti jew bħala membri tat-Tribunal għandhom jiġu ppublikati fil-Gazzetta.

(8) Il-Ministru għandu wkoll jaħtar persuna sabiex taġixxi bħala segretarju tat-Tribunal.

Appelli minn deċiżjonijiet mogħtija mit-Tribunal.

24. Kwalunkwe parti f'deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal li tħossha aggravata b'deċiżjoni tal-istess Tribunal, tista' tappella fuq punti ta' liġi lill-Qorti tal-Appell permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru ta' dik il-qorti fi żmien għoxrin (20) jum mid-data li fiha d-deċiżjoni tat-Tribunal tkun ġiet notifikata.

Verżjoni Elettronika

TAQSIMA VII
Reati u Penali Amministrattivi

Reati u penali amministrattivi.

25. (1) Kwalunkwe att jew ommissjoni kontra dan l-Att, u li ma jikkostitwixxux reat kriminali, għandhom ikunu soġġetti għal penali amministrattiva.

(2) Bla ħsara għas-setgħat l-oħra kollha tal-Awtorità, l-Awtorità għandha timponi dawk il-penali amministrattivi jew sanzjonijiet oħra permezz ta' strument amministrattiv għall-ksur, minn kwalunkwe persuna, ta' kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' strument amministrattiv magħmul taħtu, kif ukoll għall-ksur, minn kwalunkwe persuna, ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea li għandha tiġi infurzata mill-Awtorità:

Iżda l-penali amministrattivi għandhom f'kull każ ikunu proporzjonati għas-severità tal-ksur rispettiv:

Iżda wkoll kwalunkwe penali amministrattivi jew sanzjoni oħra imposti jistgħu jiġu supplimentati, minn żmien għal żmien, bi strument amministrattiv.

(3) L-Awtorità għandu jkollha d-diskrezzjoni li timponi dawk il-penali amministrattivi u tiddeċiedi l-ammont li għandu jiġi impost:

Iżda tali penali amministrattivi ma għandhomx jeċċedu għoxrin elf euro (€20,000) għal kull ksur ta' natura amministrattiva.

(4) Meta l-Awtorità timponi penali amministrattiva hija għandha toħroġ avviż bil-miktub li għandu jiġi notifikat lill-persuna li fuqha tkun qed tiġi imposta l-penali amministrattiva:

Iżda qabel timponi l-penali amministrattiva l-Awtorità tista', fid-diskrezzjoni tagħha, toħroġ avviż bil-miktub li għandu jiġi notifikat lil kwalunkwe persuna li tkun wettqet ksur ta' natura amministrattiva fejn tinforma lil tali persuna dwar l-istess ksur amministrattiv, l-azzjoni ta' rimedju li għandha tittieħed u l-perjodu ta' żmien li matulu għandha tittieħed l-azzjoni ta' rimedju. L-avviż għandu jipprovdi wkoll li għandha tiġi imposta penali amministrattiva meta l-azzjoni ta' rimedju ma ssirx kif istruwit u, jew ma tiġiix iffinalizzata fil-perjodu ta' żmien speċifikat.

(5) Sussegwentement għall-avviż kif provdut fis-subartikolu (4), il-persuna notifikata għandu jkollha perjodu ta' għoxrin (20) jum ta' xogħol li matulu tkun tista' tammetti l-penali amministrattiva, inkluż il-ħlas ta' kwalunkwe penali amministrattiva imposta, jew inkella tappella tali sanzjoni quddiem it-Tribunal kif stabbilit skont l-artikolu 23:

Verżjoni Elettronika

Kap. 12.

Iżda jekk ma jiġi ppreżentat l-ebda appell, il-penali amministrattiva imposta għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-effetti u finijiet kollha tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(6) Kwalunkwe appell minn penali amministrattiva li ma teċċedix elf u ħames mitt euro (€1,500) għandu jiġi ppreżentat permezz ta' petizzjoni bil-miktub u sottomissjonijiet, u għandha tiġi deċiża unikament mill-President maħtur skont it-termini tal-artikolu 23(4).

Reati kontra dan l-Att.

26. (1) Kwalunkwe persuna li tikser u, jew li tikkonfoffa jew tipprova, jew tgħin, tkun kompliċi, tagħti pariri jew tqabbad lil xi persuna oħra sabiex tikser id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 12, 14, 15, 16 jew 45 jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħt dan l-Att għandha tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att.

(2) Kwalunkwe persuna li, fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni taħt dan l-Att, jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu:

(a) tipprovdi kwalunkwe informazzjoni li dik il-persuna taf li hija falza, jew bi traskuraġni tipprovdi kwalunkwe informazzjoni li hija falza;

(b) bil-ħsieb li tqarraq, tipproduċi, tforni, tibgħat jew xort'oħra tagħmel użu minn xi dokument li jkun falz;

(ċ) volontarjament tirrifjuta jew mingħajr raġuni legali, iżżomm kwalunkwe informazzjoni materjali, bil-prova tal-istess għandha tinġieb minn tali persuna;

(d) xjentement jew bi traskuraġni tagħmel kwalunkwe dikjarazzjoni jew entrata skorretta f'xi rekord jew prospett jew f'xi dokument miżmum jew provdut taħt dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu;

(e) illegalment tirrifjuta jew tonqos milli twieġeb għall-aħjar għarfien tagħha kwalunkwe mistoqsija magħmula lilha minn uffiċjal fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' tali uffiċjal, jew tonqos milli tikkoopera bis-sħiħ ma' uffiċjal fit-twettiq tad-dmirijiet ta' tali uffiċjal;

(f) illegalment tirrifjuta jew tonqos milli tikkonforma ma' xi rekwiżit debitament provdut taħt dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu; jew

(g) tfixkel uffiċjal fit-twettiq tad-dmirijiet ta' tali uffiċjal taħt dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu,

Verżjoni Elettronika

għandha tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att.

(3) Kwalunkwe persuna li twettaq reat kontra dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu għandha, meta tinstab ħatja, teħel priġunerija għal terminu ta' mhux iżjed minn sentejn (2), jew multa ta' mhux inqas minn elf euro (€1,000) iżda li ma teċċedix ħamsin elf euro (€50,000) għal kull reat li għalih il-persuna tkun instabet ħatja, jew kemm għal dik il-multa u l-priġunerija. Fil-każ li persuna tinstab ħatja t-tieni darba jew sussegwentement, tali persuna għandha teħel multa ta' mhux inqas minn elfejn euro (€2,000) iżda li ma teċċedix ħamsin elf euro (€50,000) għal kull reat li għalih il-persuna tkun instabet ħatja, jew għal priġunerija għal terminu ta' mhux inqas minn sena (1) iżda li ma jeċċedix erba' (4) snin, jew kemm għal dik il-multa u l-priġunerija. Il-Qorti tista', fuq talba tal-prosekuzzjoni, tħassar jew tissospendi l-permessi kollha jew xi wħud minnhom maħruġa skont jew b'rabta ma' dan l-Att, inkluż permezz ta' regolamenti jew strumenti amministrattivi, jew il-liċenzji jew il-warrants kollha jew xi wħud minnhom maħruġa lil jew f'isem il-persuna misjuba ħatja b'konnessjoni mal-post tax-xogħol fejn ikun sar ir-reat:

Iżda n-nuqqasijiet li ġejjin ma għandhomx jitqiesu li jikkostitwixxu reat kontra dan l-Att u għandhom ikunu soġġetti għal penali amministrattiva:

(a) in-nuqqas li jsiru s-sottomissjonijiet meħtieġa mal-Awtorità kif meħtieġ skont dan l-Att u kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu;

(b) in-nuqqas li tinżamm xi forma ta' dokument, reġistru, reġistru ġenerali, rapport u lista kif meħtieġ skont dan l-Att u kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu;

(ċ) l-ommissjoni ta' entrata meħtieġa f'reġistru;

(d) in-nuqqas li titwettaq valutazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli kollha għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol u r-riskji involuti li jirriżultaw; u

(e) in-nuqqas ta' ħatra ta' rappreżentanti tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali għandha tkun kompetenti li tisma' r-reati kollha kontra dan l-Att. Kap. 9.

(5) Fi kwalunkwe proċedura msemmija fis-subartikolu (4), il-Kap Eżekuttiv u, jew uffiċjal delegat mill-imsemmi Kap Eżekuttiv, jista'

Verżjoni Elettronika

jeżamina jew jagħmel kontroeżami ta' xhieda, jissottometti provi, jagħmel sottomissjonijiet insostenn tal-akkuża u ġeneralment imexxi l-prosekuzzjoni f'isem jew flimkien mal-Pulizija Eżekuttiva:

Iżda d-dikjarazzjoni ġuramentata tal-uffiċjal delegat li tiċċertifika li dak l-uffiċjal ikun ġie debitament delegat għal dak il-għan għandha tkun prova konklużiva ta' tali fatt.

(6) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5), il-Kap Eżekuttiv jew l-uffiċjal debitament delegat jistgħu jinġiebu bħala xhieda:

Iżda jekk il-prosekuzzjoni tressaqhom bħala xhieda huma għandhom jinstemgħu qabel ma jibdew jaġixxu kif provdut fis-subartikolu (5) sakemm il-ħtieġa tax-xhieda tagħhom ma tinqalax sussegwentement.

(7) Fejn l-Awtorità tinnomina xi uffiċjal sabiex ikun preżenti waqt aċċess skont l-artikolu 546 tal-Kodiċi Kriminali, il-preżenza jew kwalunkwe intervent minn tali uffiċjal matul tali aċċess ma għandux jipprojbixxi lill-istess uffiċjal milli jkun rappreżentat fil-futur matul il-proċeduri jew milli jitħarrek bħala xhud, inkluż f'każijiet ċivili li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol: Kap. 9.

Iżda minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali l-Awtorità għandha tingħata kopja ta' kwalunkwe investigazzjoni jew inkjesta, inklużi l-proċess verbali ta' kwalunkwe aċċess magħmul b'konnessjoni ma' xi ksur ta' dan l-Att. Kap. 9.

(8) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu d-dritt ta' appell minn kwalunkwe sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fir-rigward ta' proċeduri għal kwalunkwe reat kontra dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu. Kap. 9.

(9) Il-pieni pprovduti f'dan l-Att għandhom japplikaw kemm-il darba l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi reat aktar serju taħt il-Kodiċi Kriminali jew xi liġi oħra, f'liema każ għandhom japplikaw d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali jew ta' dik il-liġi l-oħra. Kap. 9.

(10) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, kwalukwe proċeduri fir-rigward ta' reat kontra dan l-Att għall-ksur li ma jkunx ta' natura amministrattiva jistgħu jiġu istitwiti fi kwalunkwe waqt matul il-perjodu ta' sitt (6) snin mit-twettiq tar-reat. Kap. 9.

Proċedura ta' kompromess speċjali.

27. (1) Minkejja kwalunkwe liġi oħra li tipprovdi għall-kawża u l-piena ta' reati, meta l-Awtorità hija tal-fehma li persuna tkun ikkommettiet reat kontra dan l-Att, ħlief f'ċirkostanzi li jinvolvu fatalità jew meta l-ksur ikun ta' natura amministrattiva, l-Awtorità

Verżjoni Elettronika

tista' tagħti avviż bil-miktub lil dik il-persuna u tipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

(a) deskrizzjoni tar-reat li l-Awtorità temmen li tali persuna tkun ikkommettiet;

(b) lista ta' passi li għandhom jittieħdu mit-tali persuna sabiex jiġi rimedjat ir-reat;

(ċ) jekk ir-reat huwiex rimedjabbli; u

(d) dikjarazzjoni li tali persuna hija meħtieġa li tħallas multa ta' kompromess fir-rigward ta' tali reat:

Iżda l-Awtorità ma tistax teħtieġ il-ħlas ta' multa ta' kompromess li teċċedi ħamsin elf euro (€50,000).

(2) Fejn ikun ingħata avviż skont dan l-artikolu, il-persuna msemmija fl-avviż tista', fi żmien sittin (60) jum min-notifika tal-avviż, taċċetta r-responsabbiltà bil-miktub għar-reat speċifikat fl-avviż u fl-istess perjodu ta' sittin (60) jum tirrimedja r-reat, jekk ir-reat ikun rimedjabbli, u tħallas jew tintrabat bil-miktub li tħallas il-multa indikata fl-avviż jew kwalunkwe multa oħra ta' kompromess li l-Awtorità tista' minflok taċċetta, u fi kwalunkwe każ bħal dak:

(a) il-persuna msemmija fl-avviż għandha titqies li tkun wettqet ir-reat u li tkun ammettiet il-ħtija tagħha fir-rigward, u l-multa ta' kompromess imħallsa, jew miftiehma li titħallas, għandha tkun il-penali li tkun responsabbli li tħallas;

(b) fil-każ ta' reat rimedjabbli, jekk ir-reat jiġi rimedjat għas-sodisfazzjon tal-Awtorità u l-multa ta' kompromess titħallas fil-perjodu ta' sittin (60) jum, ma jistgħu jittieħdu l-ebda proċedimenti ulterjuri kontra l-imsemmija persuna fir-rigward tal-istess fatti:

Iżda l-ftehim li titħallas il-multa ta' kompromess ma għandux iġib miegħu l-estinzjoni ta' xi obbligazzjoni ċivili sabiex tagħmel tajjeb għal xi danni lil xi persuna jew awtorità:

Iżda wkoll jekk tali persuna tonqos li tħallas il-multa ta' kompromess fil-perjodu ta' sittin (60) jum, tali multa għandha tikkostitwixxi penali ordnata minn qorti, u jistgħu jittieħdu proċeduri għall-irkupru tal-istess bħala dejn ċivili dovut lill-Awtorità.

(3) Fejn il-persuna li lilha jingħata avviż taħt is-subartikolu (1) ma taċċettax jew, fil-każ ta' reat rimedjabbli, wara li tkun aċċettat dik ir-responsabbiltà, tonqos milli tirrimedja r-reat fil-perjodu ta' żmien

Verżjoni Elettronika

speċifikat, anke fil-każ fejn tkun ħallset il-multa ta' kompromess, jistgħu jittieħdu proċeduri kriminali kontriha skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli għar-reat.

Pubblikazzjoni ta' penali amministrattivi u deċiżjonijiet.

28. (1) L-Awtorità għandha tippubblika, fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità, kwalunkwe penali amministrattivi li jkunu ġew imposti mill-Awtorità kontra detenturi ta' dmirijiet li jkunu saru finali għal kwalunkwe ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, ta' kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu u tal-istrumenti amministrattivi tiegħu jew kwalunkwe multa ta' kompromess imħallsa skont l-artikolu 27, għal dak l-ammont li jista' jiġi stabbilit minn żmien għal żmien permezz ta' regolamenti magħmula taħt dan l-Att. Tali informazzjoni għandha tibqa' aċċessibbli fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità għal tali perjodu kif stabbilit permezz ta' regolamenti magħmula taħt dan l-Att.

(2) L-Awtorità għandha tippubblika kwalunkwe każ relatat ma' reat kontra dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu minn detentur ta' dmir, fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità li jkun ġie deċiż kontra detenturi ta' dmirijiet. Tali pubblikazzjoni għandha tibqa' aċċessibbli fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità sakemm titneħħa miċ-ċertifikat tal-kondotta ta' tali detentur ta' dmirijiet.

(3) Tali pubblikazzjonijiet għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

(a) informazzjoni dwar it-tip u n-natura tal-ksur;

(b) l-identità tad-detentur tad-dmir involut;

(ċ) l-ammont ta' kwalunkwe penali amministrattiva imposta;

(d) sommarju tal-ksur jew tar-reati mwettqa; u

(e) id-deċiżjoni tal-Qorti jew tat-Tribunal, kif applikabbli, u kwalunkwe dettall pertinenti relatat mal-każ.

(4) L-Awtorità għandha taġġorna u żżomm tali pubblikazzjonijiet b'mod tempestiv, filwaqt li tiżgura l-eżattezza u l-aċċessibilità għall-pubbliku.

(5) L-Awtorità għandha tistabbilixxi u tippubblika politiki u proċeduri sabiex tirregola b'mod ulterjuri l-pubblikazzjoni ta' penali amministrattivi u deċiżjonijiet tal-Qrati.

Verżjoni Elettronika

TAQSIMA VIII
Dispożizzjonijiet amministrattivi

Delega ta' setgħat lil awtoritajiet oħra u setgħat tal-Ministru.

29. (1) L-Awtorità għandha s-setgħa li tiddelega d-dmirijiet, il-funzjonijiet, is-setgħat u r-responsabbiltajiet tagħha taħt dan l-Att u kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu lil awtoritajiet kompetenti oħra kif tqis meħtieġ għall-implimentazzjoni u l-infurzar effettiv tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.

(2) L-awtorità delegata għandha tipprovdi rapporti, aġġornamenti u informazzjoni regolari lill-Awtorità dwar l-implimentazzjoni ta' dmirijiet delegati, kif jista' jiġi mitlub mill-Awtorità minn żmien għal żmien, iżda mhux inqas minn darba kull tnax (12)-il xahar.

(3) Id-delega tad-dmirijiet mill-Awtorità ma għandhiex teħles lill-Awtorità mir-responsabbiltà ġenerali tagħha li tiżgura l-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha fuq ix-xogħol kif ordnat b'dan l-Att u kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu.

(4) L-Awtorità għandha tistabbilixxi kooperazzjoni ma' kwalunkwe Ministeru, dipartiment tal-Gvern jew organizzazzjoni oħra, sew lokali u barra minn Malta, sabiex tippromwovi u tiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha fuq ix-xogħol.

(5) Il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, jagħmel regolamenti li jippreskrivu proċeduri, rekwiżiti jew kondizzjonijiet addizzjonali li jirregolaw id-delega ta' dmirijiet.

Ħatriet tal-persunal.

30. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u ta' kwalunkwe liġi oħra li tapplika għal jew li għandha x'taqsam magħha, inkluż dan l-Att, il-ħatra ta' uffiċjali u impjegati oħra tal-Awtorità għandha ssir mill-Kap Eżekuttiv, u approvata mill-Awtorità. It-termini u l-kondizzjonijiet tal-impjieg għandhom jiġu stabbiliti mill-Kap Eżekuttiv bl-approvazzjoni tal-Awtorità u bi qbil mal-Ministru.

Uffiċjali pubbliċi li jiġu assenjati.

31. (1) Il-Prim Ministru jista' minn żmien għal żmien, fuq talba tal-Awtorità, jordna li kwalunkwe uffiċjal pubbliku li jkollu l-kompetenzi meħtieġa għall-kariga mitluba jiġi assenjat sabiex jaqdi dmirijietu mal-Awtorità f'dik il-kariga u b'effett mit-tali data li tista' tiġi speċifikata fl-ordni.

(2) Ordni mogħtija skont s-subartikolu (1) ma għandux ikollha aktar effett wara sena (1) mid-data li ngħatat l-ordni:

Iżda l-Prim Ministru jista' jispeċifika data ta' terminazzjoni differenti u, jew jista' jħassar tali ordni qabel l-iskadenza tagħha:

Iżda wkoll l-ordni ma għandhiex tibqa' effettiva jekk l-

Verżjoni Elettronika

uffiċjal pubbliku jirtira mis-servizz pubbliku, jew inkella ma jibqax fil-kariga f'data preċedenti.

Status ta' uffiċjali pubbliċi assenjati għal dmirijiet mal-Awtorità.

32. (1) Kwalunkwe uffiċjal pubbliku assenjat għal dmirijiet mal-Awtorità skont l-artikolu 31 għandu jkun taħt l-awtorità amministrattiva u l-kontroll tal-Awtorità matul iż-żmien meta tali ordni tibqa' fis-seħħ, iżda għandu għal finijiet u effetti oħra jibqa' u jitqies bħala uffiċjal pubbliku.

(2) Bla ħsara għall-ġeneralità preċedenti, uffiċjal pubbliku assenjat għal dmirijiet:

(a) ma għandux matul iż-żmien li fih tali uffiċjal pubbliku jkun hekk assenjat:

(i) ikun prekluż milli japplika għal trasferiment għal dipartiment tal-Gvern skont it-termini u l-kondizzjonijiet tas-servizz marbuta mal-ħatra mal-Gvern, miżmuma minn dak l-uffiċjal pubbliku f'data li fiha kien assenjat għax-xogħol; jew

(ii) ikun impjegat b'tali mod li r-rimunerazzjoni u l-kondizzjonijiet tas-servizz ikunu inqas favorevoli minn dawk li huma marbuta mal-ħatra mal-Gvern miżmuma minn tali uffiċjal pubbliku fid-data li fiha kien assenjat għax-xogħol jew li kienu jkunu marbuta ma' dik il-ħatra, matul dak il-perjodu, li kieku dak l-uffiċjal pubbliku ma kienx assenjat għax-xogħol mal-Awtorità; u

(b) ikollu d-dritt li s-servizz mal-Awtorità jitqies bħala servizz mal-Gvern għall-fini ta' kwalunkwe pensjoni, gratifikazzjoni jew benefiċċju taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, u ta' kwalunkwe dritt jew privileġġ ieħor li tali uffiċjal pubbliku jkun intitolat għalih, u għandu jkun responsabbli għal kwalunkwe obbligazzjoni li jkun responsabbli għaliha, għajr għall-fatt li huwa jkun ġie assenjat għax-xogħol mal-Awtorità.

Kap. 93.
Kap. 58.

(3) Fejn issir applikazzjoni kif provdut fis-subartikolu (2)(a)(i), għandha tingħata l-istess konsiderazzjoni bħallikieku l-uffiċjal pubbliku ma kienx ġie assenjat sabiex jaqdi dmirijietu mal-Awtorità.

(4) L-Awtorità għandha tħallas lill-Gvern dawk il-kontribuzzjonijiet li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-finanzi fir-rigward tal-ispiża ta' pensjonijiet u gratifikazzjonijiet miksuba minn uffiċjal pubbliku assenjat sabiex jaqdi dmirijietu mal-Awtorità matul il-perjodu li fih dak l-uffiċjal pubbliku jkun hekk assenjat.

Verżjoni Elettronika

Offerti ta' impjieg permanenti mal-Awtorità lil uffiċjali pubbliċi assenjati għal dmirijiet mal-Awtorità.

33. (1) L-Awtorità tista', bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru, toffri lil kwalunkwe uffiċjal assenjat sabiex jaqdi dmirijietu mal-Awtorità skont l-artikolu 31 impjieg permanenti mal-Awtorità b'rimunerazzjoni u bit-termini u kondizzjonijiet li ma jkunux anqas favorevoli minn dawk li jgawdi dak l-uffiċjal pubbliku fid-data ta' dik l-offerta.

(2) It-termini u l-kondizzjonijiet li jinsabu fi kwalunkwe offerta magħmula skont is-subartikolu (1) ma għandhomx jitqiesu li jkunu inqas favorevoli sempliċement għaliex ma jkunux f'kull aspett identiċi jew superjuri għal dawk li jgawdi l-uffiċjal pubbliku ikkonċernat fid-data ta' tali offerta, jekk dawk it-termini u kondizzjonijiet, meħuda flimkien, fil-fehma tal-Prim Ministru, joffru benefiċċji sostanzjalment ekwivalenti jew akbar.

(3) Kull uffiċjal pubbliku li jaċċetta offerta ta' impjieg permanenti mal-Awtorità għandu, għall-finijiet kollha għajr dawk tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u tal-Att dwar il-Pensjonijiet tan-Nisa Romol u Tfal Iltiema, jitqies li ma baqax fis-servizz mal-Gvern u li daħal fis-servizz mal-Awtorità fid-data ta' dik l-aċċettazzjoni, u għall-finijiet tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u tal-Att dwar il-Pensjonijiet tan-Nisa Romol u Tfal Iltiema, inkwantu applikabbli għal tali uffiċjal pubbliku, is-servizz mal-Awtorità għandu jitqies bħala servizz mal-Gvern fit-tifsiriet tagħha rispettivament.

Kap. 93.
Kap. 58.

(4) Kull uffiċjal pubbliku li, minnufih qabel ma jaċċetta impjieg permanenti mal-Awtorità kien intitolat li jibbenefika taħt l-Att dwar il-Pensjonijiet tan-Nisa Romol u Tfal Iltiema, għandu jibqa' hekk intitolat li jibbenefika bħallikieku s-servizz mal-Awtorità kien servizz mal-Gvern.

Kap. 58.

(5) L-Awtorità għandha tħallas lill-Gvern tali kontribuzzjonijiet li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-finanzi, dwar l-ispiża ta' pensjonijiet u gratifikazzjonijiet miksuba minn uffiċjal pubbliku li jkun aċċetta impjieg permanenti mal-Awtorità matul il-perjodu li jibda mid-data tal-aċċettazzjoni tal-uffiċjal.

(6) (a) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-postijiet u l-gradi tas-salarju mal-Awtorità għandhom jiġu klassifikati fl-aktar gradi u livelli kemm jista' jkun korrispondenti fis-servizz mal-Gvern ta' Malta b'referenza għad-deskrizzjoni tax-xogħol, ħiliet, responsabbiltajiet u fatturi analogi oħra.

(b) Il-klassifikazzjoni msemmija fil-paragrafu (a) għandha ssir minn Bord magħmul minn Chairperson maħtur mill-Ministru responsabbli għall-finanzi u żewġ (2) membri oħra, wieħed (1) minnhom maħtur mill-Ministeru responsabbli ċentralment għall-

Verżjoni Elettronika

politika tal-persunal fis-servizz pubbliku u ieħor maħtur mill-Awtorità. Il-klassifikazzjoni għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni finali tal-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(ċ) Tali klassifikazzjoni għandha ssir fi żmien tliet (3) xhur minn kwalunkwe aġġustament tas-salarji tal-impjegati fis-servizz tal-Gvern u, jew tal-impjegati tal-Awtorità.

(d) L-ebda kariga ma għandha tiġi klassifikata fi grad ogħla minn dak ta' grad tlieta (3) fis-servizz mal-Gvern jew tali grad ieħor li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

(e) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 113 tal-Kostituzzjoni l-ebda persuna ma tista', wara klassifikazzjoni, kif provdut f'dan is-subartikolu tkun intitolata għal drittijiet taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet inqas favorevoli minn dawk li dik il-persuna kienet tkun intitolata għalihom qabel tali klassifikazzjoni.

Kap. 93.

TAQSIMA IX
Dispożizzjonijiet finanzjarji

L-Awtorità għandha tagħmel tajjeb għan-nefqa mid-dħul.

34. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, l-Awtorità għandha tmexxi l-affarijiet tagħha b'mod li n-nefqa meħtieġa għat-twettiq xieraq tal-funzjonijiet tagħha għandha, sa fejn ikun prattikabbli, titħallas mid-dħul tagħha.

(2) Għal tali għan l-Awtorità għandha timponi d-drittijiet, ir-rati u ħlasijiet l-oħra kollha preskritti jew meqjusa li huma preskritti minn jew taħt dan l-Att jew kwalunkwe liġi oħra relatata mas-setgħat u l-funzjonijiet tal-Awtorità.

(3) L-Awtorità għandha titħallas ukoll mill-Gvern mill-Fond Konsolidat dawk is-somom li l-Parlament jista', minn żmien għal żmien, jawtorizza sabiex jiġu approprjati sabiex ikopru l-ispejjeż ta' xogħlijiet speċifikati li għandhom jitkomplew jew li b'xi mod ieħor jitwettqu mill-Awtorità, li jkunu xogħlijiet ta' infrastruttura jew ta' xorta kapitali simili.

(4) Kwalunkwe eċċess ta' dħul fuq in-nefqa għandu, bla ħsara għal dawk id-direttivi li l-Ministru, wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, jista' minn żmien għal żmien jagħti, jiġi applikat mill-Awtorità għall-formazzjoni ta' fondi ta' riżerva sabiex jintużaw għall-finijiet tal-Awtorità, u bla ħsara għall-ġeneralità tas-setgħat mogħtija lill-Ministru b'dan is-subartikolu, kwalunkwe direzzjoni mogħtija mill-Ministru kif imsemmi qabel tista' tordna t-trasferiment lill-Gvern, jew l-applikazzjoni b'tali mod li jista' jiġi speċifikat fid-direzzjoni, ta' xi parti mid-drittijiet, rati u ħlasijiet oħra

Verżjoni Elettronika

imposti skont is-subartikolu (2) jew xi tali eċċess kif imsemmi qabel.

(5) Kwalunkwe fondi tal-Awtorità li ma jkunux meħtieġa minnufih sabiex titħallas in-nefqa, jistgħu jiġu investit b'tali mod li jista' minn żmien għal żmien jiġi approvat mill-Ministru.

Setgħa ta' self ta' kapital.

35. (1) Għall-finijiet tat-twettiq ta' kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att, l-Awtorità tista', bl-approvazzjoni bil-miktub tal-Ministru responsabbli għall-finanzi, tissellef jew tiġbor flus b'tali mod, mingħand tali persuna, korp jew awtorità, taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Ministru, wara konsultazzjoni kif imsemmi qabel, jista' japprova bil-miktub.

(2) L-Awtorità tista' wkoll minn żmien għal żmien tissellef, permezz ta' overdraft jew xort'oħra, tali somom li tista' teħtieġ sabiex twettaq il-funzjonijiet tagħha skont dan l-Att:

Iżda għal kwalunkwe ammont li jeċċedi mija u sittax-il elf u erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67), għandha tkun meħtieġa l-approvazzjoni tal-Ministru bil-miktub.

Avvanzi mill-Gvern.

36. Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', wara konsultazzjoni mal-Ministru, jagħmel avvanzi lill-Awtorità ta' tali somom li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jaqbel li jkunu meħtieġa mill-Awtorità għat-twettiq ta' kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att, u jista' jagħmel tali avvanzi b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', wara konsultazzjoni kif intqal qabel, iqis xieraq. Kwalunkwe tali avvanz jista' jsir mill-Ministru responsabbli għall-finanzi mill-Fond Konsolidat, u mingħajr l-ebda approprjazzjoni oħra ħlief dan l-Att, b'warrant, li jawtorizza lill-Accountant General sabiex jagħmel tali avvanz.

Self mill-Gvern.

37. (1) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', għal kwalunkwe rekwiżiti tal-Awtorità ta' xorta kapitali, jikkuntratta jew jiġbor flus, jew jidħol f'passiv, għal dawk il-perjodi u b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jidhirlu xierqa, u kwalunkwe somom dovuti fir-rigward jew b'konnessjoni ma' tali self jew passiv għandhom ikunu imposti fuq il-Fond Konsolidat.

(2) Avviż dwar kwalunkwe self, passiv jew avvanz magħmul jew imġarrab taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandu jingħata mill-Ministru lill-Kamra tad-Deputati kemm jista' jkun malajr.

(3) Sakemm isir il-ġbir ta' kwalunkwe self kif imsemmi fis-subartikolu (1), jew bil-għan li jipprovdi lill-Awtorità b'kapital

Verżjoni Elettronika

funzjonali, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jawtorizza lill-Accountant General sabiex jagħmel avvanzi lill-Awtorità mill-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor taħt dawk il-pattijiet li jistgħu jiġu speċifikati mill-Ministru meta jsir dan.

(4) Ir-rikavat minn kwalunkwe self miġbur għall-finijiet ta' avvanzi lill-Awtorità, u kwalunkwe flejjes oħra li għandhom jitħallsu bil-quddiem lill-Awtorità taħt dan l-artikolu, għandhom jitħallsu ġewwa fond stabbilit speċifikament għal dak l-għan u li għandu jkun magħruf bħala l-"Fond għal Self tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol".

(5) Somom riċevuti mill-Accountant General mill-Awtorità fir-rigward ta' avvanzi magħmula lill-Awtorità taħt is-subartikolu (3) għandhom jitħallsu, bħala ammonti riċevuti bħala ħlas lura fil-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor u, bħala l-ammont riċevut bħala mgħax fil-Fond Konsolidat.

Estimi tal-Awtorità.

38. (1) Il-Kap Eżekuttiv għandu jaċċerta li jitħejjew f'kull sena finanzjarja, u għandu jadotta sa mhux aktar tard minn tmien (8) ġimgħat qabel it-tmiem ta' kull sena finanzjarja, estimi tad-dħul u l-infiq tal-Awtorità għas-sena finanzjarja li jkun imiss:

Iżda l-estimi tal-Awtorità għall-ewwel (1) sena finanzjarja tal-Awtorità għandhom jitħejjew u jiġu adottati f'dak iż-żmien li l-Ministru jista' jispeċifika b'avviż bil-miktub lill-Awtorità.

(2) Fit-tħejjija ta' tali estimi l-Kap Eżekuttiv għandu jqis kwalunkwe fondi u flejjes oħra li jistgħu jkunu dovuti lill-Awtorità mill-Fond Konsolidat matul is-sena finanzjarja rilevanti, kemm bis-saħħa ta' dan l-Att jew ta' Att ta' approprjazzjoni jew ta' kwalunkwe liġi oħra, u l-Awtorità għandha tipprepara l-estimi msemmija sabiex tiżgura li d-dħul totali tal-Awtorità jkun mill-inqas suffiċjenti sabiex ikopri s-somom kollha debitament imposti fuq il-kont tad-dħul tagħha inkluż, iżda bla ħsara għall-ġeneralità tal-istess, id-deprezzament.

(3) L-estimi għandhom isiru f'dawk l-għamliet u għandu jkun fihom tali informazzjoni u tali tqabbil ma' estimi preċedenti kif il-Ministru jista' jordna.

(4) Kopja tal-estimi għandha, mal-adozzjoni tagħhom mill-Awtorità, tintbagħat minnufih mill-Kap Eżekuttiv lill-Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(5) Il-Ministru għandu, mal-ewwel opportunità u sa mhux aktar tard minn sitt (6) ġimgħat wara li l-Ministru jkun irċieva kopja tal-estimi tal-Awtorità jew jekk f'xi żmien ma jkunx hemm sessjoni fil-Kamra tad-Deputati, fi żmien sitt (6) ġimgħat mill-bidu tas-sessjoni li

Verżjoni Elettronika

jkun imiss, jaċċerta li dawk l-estimi jitqiegħdu quddiem il-Kamra tad-Deputati flimkien ma' mozzjoni li l-Kamra tapprova l-imsemmija estimi. Ma għandhiex tingħata aktar minn seduta waħda (1) għad-diskussjoni fil-Kamra tad-Deputati dwar dik il-mozzjoni u kemm il-mozzjoni kif ukoll l-approvazzjoni tal-estimi mill-Kamra tad-Deputati jistgħu jsiru b'emendi għall-estimi jew mingħajrhom.

Nefqa skont l-estimi approvati.

39. (1) L-ebda nefqa ma għandha ssir jew tiġġarrab mill-Awtorità sakemm ma tkunx ġiet approvata mill-Kamra tad-Deputati kif provdut fl-artikolu 38.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1):

(a) sal-iskadenza ta' sitt (6) xhur mill-bidu ta' sena finanzjarja, jew sal-approvazzjoni tal-estimi għal tali sena mill-Kamra tad-Deputati, skont liema data tiġi l-ewwel, l-Awtorità tista' tagħmel jew iġġarrab nefqa għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha skont dan l-Att li fl-aggregrat ma teċċedix nofs l-ammont approvat għas-sena finanzjarja preċedenti;

(b) nefqa approvata fir-rigward ta' intestatura jew sotto-intestatura tal-estimi tista', bl-approvazzjoni tal-Ministru, tiġġarrab fir-rigward ta' intestatura jew sotto-intestatura oħra tal-estimi;

(ċ) fir-rigward tal-ewwel (1) sena finanzjarja, l-Awtorità tista' tagħmel jew iġġarrab nefqa sakemm jiġu approvati l-estimi għal tali sena mill-Kamra tad-Deputati li ma teċċedix fl-aggregat dawk l-ammonti li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', wara konsultazzjoni mal-Ministru, jippermetti;

(d) jekk fir-rigward ta' kwalunkwe sena finanzjarja jinstab li l-ammont approvat mill-Kamra tad-Deputati ma jkunx biżżejjed, jew jekk tkun inqalgħet il-ħtieġa għal nefqa għal għan li ma jkunx provdut fl-estimi, l-Awtorità tista' tadotta estimi supplimentari għall-approvazzjoni mill-Kamra tad-Deputati u, sakemm tingħata tali approvazzjoni, l-Awtorità tista' f'ċirkostanzi speċjali u bl-approvazzjoni tal-Ministru, iġġarrab in-nefqa relattiva jew parti minnha kif l-imsemmi Ministru jista' hekk japprova, u fi kwalunkwe tali każ id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att inkwantu applikabbli għall-estimi għandhom, kemm jista' jkun malajr, japplikaw għall-estimi supplimentari.

Pubblikazzjoni ta' estimi approvati.

40. L-estimi u l-estimi supplimentari kollha approvati mill-Kamra tad-Deputati għandhom, kemm jista' jkun malajr, jiġu ppubblikati fil-Gazzetta.

Verżjoni Elettronika

Kontijiet u awditjar.

41. (1) L-Awtorità għandha taċċerta li debitament jinżammu kotba tal-kontijiet u rekords oħra dwar l-operat tal-Awtorità u għandha tara li jitħejja prospett tal-kontijiet fir-rigward ta' kull sena finanzjarja.

(2) Il-kontijiet tal-Awtorità għandhom jiġu verifikati minn awditur li jinħatar minnha u approvat mill-Ministru:

Iżda l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jeħtieġ li l-kotba u rekords oħra tal-Awtorità jiġu verifikati jew eżaminati mill-Awditur Ġenerali li għal dan il-għan għandu jkollu s-setgħa li jagħmel dik il-verifika fiżika u verifiki oħra, u jista' jeħtieġ dik l-informazzjoni, kif l-Awditur Ġenerali jista' jqis meħtieġ.

(3) Wara t-tmiem ta' kull sena finanzjarja, fl-istess waqt li kopja tal-estimi tal-Awtorità tintbagħat lill-Ministru taħt l-artikolu 38(4), l-Awtorità għandha tara li kopja tal-prospett tal-kontijiet debitament verifikata tintbagħat lill-Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-finanzi flimkien ma' kopja ta' kwalunkwe rapport magħmul mill-awditur dwar dak il-prospett jew fir-rigward tal-kontijiet tal-Awtorità.

(4) Il-Ministru għandu jaċċerta li kopja ta' kull tali prospett u rapport jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati flimkien mal-mozzjoni mressqa quddiem il-Kamra tad-Deputati taħt l-artikolu 38(5).

Depożitu ta' dħul u ħlas mill-Awtorità.

42. (1) Il-flejjes kollha tal-Awtorità għandhom jitħallsu f'bank maħtur bħala bankiera mill-Awtorità b'riżoluzzjoni tal-Awtorità. Tali flejjes għandhom, sa fejn ikun prattikabbli, jitħallsu fil-banek minn jum għal jum, ħlief għal tali somma li l-Awtorità tista' teħtieġ li żżomm sabiex jitħallsu spejjeż żgħar u ħlasijiet li jsiru fil-pront.

(2) Il-ħlasijiet kollha mill-fondi tal-Awtorità, ħlief spejjeż żgħar li ma jeċċedux tali somma kif tista' tiġi stabbilita mill-Awtorità, għandhom isiru minn dak l-uffiċjal tal-Awtorità li għandu jiġi maħtur jew nominat għal dak il-għan.

(3) Ċekkijiet kontra u rtirar minn kwalunkwe kont bankarju tal-Awtorità għandhom ikunu ffirmati minn dak l-uffiċjal tal-Awtorità kif jista' jinħatar jew jiġi nominat mill-Awtorità għal dak il-għan u għandhom jiġu kontrofirmati mill-Kap Eżekuttiv, jew minn dak il-membru jew uffiċjal ieħor tal-Awtorità kif jista' jiġi awtorizzat mill-Awtorità għal tali għan.

(4) L-Awtorità għandha wkoll tipprovdi dwar:

(a) il-mod li bih u l-uffiċjal minn min il-pagamenti għandhom jiġu awtorizzati jew approvati;

Verżjoni Elettronika

(b) it-titolu ta' kwalunkwe kont miżmum mal-bank li fihom għandhom jitħallsu l-flejjes tal-Awtorità, u t-trasferiment ta' fondi minn kont għal ieħor;

(ċ) il-metodu li għandu jiġi adottat għall-ħlasijiet mill-fondi tal-Awtorità; u

(d) b'mod ġenerali dwar kwalunkwe ħaġa li tkun rilevanti għaż-żamma u l-kontroll xieraq tal-kontijiet, kotba u rekords oħra u l-kontroll tal-finanzi tal-Awtorità.

Kuntratti ta' provvista u ta' xogħlijiet. L.S. 601.03

43. L-Awtorità għandha ssegwi r-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku meta tidħol fi kwalunkwe kuntratt għall-provvista ta' oġġetti jew materjali jew għall-eżekuzzjoni ta' xogħol jew għall-għoti ta' servizzi, lil jew għall-benefiċċju tal-Awtorità.

Rapport annwali.

44. L-Awtorità għandha, mhux aktar tard minn sitt (6) ġimgħat wara t-tmiem ta' kull sena finanzjarja, tagħmel u tibgħat lill-Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-finanzi rapport li jittratta b'mod ġenerali l-attivitajiet tal-Awtorità matul tali sena finanzjarja u li jkun fih tali informazzjoni li jkollha x'taqsam mal-proċedimenti u l-politika tal-Awtorità kif xi wieħed mill-imsemmija Ministri jista' minn żmien għal żmien jeħtieġ. Il-Ministru għandu jara li kopja ta' kull tali rapport titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati flimkien mal-estimi kif provdut fl-artikolu 38(5).

TAQSIMA X
Mixxellanji

Setgħa li jsiru regolamenti.

45. (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti sabiex jiġu salvagwardjati s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, sabiex jiġu stabbiliti l-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu għal dan il-għan u b'mod ġenerali għall-fini tat-tħaddim ta' kwalunkwe mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u b'mod partikolari, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dan ta' qabel, il-Ministru jista' jagħmel regolamenti:

(a) li jippreskrivu kwalunkwe ħaġa li hi meħtieġa jew awtorizzata b'dan l-Att li għandha tiġi preskritta;

(b) li jikkonċernaw l-ittestjar, l-eżami u ċ-ċertifikati jew is-siġilli ta' approvazzjoni ta' kwalunkwe tagħmir, makkinarju, apparat, oġġett jew ħaġa użata jew intiża sabiex tintuża f'post tax-xogħol;

(ċ) dwar l-importazzjoni, il-preżenza, l-użu, l-immaniġġar ta', jew l-esponiment għal kwalunkwe aġent kimiku, bijoloġiku jew fiżiku, jew taħlita tagħhom, li jistgħu jintużaw fuq post tax-xogħol;

Verżjoni Elettronika

(d) dwar il-metodi, l-istandards jew il-proċeduri għad-determinazzjoni tal-ammont, il-konċentrazzjoni jew il-livell ta' kwalunkwe aġent fiżiku, kimiku jew bijoloġiku f'post tax-xogħol;

(e) li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-esponiment għal aġenti kimiċi, fiżiċi u bijoloġiċi fuq post tax-xogħol;

(f) dwar in-notifika, ir-rappurtar u l-investigazzjoni ta' mwiet, mard, korrimenti jew aċċidenti jew inċidenti oħra li jinvolvu s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol;

(g) dwar is-sigħat li ħaddiem jista' jkun meħtieġ jaħdem;

(h) li huma relatati mas-sigurtà ta' kwalunkwe tagħmir, makkinarju, apparat, materjal, kimiċi, proċess, oġġett jew ħaġa li tkun xi tkun użata jew intiża sabiex tintuża f'post tax-xogħol;

(i) li huma relatati mad-dritt ta' ħaddiem li jirrifjuta li jaħdem jew li jagħmel xogħol partikolari, iċ-ċirkostanzi li fihom, u l-kondizzjonijiet li taħthom l-imsemmi dritt jista' jiġi eżerċitat;

(j) li jippreskrivu jew ibiddlu l-proċedura li għandha tintuża għal appell li għandu jsir lit-Tribunal u sabiex jirregola l-proċedura li għandha tintuża mit-Tribunal;

(k) li jirregolaw l-assenjazzjoni u d-delega ta' dmirijiet skont l-Att minn prinċipal lil kwalunkwe persuna, meta l-prinċipal ikun korp ġuridiku. L-imsemmija regolamenti għandhom ulterjorjament jiddeterminaw ir-responsabbiltajiet ta' dik il-persuna li qiegħda tiġi delegata jew assenjata tali dmirijiet skont l-Att. Barra minn hekk, tali regolamenti għandhom ikunu abbozzati u interpretati b'mod konsistenti mat-termini tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea li tirregola s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol;

(l) dwar kwalunkwe kwistjoni oħra relatata mas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol; u, jew

(m) jiddetermina l-kwalifiki, l-istandards u rekwiżiti oħra meħtieġa sabiex jiġi mwettaq kwalunkwe kompitu relatat mas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.

(2) Bla ħsara għal kwalunkwe ħaġa msemmija qabel, regolamenti magħmula bis-saħħa ta' dan l-artikolu jistgħu wkoll:

(a) jiddistingwu bejn klassijiet differenti ta' postijiet tax-xogħol, klassijiet differenti ta' xogħol u bejn klassijiet differenti

Verżjoni Elettronika

ta' ħaddiema, u jistgħu wkoll jagħmlu distinzjonijiet oħra kif jista' jitqies xieraq;

(b) jipprojbixxu, jirregolaw, jirrestrinġu, jillimitaw jew jikkontrollaw kwalunkwe kwistjoni li dwarha jistgħu jsiru regolamenti; u

(ċ) jagħtu s-setgħa lill-Awtorità li teħtieġ liċenzja, ċertifikat jew rekwiżiti oħra fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni li dwarha jistgħu jsiru regolamenti u li timponi drittijiet jew ħlasijiet oħra fir-rigward tagħhom, jew fir-rigward ta' kwalunkwe servizz provdut mill-Awtorità.

Att Nru XXXIII tal-2024.

Tħassir tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Kap. 424.

46. (1) Mad-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2024 dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol, il-Ministru responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol jista', permezz ta' avviż jew avviżi fil-Gazzetta, jistabbilixxi d-data tat-tħassir tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol:

Iżda l-Ministru responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol jista' permezz ta' dak l-avviż jew dawk l-avviżi fil-Gazzetta jistabbilixxi dati differenti għat-tħassir ta' dispożizzjonijiet differenti u, jew għal għanijiet differenti tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

(2) Mad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, il-kliem u l-frażijiet imsemmija fit-tielet kolonna tal-Ewwel Skeda, liema kliem u frażijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet speċifikati fit-tieni kolonna tal-istess Skeda, liema dispożizzjonijiet jinsabu fil-liġijiet imsemmija fl-ewwel kolonna tal-istess Skeda, għandhom jiġu emendati skont l-emendi msemmija fir-raba' kolonna ta' dik l-Iskeda.

(3) Mad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, il-leġiżlazzjoni sussidjarja elenkata fl-ewwel kolonna tat-Tieni Skeda, li l-enumerazzjoni preżenti tagħha hija elenkata fit-tieni kolonna tal-istess Skeda, għandha titqies li saret taħt id-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' dan l-Att, u għandha tiġi enumerata mill-ġdid skont hekk kif speċifikat fit-tielet kolonna tal-imsemmija Skeda.

TAQSIMA XI
Emenda għall-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika

Emenda għall-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika. Kap. 595.

47. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ l-"Att prinċipali".

Verżjoni Elettronika

Emenda tal-Ħames Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

48. Fit-Tieni Taqsima tal-Ħames Skeda li tinsab mal-Att prinċipali minnufih wara l-partita "Iċ-Chairperson tal-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani" għandha tiġi miżjuda din il-partita ġdida li ġejja:

"Iċ-Chairperson tal-Bord tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol".

Verżjoni Elettronika

L-Ewwel Skeda
Emendi konsegwenzjali għal leġiżlazzjoni oħra

Liġi	Dispożizzjoni	Test li għandu jiġi emendat	Emendi
Kodiċi Kriminali - Kap. 9	artikolu 546(3A)(a)	"Meta r-reat li għandu jiġi investigat ikun jinkludi fl-elementi fattwali ewlenin tiegħu materji relatati mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol bħal fil-każ ta' omiċidju involontarju jew ħsara involontarja fuq il-persuna li tirriżulta minn fatt li jkun ġara fuq post tax-xogħol u li jkunu tali li jintitolaw lill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol twettaq investigazzjoni skont il-paragrafu (f) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 9 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, il-Maġistrat għandu malajr kemm jista' jkun javża lill-Awtorità bl-aċċess u għandu jippermetti lill-imsemmija Awtorità li tipparteċipa billi tiddelega mhux aktar minn żewġ (2) uffiċjali tagħha biex ikunu preżenti waqt l-aċċess fuq il-post u waqt is-smigħ tax-xhieda jekk u kif jista' jiġi deċiż mill-Maġistrat, u, jew wara lil-Maġistrat iwettaq l-aċċess fuq il-post, jaċċedu kif meħtieġ fuq il-postwara li jgħarrfu lill-Maġistrat.	"Meta l-elementi fattwali ewlenin materji relatati mas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol bħal fil-każ ta' omiċidju involontarju jew ħsara involontarja fuq il-persuna li tirriżulta minn fatt li jkun ġara fuq ix-xogħol u li jkunu tali li jintitolaw lill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol twettaq investigazzjoni skont il-paragrafu (d) tas-subartikolu (3) tal-artikolu 9 tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol, il-Maġistrat għandu malajr kemm jista' jkun javża lill-Awtorità bl-aċċess u għandu jippermetti lill-imsemmija Awtorità li tipparteċipa billi tiddelega mhux aktar minn żewġ (2) uffiċjali tagħha biex ikunu preżenti waqt l-aċċess fuq il-post u waqt is-smigħ tax-xhieda jekk u kif jista' jiġi deċiż mill-Maġistrat, u, jew wara lil-Maġistrat iwettaq l-aċċess fuq il-post, jaċċedu kif meħtieġ fuq il-post wara li jgħarrfu lill-Maġistrat. Jekk jiġu hekk mitluba mill-Maġistrat l-uffiċjali għandhom jippreżentaw rapport għall-konsiderazzjoni tal-Maġistrat li għandu jkun jifforma parti mill-proċess verbal tal-aċċess."
		Jekk jiġu hekk mitluba mill-Maġistrat l-uffiċjali għandhom jippreżentaw rapport għall-konsiderazzjoni tal-Maġistrat li għandu jkun jifforma parti mill-proċess verbal tal-aċċess."	

Verżjoni Elettronika

L.S.424.11	regolament 6	"Jekk ir-riżultati li joħorġu mill-istima kif imsemmija fir-regolament 4 ikunu juru li hemm riskju għas-saħħa jew is-sigurtà, għat-tqala, jew għat-tarbija, min iħaddem għandu jieħu l-passi meħtieġa biex iwarrab lil dik il-mara minn dawk il-perikli, jew billi jaġġusta temporanjament il-	"Jekk ir-riżultati li joħorġu mill-istima kif imsemmija fir-regolament 4 ikunu juru li hemm riskju għas-saħħa jew is-sigurtà, għat-tqala, jew għat-tarbija, il-prinċipal għandu jieħu l-passi meħtieġa biex iwarrab lil dik il-mara minn dawk il-perikli, jew billi jaġġusta temporanjament il-

		kondizzjonijiet tax-xogħol, u/jew is-sigħat tax-xogħol, jew billi iqiegħed lil dik il-mara fuq xogħol ieħor li jkun kemm adattat u xieraq għaliha f'dawk iċ-ċirkostanzi, taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li ma jkunu ta' ebda żvataġġ minn dawk stipulati fil-kuntratt ta' l-impieg li hija jkollha."	kondizzjonijiet tax-xogħol, u, jew is-sigħat tax-xogħol, jew billi jqiegħed lil dik il-mara fuq xogħol ieħor li jkun kemm adattat u xieraq għaliha f'dawk iċ-ċirkostanzi, taħt dawk il-termini u kondizzjonijiet li ma jkunu ta' ebda żvantaġġ minn dawk stipulati fil-kuntratt tal-impieg li hija jkollha."
L.S.424.11	regolament 7	"Ebda mara tqila, omm jew mara li treddgħa tarbija ma għandha tkun meħtieġa minn min iħaddimha li tagħmel xi xogħol ta' bil-lejl jekk dik il-mara tagħti lil min iħaddimha ċertifikat mediku li jkun jiddikjara li x-xogħol ta' bil-lejl jista' jkollu effetti ħżiena fuq dik it-tqala, jew fuq l-omm, jew fuq it-tarbija, skond il-każ."	"L-ebda mara tqila, omm jew mara li tredda' tarbija ma għandha tkun meħtieġa mill-prinċipal li tagħmel xi xogħol ta' billejl jekk dik il-mara tagħti lil prinċipal ċertifikat mediku li jkun jiddikjara li x-xogħol ta' billejl jista' jkollu effetti ħżiena fuq dik it-tqala, jew fuq l-omm, jew fuq it-tarbija, skont il-każ."
L.S.424.11	regolament 8	"Mara tqila ikollha jedd għal ħin liberu, mingħajr ebda telf ta' paga jew ta' xi benefiċċju ieħor, sabiex hi jkun tista' tmur tagħmel eżamijiet li jsiru qabel it-twelid, jekk dawk l-eżamijiet ikollhom isiru matul il-ħinijiet tax-xogħol: Iżda min iħaddem jista' jeħtieġ li jingħata kitba li turi l-ħinijiet ta' l-appuntament għal dawk l-eżamijiet."	"Mara tqila għandu jkollha jedd għal ħin liberu, mingħajr l-ebda telf ta' paga jew ta' xi benefiċċju ieħor, sabiex hi tkun tista' tmur tagħmel l-eżamijiet li jsiru qabel it-twelid, jekk dawk l-eżamijiet ikollhom isiru matul il-ħinijiet tax-xogħol: Iżda l-prinċipal jista' jeħtieġ li jingħata kitba li turi l-ħinijiet tal-appuntament għal dawk l-eżamijiet."
Regolamenti dwar il-Ħtiġiet Minimi ta' Saħħa u Sigurtà f'Xogħol b'Apparat ta' Wiri fuq Skrin – L.S.424.14	regolament 2	""ħaddiem" tinkludi persuna li ma tkunx impjegata iżda li tkun imqabbda tagħmel xogħol minn min iħaddem, liema xogħol ikun jinvolvi l-użu tas-soltu u regolari ta' apparat ta' wiri fuq skrin, kif ukoll impjegat li juża apparat ta' wiri fuq skrin	""ħaddiem" tinkludi persuna li ma tkunx impjegata iżda li tkun imqabbda tagħmel xogħol mill-prinċipal, liema xogħol ikun jinvolvi l-użu tas-soltu u regolari ta' apparat ta' wiri fuq skrin, kif ukoll impjegat li juża apparat ta' wiri fuq skrin

		f'post fejn isir ix-xogħol li jkun ġie ipprovdut minn min iħaddem fid-dar;"	f'post fejn isir ix-xogħol li jkun ġie pprovdut mill-prinċipal;"
L.S.424.14	nota marġinali fir-regolament 4	"Dmirijiet ta' min iħaddem."	"Dmirijiet tal-prinċipal."
L.S.424.14	regolament 4(1)	"Kull min iħaddem għandu jidentifika kull apparat ta' wiri fuq skrin u l-istazzjonijiet fejn isir ix-xogħol li jintużaw minnu, jew li jintużaw fuq il-post tax-xogħol tiegħu, għall-għan ta' l-impriża tiegħu, u dwar dawk l-istazzjonijiet fejn isir ix-xogħol u apparat, min iħaddem għandu jżomm u jaġġorna b'mod adegwat *record* tagħhom, inklużi l-ismijiet tal-persuna jew persuni li jużaw l-apparat, u tal-miżuri li jittieħdu biex tiġi mħarsa s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol."	"Kull prinċipal għandu jidentifika kull apparat ta' wiri fuq skrin u l-istazzjonijiet fejn isir ix-xogħol li jintużaw minnu, jew li jintużaw fuq il-post tax-xogħol tiegħu, għall-finijiet tal-impriża tiegħu, u fir-rigward ta' dawk l-istazzjonijiet fejn isir ix-xogħol u apparat, il-prinċipal għandu jżomm u jaġġorna b'mod adegwat rekord tagħhom, inklużi l-ismijiet tal-persuna jew persuni li jużaw l-apparat, u tal-miżuri li jittieħdu sabiex tiġi mħarsa s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol."
L.S.424.14	regolament 4(2)	"Għal kull stazzjon fejn isir ix-xogħol, min iħaddem għandu jagħmel analiżi adatta u suffiċjenti biex issir stima tar-riskji għas-saħħa u għas-sigurtà li għalihom il-ħaddiema jistgħu jkunu esposti b'konsegwenza ta' dak l-użu, inklużi riskji possibbli għal vista, problemi fiżiċi u problemi ta' tensjoni mentali."	"Għal kull stazzjon fejn isir ix-xogħol, il-prinċipal għandu jagħmel analiżi adatta u suffiċjenti biex issir stima tar-riskji għas-saħħa u għas-sigurtà li għalihom il-ħaddiema jistgħu jkunu esposti b'konsegwenza ta' dak l-użu, inklużi riskji possibbli għal vista, problemi fiżiċi u problemi ta' tensjoni mentali".
L.S.424.14	regolament 4(3)	"Kull stima magħmula minn min iħaddem konformi ma' dak hawn aktar qabel imsemmi, għandha tiġi riveduta minn min iħaddem jekk ikun hemm raġuni għaliex wieħed jaħseb li ma tkunx għadha valida jew jekk tkun saret xi tibdila importanti f'kull ħaġa jew ċirkostanzi li tirreferi għalihom."	"Kull stima magħmula mill-prinċipal konformi ma' dak hawn aktar qabel imsemmi, għandha tiġi riveduta mill-prinċipal jekk ikun hemm raġuni għaliex wieħed jaħseb li ma tkunx għadha valida jew jekk tkun saret xi tibdila importanti fi kwalunkwe ħaġa jew ċirkostanzi li tirreferi għalihom."

L.S.424.14	nota marġinali fir-regolament 5	"Min iħaddem għandu jagħti rimedju għar-riskji."	"Il-prinċipal għandu jagħti rimedju għar-riskji."
L.S.424.14	regolament 5	"Fejn l-istima turi li jkun hemm riskju għas-saħħa u s-sigurtà, min iħaddem għandu jieħu l-miżuri xierqa biex isib rimedju għar-riskji misjuba sakemm dan ikun raġonevolment prattikabbli, meta wieħed iqis l-effetti miżjuda u, jew konġunti tar-riskji hekk misjuba."	"Fejn l-istima turi li jkun hemm riskju għas-saħħa u s-sigurtà, il-prinċipal għandu jieħu l-miżuri xierqa sabiex isib rimedju għar-riskji misjuba sakemm dan ikun raġonevolment prattikabbli, meta wieħed iqis l-effetti miżjuda u, jew konġunti tar-riskji hekk misjuba."
L.S.424.14	regolament 6	"Kull min iħaddem għandu jiżgura li kull stazzjon fejn isir ix-xogħol jew apparat ta' wiri fuq skrin li jintuża jkun konformi mal-ħtiġiet minimi mniżżla fl-Iskeda."	"Kull prinċipal għandu jiżgura li kull stazzjon fejn isir ix-xogħol jew apparat ta' wiri fuq skrin li jintuża jkun konformi mal-ħtiġijiet minimi mniżżla fl-Iskeda."
L.S.424.14	regolament 7(1)	"Kull min iħaddem għandu jagħti dik l-informazzjoni u taħriġ lill-ħaddiema dwar l-aspetti kollha tas-saħħa u s-sigurtà konnessi ma' l-istazzjon tagħhom fejn isir ix-xogħol u l-apparat ta' wiri fuq skrin."	"Kull prinċipal għandu jagħti dik l-informazzjoni u taħriġ lill-ħaddiema dwar l-aspetti kollha tas-saħħa u s-sigurtà konnessi mal-istazzjon tagħhom fejn isir ix-xogħol u l-apparat ta' wiri fuq skrin."
L.S.424.14	regolament 8(1)	"Min iħaddem għandu jippjana l-attivitajiet tal-ħaddiem b'mod li x-xogħol ta' kuljum fuq apparat ta' wiri fuq skrin jiġi mwaqqaf f'kull tant żmien b'perjodi ta' waqfien jew ta' bdil ta' attività billi jitnaqqas l-ammont tax-xogħol fuq l-apparat ta' wiri fuq skrin: Iżda meta min iħaddem ikun qiegħed jistabbilixxi għal kemm żmien u b'liema frekwenza għandu jkun il-waqfien, huwa għandu jqis ix-xorta tax-xogħol, l-attivitajiet tax-xogħol u l-miżuri kawtelatorji u preventivi li jkunu diġà ttieħdu."	"Prinċipal għandu jippjana l-attivitajiet tal-ħaddiem b'mod li x-xogħol ta' kuljum fuq apparat ta' wiri fuq skrin jiġi mwaqqaf kull tant żmien b'perjodi ta' waqfien jew ta' bdil ta' attività billi jitnaqqas l-ammont tax-xogħol fuq l-apparat ta' wiri fuq skrin: Iżda meta l-prinċipal ikun qiegħed jistabbilixxi għal kemm żmien u b'liema frekwenza għandu jkun il-waqfien, huwa għandu jqis ix-xorta tax-xogħol, l-attivitajiet tax-xogħol u l-miżuri kawtelatorji u preventivi li jkunu diġà ttieħdu."

L.S.424.14	regolament 9(1)	"Min iħaddem għandu jikkonsulta lill-ħaddiema u, jew lir-Rappreżentanti dwar Saħħa u s-Sigurtà tagħhom, dwar kull miżura li tista' taffettwa b'mod sostanzjali s-saħħa u s-sigurtà, dwar l-informazzjoni li għandha tingħata bis-saħħa tar-regolament 7, kif ukoll l-organizzazzjoni u l-ippjanar tat-taħriġ imsemmi fl-istess regolament."	"Il-prinċipal għandu jikkonsulta lill-ħaddiema u, jew lir-Rappreżentanti dwar Saħħa u s-Sigurtà tagħhom, dwar kull miżura li tista' taffettwa b'mod sostanzjali s-saħħa u s-sigurtà, dwar l-informazzjoni li għandha tingħata bis-saħħa tar-regolament 7, kif ukoll l-organizzazzjoni u l-ippjanar tat-taħriġ imsemmi fl-istess regolament."
L.S.424.14	regolament 9(2)	"Il-ħaddiema u, jew ir-Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tagħhom ikollhom id-dritt li jagħmlu proposti lil min iħaddem dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam mas-saħħa u s-sigurtà li hi konnessa ma' l-użu ta' apparat ta' wiri fuq skrin, u għandhom jitħallew jipparteċipaw meta jkun hemm xi deċiżjoni li għandha tittieħed."	"Il-ħaddiema u, jew ir-Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tagħhom ikollhom id-dritt li jagħmlu proposti lill-prinċipal dwar kwalunkwe ħaġa li għandha x'taqsam mas-saħħa u s-sigurtà li hi konnessa mal-użu ta' apparat ta' wiri fuq skrin, u għandhom jitħallew jipparteċipaw meta jkun hemm xi deċiżjoni li għandha tittieħed."
L.S.424.14	regolament 10(4)	"Jekk ir-riżultati tat-test imsemmi fis-subregolament (1) jew ta' l-eżami msemmi fis-subregolament (2) juru li dan ikun meħtieġ, u jekk ma jistax jiġi wżat tagħmir normali korrettiv, il-ħaddiema għandhom jiġu provduti minn min iħaddem b'tagħmir korrettiv speċjali li hu maħsub biex jikkoreġi difetti fil-vista skond id-distanza jew distanzi ta' ħars, użat speċifikament għax-xogħol fuq apparat ta' wiri fuq skrin u li hu adatt għax-xogħol li jkun qed isir."	"Jekk ir-riżultati tat-test imsemmi fis-subregolament (1) jew tal-eżami msemmi fis-subregolament (2) juru li dan ikun meħtieġ, u jekk ma jistax jiġi użat tagħmir normali korrettiv, il-ħaddiema għandhom jiġu provduti mill-prinċipal b'tagħmir korrettiv speċjali li hu maħsub sabiex jikkoreġi difetti fil-vista skont id-distanza jew distanzi ta' ħars, użat speċifikament għax-xogħol fuq apparat ta' wiri fuq skrin u li hu adatt għax-xogħol li jkun qiegħed isir."
L.S.424.14	regolament 11	"Ħaddiem ma għandu taħt ebda ċirkostanzi jbati xi tnaqqis mill-paga jew xi	"Ħaddiem ma għandu taħt l-ebda ċirkostanzi jbati xi tnaqqis mill-paga jew xi

		tnaqqis ta’ xi benefiċċju, u ma għandu jħallas ebda spejjeż, dwar xi miżura li tittieħed minn min iħaddem skond dawn ir-regolamenti."	tnaqqis ta’ xi benefiċċju, u ma għandu jħallas ebda spejjeż, dwar xi miżura li tittieħed minn prinċipal skont dawn ir-regolamenti."
L.S.424.14	partita 3 tal-Iskeda	"Fl-iddisinjar, għażla, kummissjonar u modifika fis-*software*, u fl-iddisinjar ta’ ħidmiet li jirrikjedu apparat ta’ wiri fuq skrin, min iħaddem għandu jqis il-prinċipji li ġejjin:"	"Fl-iddisinjar, għażla, kummissjonar u modifika fis-software, u fl-iddisinjar ta’ ħidmiet li jirrikjedu apparat ta’ wiri fuq skrin, il-prinċipal għandu jqis il-prinċipji li ġejjin:"
Regolamenti dwar Ħtiġiet Minimi ta’ Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol L.S.424.15	regolament 2(2)	"Ebda ħaġa f’dawn ir-regolamenti ma twaqqaf lill-Awtorità milli tagħi xi ordni lil kull min iħaddem jew lil kull ħaddiem f’kull post tax-xogħol jekk, fl-opinjoni ta’ xi uffiċjal ta’ l-Awtorità, jkun hemm riskju għas-saħħa jew għas-sigurtà ta’ xi persuna jew persuni."	"L-ebda ħaġa f’dawn ir-regolamenti ma għandha twaqqaf lill-Awtorità milli tagħti xi ordni lil kwalunkwe prinċipal jew ħaddiem f’kull post tax-xogħol jekk, fl-opinjoni ta’ xi uffiċjal tal-Awtorità, ikun hemm riskju għas-saħħa jew għas-sigurtà ta’ xi persuna jew persuni."
L.S.424.15	regolament 5	"Kull min iħaddem għandu jara b’mod ġenerali:"	"Kull prinċipal għandu jqis b’mod ġenerali:"
L.S.424.15	regolament 6(1)	"Kull min iħaddem għandu jiżgura li l-kostruzzjoni u l-istabbilità ta’ kull bini u struttura jew xi parti minnhom, jkunu xierqa għall-uzu li għandu jsir minnhom ."	"Kull prinċipal għandu jiżgura li l-kostruzzjoni u l-istabbiltà ta’ kull bini u struttura jew xi parti minnhom, ikunu xierqa għall-użu li għandu jsir minnhom."
L.S.424.15	regolament 6(2)	"Min iħaddem għandu jakkwista mingħand perit l-ogħla piż li tista’ tiflaħ mingħajr periklu kull biċċa area, inklużi pavimenti, xkaffi u loftijiet, fejn materjal, makkinarju, impjant jew apparat jiġi mqiegħed jew stivat."	"Prinċipal għandu jikseb mingħand perit l-ogħla piż li tista’ tiflaħ mingħajr periklu kull biċċa area, inklużi pavimenti, xkaffi u loftijiet, fejn jiġi mqiegħed jew stivat materjal, makkinarju, impjant jew apparat."
L.S.424.15	regolament 6(3)	"Min iħaddem għandu jiżgura li l-ogħla piżijiet li l-art tista’ tiflaħ mingħajr periklu, kif indikati mill-perit għal kull area	"Prinċipal għandu jiżgura li l-piżijiet massimi li l-art tista’ tiflaħ mingħajr periklu, kif indikati mill-perit għal kull area

		partikolari, ma jinqabżu f'ebda waqt."	partikolari, ma jinqabżu fl-ebda waqt."
L.S.424.15	regolament 7(1)	"Min iħaddem għandu jieħu l-passi kollha neċessarji biex jipprovdi u jżomm fi stat tajjeb rotot u ħruġ ta' emerġenza li jkunu adegwati u suffiċjenti biex jekk jinqala' xi periklu, kemm il-ħaddiema kemm kull min ikun fuq is-sit ikun jista' joħroġ minn kull post tax-xogħol u minn kull parti minnu malajr kemm jista' jkun u bl-iktar mod sigur possibbli."	"Prinċipal għandu jieħu l-passi kollha neċessarji sabiex jipprovdi u jżomm fi stat tajjeb rotot u ħruġ ta' emerġenza li jkunu adegwati u suffiċjenti sabiex jekk jinqala' xi periklu, kemm il-ħaddiema, kemm kull min ikun fuq is-sit ikun jista' joħroġ minn kull post tax-xogħol u minn kull parti minnu malajr kemm jista' jkun u bl-aktar mod sigur possibbli."
L.S.424.15	regolament 7(2)	"Mingħajr ħsara għall-ġeneralità tas-subregolament (1) min iħaddem għandu jizgura li rotot ħruġ ta' emerġenza:"	"Bla ħsara għall-ġeneralità tas-subregolament (1) prinċipal għandu jiżgura li rotot għal ħruġ ta' emerġenza:"
L.S.424.15	regolament 8(1)	"Min iħaddem għandu jiżgura li l-bibien ta' emerġenza:"	"Prinċipal għandu jiżgura li l-bibien ta' emerġenza:"
L.S.424.15	regolament 8(2)	"Min iħaddem għandu jiżgura li bibien li jiżżerżqu u bibien li jduru ma jintużawx bħala ħruġ ta' emerġenza. "	"Prinċipal għandu jiżgura li bibien li jiżżerżqu u bibien li jduru ma jintużawx bħala ħruġ ta' emerġenza."
L.S.424.15	regolament 9(1)	"Min iħaddem għandu jieħu l-mizuri neċessarji għall-ewwel għajnuna, għat-tifi tan-nar u għall-evakwazzjoni tal-ħaddiema f'każ ta' periklu gravi u imminenti:"	"Prinċipal għandu jieħu l-miżuri neċessarji għall-ewwel għajnuna, għat-tifi tan-nar u għall-evakwazzjoni tal-ħaddiema f'każ ta' periklu gravi u imminenti:"
L.S.424.15	regolament 9(2)	"Il-miżuri li huma meħtieħa li jittieħdu minn min iħaddem sabiex tiġi pprovduta l-ewwel għajnuna fuq ix-xogħol, għandhom ikunu skond ir-Regolamenti dwar l-Ewwel Għajnuna fuq il-Post tax-Xogħol."	"Il-miżuri li huma meħtieġa li jittieħdu minn prinċipal sabiex tiġi pprovduta l-ewwel għajnuna fuq ix-xogħol, għandhom ikunu skont ir-Regolamenti dwar l-Ewwel Għajnuna fuq il-Post tax-Xogħol."
L.S.424.15	regolament 9(3)	"Fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min	"Fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi

		iħaddem għandu jagħmel dawk l-arranġamenti neċessarji ma' servizzi barra l-post tax-xogħol, partikolarment għal dak li jirrigwarda kura medika f'emerġenza, xogħol ta' salvataġġ u tifi tan-nar."	prinċipal għandu jagħmel dawk l-arranġamenti neċessarji ma' servizzi barra l-post tax-xogħol, partikolarment għal dak li jirrigwarda kura medika f'emerġenza, xogħol ta' salvataġġ u tifi tan-nar."
L.S.424.15	regolament 9(4)	"Min iħaddem għandu jaħtar ħaddiema li jkunu responsabbli għall-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa għat-tifi tan-nar u l-evakwazzjoni tal-ħaddiema. L-ismijiet tal-persuni hekk maħtura jintniżżlu f'reġistru li jinżamm fuq il-post tax-xogħol u dan ir-reġistru għandu jinżamm u jiġi emendat, skond il-każ minn min iħaddem:"	"Prinċipal għandu jaħtar ħaddiema li jkunu responsabbli għall-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa għat-tifi tan-nar u l-evakwazzjoni tal-ħaddiema. L-ismijiet tal-persuni hekk maħtura jitniżżlu f'reġistru li jinżamm fuq il-post tax-xogħol u dan ir-reġistru għandu jinżamm u jiġi emendat, skont il-każ mill-prinċipal:"
L.S.424.15	regolament 9(5)	"Min iħaddem għandu kemm jista' jkun malajr jinforma lill-ħaddiema li huma, jew li jistgħu jkunu esposti għal periklu serju u imminenti bir-riskju li jeżisti, u b'dawk il-passi li għandhom jieħdu għar-rigward tal-protezzjoni tagħhom."	"Prinċipal għandu kemm jista' jkun malajr jinforma lill-ħaddiema li huma, jew li jistgħu jkunu esposti għal periklu serju u imminenti bir-riskju li jeżisti, u b'dawk il-passi li għandhom jieħdu fir-rigward tal-protezzjoni tagħhom."
L.S.424.15	regolament 9(6)	"Min iħaddem għandu jieħu azzjoni u jagħti istruzzjonijiet biex jagħti l-opportunità lill-ħaddiema, f'kaz ta' periklu gravi, imminenti u li ma jistax jiġi evitat, biex jieqfu jaħdmu u, jew biex jitilqu minnufih mill-post tax-xogħol u jmorru f'post ta' bla periklu."	"Prinċipal għandu jieħu azzjoni u jagħti istruzzjonijiet sabiex jagħti l-opportunità lill-ħaddiema, f'każ ta' periklu gravi, imminenti u li ma jistax jiġi evitat, sabiex jieqfu jaħdmu u, jew sabiex jitilqu minnufih mill-post tax-xogħol u jmorru f'post bla periklu."
L.S.424.15	regolament 9(7)	"Min iħaddem ma jistax jitlob lill-ħaddiema biex jerġgħu jibdew jaħdmu	"Prinċipal ma jistax jitlob lill-ħaddiema sabiex jerġgħu jibdew jaħdmu

		f'sitwazzjoni ta' xogħol fejn ikun għad hemm periklu gravi w imminenti, ħlief jekk dan ikun għall-għanijiet li tittieed azzjoni ta' protezzjoni jew ta' rimedju:"	f'sitwazzjoni ta' xogħol fejn ikun għad hemm periklu gravi u imminenti, ħlief jekk dan ikun għall-għanijiet li tittieħed azzjoni ta' protezzjoni jew ta' rimedju:"
L.S.424.15	regolament 9(9)	"Min iħaddem għandu jizgura li l-ħaddiema kollha huma kapaċi, fil-kaz ta' periklu serju w imminenti għas-sigurtà tagħhom u, jew dik ta' persuni oħra, u fejn il-ħaddiem ta' fuqu li jkun responsabbli jew ħaddiem maħtur biex jimplimenta miżuri ta' tifi tan-nar u evakwazzjoni ta' ħaddiema ma jistax jiġi kkuntattjat, li jieħdu l-passi meħtieġa meta wieħed jikkonsidra t-tagħrif tagħhom u l-mezzi tekniċi għad-disposizzjoni tagħhom, biex jevitaw il-konsegwenzi ta' periklu bħal dan:"	"Prinċipal għandu jiżgura li l-ħaddiema kollha huma kapaċi, fil-każ ta' periklu serju u imminenti għas-sigurtà tagħhom u, jew dik ta' persuni oħra, u fejn il-ħaddiem ta' fuqu li jkun responsabbli jew ħaddiem maħtur sabiex jimplimenta miżuri ta' tifi tan-nar u evakwazzjoni ta' ħaddiema ma jistax jiġi kkuntattjat, li jieħdu l-passi meħtieġa meta wieħed jikkonsidra t-tagħrif tagħhom u l-mezzi tekniċi għad-dispożizzjoni tagħhom, sabiex jevitaw il-konsegwenzi ta' tali periklu:"
L.S.424.15	regolament 9(10)	"Min iħaddem għandu jieħdu l-miżuri neċessarji kollha għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità responsabbli għall-infurzar ta' ħarsien min-nar, biex:"	"Prinċipal għandu jieħu l-miżuri neċessarji kollha għas-sodisfazzjon tal-awtorità responsabbli għall-infurzar ta' ħarsien min-nar, sabiex:"
L.S.424.15	regolament 9(12)	"Min iħaddem għandu jinforma l-ħaddiema tiegħu bir-riskji kollha ta' nar, u tal-miżuri li għandhom jittieħdu biex dawn ir-riskji jitnaqqsu."	"Prinċipal għandu jinforma lill-ħaddiema tiegħu bir-riskji kollha ta' nar u tal-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex dawn ir-riskji jitnaqqsu."
L.S.424.15	regolament 9(13)	"Min iħaddem għandu jiżgura li l-ħaddiema jingħatawlhom istruzzjonijiet u huma mħarrġa kif suppost fl-użu tajjeb ta' apparat tat-tifi tan-nar kif jista' jkun meħtieġ, għal dak il-post tax-xogħol,	"Prinċipal għandu jiżgura li l-ħaddiema jingħatawlhom istruzzjonijiet u huma mħarrġa kif suppost fl-użu tajjeb ta' apparat tat-tifi tan-nar kif jista' jkun meħtieġ, għal dak il-post tax-xogħol, mid-Direttorat tal-Protezzjoni Ċivili."

		mid-Direttorat tal-Protezzjoni Ċivili."	
L.S.424.15	regolament 9(14)	"Min iħaddem għandu jieħu l-mizuri kollha neċessarji biex jizgura li l-apparat għat-tifi tan-nar fuq il-post tax-xogħol ikun suġġett għal sistema ta' manutenzjoni kif imiss għas-sodisfazzjon tad-Direttorat tal-Protezzjoni Ċivili."	"Prinċipal għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżgura li l-apparat għat-tifi tan-nar fuq il-post tax-xogħol ikun soġġett għal sistema ta' manutenzjoni adegwata għas-sodisfazzjon tad-Direttorat tal-Protezzjoni Ċivili."
L.S.424.15	regolament 9(15)	"Min iħaddem għandu jiżgura li jsiru eżerċizzji kontra n-nirien tal-inqas kull sitt xhur u għandu jinżamm record ta' dawn l-ezerċizzji: Iżda persuna kompetenti fil-miżuri kontra n-nirien u rikonoxxut bħala tali mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, tista', fuq talba espliċita ta' min iħaddem, u wara li tkun analizzat ir-riskji ezistenti ta' nirien u l-okkupanza ta' dak il-post tax-xogħol speċifiku, tiddetermina frekwenza differenti għal dak il-post tax-xogħol, li fl-ebda kaz ma tista' tkun itwal minn kull tnax-il xahar. Ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-persuna kompetenti għandhom ikunu dokumentati bil-miktub u jinżammu minn min iħaddem flimkien mar-*records* tal-ezerċizzji. Ir-rapprezentanti tal-ħaddiema tas-Saħħa u s-Sigurtà għandhom jingħataw kull opportunità li jkunu ikkonsultati dwar il-frekwenza tal-eżerċizzji kontra n-nirien."	"Prinċipal għandu jiżgura li jsiru eżerċizzji kontra n-nirien tal-inqas kull sitt xhur u għandu jinżamm rekord ta' dawn l-eżerċizzji: Iżda persuna kompetenti fil-miżuri kontra n-nirien u rikonoxxuta bħala tali mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, tista', fuq talba espliċita tal-prinċipal u wara li tkun analizzat ir-riskji eżistenti ta' nirien u l-okkupanza ta' dak il-post tax-xogħol speċifiku, tiddetermina frekwenza differenti għal dak il-post tax-xogħol, li fl-ebda każ ma tista' tkun itwal minn kull tnax-il xahar. Ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-persuna kompetenti għandhom ikunu dokumentati bil-miktub u jinżammu mill-prinċipal flimkien mar-rekords tal-eżerċizzji. Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema tas-Saħħa u s-Sigurtà għandhom jingħataw kull opportunità li jkunu kkonsultati dwar il-frekwenza tal-eżerċizzji kontra n-nirien."

L.S.424.15	regolament 9(16)	"Ħaddiem għandu jinforma lil min iħaddmu b'xi nar li jaqbad fil-post tax-xogħol, u min iħaddem għandu jinvestiga l-fatt bil-għan li tittieħed azzjoni li tkun meqjusa li tkun tajba biex tevita li jerġa' jiġri l-istess."	"Ħaddiem għandu jinforma lill-prinċipal bi kwalunkwe nar li jaqbad fil-post tax-xogħol, u l-prinċipal għandu jinvestiga l-fatt bil-għan li tittieħed azzjoni li tkun meqjusa adegwata sabiex tevita li jerġa' jiġri l-istess."
L.S.424.15	regolament 10(1)	"Min iħaddem għandu jiżgura li b'mod effettiv u adegwat, kull post tax-xogħol ikun ventilat bi kwantità suffiċjenti ta' arja friska u pura u li jirrendi bla ħsara, bl-użu ta' sistemi li jiġbdu 'l barra, sakemm ikun raġonevolment prattikabbli, l-foga, trabijiet u impuritajiet oħra li jistgħu jkunu ta' ħsara għas-saħħa meta dawn ikunu ġenerati fil-kors ta' xi proċess ta' xogħol u użat fil-post tax-xogħol."	"Prinċipal għandu jiżgura li b'mod effettiv u adegwat, kull post tax-xogħol ikun ventilat bi kwantità suffiċjenti ta' arja friska u pura u li jelimina l-ħsara, bl-użu ta' sistemi li jiġbdu 'l barra, sakemm ikun raġonevolment prattikabbli, il-foga, it-trabijiet u l-impuritajiet oħra li jistgħu jkunu ta' ħsara għas-saħħa meta dawn ikunu ġġenerati fil-kors ta' xi proċess ta' xogħol u użat fil-post tax-xogħol."
L.S.424.15	regolament 10(2)	"Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subregolament (1), min iħaddem għandu jiżgura li fejn post tax-xogħol huwa ventilat għal kollox jew f'parti b'mod mekkaniku, jiġu provduti mezzi ta' ventilazzjoni ta' emerġenza f'kaz ta' qtugħ fis-sistema prinċipali, jekk dak il-qtugħ ikun ta' riskju gravi jew immedjat għas-saħħa tal-persuni fil-post tax-xogħol."	"Bla ħsara għall-ġeneralità tas-subregolament (1), il-prinċipal għandu jiżgura li fejn post tax-xogħol huwa ventilat għalkollox jew parzjalment b'mod mekkaniku, jiġu provduti mezzi ta' ventilazzjoni ta' emerġenza f'każ ta' qtugħ fis-sistema prinċipali, jekk dak il-qtugħ ikun ta' riskju gravi jew immedjat għas-saħħa tal-persuni fil-post tax-xogħol."
L.S.424.15	regolament 10(3)	"Min iħaddem għandu jiżgura li fejn ikun neċessarju għal raġunijiet ta' saħħa u sigurtà, inklużi f'dawk is-sistemi ta' ventilazzjoni li jintużaw biex inaqqsu l-konċentrazzjoni ta' trabijiet u foga fl-atmosfera, is-sistemi ta' ventilazzjoni	"Prinċipal għandu jiżgura li, fejn ikun neċessarju għal raġunijiet ta' saħħa u sigurtà, inklużi f'dawk is-sistemi ta' ventilazzjoni li jintużaw sabiex inaqqsu l-konċentrazzjoni ta' trabijiet u foga fl-atmosfera, is-sistemi ta' ventilazzjoni mekkaniċi jkollhom mezz

		mekkaniċi jkollhom mezz effettiv biex jagħti avviz vizibbli u li jinstema' jekk ikun hemm xi qtugħ fis-sistema."	effettiv sabiex jagħtu avviż viżibbli u li jinstema' jekk ikun hemm xi qtugħ fis-sistema."
L.S.424.15	regolament 10(4)	"Min iħaddem għandu jizġura li kull impjant uzat biex jiġu mħarsa l-ħtiġiet ta' dan ir-regolament ikun suġġett għal sistema ta' manutenzjoni kif imiss, li jinzamm jaħdem kif ikun meħtieġ, u jinżamm nadif u ħieles minn kull ħaġa li tikkontamina l-arja mingħajr dewmien."	"Prinċipal għandu jiżgura li kull impjant użat sabiex jiġu mħarsa r-rekwiżiti ta' dan ir-regolament ikun soġġett għal sistema ta' manutenzjoni adegwata, li jinżamm jaħdem kif ikun meħtieġ, u jinżamm nadif u ħieles minn kull ħaġa li tikkontamina l-arja mingħajr dewmien."
L.S.424.15	regolament 10(5)	"Min iħaddem għandu jizgura li fil-kaz ta' sistemi ta' ventilazzjoni mekkaniċi li jiċċirkolaw l-arja mill-ġdid, inkluz sistemi ta' arja kondizzjonata, jiżdied ammont adegwat u suffiċjenti ta' arja friska ffiltrata."	"Il-prinċipal għandu jiżgura li fil-każ ta' sistemi ta' ventilazzjoni mekkaniċi li jiċċirkolaw l-arja mill-ġdid, inkluż is-sistemi ta' arja kondizzjonata, jiżdied ammont adegwat u suffiċjenti ta' arja friska ffiltrata."
L.S.424.15	regolament 10(6)	"Min iħaddem għandu jizgura li s-sistemi ta' ventilazzjoni mekkanika u ta' arja kondizzjonata jaħdmu b'mod li l-ħaddiema ma jkunux esposti għal kurrenti ta' arja li jdejqu."	"Prinċipal għandu jiżgura li s-sistemi ta' ventilazzjoni mekkanika u ta' arja kondizzjonata jaħdmu b'mod li l-ħaddiema ma jkunux esposti għal kurrenti ta' arja li jkunu skomdi."
L.S.424.15	regolament 11(1)	"Kull min iħaddem għandu jżomm f'kull post tax-xogħol fil-bini jew strutturi oħra fejn ikunu impjegati ħaddiema ambjent ta' temperatura li jkun raġonevolment prattiku u komdu, meta wieħed iqis il-metodi ta' xogħol li jintużaw u l-ħtiġiet fiżiċi fuq il-ħaddiema, ħlief għal perjodi qosra, b'mod konformi ma' *standards* aċċettati."	"Kull prinċipal għandu jżomm f'kull post tax-xogħol, fil-bini jew strutturi oħra fejn ikunu impjegati ħaddiema ambjent ta' temperatura li jkun raġonevolment prattiku u komdu, meta wieħed iqis il-metodi ta' xogħol li jintużaw u r-rekwiżiti fiżiċi fuq il-ħaddiema, ħlief għal perjodi qosra, b'mod konformi ma' standards aċċettati."

L.S.424.15	regolament 11(2)	"Min iħaddem għandu jiżgura li l-ebda persuna ma tiġi impjegata għal xogħol regolari u fit-tul:"	"Il-prinċipal għandu jiżgura li l-ebda persuna ma tiġi impjegata għal xogħol regolari u fit-tul:"
L.S.424.15	regolament 11(3)	"Min iħaddem għandu jipprovdi u jżomm fi stat tajjeb, kull fejn dan ikun meħtieġ, ħitan diviżorji li jkunu mwaħħla jew jistgħu jitmexxew, defletturi u kull apparat ieħor xieraq biex jipproteġi l-ħaddiem mill-kesħa jew sħana intensa."	"Il-prinċipal għandu jipprovdi u jżomm fi stat tajjeb, kull fejn dan ikun meħtieġ, ħitan diviżorji li jkunu mwaħħla jew jistgħu jitmexxew, defletturi u kull apparat ieħor xieraq sabiex jipproteġi lill-ħaddiem mill-kesħa jew sħana intensa."
L.S.424.15	regolament 11(4)	"Min iħaddem għandu jiżgura li ebda persuna ma tuża xi metodu ta' tisħin jew tkessiħ li jkun ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew li jista' jitfa' xi dħaħen noċivi jew tossiċi."	"Prinċipal għandu jiżgura li l-ebda persuna ma tuża xi metodu ta' tisħin jew tkessiħ li jkun ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew li jista' jitfa' xi dħaħen noċivi jew tossiċi. "
L.S.424.15	regolament 11(5)	"Min iħaddem għandu jiżgura li postijiet tax-xogħol li jkun fihom posti tax-xogħol ikunu iżolati kontra temperaturi li jagħmlu ħsara, meta wieħed iqis it-tip ta' xogħol involut u l-attività fiżika tal-ħaddiema."	"Il-prinċipal għandu jiżgura li postijiet tax-xogħol li jkun fihom stazzjonijiet tax-xogħol ikunu iżolati kontra temperaturi li jagħmlu ħsara, meta wieħed iqis it-tip ta' xogħol involut u l-attività fiżika tal-ħaddiema."
L.S.424.15	regolament 11(6)	"Min iħaddem għandu jiżgura li t-temperatura fil-postijiet ta' serħan, kmamar għal persunal fuq xogħol, faċilitajiet sanitarji, *canteens*, u kmamar ta' l-ewwel għajnuna, tkun xierqa għall-għan partikolari ta' dawk il-postijiet."	"Il-prinċipal għandu jiżgura li t-temperatura fil-postijiet ta' serħan, kmamar għal persunal fuq xogħol, faċilitajiet sanitarji, canteens, u kmamar tal-ewwel għajnuna, tkun xierqa għall-għan partikolari ta' dawk il-postijiet."
L.S.424.15	regolament 12(1)	"Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex jipprovdi u jżomm f'kull post tax-xogħol dawl adegwat u suffiċjenti li, safejn ikun raġonevolment prattikabbli, ikun b'dawl naturali."	"Il-prinċipal għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jipprovdi u jżomm f'kull post tax-xogħol dawl adegwat u suffiċjenti li, sa fejn ikun raġonevolment prattikabbli, ikun b'dawl naturali."

L.S.424.15	regolament 12(3)	"Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżgura li postijiet tax-xogħol fuq barra jkunu mdawla adegwatament b'dawl artifiċjali waqt li jkun qiegħed isir ix-xogħol jekk id-dawl naturali ma jkunx biżżejjed."	"Il-prinċipal għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżgura li postijiet tax-xogħol fuq barra jkunu mdawla adegwatament b'dawl artifiċjali waqt li jkun qiegħed isir ix-xogħol jekk id-dawl naturali ma jkunx biżżejjed."
L.S.424.15	regolament 12(4)	"Min iħaddem għandu jiżgura li s-sistemi ta' dawl, inklużi bozoz, apparat ta' dawl u *switches* tad-dawl fil-post tax-xogħol, inkluż f'passaġġi, jkunu mqiegħda b'dak il-mod li ma jkun hemm ebda riskju ta' inċident lil xi persuna b'riżultat tat-tip ta' sistemi ta' dawl imqiegħda jew stallati."	"Il-prinċipal għandu jiżgura li s-sistemi ta' dawl, inklużi bozoz, apparat ta' dawl u switches tad-dawl fil-post tax-xogħol, inkluż f'passaġġi, ikunu mqiegħda b'dak il-mod li ma jkun hemm l-ebda riskju ta' inċident lil xi persuna minħabba t-tip ta' sistemi ta' dawl imqiegħda jew installati."
L.S.424.15	regolament 13(1)	"Min iħaddem għandu jieħu l-passi kollha neċessarji biex jiżgura li l-pavimenti, l-iskali, t-taraġ, il-passaġġi, il-*gangways* u r-rotot ta' traffiku kollha jkunu ta' għamla solida u adegwata u fi stat ta' manutenzjoni kif imiss, u għandhom jinżammu ħielsa minn kull xkiel, minn kull difett fis-superfiċi, u minn kull sustanza li tista' ġġiegħel persuni li jizolqu, jitfixklu jew jaqgħu, jew li x'aktarx tista' b'mod ieħor tikkawża inċidenti."	"Il-prinċipal għandu jieħu l-passi kollha neċessarji sabiex jiżgura li l-pavimenti, l-iskali, it-taraġ, il-passaġġi, il-gangways u r-rotot ta' traffiku kollha jkunu ta' għamla solida u adegwata u fi stat ta' manutenzjoni adegwata, u għandhom jinżammu ħielsa minn kull xkiel, minn kull difett fis-superfiċi, u minn kull sustanza li tista' tikkawża persuni li jiżolqu, jitfixklu jew jaqgħu, jew li x'aktarx tista' b'mod ieħor tikkawża inċidenti."
L.S.424.15	regolament 13(4)	"Min iħaddem għandu jipprovdi u jzomm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni poġġamani adegwati u suffiċjenti u, jekk ikun xieraq, ilqugħ f'kull taraġ f'bini jew li huwa ntiż bħala mezz ta' ħruġ mill-bini."	"Il-prinċipal għandu jipprovdi u jżomm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni poġġamani adegwati u suffiċjenti u jekk ikun xieraq, ilqugħ f'kull taraġ f'bini jew li huwa intiż

			bħala mezz ta' ħruġ mill-bini."
L.S.424.15	regolament 13(6)	"Min iħaddem għandu jiżgura li s-soqfa kollha fuq il-post tax-xogħol ikunu ta' kostruzzjoni solida u xierqa, ma jgħaddix ilma minnhom, miżmuma fi stat ta' manutenzjoni kif imiss u ma jitgħabbewx iż-żejjed."	"Prinċipal għandu jiżgura li s-soqfa kollha fuq il-post tax-xogħol ikunu ta' kostruzzjoni solida u xierqa, ma jgħaddix ilma minnhom, ikunu miżmuma fi stat ta' manutenzjoni adegwat u ma jitgħabbewx iżżejjed."
L.S.424.15	regolament 13(7)	"Min iħaddem għandu jwaqqaf l-aċċess għal bjut li jkunu magħmula minn xi materjal ta' saħħa insuffiċjenti jew fejn ikun hemm riskju li s-saqaf jew parti minnu jista' jaqa': Iżda fejn ikun hemm ħtieġa urġenti biex isir dak ix-xogħol, min iħaddem għandu jiżgura li jittieħdu l-miżuri kollha xierqa sabiex ix-xogħlijiet jistgħu jsiru mingħajr periklu u mingħajr riskju għal persuni fuq u taħt is-saqaf."	"Il-prinċipal għandu jwaqqaf l-aċċess għal bjut li jkunu magħmula minn xi materjal ta' saħħa insuffiċjenti jew fejn ikun hemm riskju li s-saqaf jew parti minnu jista' jaqa': Iżda fejn ikun hemm ħtieġa urġenti sabiex isir dak ix-xogħol, il-prinċipal għandu jiżgura li jittieħdu l-miżuri kollha xierqa sabiex ix-xogħlijiet jistgħu jsiru mingħajr periklu u mingħajr riskju għal persuni fuq u taħt is-saqaf."
L.S.424.15	regolament 13(8)	"Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex jiżgura li s-superfiċi ta' pavimenti, ħitan u soqfa fi kmamar ikunu ta' materjal xieraq li jippermetti li jistgħu jitnaddfu u jiġu restawrati"	"Il-prinċipal għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li s-superfiċi ta' pavimenti, ħitan u soqfa fi kmamar ikunu ta' materjal xieraq li jippermetti li jistgħu jitnaddfu u jiġu restawrati"
L.S.424.15	regolament 13(10)	"Min iħaddem għandu jiżgura illi ħitan trasparenti jew li jgħaddi d-dawl minnhom, inklużi ħitan diviżorji li jkunu magħmula għal kollox jew fil-biċċa l-kbira tagħhom minn ħġieġ, li jkunu mqiegħda fi kmamar jew fil-viċinanza ta' postijiet tax-xogħol jew rotot ta' traffiku, ikunu	"Prinċipal għandu jiżgura illi ħitan trasparenti jew li jgħaddi d-dawl minnhom, inklużi ħitan diviżorji li jkunu magħmula għalkollox jew fil-biċċa l-kbira tagħhom minn ħġieġ, li jkunu mqiegħda fi kmamar jew fil-viċinanza ta' postijiet tax-xogħol jew rotot ta' traffiku, ikunu

		indikati b'mod ċar u jkunu magħmula minn materjal mhux perikoluż, u jkunu protetti biex jevitaw li ħaddiema jiġu f'kuntatt mal-ħitan jew jindarbu jekk jitfarrku dawn il-ħitan."	indikati b'mod ċar u jkunu magħmula minn materjal mhux perikoluż, u jkunu protetti sabiex jevitaw li ħaddiema jiġu f'kuntatt mal-ħitan jew jindarbu jekk jitfarrku dawn il-ħitan."
L.S.424.15	regolament 14(1)	"Min iħaddem għandu jieħu l-passi neċessarji biex jiżgura li ebda tieqa, tamboċċ jew ventilatur li jistgħu jinfetħu-"	"Il-prinċipal għandu jieħu l-passi neċessarji sabiex jiżgura li l-ebda tieqa, tamboċċ jew ventilatur li jistgħu jinfetħu:"
L.S.424.15	regolament 14(2)	"Min iħaddem għandu jieħu l-passi neċessarji biex jiżgura li twieqi u tamboċċi wżati fil-post tax-xogħol huma disinjati u manifatturati b'mod li jippermetti li jistgħu jitnaddfu mingħajr riskju għal ħaddiema li jkunu qed jagħmlu dan it-tindif u għal persuni li jkunu preżenti fi jew fil-viċinanzi tal-post tax-xogħol:"	"Il-prinċipal għandu jieħu l-passi neċessarji sabiex jiżgura li twieqi u tamboċċi użati fil-post tax-xogħol huma disinjati u manifatturati b'mod li jippermetti li jistgħu jitnaddfu mingħajr riskju għal ħaddiema li jkunu qed jagħmlu dan it-tindif u għal persuni li jkunu preżenti fi jew fil-viċinanzi tal-post tax-xogħol:"
L.S.424.15	regolament 15(1)	"Min iħaddem għandu jieħu l-passi neċessarji biex jiżgura li jkun hemm mezzi ta' aċċess xierqa u suffiċjenti għal kull post tax-xogħol u li dawn jinżammu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni."	"Il-prinċipal għandu jieħu l-passi neċessarji sabiex jiżgura li jkun hemm mezzi ta' aċċess xierqa u suffiċjenti għal kull post tax-xogħol u li dawn jinżammu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni."
L.S.424.15	regolament 15(2)	"Meta min iħaddem ikun qed jiddeċiedi dwar il-posizzjoni, il-lokazzjoni, l-għadd u l-qisien tal-bibien u xtiebi, kif ukoll dwar il-materjal li jintuża għall-kostruzzjoni tagħhom, huwa għandu jqis ix-xorta u l-użu tal-kmamar jew ta' l-arei fejn dawk il-bibien jew xtiebi jkunu ser jitwaħħlu."	"Meta l-prinċipal ikun qiegħed jiddeċiedi dwar il-pożizzjoni, il-lokazzjoni, l-għadd u l-qisien tal-bibien u xtiebi, kif ukoll dwar il-materjal li jintuża għall-kostruzzjoni tagħhom, huwa għandu jqis ix-xorta u l-użu tal-kmamar jew tal-areas fejn dawk il-bibien jew ix-xtiebi jkunu ser jitwaħħlu."

L.S.424.15	regolament 15(3)	"Min iħaddem għandu jiżgura li:"	"Il-prinċipal għandu jiżgura li:"
L.S.424.15	regolament 15(4)	"Min iħaddem għandu jipprovdi bibien li jintużaw minn *pedestrians* li jkunu fil-viċinanzi immedjati ta' xi xatba li tkun għall-użu ta' traffiku tal-vetturi, sakemm ma jkunx mingħajr periklu għall-*pedestrians* li jgħaddu minn dawn ix-xatbiet, u dawn il-bibien għandhom jiġu mmarkati b'mod ċar u ma jkun hemm ebda xkiel għalihom f'ebda ħin."	"Il-prinċipal għandu jipprovdi bibien li jintużaw minn pedestrians li jkunu fil-viċinanzi immedjati ta' xi xatba li tkun għall-użu ta' traffiku tal-vetturi, sakemm ma jkunx mingħajr periklu għall-pedestrians li jgħaddu minn dawn ix-xatbiet, u dawn il-bibien għandhom jiġu mmarkati b'mod ċar u ma jkun hemm l-ebda xkiel għalihom f'ebda ħin."
L.S.424.15	regolament 15(5)	"Min iħaddem għandu jieħu l-passi neċessarji kollha biex jiżgura li l-bibien u x-xatbiet ikunu ta' kostruzzjoni li ma tikkaġunax periklu."	"Il-prinċipal għandu jieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiżgura li l-bibien u x-xatbiet ikunu ta' kostruzzjoni li ma tikkaġunax periklu."
L.S.424.15	regolament 16(1)	"Min iħaddem għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżgura li rotot ta' traffiku, inklużi rotot ta' traffiku għal postijiet ta' ħruġ ta' emerġenza, kif ukoll xi taraġ, slielem imwaħħlin u postijiet ta' tagħbija u rampi, ikunu pożizzjonati b'mod adatt, u jkunu ta' dak id-daqs biex jiġi żgurat aċċess faċli, mingħajr periklu u kif suppost għall-*pedestrians* u għall-vetturi b'tali mod illi ma jkunux ta' periklu għal ħaddiema li jkunu qed jaħdmu fil-viċinanzi ta' dawn ir-rotot ta' traffiku, jew għal *pedestrians* oħra:"	"Il-prinċipal għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżgura li rotot ta' traffiku, inklużi rotot ta' traffiku għal postijiet ta' ħruġ ta' emerġenza, kif ukoll xi taraġ, slielem imwaħħlin u postijiet ta' tagħbija u rampi, ikunu pożizzjonati b'mod adatt, u jkunu ta' dak id-daqs sabiex jiġi żgurat aċċess faċli, mingħajr periklu u adegwat għall-pedestrians u għall-vetturi b'tali mod illi ma jkunux ta' periklu għal ħaddiema li jkunu qed jaħdmu fil-viċinanzi ta' dawn ir-rotot ta' traffiku, jew għal pedestrians oħra:"
L.S.424.15	regolament 16(3)	"Min iħaddem għandu jieħu l-passi kollha neċessarji biex jiżgura li r-rotot kollha użati minn *pedestrians* u minn traffiku tal-vetturi jew industrijali jkunu identifikati	"Il-prinċipal għandu jieħu l-passi kollha neċessarji sabiex jiżgura li r-rotot kollha użati minn pedestrians u minn traffiku tal-vetturi jew industrijali

		b'mod ċar u mmarkati adegwatament, issir manutenzjoni fuqhom u jkunu mingħajr periklu għall-ħaddiema u għal kull persuna oħra fil-viċinanza ta' dawn ir-rotot ta' traffiku, u li jkunu mingħajr xkiel il-ħin kollu:"	jkunu identifikati b'mod ċar u mmarkati adegwatament, issir manutenzjoni fuqhom u jkunu mingħajr periklu għall-ħaddiema u għal kull persuna oħra fil-viċinanza ta' dawn ir-rotot ta' traffiku, u li jkunu mingħajr xkiel il-ħin kollu:"
L.S.424.15	regolament 16(4)	"Min iħaddem għandu jiżgura li fejn rotot ta' *pedestrians* u ta' vetturi jaqsmu lil xulxin, jiġu provduti postijiet kif imiss biex il-*pedestrians* ikunu jistgħu jaqsmu, u jitqiegħdu sinjali ta' sigurezza kif imiss biex jindikaw fejn ikunu dawk il-postijiet:"	"Il-prinċipal għandu jiżgura li fejn rotot ta' pedestrians u ta' vetturi jaqsmu lil xulxin, jiġu provduti postijiet adegwati sabiex il-pedestrians ikunu jistgħu jaqsmu, u jitqiegħdu sinjali ta' sigurezza adegwata sabiex jindikaw fejn ikunu dawk il-postijiet:"
L.S.424.15	regolament 16(5)	"Min iħaddem għandu jiżgura li jkun hemm biżżejjed distanza bejn rotot ta' traffiku għal vetturi u bibien, xatbiet, passaġġi għall-*pedestrians*, kuriduri u skali, u din id-distanza għandha tinżamm mingħajr xkiel f'kull ħin."	"Il-prinċipal għandu jiżgura li jkun hemm biżżejjed distanza bejn rotot ta' traffiku għal vetturi u bibien, xatbiet, passaġġi għall-pedestrians, kurituri u skali, u din id-distanza għandha tinżamm mingħajr xkiel f'kull ħin."
L.S.424.15	regolament 17(1)	"Min iħaddem għandu jieħu l-passi kollha neċessarji, inkluża l-istallazzjoni ta' apparat kif imiss, biex jevita l-aċċess mhux awtorizzat lil xi persuna f'xi area fejn ikun hemm riskju għas-saħħa u s-sigurtà."	"Il-prinċipal għandu jieħu l-passi kollha neċessarji, inkluża l-istallazzjoni ta' apparat adegwat, sabiex jevita l-aċċess mhux awtorizzat lil xi persuna f'xi area fejn ikun hemm riskju għas-saħħa u s-sigurtà."
L.S.424.15	regolament 17(2)	"Min iħaddem għandu jieħu miżuri kif imiss u suffiċjenti, safejn dan ikun raġonevolment prattikabbli, biex:"	"Il-prinċipal għandu jieħu miżuri adegwati u suffiċjenti, sa fejn dan ikun raġonevolment prattikabbli, sabiex:"
L.S.424.15	regolament 17(3)	"Min iħaddem għandu jiżgura li kull reċipjent fiss, struttura, vaska jew ħofra li t-truf tagħhom ikun ogħla mill-ogħla paviment jew	"Il-prinċipal għandu jiżgura li kull reċipjent fiss, struttura, vaska jew ħofra li t-truf tagħhom ikunu ogħla mill-ogħla paviment jew

		pjattaforma li fuqha persuna tista' toqgħod bil-wieqfa u li persuna tista' taqa' fihom, għandhom, jekk ikun fihom xi likwidu li jismot, li jikkorrodi jew velenuż, jew ikunu mgħottijin sew jew ikollhom irpar tajjeb sa mill-inqas metru 'l fuq minn dak il-paviment jew pjattaforma, jew fejn minħabba fix-xorta ta' xogħol li jsir la jkunu jistgħu jitgħattew sew lanqas ma jkun jista' jsirilhom irpar tajjeb sa dak l-għoli, għandhom jittieħdu dawk il-passi prattiċi kollha sabiex jiġi evitat li persuna tista' taqa' fir-reċipjent, struttura, vaska jew ħofra."	pjattaforma li fuqha persuna tista' toqgħod bilwieqfa u li persuna tista' taqa' fihom, għandhom, jekk ikun fihom xi likwidu li jismot, li jikkorrodi jew velenuż, jew ikunu mgħottijin sew jew ikollhom irpar tajjeb sa mill-inqas metru 'l fuq minn dak il-paviment jew pjattaforma, jew fejn minħabba fix-xorta ta' xogħol li jsir la jkunu jistgħu jitgħattew sew lanqas ma jkun jista' jsirilhom irpar tajjeb sa dak l-għoli, għandhom jittieħdu dawk il-passi prattiċi kollha sabiex jiġi evitat li persuna tista' taqa' fir-reċipjent, struttura, vaska jew ħofra."
L.S.424.15	regolament 19	"Min iħaddem għandu jieħu l-passi kollha neċessarji biex jiżgura li:"	"Il-prinċipal għandu jieħu l-passi kollha neċessarji biex jiżgura li:"
L.S.424.15	regolament 20(1)	"Min iħaddem għandu jiżgura li l-partijiet kollha tal-post tax-xogħol kif ukoll dik il-parti fejn isir ix-xogħol ikunu ta' qisien suffiċjenti u disinn adatt u jkollhom superfiċji, għoli u spazju ta' arja hekk li jippermettu li l-ħaddiema u persuni oħra jaħdmu x-xogħol tagħhom mingħajr periklu għas-sigurtà, s-saħħa jew il-benesseri tagħhom:"	"Il-prinċipal għandu jiżgura li l-partijiet kollha tal-post tax-xogħol kif ukoll dik il-parti fejn isir ix-xogħol ikunu ta' qisien suffiċjenti u disinn adatt u jkollhom superfiċji, għoli u spazju ta' arja hekk li jippermettu li l-ħaddiema u persuni oħra jwettqu x-xogħol tagħhom mingħajr periklu għas-sigurtà, is-saħħa jew il-benesseri tagħhom:"
L.S.424.15	regolament 21(1)	"Min iħaddem għandu jiżgura li l-istazzjonijiet kollha fejn isir ix-xogħol ikunu rranġati b'tali modi li x-xogħol jista' jsir mingħajr periklu u bil-kumditá."	"Il-prinċipal għandu jiżgura li l-istazzjonijiet kollha fejn isir ix-xogħol ikunu rranġati b'tali modi li x-xogħol jista' jsir mingħajr periklu u bil-kumditá."
L.S.424.15	regolament 21(3)	"Min iħaddem għandu jiżgura li l-ebda post fejn isir ix-xogħol ma jkunx sitwat f'area fejn ikun	"Il-prinċipal għandu jiżgura li l-ebda post fejn isir ix-xogħol ma jkun jinsab f'area fejn ikun hemm

		hemm riskju kbir għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema minn oġġetti li jaqgħu jew riskju kbir ta' esplożjoni."	riskju kbir għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema minn oġġetti li jaqgħu jew riskju kbir ta' esplożjoni."
L.S.424.15	regolament 22(1)	"Min iħaddem għandu jipprovdi jew iżomm faċilitajiet xierqa biex wieħed joqgħod bil-qegħda, sabiex dawn jintużaw minn kull ħaddiem li jkun qed iwettaq xogħol li jista' jsir kollu kemm hu jew parti minnu bil-qegħda."	"Il-prinċipal għandu jipprovdi jew iżomm faċilitajiet xierqa sabiex wieħed joqgħod bilqiegħda, sabiex dawn jintużaw minn kull ħaddiem li jkun qiegħed iwettaq xogħol li jista' jsir kollu kemm hu jew parti minnu bilqiegħda."
L.S.424.15	regolament 22(3)	"Min iħaddem għandu jiżgura li jingħata tagħlim xieraq lill-ħaddiem dwar kif jintużaw sew u b'mod adegwat siġġijiet li jistgħu jiġu aġġustati."	"Il-prinċipal għandu jiżgura li jingħata tagħlim xieraq lill-ħaddiem dwar kif jintużaw sew u b'mod adegwat siġġijiet li jistgħu jiġu aġġustati."
L.S.424.15	regolament 23(1)	"Min iħaddem għandu jipprovdi u jżomm f'postjiet xierqa fuq il-post tax-xogħol ħażna adegwata ta' ilma tajjeb għax-xorb u jara li l-konsum ta' dan l-ilma jsir b'mod iġjeniku."	"Il-prinċipal għandu jipprovdi u jżomm f'postijiet xierqa fuq il-post tax-xogħol ħażna adegwata ta' ilma tajjeb għax-xorb u jara li l-konsum ta' dan l-ilma jsir b'mod iġeniku."
L.S.424.15	regolament 24(1)	"Min iħaddem għandu, meta s-saħħa jew is-sigurtà tal-ħaddiema tkun hekk teħtieġ, u wara li jqis it-tip ta' attività u l-għadd ta' ħaddiema li jkunu preżenti f'kull waqt, jipprovdi u jżomm imkejjen xierqa u biżżejjed fejn wieħed jista' jistrieħ u li jkunu faċilment aċċessibbli għall-ħaddiema kollha. Dawn l-imkejjen għandħom:"	"Il-prinċipal għandu, meta s-saħħa jew is-sigurtà tal-ħaddiema tkun hekk teħtieġ, u wara li jqis it-tip ta' attività u l-għadd ta' ħaddiema li jkunu preżenti f'kull waqt, jipprovdi u jżomm imkejjen xierqa u suffiċjenti fejn wieħed jista' jistrieħ u li jkunu faċilment aċċessibbli għall-ħaddiema kollha. Dawn l-imkejjen għandhom:"
L.S.424.15	regolament 24(3)	"Fejn għal xi raġuni kawżata mid-disinn u qisien tal-post tax-xogħol min iħaddem ma jistax jipprovdi l-imkejjen fejn wieħed jista' jistrieħ u jiekol kif imsemmi qabel	"Fejn għal xi raġuni kkawżata mid-disinn u qisien tal-post tax-xogħol il-prinċipal ma jistax jipprovdi l-imkejjen fejn wieħed jista' jistrieħ u

		skond id-disposizzjonijiet tas-subregolament (1), min iħaddem għandu jagħti lill ħaddiema l-opportunità xierqa biex jitilqu mill-post tax-xogħol waqt waqfien mix-xogħol."	jiekol kif imsemmi qabel skont id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), il-prinċipal għandu jagħti lill ħaddiema l-opportunità xierqa sabiex jitilqu mill-post tax-xogħol waqt waqfien mix-xogħol."
L.S.424.15	regolament 24(4)	"F'dawk il-postijiet tax-xogħol fejn m'hemmx provduti kmamar fejn wieħed jista' jistrieħ u fejn il-ħinjiet tax-xogħol huma interrotti regolarment u ta' sikwit, min iħaddem għandu jipprovdi kmamar oħra fejn il-ħaddiema jistgħu joqgħodu waqt dawk l-interruzzjonijiet, jew il-ħaddiema għandhom jingħataw opportunità xierqa biex jitilqu minn fuq il-post tax-xogħol waqt dawn l-interruzzjonijiet, kull meta dan ikun meħtieġ għas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema."	"F'dawk il-postijiet tax-xogħol fejn ma hemmx provduti kmamar fejn wieħed jista' jistrieħ u fejn il-ħinijiet tax-xogħol huma interrotti regolarment u ta' sikwit, il-prinċipal għandu jipprovdi kmamar oħra fejn il-ħaddiema jistgħu joqogħdu waqt dawk l-interruzzjonijiet, jew il-ħaddiema għandhom jingħataw opportunità xierqa sabiex jitilqu minn fuq il-post tax-xogħol waqt dawn l-interruzzjonijiet, kull meta dan ikun meħtieġ għas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema."
L.S.424.15	regolament 24(5)	"Min iħaddem għandu jipprovdi faċilitajiet xierqa fejn wieħed jistrieħ għal nisa tqal u nisa li jreddgħu lit-tarbija tagħhom li jimteddu u jistrieħu f'kondizzjonijiet adatti:"	"Il-prinċipal għandu jipprovdi faċilitajiet xierqa fejn wieħed jistrieħ għal nisa tqal u nisa li jreddgħu lit-tarbija tagħhom li jimteddu u jistrieħu f'kondizzjonijiet adatti:"
L.S.424.15	regolament 25(1)	"Min iħaddem għandu jipprovdi faċilitajiet xierqa biex il-ħaddiema jistgħu jbiddlu, liema faċilitajiet għandhom ikunu ta' daqs biżżejjed u f'postijiet li jkunu aċċessibbli faċilment għall-ħaddiema jekk dawn ikollhom jilbsu ħwejjeġ tax-xogħol speċjali, u fejn minħabba f'raġunijiet ta' saħħa jew deċenza, wieħed ma jistennihomx li jbiddlu	"Il-prinċipal għandu jipprovdi faċilitajiet xierqa sabiex il-ħaddiema jistgħu jbiddlu, liema faċilitajiet għandhom ikunu ta' daqs suffiċjenti u f'postijiet li jkunu aċċessibbli faċilment għall-ħaddiema jekk dawn ikollhom jilbsu ħwejjeġ tax-xogħol speċjali, u fejn minħabba f'raġunijiet ta' saħħa jew deċenza, wieħed ma jistennihomx li jbiddlu

		f'xi kamra oħra. B'mod partikolari, għandhom jiġu pprovduti faċilitajiet xierqa:"	f'xi kamra oħra. B'mod partikolari, għandhom jiġu pprovduti faċilitajiet xierqa:"
L.S.424.15	regolament 26(1)	"Min iħaddem għandu jipprovdi u jżomm imkejjen xierqa u biżżejjed fejn wieħed jista' jinħasel, f'postijiet li jkunu aċċessibbli faċilment."	"Il-prinċipal għandu jipprovdi u jżomm imkejjen xierqa u suffiċjenti fejn wieħed jista' jinħasel, f'postijiet li jkunu aċċessibbli faċilment."
L.S.424.15	regolament 26(3)	"Doċoċ u sinkijiet separati għandhom ikunu provduti minn min iħaddem, jew għandhom isiru arranġamenti biex jintużaw separatament, minn nisa w irġiel meta dan huwa meħteġ għal raġunijiet ta' deċenza."	"Doċoċ u sinkijiet separati għandhom ikunu provduti mill-prinċipal, jew għandhom isiru arranġamenti sabiex jintużaw separatament, minn nisa u rġiel meta dan huwa meħtieġ għal raġunijiet ta' deċenza."
L.S.424.15	regolament 27(3)	"Jekk għal xi raġuni li ġejja mid-disinn jew qisien tal-post tax-xogħol, min iħaddem ma jistax jipprovdi l-faċilitajiet fuq imsemmija skond id-disposizzjonijiet tas-subregolament (1), huwa għandu jagħti opportunità adegwata lill-ħaddiema biex jitilqu mill-post tax-xogħol waqt ħinjiet ta' waqfien mix-xogħol."	"Jekk għal xi raġuni li ġejja mid-disinn jew qisien tal-post tax-xogħol, il-prinċipal ma jistax jipprovdi l-faċilitajiet fuq imsemmija skont id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), huwa għandu jagħti opportunità adegwata lill-ħaddiema sabiex jitilqu mill-post tax-xogħol waqt ħinijiet ta' waqfien mix-xogħol."
L.S.424.15	regolament 27(4)	"Min iħaddem għandu jipprovdi mkejjen separati sanitarji għan-nisa u għall-irġiel: Iżda fejn għal xi raġuni li ġejja mid-disinn u mill-qisien tal-post tax-xogħol min iħaddem ma jistax jipprovdi faċilitajiet separati, huwa għandu jiżgura li kull persuna li tuża dawn il-faċilitajiet tkun	"Il-prinċipal għandu jipprovdi mkejjen separati sanitarji għan-nisa u għall-irġiel: Iżda fejn għal xi raġuni li ġejja mid-disinn u mill-qisien tal-post tax-xogħol il-prinċipal ma jistax jipprovdi faċilitajiet separati, huwa għandu jiżgura li kull persuna li tuża dawn il-faċilitajiet

		tista’ tagħmel hekk b’mod privat."	tkun tista’ tagħmel dan b’mod privat."
L.S.424.15	regolament 28(1)	"Min iħaddem għandu jidentifika dawk l-imkejjen fejn it-tipjip jista’ jikkawża riskju ta’ nar jew esplożjoni, u għandu jiżgura li ma jsirx ebda tipjip f’dawk l-imkejjen."	"Il-prinċipal għandu jidentifika dawk l-imkejjen fejn it-tipjip jista’ jikkawża riskju ta’ nar jew esplożjoni, u għandu jiżgura li ma jsir l-ebda tipjip f’dawk l-imkejjen."
L.S.424.15	regolament 28(2)	"Min iħaddem għandu jidentifika mkejjen, li huma separati fiżikament minn postijiet oħra fejn it-tipjip huwa permess, fejn mhux permess li jsir tipjip, biex jiġi protett min ma jpejjipx mill-inkonvenjent kawżat mit-tipjip."	"Il-prinċipal għandu jidentifika mkejjen, li huma separati fiżikament minn postijiet oħra fejn it-tipjip huwa permess, fejn mhux permess li jsir tipjip, sabiex jiġi protett min ma jpejjipx mill-inkonvenjent ikkawżat mit-tipjip."
L.S.424.15	regolament 28(3)	"Min iħaddem għandu jwaħħal sinjali xierqa li juru li t-tipjip huwa projbit f’dawk il-postijiet fejn it-tipjip mhux permess."	"Prinċipal għandu jwaħħal sinjali xierqa li juru li t-tipjip huwa projbit f’dawk il-postijiet fejn it-tipjip mhux permess."
L.S.424.15	regolament 30(1)	"Min iħaddem għandu jiżgura li l-post tax-xogħol ikun organizzat u rranġat b’tali mod li jqis il-ħtiġiet ta’ saħħa u sigurtà ta’ ħaddiema b’diżabilità, skond ma jkun meħtieġ."	"Il-prinċipal għandu jiżgura li l-post tax-xogħol ikun organizzat u rranġat b’tali mod li jqis ir-rekwiżiti ta’ saħħa u sigurtà ta’ ħaddiema b’diżabilità, skont ma jkun meħtieġ."
L.S.424.15	regolament 30(3)	"Min iħaddem għandu jiżgura li l-apparat tax-xogħol assenjat għall-użu ta’ persuna b’diżabilità, jew it-tip ta’ xogħol innifsu, ikunu tali li l-persuna b’diżabilità ma tkunx esposta għal riskji addizzjonali kontra s-saħħa u s-sigurtà tagħha minħabba f’dik id-diżabilità."	"Il-prinċipal għandu jiżgura li l-apparat tax-xogħol assenjat għall-użu ta’ persuna b’diżabilità, jew it-tip ta’ xogħol innifsu, ikunu tali li l-persuna b’diżabilità ma tkunx esposta għal riskji addizzjonali kontra s-saħħa u s-sigurtà tagħha minħabba f’dik id-diżabilità."

L.S.424.15	regolament 31(1)	"Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri kollha, safejn dan ikun raġonevolment prattikabbli, biex jiżgura li l-ħaddiema li jkunu qed jaħdmu fuq barra jkunu jistgħu jitilqu bl-għaġġla minn fuq il-post tax-xogħol jew jiġu mgħejjuna minnufih f'każ ta' periklu jew tingħata lilhom l-ewwel għajnuna minnufih, meta dan ikun meħtieġ."	"Il-prinċipal għandu jieħu l-miżuri kollha, sa fejn dan ikun raġonevolment prattikabbli, sabiex jiżgura li l-ħaddiema li jkunu qed jaħdmu fuq barra jkunu jistgħu jitilqu bl-għaġġla minn fuq il-post tax-xogħol jew jiġu megħjuna minnufih f'każ ta' periklu jew tingħata lilhom l-ewwel għajnuna minnufih, meta dan ikun meħtieġ."
L.S.424.15	Regolament 31(2)	Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri kollha, safejn dan ikun raġonevolment prattikabbli, biex jiżgura li meta l-ħaddiema ikunu qed jaħdmu fuq barra, dawn il-ħaddiema jkunu protetti minn: Iżda min iħaddem għandu l-ewwel jieħu l-miżuri kollha, sakemm dawn ikunu raġonevolment prattikabbli, sabiex jiżgura li l-ħaddiema ma jkunux esposti għal dawk ir-riskji."	"Il-prinċipal għandu jieħu l-miżuri kollha, sa fejn dan ikun raġonevolment prattikabbli, sabiex jiżgura li meta l-ħaddiema ikunu qed jaħdmu fuq barra, dawn il-ħaddiema jkunu protetti minn: Iżda l-prinċipal għandu l-ewwel jieħu l-miżuri kollha, sakemm dawn ikunu raġonevolment prattikabbli, sabiex jiżgura li l-ħaddiema ma jkunux esposti għal dawk ir-riskji."
L.S.424.15	regolament 31(3)	"Ikun id-dmir ta' min iħaddem biex jiżgura li l-postijiet tax-xogħol li jkunu fuq barra jkunu adegwatment mdawwla b'dawl artifiċjali jekk id-dawl tax-xemx ma jkunx biżżejjed."	"Ikun id-dmir tal-ħaddiem sabiex jiżgura li l-postijiet tax-xogħol li jkunu fuq barra jkunu adegwatament imdawla b'dawl artifiċjali jekk id-dawl tax-xemx ma jkunx biżżejjed."
L.S.424.15	l-ewwel sentenza tal-Ewwel Skeda	"L-anqas numru ta' lokijiet sanitarji u postijiet fejn wieħed jista' jinħasel li għandhom ikunu provduti minn min iħaddem"	"L-anqas numru ta' lokijiet sanitarji u postijiet fejn wieħed jista' jinħasel li għandhom ikunu provduti mill-prinċipal"
Regolamenti dwar it-Twaħħil ta' Sinjali tas-Saħħa u, jew tas-Sigurtà fuq Il-Post	regolament 3(3)	"Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għal sinjali wżati biex jirregolaw l-ivvjaġġar fit-triq, fuq il-baħar jew bl-ajru:	"Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għal sinjali użati sabiex jirregolaw l-ivvjaġġar fit-triq, fuq il-baħar jew bl-ajru:

tax-Xogħol. L.S.424.16		Iżda fejn fuq post tax-xogħol ikun hemm riskju għas-saħħa jew għas-sigurtà ta' persuna, li tinkludi *pedestrian*, li jiġi mill-preżenza ta', jew mill-moviment ta' traffiku, min iħaddem għandu jwaħħal is-sinjali tas-saħħa u, jew tas-sigurtà xierqa: Iżda wkoll, u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Iskeda V, is-sinjali li jintużaw għat-toroq, ferroviji, kanali interni, u għat-traspot bil-baħar u bl-ajru, għandhom ikunu stallati, fejn ikun hekk adatt għal dawk it-tipi ta' trasport, ġewwa l-impriżi u, jew id-ditti."	Iżda fejn fuq post tax-xogħol ikun hemm riskju għas-saħħa jew għas-sigurtà ta' persuna, li tinkludi pedestrian, li jiġi mill-preżenza ta', jew mill-moviment ta' traffiku, prinċipal għandu jwaħħal is-sinjali tas-saħħa u, jew tas-sigurtà xierqa: Iżda wkoll, u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Iskeda V, is-sinjali li jintużaw għat-toroq, ferroviji, kanali interni, u għat-trasport bil-baħar u bl-ajru, għandhom ikunu stallati, fejn ikun hekk adatt għal dawk it-tipi ta' trasport, ġewwa l-impriżi u, jew id-ditti."
L.S.424.16	regolament 4(1)	"Min iħaddem għandu jipprovdi u jiżgura li jkun hemm taħt il-kontroll tiegħu fil-ħinijiet kollha sinjali ta' saħħa u, jew ta' sigurtà kif imiss u xierqa, u f'dawk il-każijiet kollha fejn il-periklu ma jistax jiġi evitat jew adegwatament imnaqqas b'teknikalitajiet għall-ħarsien kollettiv jew b'miżuri, metodi jew proċeduri li jintużaw fl-organizzazzjoni tax-xogħol, jew fejn ir-riskji li jirriżultaw minn dawn il-perikli ma jistgħux jiġu mnaqqsa adegwatament ħlief permezz ta' twaħħil ta' sinjali xierqa: Iżda, mingħajr ħsara għall-ġeneralità ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, it-twaħħil minn min iħaddem ta' sinjali ta' saħħa u, jew ta' sigurtà ma jeżonerawx lil min iħaddem milli jagħmel eżami xieraq u kif imiss tar-	"Il-prinċipal għandu jipprovdi u jiżgura li jkun hemm taħt il-kontroll tiegħu fil-ħinijiet kollha sinjali ta' saħħa u, jew ta' sigurtà adegwati u xierqa, u f'dawk il-każijiet kollha fejn il-periklu ma jistax jiġi evitat jew adegwatament imnaqqas b'teknikalitajiet għall-ħarsien kollettiv jew b'miżuri, metodi jew proċeduri li jintużaw fl-organizzazzjoni tax-xogħol, jew fejn ir-riskji li jirriżultaw minn dawn il-perikli ma jistgħux jiġu mnaqqsa adegwatament ħlief permezz ta' twaħħil ta' sinjali xierqa: Iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, it-twaħħil minn prinċipal ta' sinjali ta' saħħa u, jew ta' sigurtà ma jeżonerawx lil prinċipal milli jagħmel eżami xieraq u adegwat tar-

		riskji involuti, liema eżami jieħu in konsiderazzjoni x-xorta ta' l-attivitajiet li jitmexxew, jew milli jaddotta l-miżuri xierqa biex jipproteġi lil persuni kollettivament, jew milli jieħu miżuri preventivi li jkun hemm bżonn, jew xi metodu ieħor jew proċedura oħra wżati fl-organizzazzjoni tax-xogħol li bihom jiġu evitati jew imnaqqsa adegwatament ir-riskji li jirriżultaw mill-preżenza ta' perikli fuq il-post tax-xogħol."	riskji involuti, liema eżami jieħu inkonsiderazzjoni x-xorta tal-attivitajiet li jitmexxew, jew milli jaddotta l-miżuri xierqa sabiex jipproteġi lil persuni kollettivament, jew milli jieħu miżuri preventivi li jkun hemm bżonn, jew xi metodu ieħor jew proċedura oħra użati fl-organizzazzjoni tax-xogħol li bihom jiġu evitati jew imnaqqsa adegwatament ir-riskji li jirriżultaw mill-preżenza ta' perikli fuq il-post tax-xogħol."
L.S.424.16	regolament 4(2)	"Min iħaddem għandu jżomm kif imiss kull sinjal ta' saħħa u, jew ta' sigurtà istallat fil-post tax-xogħol, u għandu jissostitwixxi kull sinjal li jkun imqatta', ma jintgħarafx jew li ma jkunx jista' jinqara."	"Il-prinċipal għandu jżomm b'mod adegwat kull sinjal ta' saħħa u, jew ta' sigurtà istallat fil-post tax-xogħol, u għandu jissostitwixxi kull sinjal li jkun imqatta', ma jintgħarafx jew li ma jkunx jista' jinqara."
L.S.424.16	regolament 4(3)	"Min iħaddem għandu jiżgura li l-ħaddiema kollha jkunu informati, mgħallma u mħarrġa adegwatament, b'mod li jkun rilevanti u jista' jinftiehem faċilment, dwar it-tifsir ta' sinjali ta' saħħa u, jew ta' sigurtà, inklużi dawk is-sinjali li jkun fihom xi kliem, u dwar l-aġir b'mod ġenerali u speċifiku u dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu f'konnessjoni ma' dawk is-sinjali."	"Il-prinċipal għandu jiżgura li l-ħaddiema kollha jkunu informati, mgħallma u mħarrġa adegwatament, b'mod li jkun rilevanti u jista' jinftiehem faċilment, dwar it-tifsir ta' sinjali ta' saħħa u, jew ta' sigurtà, inklużi dawk is-sinjali li jkun fihom xi kliem, u dwar l-aġir b'mod ġenerali u speċifiku u dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu b'konnessjoni ma' tali sinjali."
L.S.424.16	regolament 4(4)	"Min iħaddem għandu jikkonsulta lill-ħaddiema u, jew lir-rappreżentanti tagħhom għas-saħħa u s-sigurtà, li għandhom ukoll jingħataw kull opportunità raġonevoli biex jagħmlu l-proposti tagħhom u jipparteċipaw	"Il-prinċipal għandu jikkonsulta lill-ħaddiema u, jew lir-rappreżentanti tagħhom għas-saħħa u s-sigurtà, li għandhom ukoll jingħataw kull opportunità raġonevoli sabiex jagħmlu l-proposti tagħhom u jipparteċipaw

		f'diskussjonijiet dwar suġġetti li jirrigwardaw l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti."	f'diskussjonijiet dwar suġġetti li jirrigwardaw l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti."
Regolamenti dwar il-Protezzjoni kontra Riskji ta' Korriment tad-Dahar fil-Postijiet tax-Xogħol L.S. 424.17	regolament 2(2)	"Ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti ma għandha żżomm lill-Awtorità milli toħroġ xi ordni lil min iħaddem jew lil xi impjegat f'xi post tax-xogħol jekk fl-opinjoni ta' uffiċjal ta' l-Awtorità jkun hemm riskju ta' korriment waqt xi operazzjoni li tkun tinvolvi t-tqandil manwali ta' xi tagħbija."	"L-ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti ma għandha żżomm lill-Awtorità milli toħroġ xi ordni lil prinċipal jew lil xi impjegat f'xi post tax-xogħol jekk fl-opinjoni ta' uffiċjal tal-Awtorità jkun hemm riskju ta' korriment waqt xi operazzjoni li tkun tinvolvi t-tqandil manwali ta' xi tagħbija."
L.S. 424.17	regolament 4(1)	"Għandu jkun id-dmir ġenerali ta' min iħaddem li jieħu miżuri ta' organizzazzjoni adatti, jew li jipprovdi l-mezzi adatti, partikolarment tagħmir mekkaniku, sabiex jiġi evitat il-bżonn ta' tqandil manwali tat-tagħbija mill-ħaddiema kull meta jeżisti riskju ta' korriment, inkluż korriment tad-dahar, bħala riżultat ta' ħidmiet bħal dawk."	"Għandu jkun id-dmir ġenerali tal-prinċipal li jieħu l-miżuri ta' organizzazzjoni adatti, jew li jipprovdi l-mezzi adatti, partikolarment tagħmir mekkaniku, sabiex jiġi evitat il-bżonn ta' tqandil manwali tat-tagħbija mill-ħaddiema kull meta jeżisti riskju ta' korriment, inkluż korriment tad-dahar, bħala riżultat ta' tali ħidmiet."
L.S. 424.17	regolament 4(2)	"Fejn il-bżonn ta' tqandil manwali tat-tagħbija mill-ħaddiema ma jkunx jista' jiġi evitat, min iħaddem għandu jieħu l-miżuri ta' organizzazzjoni adatti, juża l-mezzi adatti jew jipprovdi lill-ħaddiema b'dawk il-mezzi sabiex jitnaqqas ir-riskju involut fit-tqandil manwali ta' tagħbijiet bħal dawk, u filwaqt li jagħmel dan, għandu jagħti każ sew ta' dak li hemm fl-Iskeda I: Iżda fejn il-bżonn ta' tqandil manwali tat-tagħbija mill-	"Fejn il-bżonn ta' tqandil manwali tat-tagħbija mill-ħaddiema ma jkunx jista' jiġi evitat, il-prinċipal għandu jieħu l-miżuri ta' organizzazzjoni adatti, juża l-mezzi adatti jew jipprovdi lill-ħaddiema b'dawk il-mezzi sabiex jitnaqqas ir-riskju involut fit-tqandil manwali ta' tali tagħbijiet, u filwaqt li jagħmel dan, u dan b'qies xieraq għal dak li hemm fl-Iskeda I: Iżda fejn il-bżonn ta' tqandil manwali tat-tagħbija

		ħaddiema ma jkunx jista' jiġi evitat, min iħaddem għandu jorganizza stazzjonijiet tax-xogħol b'tali mod li dak it-tqandil kemm jista' jkun isir mingħajr periklu, u għandu, partikolarment -"	mill-ħaddiema ma jkunx jista' jiġi evitat, il-prinċipal għandu jorganizza stazzjonijiet tax-xogħol b'tali mod li dak it-tqandil kemm jista' jkun isir mingħajr periklu u għandu, partikolarment -"
L.S. 424.17	regolament 4(2)(b)	"jieħu miżuri adatti sabiex jiġi evitat jew imnaqqas ir-riskju, partikolarment dak ta' korriment tad-dahar tal-ħaddiema, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi ta' l-ambjent tax-xogħol u l-ħtiġiet ta' l-attività, u filwaqt li jagħmel dan, min iħaddem għandu jkun immexxi skond ma hemm fl-Iskeda I."	"jieħu miżuri adatti sabiex jiġi evitat jew imnaqqas ir-riskju, partikolarment dak ta' korriment tad-dahar tal-ħaddiema, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi tal-ambjent tax-xogħol u l-ħtiġijet tal-attività, u filwaqt li jagħmel dan, il-prinċipal għandu jkun iggwidat mill-Iskeda I."
L.S. 424.17	regolament 4(3)	"Fejn min iħaddem jassenja lil xi ħaddiem xogħol li jkun jinvolvi xi tqandil manwali, u filwaqt li jkun qed iwettaq l-evalwazzjoni tar-riskji meħtieġa, min iħaddern għandu jikkunsidra x-xorta ta' l-attività u l-kapaċitajiet tal-ħaddiem fejn jidħlu s-saħħa u s-sigurtà, kif ukoll is-saħħa medika tal-ħaddiem biex jagħmel ix-xogħol assenjat: Iżda filwaqt li jkun qed jagħmel dan, min iħaddem għandu jikkunsidra kull fattur ta' riskju individwali u rilevanti, skond ma hemm elenkat b'mod mhux għal kollox eżawrit fl-Iskeda II."	"Fejn il-prinċipal jassenja lil xi ħaddiem xogħol li jkun jinvolvi xi tqandil manwali, u filwaqt li jkun qed iwettaq l-evalwazzjoni tar-riskji meħtieġa, prinċipal għandu jikkunsidra x-xorta tal-attività u l-kapaċitajiet tal-ħaddiem fejn jidħlu s-saħħa u s-sigurtà, kif ukoll is-saħħa medika tal-ħaddiem biex jagħmel ix-xogħol assenjat: Iżda filwaqt li jkun qed jagħmel dan, il-prinċipal għandu jikkunsidra kull fattur ta' riskju individwali u rilevanti, skont ma hemm elenkat b'mod mhux għalkollox eżawrjenti fl-Iskeda II."

L.S. 424.17	regolament 4(4)	"Meta jkun qed jassenja xogħol li jkun jinvolvi lil xi ħaddiem fit-tqandil manwali, min iħaddem għandu jagħmel kull arranġament meħtieġ biex tiġi sorveljata s-saħħa tal-ħaddiem kif imiss għar-riskji ta' saħħa u s-sigurtà involuti waqt ix-xogħol ta' tqandil manwali assenjat, u filwaqt li jkun qed jagħmel dan, għandu jikkunsidra kull fattur ta' riskju individwali u rilevanti, skond ma hemm elenkat b'mod mhux għalkollox eżawrit fl-Iskeda II: Iżda min iħaddem għandu jħalli l-possibilità lill-ħaddiem, jekk il-ħaddiem ikun hekk irid, li saħtu tiġi sorveljata f'intervalli regolari."	"Meta jkun qed jassenja xogħol li jkun jinvolvi lil xi ħaddiem fit-tqandil manwali, il-prinċipal għandu jagħmel kull arranġament meħtieġ sabiex tiġi sorveljata s-saħħa tal-ħaddiem b'mod adegwat għar-riskji ta' saħħa u s-sigurtà involuti waqt ix-xogħol ta' tqandil manwali assenjat, u filwaqt li jkun qed jagħmel dan, għandu jikkunsidra kull fattur ta' riskju individwali u rilevanti, skont ma hemm elenkat b'mod mhux għalkollox eżawrjenti fl-Iskeda II: Iżda l-prinċipal għandu jħalli l-possibilità lill-ħaddiem, jekk il-ħaddiem ikun hekk irid, li saħħtu tiġi sorveljata f'intervalli regolari."
L.S. 424.17	regolament 4(5)	"Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri u l-prekawzjonijiet kollha biex jipproteġi gruppi partikolarment sensittivi għar-riskju jew li huma vulnerabbli kontra l-perikli li jaffettwawhom b'mod speċifiku, u filwaqt li jagħmel dan, għandu jikkunsidra kull fattur ta' riskju individwali u rilevanti, skond ma hemm elenkat b'mod mhux għal kollox eżawrit fl-Iskeda II."	"Il-prinċipal għandu jieħu l-miżuri u l-prekawzjonijiet kollha sabiex jipproteġi gruppi partikolarment sensittivi għar-riskju jew li huma vulnerabbli kontra l-perikli li jaffettwawhom b'mod speċifiku, u filwaqt li jagħmel dan, għandu jikkunsidra kull fattur ta' riskju individwali u rilevanti, skont ma hemm elenkat b'mod mhux għalkollox eżawrjenti fl-Iskeda II."
L.S. 424.17	regolament 5(2)	"Min iħaddem għandu jiżgura li l-ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tagħhom jirżievu indikazzjonijiet ġenerali u, fejn ikun	"Il-prinċipal għandu jiżgura li l-ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tagħhom jirċievu indikazzjonijiet ġenerali u, fejn ikun

		possibbli, informazzjoni preċiża dwar:"	possibbli, informazzjoni preċiża dwar:"
L.S. 424.17	regolament 5(3)	"Iktar mill-ħtiġiet ta' taħriġ stabbiliti bis-saħħa ta'regolamenti oħra maħruġa taħt l-Att, min iħaddem għandu jiżgura li l-ħaddiema jirċievu wkoll taħriġ u tagħrif kif imiss dwar kif iqandlu t-tagħbijiet kif suppost u r-riskji li jkunu esposti għalihom partikolarment jekk dan ix-xogħol ma jsirx kif suppost, waqt li jiġu kkunsidrati l-Iskedi I u II."	"Minbarra r-rekwiżiti ta' taħriġ stabbiliti bis-saħħa ta' regolamenti oħra maħruġa taħt l-Att, il-prinċipal għandu jiżgura li l-ħaddiema jirċievu wkoll taħriġ u tagħrif adegwat dwar kif iqandlu t-tagħbijiet kif suppost u r-riskji li jkunu esposti għalihom partikolarment jekk dan ix-xogħol ma jsirx kif suppost, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-Iskedi I u II."
Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. S.L. 424.18	regolament 3(1)	""ħaddiem temporanju" tinkludi kwalunkwe ħaddiem taħt kuntratt ta' impjieg ta' terminu fiss u, jew kull ħaddiem li għandu relazzjoni ta' impjieg temporanja ma' min iħaddem inkluż:"	""ħaddiem temporanju" tinkludi kwalunkwe ħaddiem taħt kuntratt ta' impjieg ta' terminu fiss u, jew kull ħaddiem li għandu relazzjoni ta' impjieg temporanja ma' prinċipal inkluż:"
S.L. 424.18	regolament 3(1)(a)	"ħaddiem li jkollu relazzjoni ta' impjieg regolata b'kuntratt ta' impjieg ta' terminu fiss konkluż direttament bejn min iħaddem u l-ħaddiem, fejn it-tmiem ta' kuntratt ikun stabbilit b'kondizzjonijiet oġġettivi inkluż l-ilħuq ta' data speċifika, it-tlestija ta' biċċa xogħol speċifika jew l-okkorrenza ta' każ speċifiku;"	"ħaddiem li jkollu relazzjoni ta' impjieg regolata b'kuntratt ta' impjieg ta' terminu fiss konkluż direttament bejn prinċipal u l-ħaddiem, fejn it-tmiem ta' kuntratt ikun stabbilit b'kondizzjonijiet oġġettivi inkluż l-ilħuq ta' data speċifika, it-tlestija ta' biċċa xogħol speċifika jew l-okkorrenza ta' każ speċifiku;"
S.L. 424.18	regolament 3(1)(b)	"ħaddiem li jkollu relazzjoni ta' impjieg temporanja ma' min iħaddem li jkollu impriża ta' impjieg temporanju, u fejn il-ħaddiem ikun assenjat xogħol taħt jew għall-	"ħaddiem li jkollu relazzjoni ta' impjieg temporanja ma' prinċipal li jkollu impriża ta' impjieg temporanju, u fejn il-ħaddiem ikun assenjat xogħol taħt jew għall-

		impriża u, jew stabbiliment li jagħmel użu mis-servizzi tiegħu;"	impriża u, jew stabbiliment li jagħmel użu mis-servizzi tiegħu;"
S.L. 424.18	nota marġinali fir-regolament 4	"Dmirijiet ġenerali ta' min iħaddem."	"Dmirijiet ġenerali tal-prinċipal."
S.L. 424.18	regolament 4(1)	"Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema f'kull żmien u f'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol."	"Għandu jkun id-dmir tal-prinċipal li jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema f'kull waqt u f'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol."
S.L. 424.18	regolament 4(2)	"Min iħaddem għandu jagħmel dawk l-arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoraġġ u reviżjoni tal-miżuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet u d-daqs ta' l-impriża."	"Prinċipal għandu jagħmel dawk l-arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoraġġ u reviżjoni tal-miżuri preventivi u protettivi, filwaqt li jikkunsidra n-natura tal-attivitajiet u d-daqs tal-impriża."
S.L. 424.18	regolament 4(3)	"Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri neċessarji għas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u għal dan il-għan għandu jippreveni riskji fuq il-post tax-xogħol u jipprovdi informazzjoni u taħriġ kif meħtieġ: Iżda għal dawn l-għanijiet, min iħaddem għandu jipprovdi l-organizazzjoni u l-mezzi neċessarji li bihom jiżgura l-grad ta' standards ta' saħħa u sigurtà meħtieġa fuq il-post tax-xogħol: Iżda wkoll, bl-għan li jitjiebu s-sitwazzjonijiet eżistenti, min iħaddem	"Prinċipal għandu jieħu l-miżuri neċessarji għas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u għal dan il-għan għandu jipprevjeni riskji fuq il-post tax-xogħol u jipprovdi informazzjoni u taħriġ kif meħtieġ: Iżda għal dawn l-għanijiet, il-prinċipal għandu jipprovdi l-organizzazzjoni u l-mezzi neċessarji li bihom jiżgura l-grad ta' standards ta' saħħa u sigurtà meħtieġa fuq il-post tax-xogħol: Iżda wkoll, bl-għan li jitjiebu s-sitwazzjonijiet

		għandu jkun attent għall-bżonn ta' aġġustament jew emenda ta' dawk il-miżuri meħuda biex jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema waqt li jikkunsidra ċ-ċirkostanzi li jinbidlu."	eżistenti, il-prinċipal għandu jkun attent għall-bżonn ta' aġġustament jew emenda ta' dawk il-miżuri meħuda sabiex jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema filwaqt li jikkunsidra ċ-ċirkostanzi li jinbidlu."
S.L. 424.18	regolament 5	"Mingħajr ħsara għall-ġeneralità tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, min iħaddem għandu, wara li jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet ta' l-impriża u, jew ta' l-istabbiliment - "	"Mingħajr ħsara għall-ġeneralità tad-dispożizzjonijiet ta'dawn ir-regolamenti, il-prinċipal għandu, wara li jikkunsidra n-natura tal-attivitajiet tal-impriża u, jew tal-istabbiliment - "
S.L. 424.18	nota marġinali fir-regolament 6	"Valutazzjoni minn min iħaddem."	"Valutazzjoni mill-prinċipal."
S.L. 424.18	regolament 6(1)	"Mingħajr ħsara għall-ġeneralità ta' dan kollu, min iħaddem għandu jevalwa r-riskji għas-saħħa u s-sigurtà, fost l-oħrajn fl-għala tat-tagħmir tax-xogħol, is-sustanzi kimiċi u l-preparazzjonijiet kimiċi użati, il-prassi u l-attivitajiet tax-xogħol, u l-għażla u t-tagħmir tal-postijiet tax-xogħol, kif ukoll il-kapaċitajiet tal-ħaddiema sabiex iwettqu x-xogħol assenjat lilhom mingħajr perikli."	"Mingħajr ħsara għall-ġeneralità ta' dan kollu, prinċipal għandu jevalwa r-riskji għas-saħħa u s-sigurtà, fost l-oħrajn fl-għamla tat-tagħmir tax-xogħol, is-sustanzi kimiċi u l-preparazzjonijiet kimiċi użati, il-prassi u l-attivitajiet tax-xogħol, u l-għażla u t-tagħmir tal-postijiet tax-xogħol, kif ukoll il-kapaċitajiet tal-ħaddiema sabiex iwettqu x-xogħol assenjat lilhom mingħajr perikli."
S.L. 424.18	regolament 6(2)	"Wara l-evalwazzjoni msemmija fl-aħħar subregolament, u kif neċessarju, min iħaddem għandu jieħu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jippreveni riskji għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u għandu	"Wara l-evalwazzjoni msemmija fl-aħħar subregolament, u kif neċessarju, prinċipal għandu jieħu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jipprevjeni riskji għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u għandu

		jikkontrolla dawk il-fatturi li jistgħu jagħtu lok għal inċidenti jew li joħolqu riskju għas-saħħa u, jew sigurtà fuq il-post tax-xogħol inkluż fejn neċessarju billi jbiddel metodi tax-xogħol u tal-produzzjoni, sabiex jiġi żgurat titjib fil-livell ta' protezzjoni mogħtija lill-ħaddiema fejn jidħlu saħħa u sigurtà: Iżda dawn il-miżuri għandhom ikunu integrati fl-attivitajiet kollha u fil-livelli ġerarkiċi kollha fi ħdan l-impriża u, jew l-istabbiliment."	jikkontrolla dawk il-fatturi li jistgħu jagħtu lok għal inċidenti jew li joħolqu riskju għas-saħħa u, jew sigurtà fuq il-post tax-xogħol inkluż fejn neċessarju billi jbiddel metodi tax-xogħol u tal-produzzjoni, sabiex jiġi żgurat titjib fil-livell ta' protezzjoni mogħtija lill-ħaddiema fejn jidħlu s-saħħa u s-sigurtà: Iżda dawn il-miżuri għandhom ikunu integrati fl-attivitajiet kollha u fil-livelli ġerarkiċi kollha fi ħdan l-impriża u, jew l-istabbiliment."
S.L. 424.18	regolament 6(3)	"Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jiżgura li l-ippjanar u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda jkunu s-suġġett ta' konsultazzjoni mal-ħaddiema u, jew mar-rappreżentanti tagħhom, fejn jidħlu l-konsegwenzi tal-għażla tat-tagħmir, il-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-ambjent tax-xogħol għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema."	"Għandu jkun id-dmir tal-prinċipal li jiżgura li l-ippjanar u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda jkunu s-suġġett ta' konsultazzjoni mal-ħaddiema u, jew mar-rappreżentanti tagħhom, fejn jidħlu l-konsegwenzi tal-għażla tat-tagħmir, il-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-ambjent tax-xogħol għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema."
S.L. 424.18	regolament 6(4)	"Min iħaddem għandu jieħu l-passi xierqa sabiex jiżgura li jkunu biss dawk il-ħaddiema li jkunu rċevew taħriġ adegwat u xieraq li jkollhom aċċess għal postijiet fejn ikun hemm periklu serju u speċifiku"	"Prinċipal għandu jieħu l-passi xierqa sabiex jiżgura li jkunu biss dawk il-ħaddiema li jkunu rċevew it-taħriġ adegwat u xieraq li jkollhom aċċess għal postijiet fejn ikun hemm periklu serju u speċifiku"
S.L. 424.18	regolament 7	"Mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, fejn dawk li jħaddmu, kuntratturi jew persuni li jaħdmu għal rashom jaqsmu l-post tax-xogħol, min iħaddem, il-kuntratturi u l-persuni li	Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, fejn il-prinċipali, kuntratturi jew persuni li jaħdmu għal rashom jaqsmu l-post tax-xogħol, il-prinċipal, il-kuntratturi u l-persuni li

		jaħdmu għal rashom għandhom jikkoperaw fl-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet dwar is-saħħa, is-sigurtà u l-iġjene, u waqt li jikkunsidraw in-natura ta' l-attivitajiet, għandhom jikordinaw l-azzjonijiet tagħhom f'materji li jirrigwardaw miżuri protettivi u preventivi, u għandhom jinfurmaw lil xulxin u lill-ħaddiema rispettivi tagħhom u, jew lir-rappreżentanti tagħhom b'dawn ir-riskji."	jaħdmu għal rashom għandhom jikkooperaw fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar is-saħħa, is-sigurtà u l-iġjene, u filwaqt li jikkunsidraw in-natura tal-attivitajiet, għandhom jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom f'materji li jirrigwardaw miżuri protettivi u preventivi, u għandhom jinfurmaw lil xulxin u lill-ħaddiema rispettivi tagħhom u, jew lir-rappreżentanti tagħhom b'dawn ir-riskji."
S.L. 424.18	regolament 8	"Min iħaddem m'għandux jimponi jew jippermetti li jiġi impost fuq xi ħaddiem, xi ħlas jew tnaqqis fil-pagi fejn tidħol xi ħaġa magħmula fl-interessi tas-saħħa, is-sigurtà u l-iġjene jew assistenza fuq il-post tax-xogħol skond xi disposizzjonijiet ta'dawn ir-regolamenti, jew ta' xi regolamenti oħrajn maħruġa taħt l-Att, jew fejn tidħol xi miżura li għandha x'taqsam mas-saħħa, is-sigurtà, l-iġjene jew l-assistenza fuq il-post tax-xogħol."	"Prinċipal ma għandux jimponi jew jippermetti li jiġi impost fuq xi ħaddiem, xi ħlas jew tnaqqis fil-pagi fir-rigward ta' kwalunkwe ħaġa magħmula fl-interessi tas-saħħa, is-sigurtà u l-iġjene jew assistenza fuq il-post tax-xogħol skont xi dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jew ta' xi regolamenti oħrajn maħruġa taħt l-Att, jew fir-rigward ta' kwalunkwe miżura li għandha x'taqsam mas-saħħa, is-sigurtà, l-iġjene jew l-assistenza fuq il-post tax-xogħol."
S.L. 424.18	regolament 9(1)	"F'kull post tax-xogħol, min iħaddem għandu jagħżel persuna waħda jew aktar li jkollha l-ħeġġa, kapaċitajiet, kompetenza u taħriġ neċessarju sabiex tassistieh fit-teħid ta' miżuri meħtieġa fejn tidħol il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-prevenzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' fuq ix-xogħol: Iżda fejn iktar minn persuna waħda tkun magħżula, jew	"F'kull post tax-xogħol, prinċipal għandu jagħżel persuna waħda jew aktar li jkollha l-ħeġġa, kapaċitajiet, kompetenza u taħriġ neċessarju sabiex tassistih fit-teħid ta' miżuri meħtieġa fejn tidħol il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-prevenzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' fuq ix-xogħol:

		fejn ikunu mqabbda servizzi esterni, min iħaddem għandu jagħmel arranġamenti sabiex jiżgura koperazzjoni adegwata bejniethom."	Iżda fejn tiġi magħżula aktar minn persuna waħda, jew fejn ikunu mqabbda servizzi esterni, prinċipal għandu jagħmel arranġamenti sabiex jiżgura kooperazzjoni adegwata bejniethom. "
S.L. 424.18	regolament 9(3)	"Jekk, għal xi raġuni, il-miżuri protettivi u preventivi meħtieġa minn dawn ir-regolamenti ma jistgħux jiġu organizzati minħabba f'nuqqas ta' persunal kompetenti fl-impriża u, jew l-istabbiliment, min iħaddem għandu jqabbad servizzi jew persuni esterni li jkollhom il-ħajra u l-mezzi personali u professjonali neċessarji."	"Jekk, għal xi raġuni, il-miżuri protettivi u preventivi meħtieġa minn dawn ir-regolamenti ma jistgħux jiġu organizzati minħabba f'nuqqas ta' persunal kompetenti fl-impriża u, jew l-istabbiliment, il-prinċipal għandu jqabbad servizzi jew persuni esterni li jkollhom il-ħajra u l-mezzi personali u professjonali neċessarji."
S.L. 424.18	regolament 9(4)	"Fejn min iħaddem iqabbad servizzi jew persuni esterni, min iħaddem għandu jinfurmhom bil-fatturi magħrufa jew suspettati li jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà ta' kull persuna mit-tmexxija ta' l-impriża."	"Fejn prinċipal iqabbad servizzi jew persuni esterni, prinċipal għandu jinfurmahom bil-fatturi magħrufa jew suspettati li jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà ta' kull persuna mit-tmexxija tal-impriża."
S.L. 424.18	regolament 9(5)	"Fejn min iħaddem iqabbad servizzi jew persuni esterni, min iħaddem għandu jipprovdilhom, u jizgura l-aċċess għal, kull informazzjoni li tkun neċessarja sabiex tippermettilhom li jwettqu x-xogħol tagħhom, inkluża informazzjoni li għandha tingħata lill-ħaddiema permezz ta' dawn ir-regolamenti."	"Fejn prinċipal iqabbad servizzi jew persuni esterni, huwa għandu jipprovdilhom u jiżgura l-aċċess għal kwalunkwe informazzjoni li tkun neċessarja sabiex tippermettilhom li jwettqu x-xogħol tagħhom, inkluża informazzjoni li għandha tingħata lill-ħaddiema permezz ta' dawn ir-regolamenti."

Verżjoni Elettronika

S.L. 424.18	regolament 9(6)	"Fl-għażla tal-ħaddiema jew servizzi esterni li għandhom ikunu kkonsultati, inklużi n-numri meħtieġa kif ukoll il-livell ta' taħriġ u kompetenza professjonali, min iħaddem għandu wkoll jikkunsidra d-daqs ta' l-impriża u, jew l-istabbiliment, in-numru ta' persuni preżenti f'kull ħin, il-perikli li għalihom il-ħaddiema huma esposti u d-distribuzzjoni tagħhom fl-impriża u, jew l-istabbiliment, u fil-każ ta' ħaddiema magħżula mill-istabbiliment, għandu jiżgura li l-ħin u l-mezzi għad-disposizzjoni tagħhom sabiex jaqdu l-funzjonijiet tagħhom huma adegwati."	"Fl-għażla tal-ħaddiema jew servizzi esterni li għandhom ikunu kkonsultati, inklużi n-numri meħtieġa kif ukoll il-livell ta' taħriġ u kompetenza professjonali, prinċipal għandu wkoll jikkunsidra d-daqs tal-impriża u, jew l-istabbiliment, in-numru ta' persuni preżenti f'kull waqt, il-perikli li għalihom il-ħaddiema huma esposti u d-distribuzzjoni tagħhom fl-impriża u, jew l-istabbiliment, u fil-każ ta' ħaddiema magħżula mill-istabbiliment, għandu jiżgura li l-ħin u l-mezzi għad-dispożizzjoni tagħhom sabiex jaqdu l-funzjonijiet tagħhom huma adegwati."
S.L. 424.18	regolament 9(7)	"Fejn ikunu maħtura kemm ħaddiema magħżula u kemm servizzi esterni, min iħaddem għandu jara li jkun hemm kordinazzjoni ta' l-attivitajiet li għandhom jitwettqu, u li dawn jaħdmu flimkien kull meta jkun neċessarju."	"Fejn ikunu maħtura kemm ħaddiema magħżula u kemm servizzi esterni, prinċipal għandu jara li jkun hemm koordinazzjoni tal-attivitajiet li għandhom jitwettqu u li dawn jaħdmu flimkien kull meta jkun neċessarju."
S.L. 424.18	regolament 9(8)	"Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jiżgura li l-ħaddiema jew is-servizzi magħżula jkunu infurmati bl-assenjazzjoni tax-xogħol lil ħaddierna temporanji sa fejn ikun neċessarju għall-ħaddiema magħżula sabiex iwettqu l-attivitajiet ta' protezzjoni u prevenzjoni tagħhom b'mod adegwat għall-ħaddiema kollha fl-impriża u, jew l-istabbiliment."	"Għandu jkun id-dmir tal-prinċipal li jiżgura li l-ħaddiema jew is-servizzi magħżula jkunu informati bl-assenjazzjoni tax-xogħol lil ħaddiema temporanji inkwantu dan ikun neċessarju għall-ħaddiema magħżula sabiex iwettqu l-attivitajiet ta' protezzjoni u prevenzjoni tagħhom b'mod adegwat għall-ħaddiema kollha fl-impriża u, jew l-istabbiliment."

S.L. 424.18	regolament 10(1)	"Għandu jkun id-dmir ta' kull min iħaddem u ta' kull persuna li taħdem għal rasha li tagħmel, jew li tiżgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li jistgħu ikunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha ta' l-attività tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u ta' persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, kif ukoll ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà ta' persuni oħrajn, inklużi dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija ta' l-impriża: Iżda meta jsiru dawn l-evalwazzjonijiet, min iħaddem u persuna li taħdem għal rasha għandhom jikkunsidraw ukoll bidliet fl-attivitajiet tax-xogħol imwettaq u fil-post tax-xogħol, u għandhom jieħdu azzjoni xierqa."	"Għandu jkun id-dmir ta' kull prinċipal u ta' kull persuna li taħdem għal rasha li tagħmel, jew li tiżgura li ssir evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli kollha għas-saħħa u s-sigurtà li jistgħu jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attività tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u ta' persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, kif ukoll ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà ta' persuni oħrajn, inklużi dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew inkonnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriża: Iżda meta jsiru dawn l-evalwazzjonijiet, prinċipal u persuna li taħdem għal rasha għandhom jikkunsidraw ukoll bidliet fl-attivitajiet tax-xogħol imwettaq fil-post tax-xogħol, u għandhom jieħdu azzjoni xierqa."
S.L. 424.18	regolament 10(2)	"Fejn ikunu impjegati ħames ħaddiema jew aktar, min iħaddem għandu jżomm fil-pussess tiegħu kopji bil-miktub jew li jistgħu jinkisbu b'mod elettroniku ta' dawn l-evalwazzjonijiet, u għandu jiżgura li jkunu aġġornati regolarment."	"Fejn ikunu impjegati ħames ħaddiema jew aktar, prinċipal għandu jżomm fil-pussess tiegħu kopji bil-miktub jew li jistgħu jinkisbu b'mod elettroniku ta' dawn l-evalwazzjonijiet, u għandu jiżgura li jkunu aġġornati regolarment."

S.L. 424.18	regolament 10(3)	"Min iħaddem u persuna li taħdem għal rasha għandhom jiddeċiedu dwar il-miżuri protettivi xierqa għan-natura tax-xogħol imwettaq li jeħtieġ li jittieħdu wara evalwazzjonijiet bħal dawn u, jekk ikun neċessarju, dwar it-tagħmir protettiv li għandu jintuża."	"Prinċipal u persuna li taħdem għal rasha għandhom jiddeċiedu dwar il-miżuri protettivi xierqa għan-natura tax-xogħol imwettaq li jeħtieġ li jittieħdu wara tali evalwazzjonijiet u, jekk ikun neċessarju, dwar it-tagħmir protettiv li għandu jintuża."
S.L. 424.18	regolament 10(4)	"L-evalwazzjonijiet imsemmija f'dan ir-regolament għandhom jiġu riveduti kull meta jkun hemm bidla kbira fil-kondizzjonijiet tax-xogħol, jew kull meta min iħaddem jew persuna li taħdem għal rasha jkollhom raġuni sabiex jissuspettaw li dawn m'għadhomx validi."	"L-evalwazzjonijiet imsemmija f'dan ir-regolament għandhom jiġu riveduti kull meta jkun hemm bidla sinifikanti fil-kondizzjonijiet tax-xogħol, jew kull meta prinċipal jew persuna li taħdem għal rasha jkollhom raġuni sabiex jissuspettaw li dawn ma għadhomx validi."
S.L. 424.18	regolament 11(1)	"Min iħaddem għandu jwaqqaf u jagħti effett lill-proċeduri xierqa li għandhom jiġu segwiti fil-każ ta' periklu serju u imminenti, u għal dan il-għan għandhom jinnominaw numru biżżejjed ta' persuni kompetenti sabiex jimplimentaw dawk il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti meta ċ-ċirkostanzi jew is-sitwazzjoni jkunu jirrikjedu l-evakwazzjoni ta' persuni mill-post tax-xogħol."	"Prinċipal għandu jwaqqaf u jagħti effett lill-proċeduri xierqa li għandhom jiġu segwiti fil-każ ta' periklu serju u imminenti, u għal dan il-għan għandhom jinnominaw numru biżżejjed ta' persuni kompetenti sabiex jimplimentaw dawk il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti meta ċ-ċirkostanzi jew is-sitwazzjoni jkunu jirrikjedu l-evakwazzjoni ta' persuni mill-post tax-xogħol."
S.L. 424.18	regolament 11(2)	"Min iħaddem għandu:"	"Prinċipal għandu:"

S.L. 424.18	regolament 11(3)	"Min iħaddem m'għandu jieħu l-ebda azzjoni, dixxiplinari jew ta' xorta oħra, kontra ħaddiem li neħħa lilu nnifsu minn sitwazzjoni ta' xogħol fejn il-ħaddiem ikollu ġustifikazzjoni raġonevoli li kienet tikkawża periklu serju u imminenti għal ħajtu jew saħħtu, jew kontra rappreżentant tal-ħaddiema li jinforma lil xi ħaddiem b'sitwazzjoni ta' xogħol li tkun qed tikkaġuna periklu imminenti u serju għall-ħajja jew għas-saħħa."	"Prinċipal ma għandu jieħu l-ebda azzjoni dixxiplinari jew ta' xorta oħra, kontra ħaddiem li neħħa lilu nnifsu minn sitwazzjoni ta' xogħol fejn il-ħaddiem ikollu ġustifikazzjoni raġonevoli li kienet tikkawża periklu serju u imminenti għal ħajtu jew saħħtu, jew kontra rappreżentant tal-ħaddiema li jinforma lil xi ħaddiem b'sitwazzjoni ta' xogħol li tkun qed tikkaġuna periklu imminenti u serju għall-ħajja jew għas-saħħa."
S.L. 424.18	regolament 11(4)	"Min iħaddem għandu jiżgura li l-ħaddiema kollha jkunu jistgħu, f'każ ta' periklu serju u imminenti għas-saħħa u s-sigurtà tagħhom u, jew ta' persuni oħra, u meta s-superjur immedjat responsabbli ma jkunx jista' jkun ikkuntatjat, biex jieħdu dawk il-passi xierqa, fid-dawl ta' dak li jafu u l-mezzi tekniċi disponnibli għalihom, biex jevitaw il-konsegwenzi ta' tali periklu. L-azzjonijiet taghhom ma jpoġġuhomx fi żvantaġġ, sakemm ma jkunux aġixxew b'traskuraġni jew jekk kien hemm xi negliġenza da parti tagħhom."	"Prinċipal għandu jiżgura li l-ħaddiema kollha jkunu jistgħu, f'każ ta' periklu serju u imminenti għas-saħħa u s-sigurtà tagħhom u, jew ta' persuni oħra, u meta s-superjur immedjat responsabbli ma jkunx jista' jiġi kkuntattjat, jieħdu dawk il-passi xierqa, fid-dawl ta' dak li jafu u l-mezzi tekniċi disponibbli għalihom, sabiex jevitaw il-konsegwenzi ta' tali periklu. L-azzjonijiet tagħhom ma jpoġġuhomx fi żvantaġġ, sakemm ma jkunux aġixxew bi traskuraġni jew jekk kien hemm xi negliġenza min-naħa tagħhom."
S.L. 424.18	regolament 12(1)	"Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jagħti informazzjoni li tinftiehem u relevanti lill-ħaddiema u lir-rappreżentanti tagħhom dwar:"	"Għandu jkun id-dmir ta' prinċipal li jagħti informazzjoni li tinftiehem u relevanti lill-ħaddiema u lir-rappreżentanti tagħhom dwar:"

S.L. 424.18	regolament 12(1)(a)	"ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà li huma magħrufa minn min iħaddem jew li ġew identifikati minn xi evalwazzjoni tar-riskju mwettqa minn, jew għal min iħaddem, u li huwa magħruf li huma preżenti fil-post tax-xogħol in ġenerali, kif ukoll fejn jidħol kull stazzjon tax-xogħol individwali, u fejn jidħol xi tip ta' xogħol jew attività ta' xogħol assenjata;"	"ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà li huma magħrufa mill-prinċipal jew li ġew identifikati minn xi evalwazzjoni tar-riskju mwettqa minn, jew għal prinċipal, u li huwa magħruf li huma preżenti fil-post tax-xogħol inġenerali, kif ukoll fejn jidħol kull stazzjon tax-xogħol individwali, u fejn jidħol xi tip ta' xogħol jew attività ta' xogħol assenjata;"
S.L. 424.18	proviso għar-regolament 12(1)	"Iżda, fejn ikun adatt, min iħaddem għandu jipprovdi tabelli bl-informazzjoni li għandhom jitpoġġew f'postijiet xierqa li jindikaw il-proċeduri u l-arranġamenti magħmula fuqhom, inklużi l-ismijiet tal-persuna jew persuni responsabbli, il-post tagħhom fl-istabbiliment u kif dawn jistgħu jiġu kkuntattjati bl-aħjar mod meta jkun hemm il-bżonn."	"Iżda, fejn ikun adatt, prinċipal għandu jipprovdi tabelli bl-informazzjoni li għandhom jitpoġġew f'postijiet xierqa li jindikaw il-proċeduri u l-arranġamenti magħmula fuqhom, inklużi l-ismijiet tal-persuna jew persuni responsabbli, il-post tagħhom fl-istabbiliment u kif dawn jistgħu jiġu kkuntattjati bl-aħjar mod meta jkun hemm il-bżonn."
S.L. 424.18	regolament 12(2)	"Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri xierqa sabiex min iħaddem impjegati barra l-impriża u, jew l-istabbiliment imqabbda biex jagħmlu xogħol fl-impriża u, jew fl-istabbiliment ta' min iħaddem, jirċievu informazzjoni adegwata dwar materji li jistgħu jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u din l-informazzjoni għandha tingħata lill-ħaddiema in kwistjoni."	"Prinċipal għandu jieħu l-miżuri xierqa sabiex impjegati barra l-impriża u, jew l-istabbiliment imqabbda biex jagħmlu xogħol fl-impriża u, jew fl-istabbiliment ta' prinċipal, jirċievu informazzjoni adegwata dwar materji li jistgħu jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u din l-informazzjoni għandha tingħata lill-ħaddiema inkwistjoni."

S.L. 424.18	regolament 12(3)	"Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri xierqa sabiex ħaddiema b'funzjonijiet speċifiċi li jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, jew ir-rappreżentanti tal-ħaddiema b'responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema għandhom jitħallew jaqdu l-funzjonijiet tagħhom, u partikolarment għandu jkollhom aċċess għal - "	"Prinċipal għandu jieħu l-miżuri xierqa sabiex ħaddiema b'funzjonijiet speċifiċi li jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, jew ir-rappreżentanti tal-ħaddiema b'responsabilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema għandhom jitħallew jaqdu l-funzjonijiet tagħhom, u partikolarment għandu jkollhom aċċess għal -"
S.L. 424.18	regolament 12(3)(b)	"l-informazzjoni kollha fejn jidħlu s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol mogħtija lil min iħaddem minn aġenziji barranin kuntrattati minnu dwar kull aspett li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll minn uffiċjal."	"l-informazzjoni kollha fejn jidħlu s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol mogħtija lil prinċipal minn aġenziji barranin kuntrattati minnu dwar kull aspett li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll minn uffiċjal."
S.L. 424.18	regolament 13(1)	"Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jikkonsulta mal-ħaddiema fil-post tiegħu u, jew ir-rappreżentanti għas-saħha u s-sigurtà tal-ħaddiema, bil-quddiem u bil-quddiem biżżejjed, bl-iskop li jagħmel u jżomm arranġamenti li jippermettu lil min iħaddem u lill-ħaddiema li jikkoperaw b'mod sħiħ u effettiv fil-promozzjoni u l-iżvilupp ta' miżuri preventivi u protettivi li bihom jiġu żgurati s-saħħa, is-sigurtà u l-assistenza fuq ix-xogħol, u li jaċċertaw l-effettività ta' dawn il-miżuri."	"Għandu jkun id-dmir tal-prinċipal li jikkonsulta mal-ħaddiema fil-post tiegħu u, jew ir-rappreżentanti għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, bil-quddiem u bil-quddiem biżżejjed, bl-iskop li jagħmel u jżomm arranġamenti li jippermettu lil prinċipal u lill-ħaddiema li jikkoperaw b'mod sħiħ u effettiv fil-promozzjoni u l-iżvilupp ta' miżuri preventivi u protettivi li bihom jiġu żgurati s-saħħa, is-sigurtà u l-assistenza fuq ix-xogħol, u li jaċċertaw l-effettività ta' dawn il-miżuri."

S.L. 424.18	regolament 13(2)	"Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subregolament preċedenti, il-ħaddiema għandhom jagħżlu minn fosthom rappreżentant jew rappreżentanti skond il-każ, minn hawn ’il quddiem imsejjħin ir-rappreżentanti tal-ħaddiema, sabiex jirrappreżentawhom fil-konsultazzjonijiet skond dan ir-regolament ma’ min iħaddimhom: Iżda jekk wara konsultazzjoni xierqa bejn min iħaddem u l-impjegati tiegħu in-numru ta’ ħaddiema ma jitqiesx biżżejjed sabiex jippermetti l-ħatra ta’ rappreżentant, min iħaddem għandu jikkonsulta ma’, u jippermetti l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema kollha f’materji msemmija fis-subregolament (5)."	"Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subregolament preċedenti, il-ħaddiema għandhom jagħżlu minn fosthom rappreżentant jew rappreżentanti skont il-każ, minn hawn ’il quddiem imsejħin ir-rappreżentanti tal-ħaddiema, sabiex jirrappreżentawhom fil-konsultazzjonijiet skont dan ir-regolament mal-prinċipal: Iżda jekk wara konsultazzjoni xierqa bejn il-prinċipal u l-impjegati tiegħu in-numru ta’ ħaddiema ma jitqiesx biżżejjed sabiex jippermetti l-ħatra ta’ rappreżentant, il-prinċipal għandu jikkonsulta ma’, u jippermetti l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema kollha f’materji msemmija fis-subregolament (5)."
S.L. 424.18	regolament 13(3)	"Fejn f’post tax-xogħol il-ħaddiema jonqsu għal kwalunkwe raġuni milli jagħżlu minn fosthom persuna sabiex tirrappreżenta l-interessi tagħhom f’materji li jikkonċernaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, min iħaddem għandu jaħtar persuna jew numru ta’ persuni sabiex jaġixxu bħala r-rappreżentanti tal-ħaddiema għas-saħħa u s-sigurtà, u li għandu jkollhom ukoll id-dritt li jaġixxu f’isem il-ħaddiema wara konsultazzjoni xierqa."	"Fejn f’post tax-xogħol il-ħaddiema jonqsu għal kwalunkwe raġuni milli jagħżlu minn fosthom persuna sabiex tirrappreżenta l-interessi tagħhom f’materji li jikkonċernaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-prinċipal għandu jaħtar persuna jew numru ta’ persuni sabiex jaġixxu bħala r-rappreżentanti tal-ħaddiema għas-saħħa u s-sigurtà, u li għandu jkollhom ukoll id-dritt li jaġixxu f’isem il-ħaddiema wara konsultazzjoni xierqa."

S.L. 424.18	regolament 13(5)	"Il-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom għandu jkollhom id-dritt li jagħmlu osservazzjonijiet lil min iħaddimhom u li jressqulu proposti dwar kull aspett li jista' jaffettwa s-saħħa, is-sigurtà u l-assistenza fuq ix-xogħol, iżda mhux limitat għal – (a) miżuri li jistgħu jaffettwaw sostanzjalment is-saħħa u s-sigurtà; (b) l-għażla ta' ħaddiema b'funzjonijiet speċifiċi għall-ewwel għajnuna, tifi tan-nar u evakwazzjoni tal-ħaddiema fil-każ ta' periklu serju u imminenti, u dwar il-metodu tas-selezzjoni tar-rappreżentanti tal-ħaddiema; (ċ) dawk l-evalwazzjonijiet tar-riskju li jeħtieġ li jitwettqu minn min iħaddem u r-riżultati tagħhom, il-miżuri preventivi u protettivi li jeħtieġ jittieħdu; (d) inċidenti fuq il-post tax-xogħol, korrimenti u każijiet ta' ħsara għas-saħħa fuq il-post tax-xogħol li jiġru fil-post tax-xogħol ta' min iħaddem; (e) l-ingaġġar, fejn u meta xieraq, ta' dawk is-servizzi jew ta' persuni kompetenti barra l-impriża u, jew l-istabbiliment, kif imsemmi fir-regolament 9(3); (f) l-informazzjoni kollha li jeħtieġ tingħata lill-ħaddiema permezz ta' dawn ir-regolamenti u ta' kwalunkwe regolamenti oħrajn maħruġa taħt l-Att;	"Il-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom għandu jkollhom id-dritt li jagħmlu osservazzjonijiet lil prinċipal u li jressqulu proposti dwar kull aspett li jista' jaffettwa s-saħħa, is-sigurtà u l-assistenza fuq ix-xogħol, iżda mhux limitatament għal – (a) miżuri li jistgħu jaffettwaw sostanzjalment is-saħħa u s-sigurtà; (b) l-għażla ta' ħaddiema b'funzjonijiet speċifiċi għall-ewwel għajnuna, tifi tan-nar u evakwazzjoni tal-ħaddiema fil-każ ta' periklu serju u imminenti, u dwar il-metodu tas-selezzjoni tar-rappreżentanti tal-ħaddiema; (ċ) dawk l-evalwazzjonijiet tar-riskju li jeħtieġ li jitwettqu mill-prinċipal u r-riżultati tagħhom, il-miżuri preventivi u protettivi li jeħtieġ jittieħdu; (d) inċidenti fuq il-post tax-xogħol, korrimenti u każijiet ta' ħsara għas-saħħa fuq il-post tax-xogħol li jiġru fil-post tax-xogħol tal-prinċipal; (e) l-ingaġġar, fejn u meta xieraq, ta' dawk is-servizzi jew ta' persuni kompetenti barra l-impriża u, jew l-istabbiliment, kif imsemmi fir-regolament 9(3); (f) l-informazzjoni kollha li jeħtieġ tingħata lill-ħaddiema permezz ta' dawn ir-regolamenti u ta' kwalunkwe regolamenti oħrajn maħruġa taħt l-Att;

		(g) l-ippjanar u l-organizzazzjoni tat-taħriġ meħtieġ li jingħata lill-ħaddiema permezz ta' dawn ir-regolamenti u ta' kwalunkwe regolamenti oħrajn maħruġa taħt l-Att."	(g) l-ippjanar u l-organizzazzjoni tat-taħriġ meħtieġ li jingħata lill-ħaddiema permezz ta' dawn ir-regolamenti u ta' kwalunkwe regolamenti oħrajn maħruġa taħt l-Att."
S.L. 424.18	regolament 13(6)	"Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema għandu jkollhom id-dritt li jsaqsu lil min iħaddem sabiex jieħu miżuri xierqa u li jissottomettulu proposti għal dak il-għan sabiex jitnaqqsu l-perikli għall-ħaddiema u, jew biex jitneħħew is-sorsi ta' periklu."	"Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema għandu jkollhom id-dritt li jistaqsu lill-prinċipal sabiex jieħu miżuri xierqa u li jissottomettulu proposti għal dak il-għan sabiex jitnaqqsu l-perikli għall-ħaddiema u, jew sabiex jitneħħew is-sorsi ta' periklu."
S.L. 424.18	regolament 13(8)	"Min iħaddem għandu jħalli lir-rappreżentanti tal-ħaddiema b'responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, ħin liberu mix-xogħol, mingħajr telf ta' ħlas, u jipprovdihom bil-mezzi neċessarji li jippermettu lil dawn ir-rappreżentanti li jeżerċitaw id-drittijiet u l-funzjonijiet tagħhom li joħorġu minn dawn ir-regolamenti"	"Il-prinċipal għandu jħalli lir-rappreżentanti tal-ħaddiema li jkollhom responsabilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, ħin liberu mix-xogħol, mingħajr telf ta' ħlas, u jipprovdihom il-mezzi neċessarji li jippermettu lil dawn ir-rappreżentanti li jeżerċitaw id-drittijiet u l-funzjonijiet tagħhom li joħorġu minn dawn ir-regolamenti"
S.L. 424.18	regolament 13(9)	"Il-ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tagħhom huma intitolati li jagħmlu osservazzjonijiet lill-Awtorità jekk huma jikkunsidraw li l-miżuri meħuda u l-mezzi wżati minn min iħaddem huma inadegwati għall-iskopijiet tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol."	"Il-ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tagħhom huma intitolati li jagħmlu osservazzjonijiet lill-Awtorità jekk huma jikkunsidraw li l-miżuri meħuda u l-mezzi wżati mill-prinċipal huma inadegwati għall-iskopijiet tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol."

S.L. 424.18	regolament 14(1)	"Min iħaddem għandu jiżgura li kull ħaddiem jirċievi taħriġ adegwat fuq is-saħħa u s-sigurtà, partikolarment fil-forma ta' informazzjoni u istruzzjonijiet speċifiċi għall-istazzjon tax-xogħolu għax-xogħol assenjat: (a) fil-mument ta' l-ingaġġ; (b) fil-każ ta' trasferiment jew bidla fit-tip ta' xogħol; (ċ) fil-każ ta' introduzzjoni ta' tagħmir tax-xogħol ġdid jew bidla fit-tagħmir; (d) ma' l-introduzzjoni ta' xi teknoloġija ġdida; (e) ma' l-introduzzjoni ta' prassi tax-xogħol ġdida."	"Il-prinċipal għandu jiżgura li kull ħaddiem jirċievi taħriġ adegwat fuq is-saħħa u s-sigurtà, partikolarment fil-forma ta' informazzjoni u istruzzjonijiet speċifiċi għall-istazzjon tax-xogħol u għax-xogħol assenjat: (a) fil-mument tal-ingaġġ; (b) fil-każ ta' trasferiment jew bidla fit-tip ta' xogħol; (ċ) fil-każ ta' introduzzjoni ta' tagħmir tax-xogħol ġdid jew bidla fit-tagħmir; (d) mal-introduzzjoni ta' xi teknoloġija ġdida; (e) mal-introduzzjoni ta' prassi tax-xogħol ġdida."
S.L. 424.18	regolament 14(3)	"Min iħaddem għandu jiżgura li ħaddiema minn impriżi u, jew stabbilimenti barranin li jwettqu xogħol fl-impriża u, jew l-istabbiliment tiegħu jkunu fil-fatt irċevew istruzzjonijiet xierqa li għandhom x'jaqsmu mar-riskji għas-saħħa u s-sigurtà waqt l-attivitajiet tagħhom fl-impriża u, jew l-istabbiliment tiegħu."	"Il-prinċipal għandu jiżgura li ħaddiema minn impriżi u, jew stabbilimenti barranin li jwettqu xogħol fl-impriża u, jew l-istabbiliment tiegħu jkunu fil-fatt irċevew istruzzjonijiet xierqa li għandhom x'jaqsmu mar-riskji għas-saħħa u s-sigurtà waqt l-attivitajiet tagħhom fl-impriża u, jew l-istabbiliment tiegħu."
S.L. 424.18	regolament 14(5)	"Taħriġ li jkun ikkummissjonat minn min iħaddem u mogħti lill-ħaddiema jew lir-rappreżentanti tal-ħaddiema permezz ta' dawn ir-regolamenti għandu jitħallas mill-imsemmi min iħaddem."	"Taħriġ li jkun ikkummissjonat mill-prinċipal u mogħti lill-ħaddiema jew lir-rappreżentanti tal-ħaddiema permezz ta' dawn ir-regolamenti għandu jitħallas mill-imsemmi prinċipal."

S.L. 424.18	regolament 15(2)(d)	"jinforma immedjatament lil min iħaddem u, jew lill-ħaddiema bir-responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema b'xi sitwazzjoni tax-xogħol li jkollu raġunijiet jikkunsidra li tippreżenta periklu serju u imminenti għas-saħħa u s-sigurtà u b'xi nuqqasijiet fl-arranġamenti ta' protezzjoni;"	"jinforma immedjatament lill prinċipal u, jew lill-ħaddiema bir-responsabilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema b'xi sitwazzjoni tax-xogħol li jkollu raġunijiet jikkunsidra li tippreżenta periklu serju u imminenti għas-saħħa u s-sigurtà u b'xi nuqqasijiet fl-arranġamenti ta' protezzjoni;"
S.L. 424.18	regolament 15(2)(e)	"jikkopera ma' min iħaddem u ma' ħaddiema bir-responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, għat-tul ta' żmien neċessarju sabiex jitlesta x-xogħol jew ħtiġijiet imposti mill-Awtorità sabiex jiġu protetti s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq ix-xogħol;"	"jikkoopera mal-prinċipal u ma' ħaddiema bir-responsabilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, għat-tul ta' żmien neċessarju sabiex jitlesta x-xogħol jew ir-rekwiżiti imposti mill-Awtorità sabiex jiġu protetti s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq ix-xogħol;"
S.L. 424.18	regolament 15(2)(f)	"jikkopera ma' min iħaddem u, jew ma' ħaddiema bir-responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, għat-tul ta' żmien neċessarju sabiex min iħaddem jiżgura li l-ambjent tax-xogħol u l-kondizzjonijiet tax-xogħol ikunu mingħajr periklu u lima jpoġġu l-ebda riskju għas-saħħa u s-sigurtà fil-qasam ta' l-attività tagħhom."	"jikkoopera mal-prinċipal u, jew ma' ħaddiema bir-responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, għat-tul ta' żmien neċessarju sabiex il-prinċipal jiżgura li l-ambjent tax-xogħol u l-kondizzjonijiet tax-xogħol ikunu mingħajr periklu u li ma jirrappreżentaw l-ebda riskju għas-saħħa u s-sigurtà fil-qasam tal-attività tagħhom."
S.L. 424.18	regolament 16(1)	"Il-ħaddiem huwa intitolat li jkollu sorveljanza tas-saħħa kull tant żmien, u għal dan il-għan min iħaddem għandu jiżgura li l-ħaddiema jkunu provduti b'sorveljanza tas-saħħa skond il-perikli tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, u għandu jagħmel l-	"Il-ħaddiem huwa intitolat li jkollu sorveljanza tas-saħħa kull tant żmien, u għal dan il-għan il-prinċipal għandu jiżgura li l-ħaddiema jkunu provduti b'sorveljanza tas-saħħa skont il-perikli tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, u għandu jagħmel l-

		arranġamenti kollha kif meħtieġ."	arranġamenti kollha kif meħtieġ."
S.L. 424.18	regolament 16(2)	"Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subregolament preċedenti, is-sorveljanza tas-saħħa għandha ssir kull meta l-evalwazzjoni tar-riskju meħtieġa li ssir minn min iħaddem turi:"	"Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subregolament preċedenti, is-sorveljanza tas-saħħa għandha ssir kull meta l-evalwazzjoni tar-riskju meħtieġa li ssir mill-prinċipal turi:"
S.L. 424.18	regolament 16(3)	"Wara li ħaddiem ikollu sorveljanza tas-saħħa kif meħtieġ taħt dan ir-regolament, min iħaddem għandu jkun intitolat biss li jingħata, mingħand il-persuna li twettaq is-sorveljanza, dawk id-dettalji mediċi li huma direttament relatati max-xogħol imwettaq jew mal-kondizzjonijiet tax-xogħol, iżda din l-informazzjoni tingħata taħt kunfidenzjalità stretta."	"Wara li ħaddiem ikollu sorveljanza tas-saħħa kif meħtieġ taħt dan ir-regolament, il-prinċipal għandu jkun intitolat biss li jingħata, mingħand il-persuna li twettaq is-sorveljanza, dawk id-dettalji mediċi li huma direttament relatati max-xogħol imwettaq jew mal-kondizzjonijiet tax-xogħol, iżda din l-informazzjoni tingħata taħt kunfidenzjalità stretta."
S.L. 424.18	regolament 17	"Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jieħu l-miżuri u l-prekawzjonijiet kollha sabiex jipproteġi gruppi partikularment sensittivi għal xi riskju jew li huma vulnerabbli, kontra l-perikli li jaffettwawhom speċifikament."	"Għandu jkun id-dmir tal-prinċipal li jieħu l-miżuri u l-prekawzjonijiet kollha sabiex jipproteġi gruppi partikolarment sensittivi għal xi riskju jew li huma vulnerabbli, kontra l-perikli li jaffettwawhom speċifikament."
S.L. 424.18	regolament 18(1)	"Min iħaddem għandu jiżgura li ħaddiema temporanji jingħataw l-istess livell ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol bħal dak ta' ħaddiema oħrajn fl-impriża u, jew l-istabbiliment li tagħmel użu minnhom, u għal dan il-għan għandu	"Il-prinċipal għandu jiżgura li ħaddiema temporanji jingħataw l-istess livell ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol bħal dak ta' ħaddiema oħrajn fl-impriża u, jew l-istabbiliment li tagħmel użu minnhom, u għal dan il-għan għandu

		jibqa' responsabbli, għat-tul taż-żmien tal-biċċa xogħol, għall-kondizzjonijiet konnessi mas-saħħa, s-sigurtà u l-iġjene fuq ix-xogħol li jirregolaw il-prestazzjoni tax-xogħol: Iżda l-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjieg, li tkun partikolari jew speċifika għal ħaddiem minħabba f'li jkun ħaddiem temporanju, m'għandhiex tiġġustifika trattament differenti fejn jidħlu l-kondizzjonijiet tax-xogħol fejn ikunu involuti l-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà, speċjalment fejn jidħol l-aċċess għat-tagħmir protettiv personali."	jibqa' responsabbli għat-tul taż-żmien tal-biċċa xogħol, għall-kondizzjonijiet konnessi mas-saħħa, s-sigurtà u l-iġjene fuq ix-xogħol li jirregolaw il-prestazzjoni tax-xogħol: Iżda l-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjieg, li tkun partikolari jew speċifika għal ħaddiem minħabba li jkun ħaddiem temporanju, ma għandhiex tiġġustifika trattament differenti fejn jidħlu l-kondizzjonijiet tax-xogħol fejn ikunu involuti l-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà, speċjalment fejn jidħol l-aċċess għat-tagħmir protettiv personali."
S.L. 424.18	regolament 18(2)	"Min iħaddem għandu jipprovdi lill-ħaddiema temporanji b'informazzjoni li tinftihem dwar – (a) kwalifiki tax-xogħol jew sengħa meħtieġa li jkollu ħaddiem sabiex ikun jista' jaħdem mingħajr periklu; u (b) is-sorveljanza tas-saħħa li jeħtieġ tingħata taħt dawn ir-regolamenti jew taħt xi regolarnenti oħrajn maħruġa taħt l-Att; (ċ) il-fatturi speċifiċi tax-xogħol li ser jingħata lill-ħaddiem temporanju, inklużi xi riskji speċifiċi addizjonali, fejn dawn il-fatturi jkunu jistgħu jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol: Iżda din l-informazzjoni għandha tingħata lill-	"Il-prinċipal għandu jipprovdi lill-ħaddiema temporanji b'informazzjoni li tinftiehem dwar – (a) kwalifiki tax-xogħol jew sengħa meħtieġa li jkollu ħaddiem sabiex ikun jista' jaħdem mingħajr periklu; u (b) is-sorveljanza tas-saħħa li jeħtieġ tingħata taħt dawn ir-regolamenti jew taħt xi regolamenti oħrajn maħruġa taħt l-Att; (ċ) il-fatturi speċifiċi tax-xogħol li se jingħata lill-ħaddiem temporanju, inklużi xi riskji speċifiċi addizzjonali, fejn dawn il-fatturi jkunu jistgħu jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol: Iżda din l-informazzjoni għandha tingħata lill-

		ħaddiem temporanju qabel ma jibda d-dmirijiet tiegħu: Iżda wkoll, fejn ikun indikat minħabba f'xi riskji għas-saħħa u s-sigurtà li joħorġu jew ikunu preżenti fix-xogħol li għalih il-ħaddiem temporanju jkun ġie assenjat, min iħaddem għandu jipprovdi biżżejjed taħriġ xieraq skond il-karatteristiċi partikolari tax-xogħol, waqt li jikkunsidra l-kwalifiki u l-esperjenza tal-ħaddiem temporanju."	ħaddiem temporanju qabel ma jibda d-dmirijiet tiegħu: Iżda wkoll, fejn ikun indikat minħabba f'xi riskji għas-saħħa u s-sigurtà li joħorġu jew ikunu preżenti fix-xogħol li għalih il-ħaddiem temporanju jkun ġie assenjat, il-prinċipal għandu jipprovdi biżżejjed taħriġ xieraq skont il-karatteristiċi partikolari tax-xogħol, filwaqt li jikkunsidra l-kwalifiki u l-esperjenza tal-ħaddiem temporanju."
S.L. 424.18	regolament 18(3)	"Fejn ix-xogħol assenjat lil ħaddiem temporanju jirrikjedi sorveljanza medika minħabba f'li x-xogħol ikun assoċjat ma' riskji kbar ta' saħħa u, jew sigurtà, min iħaddem m'għandu taħt l-ebda ċirkostanza jippermetti li dak ix-xogħol isir minn ħaddiem temporanju sakemm ma jkunx provdut b'sorveljanza medika li tkun xierqa għax-xogħol assenjat: Iżda fejn ikun indikat, min iħaddem għandu wkoll ikun responsabbli li jiżgura li s-sorveljanza medika speċjali testendi lil hinn mit-tmiem tar-relazzjoni ta' impjieg tal-ħaddiem in kwistjoni."	"Fejn ix-xogħol assenjat lil ħaddiem temporanju jirrikjedi sorveljanza medika minħabba li x-xogħol ikun assoċjat ma' riskji kbar ta' saħħa u, jew sigurtà, il-prinċipal ma għandu taħt l-ebda ċirkostanza jippermetti li dak ix-xogħol isir minn ħaddiem temporanju sakemm ma jkunx provdut b'sorveljanza medika li tkun xierqa għax-xogħol assenjat: Iżda fejn ikun indikat, il-prinċipal għandu wkoll ikun responsabbli li jiżgura li s-sorveljanza medika speċjali testendi lil hinn mit-tmiem tar-relazzjoni ta' impjieg tal-ħaddiem inkwistjoni."
S.L. 424.18	regolament 18(4)	"Min iħaddem għandu jinforma impriża ta' impjieg temporanju bil-kwalifiki tax-xogħol meħtieġa u l-fatturi speċifiċi tax-xogħol li jkun ser isir meta jitlob li jiġu provduti ħaddiema temporanji mill-impriża ta' impjieg temporanju, u dik l-	"Il-prinċipal għandu jinforma impriża ta' impjieg temporanju bil-kwalifiki tax-xogħol meħtieġa u l-fatturi speċifiċi tax-xogħol li jkun ser isir meta jitlob li jiġu provduti ħaddiema temporanji mill-impriża ta'

		impriża għandha tiġbed l-attenzjoni tal-ħaddiema kkonċernati b'dawn il-fatti. L-impriża ta' impjieg temporanju għandha tiżgura wkoll li din l-informazzjoni tkun imdaħħla f'kull kuntratt iffirmat ma' min iħaddem għall-provvista ta' ħaddiema temporanji, li fost l-oħrajn, għandu jinkludi wkoll dettalji ta' xi sorveljanza medika meħtieġa."	impjieg temporanju, u dik l-impriża għandha tiġbed l-attenzjoni tal-ħaddiema konċernati dwar dawn il-fatti. L-impriża ta' impjieg temporanju għandha tiżgura wkoll li din l-informazzjoni tiġi mdaħħla f'kull kuntratt iffirmat mal-prinċipal għall-provvista ta' ħaddiema temporanji, li fost l-oħrajn, għandu jinkludi wkoll dettalji ta' xi sorveljanza medika meħtieġa."
Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Perikli ta' Inċidenti Kbar – L.S 424.19	regolament 2(1)	" "operatur" tfisser "min iħaddem", kif imfisser fl-Att, li għandu kontroll tal-operat ta' stabbiliment jew stallazzjoni (jew fejn jidħol stabbiliment jew stallazzjoni li ser jinbena jew ser jopera, il-persuna li tipproponi li tikkontrolla l-operat tiegħu jew, jekk dik il-persuna mhux magħrufa, il-persuna li waqt il-kummerċ, negozju jew impriża oħra li hija tieħu ħsieb tikkummissjona d-disinn u l-bini tagħha) u kull dmir impost minn dawn ir-regolamenti fuqu għandhom jestendu biss għal dik l-impriża jew stallazzjoni;"	" "operatur" tfisser "il-prinċipal", kif imfisser fl-Att, li għandu kontroll tal-operat ta' stabbiliment jew stallazzjoni (jew għal dak li għandu x'jaqsam ma' stabbiliment jew stallazzjoni li ser jinbnew jew ser joperaw, il-persuna li tipproponi li tikkontrolla l-operat tiegħu jew, jekk dik il-persuna mhux magħrufa, il-persuna li fil-kors tal-kummerċ, negozju jew impriża oħra li hija tieħu ħsieb tikkummissjona d-disinn u l-bini tagħha) u kull dmir impost minn dawn ir-regolamenti fuqu għandhom jestendu biss għal dak li għandu x'jaqsam ma' dik l-impriża jew stallazzjoni;"

Regolamenti dwar Rekwiżiti Minimi għall-Użu ta' Tagħmir Protettiv Personali fuq ix-Xogħol – L.S.424.21	titolu tat-Taqsima II	"Obbligi ta' Min Iħaddem"	"Obbligi tal-Prinċipal"
L.S.424.21	regolament 5	"Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jiżgura li, meta jkun japplika, kull	"Għandu jkun id-dmir tal-prinċipal li jiżgura li, meta jkun applikabbli, kull

		tagħmir protettiv personali jkun iħares id-dispożizzjonijiet speċifikati fir-Regolamenti dwar it-Tagħmir Protettiv Personali."	tagħmir protettiv personali jkun iħares id-dispożizzjonijiet speċifikati fir-Regolamenti dwar it-Tagħmir Protettiv Personali."
L.S.424.21	regolament 6	"Fejn il-preżenza ta' aktar minn riskju wieħed teħtieġ li ħaddiem jilbes fl-istess ħin aktar minn oġġett wieħed ta' tagħmir protettiv personali, min iħaddem għandu jiżgura li dak l-apparat ikun kompatibbli u li jibqa' jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti."	"Fejn il-preżenza ta' aktar minn riskju wieħed teħtieġ li ħaddiem jilbes fl-istess ħin aktar minn oġġett wieħed ta' tagħmir protettiv personali, l-prinċipal għandu jiżgura li dak l-apparat ikun kompatibbli u li jibqa' jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti."
L.S.424.21	nota marġinali fir-regolament 7	"Min iħaddem għandu jistabbilixxi l-kondizzjonijiet tal-użu."	"Il-prinċipal għandu jistabbilixxi l-kondizzjonijiet tal-użu."
L.S.424.21	regolament 7	"Min iħaddem għandu jistabbilixxi l-kondizzjonijiet ta' użu ta' tagħmir protettiv personali, b'mod partikolari għal kemm ħin għandu jintlibes, skond il-bażi tas-serjetà tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm bniedem ikun espost għar-riskju, il-karatteristiċi tal-post tax-xogħol ta' kull ħaddiem u l-operazzjoni tat-tagħmir protettiv personali."	"Il-prinċipal għandu jistabbilixxi l-kondizzjonijiet ta' użu ta' tagħmir protettiv personali, b'mod partikolari għal kemm ħin għandu jintlibes, abbażi tas-serjetà tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm bniedem ikun espost għar-riskju, il-karatteristiċi tal-post tax-xogħol ta' kull ħaddiem u l-operazzjoni tat-tagħmir protettiv personali."
L.S.424.21	regolament 8	"Jekk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu li tagħmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna waħda, min iħaddem għandu jieħu l-miżuri xierqa kollha sabiex jiżgura li dan l-użu ma joħloq ebda problema ta' saħħa jew iġjene għall-utenti differenti."	"Jekk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu li tagħmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna waħda, l-prinċipal għandu jieħu l-miżuri xierqa kollha sabiex jiżgura li dan l-użu ma joħloq l-ebda problema ta' saħħa jew iġjene għall-utenti differenti."
L.S.424.21	regolament 9	"Min iħaddem għandu jagħti fuq il-post tax-xogħol informazzjoni xierqa li tinftiehem mill-ħaddiema kollha dwar kull oġġett ta' tagħmir protettiv personali	"Il-prinċipal għandu jagħti fuq il-post tax-xogħol informazzjoni xierqa li tinftiehem mill-ħaddiema kollha dwar kull oġġett ta' tagħmir protettiv personali

		meħtieġ taħt ir-regolamenti 6 u 7."	meħtieġ taħt ir-regolamenti 6 u 7."
L.S.424.21	regolament 10(1)	"Tagħmir protettiv personali għandu jingħata mingħajr ebda ħlas minn min iħaddem."	"It-tagħmir protettiv personali għandu jingħata mingħajr l-ebda ħlas mill-prinċipal."
L.S.424.21	regolament 10(2)	"Min iħaddem għandu jiżgura li t-tagħmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kondizzjoni iġjenika tajba permezz tal-manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta' biċċiet meħtieġa."	"Il-prinċipal għandu jiżgura li t-tagħmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kondizzjoni iġjenika tajba permezz tal-manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta' biċċiet meħtieġa."
L.S.424.21	regolament 11	"Qabel ma xi ħaddiem juża tagħmir protettiv personali, min iħaddem għandu javżah dwar ir-riskji li t-tagħmir ikun qed iħarsu kontrihom."	"Qabel ma xi ħaddiem juża tagħmir protettiv personali, il-prinċipal għandu javżah dwar ir-riskji li t-tagħmir ikun qed iħarsu kontrihom."
L.S.424.21	regolament 12	"Min iħaddem għandu jagħmel arranġamenti għat-tharriġ u, jekk meħtieġ, jorganizza dimostrazzjonijiet dwar l-ilbies u l-użu xieraq tat-tagħmir protettiv personali."	"Il-prinċipal għandu jagħmel arranġamenti għat-tharriġ u, jekk meħtieġ, jorganizza dimostrazzjonijiet dwar l-ilbies u l-użu xieraq tat-tagħmir protettiv personali."
L.S.424.21	regolament 13(1)	"Salvi ċirkostanzi eċċezzjonali, tagħmir protettiv personali għandu jintuża biss għall-iskopijiet speċifikati skond l-istruzzjonijiet mogħtija lill-ħaddiema minn min iħaddem."	"Ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, it-tagħmir protettiv personali għandu jintuża biss għall-iskopijiet speċifikati skont l-istruzzjonijiet mogħtija lill-ħaddiema mill-prinċipal."
L.S.424.21	nota marġinali fir-regolament 14	"Dmir ta' min iħaddem li jeżamina t-tagħmir."	"Dmir tal-prinċipal li jeżamina t-tagħmir."
L.S.424.21	regolament 14(1)	"Qabel ma jagħżel tagħmir protettiv personali, min iħaddem għandu jara li t-tagħmir li bi ħsiebu juża jkun iħares ir-rekwiżiti tar-regolamenti 6 u 7."	"Qabel ma jagħżel tagħmir protettiv personali, il-prinċipal għandu jara li t-tagħmir li biħsiebu juża jkun jissodisfa r-rekwiżiti tar-regolamenti 6 u 7."
L.S.424.21	regolament 15(1)	"Sabiex jiġu stabbiliti s-sitwazzjonijiet u ċ-ċirkostanzi meta tagħmir protettiv personali għandu jingħata lill-ħaddiema, kif ukoll in-natura u t-tip ta' tagħmir protettiv personali li għandu	"Sabiex jiġu stabbiliti s-sitwazzjonijiet u ċ-ċirkostanzi meta tagħmir protettiv personali għandu jingħata lill-ħaddiema, kif ukoll in-natura u t-tip ta' tagħmir protettiv personali li għandu jingħata, il-

		jingħata, min iħaddem għandu jiġi ggwidat mir-riżultati tal-istimi tar-riskji mwettqa skond ir-regolament 14, kif ukoll skond l-Annessi ta' dawn ir-regolamenti, li għandhom ikunu regoli għall-użu ta' tagħmir protettiv personali, u regoli li jkopru każijiet u sitwazzjonijiet fejn min iħaddem għandu jagħti tagħmir protettiv personali."	prinċipal għandu jiġi ggwidat mir-riżultati tal-istimi tar-riskji mwettqa skont ir-regolament 14, kif ukoll skont l-Annessi ta' dawn ir-regolamenti, li għandhom jikkostitwixxu regoli għall-użu ta' tagħmir protettiv personali, u regoli li jkopru każijiet u sitwazzjonijiet fejn il-prinċipal għandu jagħti tagħmir protettiv personali."
L.S.424.21	regolament 15(3)	"Min iħaddem għandu jirreferi wkoll għal kull tibdil importanti għar-riskju, għall-mezzi ta' ħarsien kollettivi u għat-tagħmir protettiv personali li jsir minħabba fi żviluppi teknoloġiċi."	"Il-prinċipal għandu jirreferi wkoll għal kull tibdil importanti għar-riskju, għall-mezzi ta' ħarsien kollettivi u għat-tagħmir protettiv personali li jsir minħabba fi żviluppi teknoloġiċi."
L.S.424.21	regolament 16	"Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 6(3) tal-Att, min iħaddemm għandu javża lill-ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tagħhom dwar il-miżuri kollha li għandhom jittieħdu fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema meta jkun qed jintuża fuq ix-xogħol tagħmir protettiv personali."	"Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 6(3) tal-Att, il-prinċipal għandu javża lill-ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tagħhom dwar il-miżuri kollha li għandhom jittieħdu fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema meta jkun qed jintuża fuq ix-xogħol tagħmir protettiv personali."
L.S.424.21	regolament 17(2)	"Rappreżentant għas-Saħħa u għas-Sigurtà tal-Ħaddiema għandu d-dritt jitlob lil min iħaddem sabiex jieħu miżuri adatti u sabiex jagħtih proposti għal dak il-għan sabiex inaqqas il-perikli għall-ħaddiema u, jew ineħħi kull kawża tal-periklu."	"Rappreżentant għas-Saħħa u għas-Sigurtà tal-Ħaddiema għandu d-dritt jitlob lill-prinċipal sabiex jieħu l-miżuri adatti u sabiex jagħtih proposti għal dak il-għan, sabiex inaqqas il-perikli għall-ħaddiema u, jew ineħħi kull kawża ta' periklu."
Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Ħaddiema mir-Riskji relatati mal-Espożizzjoni għall-*Carcinogens*, *Mutagens* jew *Reprotoxic Substances* fuq il-	regolament 2	""tabib" tfisser tabib li specjalizza fil-mediċina interna jew onkoloġika, imqabbad minn min iħaddem, biex jeżamina ħaddiema esposti għal *carcinogens* jew *mutagens*;"	""tabib" tfisser tabib li speċjalizza fil-mediċina interna jew onkoloġika, imqabbad minn prinċipal, sabiex jeżamina ħaddiema esposti għal carcinogens jew mutagens;"

Post tax-Xogħol L.S 424.22			
L.S 424.22	regolament 3(1)	"Fil-każ ta' xi attività li x'aktarx tinvolvi riskju ta' espożizzjoni għall-*carcinogens*, *mutagens* jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni, in-natura, il-grad u d-dewmien tal-espożizzjoni tal-ħaddiema għandhom jiġu determinati sabiex jagħmluha possibbli li jevalwaw kull riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u biex jiġu stabbiliti l-miżuri li għandhom jittieħdu. L-evalwazzjoni għandha tiġi mġedda regolarment u f'kull każ meta jseħħ xi tibdil fil-kondizzjonijiet li jistgħu jaffettwaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għall-*carcinogens*, *mutagens* jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni. Min iħaddem għandu jagħti lill-Awtorità, meta din hekk titlob, l-informazzjoni użata sabiex isir l-evalwazzjoni."	"Fil-każ ta' xi attività li x'aktarx tinvolvi riskju ta' espożizzjoni għall-carcinogens, mutagens jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni, in-natura, għandhom jiġu determinati il-grad u d-dewmien tal-espożizzjoni tal-ħaddiema sabiex ikun possibbli li jiġi evalwat kwalunkwe riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u sabiex jiġu stabbiliti l-miżuri li għandhom jittieħdu. L-evalwazzjoni għandha tiġi mġedda regolarment u f'kull każ meta jseħħ xi tibdil fil-kondizzjonijiet li jistgħu jaffettwaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għall-carcinogens, mutagens jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni. Il-prinċipal għandu jagħti lill-Awtorità, meta din hekk titlob, l-informazzjoni użata sabiex isir l-evalwazzjoni."
L.S 424.22	regolament 3(3)	"Meta sseħħ l-evalwazzjoni ta' riskju, min iħaddem għandu jagħti attenzjoni partikolari għal kwalunkwe effetti li jikkonċernaw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li qegħdin f'riskju partikolari, u għandu, fost oħrajn, iqis ix-xewqa li ma jimpjegax dawn il-ħaddiema f'oqsma li fihom jistgħu jiġu f'kuntatt ma' carcinogens, mutagens jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni."	"Meta sseħħ l-evalwazzjoni ta' riskju, il-prinċipal għandu jagħti attenzjoni partikolari għal kwalunkwe effetti li jikkonċernaw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li qegħdin f'riskju partikolari, u għandu, fost oħrajn, iqis ix-xewqa li ma jimpjegax dawn il-ħaddiema f'oqsma li fihom jistgħu jiġu f'kuntatt ma' carcinogens, mutagens jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni."
L.S 424.22	regolament 4(1)	"Min iħaddem għandu jnaqqas l-użu ta' *carcinogen*, *mutagen* jew	"Il-prinċipal għandu jnaqqas l-użu ta' carcinogen, mutagen jew

		ta’ sustanza tossika għar-riproduzzjoni fuq il-post tax-xogħol, b’mod partikolari billi jibdlu, sa fejn ikun teknikament possibbli, b’sustanza, taħlita jew proċess li, taħt il-kondizzjonijiet tal-użu tagħhom ma jkunux perikolużi jew ikunu inqas perikolużi għas-saħħa jew is-sigurtà tal-ħaddiema, skont il-każ."	ta’ sustanza tossika għar-riproduzzjoni fuq il-post tax-xogħol, b’mod partikolari billi jissostitwixxih, sa fejn ikun teknikament possibbli, b’sustanza, taħlita jew proċess li, taħt il-kondizzjonijiet tal-użu tagħhom ma jkunux perikolużi jew ikunu inqas perikolużi għas-saħħa jew is-sigurtà tal-ħaddiema, skont il-każ."
L.S 424.22	regolament 4(2)	"Min iħaddem għandu, meta jiġi mitlub, jissottometti s-sejbiet ta’ l-investigazzjonijiet tiegħu lill-Awtorità."	"Il-prinċipal għandu, meta jiġi mitlub, jissottometti s-sejbiet tal-investigazzjonijiet tiegħu lill-Awtorità."
L.S 424.22	regolament 5(2)	"Fejn ma jkunx teknikament possibbli li l-*carcinogen*, il-*mutagen* jew is-sustanza tossika għar-riproduzzjoni jinbidlu b’sustanza, taħlita jew proċess li, skont il-kondizzjonijiet tal-użu tagħhom ma jkunux perikolużi jew ikunu inqas perikolużi għas-saħħa jew is-sigurtà, min iħaddem għandu jiżgura li, sakemm ikun teknikament possibbli, il-carcinogen, il-mutagen jew is-sustanza tossika għar-riproduzzjoni jkunu mmanifatturati u jintużaw f’sistema magħluqa."	"Fejn ma jkunx teknikament possibbli li l-carcinogen, il-mutagen jew is-sustanza tossika għar-riproduzzjoni jiġu sostitwiti b’sustanza, taħlita jew proċess li, skont il-kondizzjonijiet tal-użu tagħhom ma jkunux perikolużi jew ikunu inqas perikolużi għas-saħħa jew is-sigurtà, il-prinċipal għandu jiżgura li, sakemm ikun teknikament possibbli, il-carcinogen, il-mutagen jew is-sustanza tossika għar-riproduzzjoni jiġu manifatturati u użati f’sistema magħluqa."
L.S 424.22	regolament 5(3)	"Fejn sistema magħluqa ma tkunx teknikament possibbli, min iħaddem għandu jiżgura li l-livell ta’ espożizzjoni tal-ħaddiema għall-*carcinogen*, *mutagen* jew sustanza tossika għar-riproduzzjoni mingħajr livell limitu jitnaqqas għal livell kemm jista’ jkun baxx sa fejn teknikament possibbli."	"Fejn sistema magħluqa ma tkunx teknikament possibbli, il-prinċipal għandu jiżgura li l-livell ta’ espożizzjoni tal-ħaddiema għall-carcinogen, mutagen jew sustanza tossika għar-riproduzzjoni mingħajr livell limitu jitnaqqas għal livell kemm jista’ jkun baxx sa fejn teknikament possibbli."
L.S 424.22	regolament 5(3A)	"Fejn ma jkunx teknikament possibbli li	"Fejn ma jkunx teknikament possibbli li

Verżjoni Elettronika

		tintuża jew tiġi mmanifatturata sustanza tossika għar-riproduzzjoni b'livell limitu f'sistema magħluqa, min iħaddem għandu jiżgura li r-riskju relatat mal-espożizzjoni tal-ħaddiema għal dik is-sustanza tossika għar-riproduzzjoni b'livell limitu jitnaqqas għal minimu."	tintuża jew tiġi manifatturata sustanza tossika għar-riproduzzjoni b'livell limitu f'sistema magħluqa, il-prinċipal għandu jiżgura li r-riskju relatat mal-espożizzjoni tal-ħaddiema għal dik is-sustanza tossika għar-riproduzzjoni b'livell limitu jitnaqqas għal minimu."
L.S 424.22	regolament 5(3B)	"Fir-rigward ta' sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni għajr sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni mingħajr livell limitu u sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni b'livell limitu, min iħaddem għandu japplika s-subregolament (3A). F'każ bħal dan, fit-twettiq tal-evalwazzjoni tar-riskju msemmija fir-regolament 3, min iħaddem għandu jqis kif xieraq il-possibbiltà li livell sikur ta' espożizzjoni għas-saħħa tal-ħaddiema għal dik is-sustanza tossika għar-riproduzzjoni jista' ma jeżistix u għandu jistabbilixxi miżuri xierqa f'dak ir-rigward."	"Fir-rigward ta' sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni għajr sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni mingħajr livell limitu u sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni b'livell limitu, il-prinċipal għandu japplika s-subregolament (3A). F'tali każ, fit-twettiq tal-evalwazzjoni tar-riskju msemmija fir-regolament 3, il-prinċipal għandu jqis kif xieraq il-possibbiltà li jista' ma jeżistix livell sikur ta' espożizzjoni għas-saħħa tal-ħaddiema għal dik is-sustanza tossika għar-riproduzzjoni u għandu jistabbilixxi miżuri xierqa f'dak ir-rigward."
L.S 424.22	regolament 5(5)	"Kull meta jintużaw *carcinogens*, *mutagens* jew sustanza tossika għar-riproduzzjoni, min iħaddem għandu japplika l-miżuri kollha li ġejjin:"	"Kull meta jintużaw carcinogens, mutagens jew sustanza tossika għar-riproduzzjoni, il-prinċipal għandu japplika l-miżuri kollha li ġejjin:"
L.S 424.22	regolament 6	"Fejn r-riżultati ta' l-eżami msemmi fir-regolament 3 juru riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, min iħaddem għandu, meta jkun hekk mitlub, jagħmel disponibbli lill-Awtorità informazzjoni xierqa fuq:"	"Fejn ir-riżultati tal-eżami msemmi fir-regolament 3 juru riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, il-prinċipal għandu, meta jkun hekk mitlub, jagħmel disponibbli għall-Awtorità informazzjoni xierqa fuq:"
L.S 424.22	regolament 7(1)	"Meta jkun hemm każ mhux maħsub jew inċident li x'aktarx jirriżulta f'espożizzjoni	"F'każ li ma jkunx prevedibbli jew inċident li x'aktarx jirriżulta f'espożizzjoni mhux

		mhux normali ta' ħaddiema, min iħaddem għandu jinforma lill-ħaddiema b'dan."	normali ta' ħaddiema, il-prinċipal għandu jinforma lill-ħaddiema b'dan."
L.S 424.22	regolament 8(1)	"Għal ċerti attivitajiet bħall-manutenzjoni, li għar-rigward tagħhom hu previst li jkun hemm ċans ta' żieda sinifikanti fl-espożizzjoni tal-ħaddiema u li għar-rigward tagħhom kull skop ta' miżuri tekniċi preventivi ulterjuri sabiex tkun limitata l-espożizzjoni tal-ħaddiema ikun diġà ittiehed, min iħaddem għandu jiddetermina, wara konsultazzjoni mal-ħaddiema u, jew mar-rappreżentanti tagħhom fl-impriża jew l-istabbiliment, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà ta' min iħaddem, l-miżuri neċessarji sabiex jitnaqqas d-dewmien ta' hin li fih l-ħaddiema jkunu esposti għall-minimu possibbli u sabiex tkun żgurata l-protezzjoni tal-ħaddiema waqt li huma jkunu qed jagħmlu dawn l-attivitajiet."	"Għal ċerti attivitajiet bħall-manutenzjoni, li fir-rigward tagħhom huwa previst li jkun hemm possibbiltà ta' żieda sinifikanti fl-espożizzjoni tal-ħaddiema u li fir-rigward tagħhom jkun diġà ttieħed kull skop ta' miżuri tekniċi preventivi ulterjuri sabiex tkun limitata l-espożizzjoni tal-ħaddiema, il-prinċipal għandu jiddetermina, wara konsultazzjoni mal-ħaddiema u, jew mar-rappreżentanti tagħhom fl-impriża jew l-istabbiliment, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-prinċipal, il-miżuri neċessarji sabiex jitnaqqas id-dewmien ta' ħin li fih il-ħaddiema jkunu esposti għall-minimu possibbli u sabiex tkun żgurata l-protezzjoni tal-ħaddiema waqt li huma jkunu qed jagħmlu dawn l-attivitajiet."
L.S 424.22	regolament 9	"Għandhom jittieħdu miżuri xierqa minn min iħaddem sabiex ikun żgurat illi aċċess għaż-żoni li fihom jistgħu jseħħu l-attivitajiet li għar-rigward tagħhom r-riżultati ta' l-eżami msemmija fir-regolament 3 juru riskju għas-saħħa jew is-sigurtà tal-ħaddiema, ikunu aċċssibbli biss għall-ħaddiema li minħabba f'xogħlhom jew dmirijiethom ikunu meħtieġa li jidħlu fihom."	"Għandhom jittieħdu miżuri xierqa mill-prinċipal sabiex ikun żgurat illi l-aċċess għaż-żoni li fihom jistgħu jseħħu l-attivitajiet li fir-rigward tagħhom ir-riżultati tal-eżami msemmija fir-regolament 3 juru riskju għas-saħħa jew is-sigurtà tal-ħaddiema, ikunu aċċessibbli biss għall-ħaddiema li minħabba f'xogħolhom jew dmirijiethom ikunu meħtieġa li jidħlu fihom."
L.S 424.22	regolament 10(1)	"Min iħaddem għandu l-obbligu, fil-każ tal-	"Il-prinċipal għandu l-obbligu, fil-każ tal-

		attivitajiet kollha li għalihom jkun hemm riskju ta' kontaminazzjoni b'carcinogens, mutagens jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni, li jieħu miżuri addattati biex jiżgura li:"	attivitajiet kollha li għalihom jkun hemm riskju ta' kontaminazzjoni b'carcinogens, mutagens jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni, li jieħu miżuri addattati sabiex jiżgura li:"
L.S. 424.22	regolament 11(1)	"Min iħaddem għandu jieħu miżuri xierqa sabiex ikun żgurat illi ħaddiema u, jew rappreżentanti tal-ħaddiema fl-impriża jew l-istabbiliment jirçievu taħriġ biżżejjed u xieraq fuq bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli b'mod partikolari fil-forma ta' informazzjoni u istruzzjonijiet rigward."	"Il-prinċipal għandu jieħu miżuri xierqa sabiex jiġi żgurat illi ħaddiema u, jew rappreżentanti tal-ħaddiema fl-impriża jew l-istabbiliment jirċievu taħriġ suffiċjenti u xieraq abbażi tal-informazzjoni kollha disponibbli b'mod partikolari fil-forma ta' informazzjoni u istruzzjonijiet rigward."
L.S. 424.22	regolament 11(2)	"Min iħaddem għandu jinforma lill-ħaddiema dwar l-installazzjonijiet u konteniturі relatati li jkun fihom *carcinogens*, *mutagens* jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni, jiżgura li l-konteniturі, pakketti u installazzjonijiet kollha li fihom *carcinogens*, *mutagens* jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni jkunu tikkettati b'mod ċar u leġibbli, u juru sinjali ta' twissija u periklu b'mod ċar u viżibbli."	"Il-prinċipal għandu jinforma lill-ħaddiema dwar l-installazzjonijiet u konteniturі relatati li jkun fihom carcinogens, mutagens jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni, jiżgura li l-konteniturі, pakketti u installazzjonijiet kollha li fihom carcinogens, mutagens jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni jkunu tikkettati b'mod ċar u leġġibbli, u juru sinjali ta' twissija u periklu b'mod ċar u viżibbli."
L.S. 424.22	regolament 12(a)(i)	"il-konsegwenzi għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tas-selezzjoni, lbies u użu ta' lbies u apparat protettiv, mingħajr preġudizzju għar-responsabbilità ta' min iħaddem sabiex jiddetermina l-effettività ta' l-ilbies u l-apparat protettiv;"	"il-konsegwenzi għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tas-selezzjoni, ilbies u użu ta' lbies u apparat protettiv, mingħajr preġudizzju għar-responsabbilità tal-prinċipal sabiex jiddetermina l-effettività tal-ilbies u l-apparat protettiv;"
L.S. 424.22	regolament 12(a)(ii)	"l-miżuri determinati minn min iħaddem li huma msemmija fir-regolament 8(1), mingħajr preġudizzju għar-responsabbilità ta' min	"il-miżuri determinati mill-prinċipal li huma msemmija fir-regolament 8(1), mingħajr preġudizzju għar-responsabbilità tal-prinċipal

		iħaddem sabiex jiddetermina dawk il-miżuri;"	sabiex jiddetermina dawk il-miżuri;"
L.S. 424.22	regolament 12(ċ)	"min iħaddem iżomm lista riveduta tal-ħaddiema li dwarhom ir-riżultati ta' l-eżami msemmi fir-regolament 3 juru riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, li turi, jekk l-informazzjoni tkun disponibbli, l-espożizzjoni li għaliha jkunu ġew soġġetti għaliha;"	"il-prinċipal iżomm lista riveduta tal-ħaddiema li dwarhom ir-riżultati tal-eżami msemmi fir-regolament 3 juru riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, li turi, jekk l-informazzjoni tkun disponibbli, l-espożizzjoni li għaliha jkunu ġew soġġetti;"
L.S. 424.22	regolament 12(d)	"t-tabib u, jew l-Awtorità kif ukoll il-persuni l-oħra kollha li huma responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fil-post tax-xogħol ta' min iħaddem, għandhom aċċess għall-lista msemmija fil-paragrafu (ċ);"	"it-tabib u, jew l-Awtorità kif ukoll il-persuni l-oħra kollha li huma responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fil-post tax-xogħol tal-prinċipal, għandhom aċċess għal-lista msemmija fil-paragrafu (ċ);"
L.S. 424.22	regolament 13(1)	"Min iħaddem għandu jikkonsulta lill-ħaddiema u, jew lir-rappreżentanti tagħhom u jħallihom jieħdu sehem f'diskussjonijiet fuq d-domandi kollha rigward saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Dan jippresupponi: - il-konsultazzjoni tal-ħaddiema, - id-dritt tal-ħaddiema u, jew tar-rappreżentanti tagħhom li jagħmlu proposti, -parteċipazzjoni bilanċata skond ir-Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol."	"Il-prinċipal għandu jikkonsulta lill-ħaddiema u, jew lir-rappreżentanti tagħhom u jħallihom jieħdu sehem f'diskussjonijiet fuq il-kwistjonijiet kollha rigward saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Dan jippresupponi: - il-konsultazzjoni mal-ħaddiema, - id-dritt tal-ħaddiema u, jew tar-rappreżentanti tagħhom li jagħmlu proposti, - parteċipazzjoni bilanċata skont ir-Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol."
L.S. 424.22	regolament 13(2)	"Ħaddiema jew rappreżentanti tal-ħaddiema b'responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema għandhom jieħdu sehem b'mod bilanċat, skond il-	"Ħaddiema jew rappreżentanti tal-ħaddiema b'responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema għandhom jieħdu sehem b'mod bilanċjat, skont il-liġijiet u, jew prattiċi li japplikaw, u

		liġijiet u, jew prattiċi li japplikaw, u għandhom ikunu konsultati minn qabel u fi żmien f'waqtu minn min iħaddem rigward:"	għandhom ikunu konsultati minn qabel u fi żmien xieraq mill-prinċipal fir-rigward ta':"
L.S. 424.22	regolament 13(2)(b)	"in-nomina ta' ħaddiem jew ħaddiema li min iħaddem huwa obbligat li jinnomina sabiex jagħmlu attivitajiet relatati mal-protezzjoni u l-prevenzjoni ta' riskji fuq il-post tax-xogħol għall-impriża u, jew l-istabbiliment u l-ħaddiema li min iħaddem huwa obbligat li jinnomina sabiex jimplimentaw il-miżuri fost l-oħrajn, għall-ewwel għajnuna, tifi tan-nar u l-evakwazzjoni tal-ħaddiema, u l-attivitajiet relatati mal-protezzjoni u l-prevenzjoni ta' riskji fuq il-post tax-xogħol;"	"in-nomina ta' ħaddiem jew ħaddiema li l-prinċipal huwa obbligat li jinnomina sabiex iwettqu attivitajiet relatati mal-protezzjoni u l-prevenzjoni ta' riskji fuq il-post tax-xogħol għall-impriża u, jew l-istabbiliment u l-ħaddiema li l-prinċipal huwa obbligat li jinnomina sabiex jimplimentaw il-miżuri *inter alia*, għall-ewwel għajnuna, tifi tan-nar u l-evakwazzjoni tal-ħaddiema, u l-attivitajiet relatati mal-protezzjoni u l-prevenzjoni ta' riskji fuq il-post tax-xogħol;"
L.S. 424.22	regolament 13(3)	"Rappreżentanti tal-ħaddiema b'responsabbiltà speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema għandu jkollhom id-dritt li jistaqsu lil min iħaddem sabiex jieħu miżuri xierqa u jissottometti proposti lilhom għal dak il-għan biex jitnaqqas il-periklu għall-ħaddiema u, jew jitneħħa s-sors tal-periklu."	"Rappreżentanti tal-ħaddiema b'responsabbiltà speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema għandu jkollhom id-dritt li jistaqsu lill-prinċipal sabiex jieħu miżuri xierqa u jissottometti proposti lilhom għal dak il-għan biex jitnaqqas il-periklu għall-ħaddiema u, jew jitneħħa s-sors tal-periklu."
L.S. 424.22	regolament 13(5)	"Min iħaddem għandu jagħti lir-rappreżentanti tal-ħaddiema b'responsabbiltà speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema biżżejjed żmien lil hinn mix-xogħol, mingħajr telf ta' paga, u jipprovdihom bil-mezzi neċessarji sabiex dawn ir-rappreżentanti jkunu jistgħu jeżerċitaw d-	"Il-prinċipal għandu jagħti lir-rappreżentanti tal-ħaddiema b'responsabbiltà speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema biżżejjed żmien lil hinn mix-xogħol, mingħajr telf ta' paga, u jipprovdihom bil-mezzi neċessarji sabiex dawn ir-rappreżentanti jkunu jistgħu jeżerċitaw id-

		drittijiet u l-funzjonijiet tagħhom."	drittijiet u l-funzjonijiet tagħhom."
L.S. 424.22	regolament 13(6)	"Ħaddiema u, jew rappreżentanti tagħhom ikunu intitolati jappellaw lill-Awtorità jekk jidhrilhom illi l-miżuri meħuda u l-mezzi użati minn min iħaddem mhumiex xierqa sabiex tkun żgurata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Rappreżentanti tal-ħaddiema għandhom jingħataw l-opportunità li jissottomettu l-osservanzi tagħhom matul żjajjar ta' ispezzjoni mill-Awtorità."	"Ħaddiema u, jew rappreżentanti tagħhom għandhom ikunu intitolati jappellaw lill-Awtorità jekk jidhrilhom illi l-miżuri meħuda u l-mezzi użati mill-prinċipal mhumiex xierqa sabiex tkun żgurata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Rappreżentanti tal-ħaddiema għandhom jingħataw l-opportunità li jissottomettu l-osservanzi tagħhom matul żjajjar ta' spezzjoni mill-Awtorità."
L.S. 424.22	regolament 14(1)	"Min iħaddem għandu jagħmel arranġamenti għat-twettiq tas-sorveljanza relevanti tas-saħħa tal-ħaddiema li għalihom ir-riżultati tal-eżami msemmi fir-regolament 3 juri riskju għas-saħħa jew għas-sigurtà. It-tabib jew l-Awtorità jistgħu jindikaw li s-sorveljanza tas-saħħa għandha tkompli wara t-tmien tal-espożizzjoni sakemm huma jikkunsidraw li tkun meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa tal-ħaddiem konċernat."	"Il-prinċipal għandu jagħmel arranġamenti għat-twettiq tas-sorveljanza rilevanti tas-saħħa tal-ħaddiema li għalihom ir-riżultati tal-eżami msemmi fir-regolament 3 juri riskju għas-saħħa jew għas-sigurtà. It-tabib jew l-Awtorità jistgħu jindikaw li s-sorveljanza tas-saħħa għandha tkompli wara t-tmien tal-espożizzjoni sakemm huma jikkunsidraw li tkun meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa tal-ħaddiem konċernat."
L.S. 424.22	regolament 14(6)	"Il-ħaddiema għandu jkollhom aċċess għal dawk ir-riżultati tas-sorveljanza tas-saħħa li jikkonċernaw lilhom, u l-ħaddiema involuti jew min iħaddem jista' jitlob reviżjoni tas-sorveljanza	"Il-ħaddiema għandu jkollhom aċċess għal dawk ir-riżultati tas-sorveljanza tas-saħħa li jikkonċernaw lilhom, u l-ħaddiema involuti jew il-prinċipal jistgħu jitolbu reviżjoni tas-sorveljanza."
Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema mir-Riskji li jinħolqu meta persuna tkun esposta għall-Asbestos fuq il-Post tax-Xogħol – L.S. 424.23	regolament 2	""tabib" tfisser tabib li jkun speċjalizzat fil-mediċina respiratorja, u li jkun maħtur minn min iħaddem biex jeżamina ħaddiema esposti għall-asbestos."	""tabib" tfisser tabib li jkun speċjalizzat fil-mediċina respiratorja, u li jkun maħtur minn prinċipal biex jeżamina ħaddiema esposti għall-asbestos."

L.S. 424.23	regolament 4(b)	"dan l-avviż msemmi fil-paragrafu (a) għandu jintbagħat minn min iħaddem lill-Awtorità qabel jibda x-xogħol, u għandu jinkludi ta' l-inqas deskrizzjoni qasira ta':"	"dan l-avviż imsemmi fil-paragrafu (a) għandu jintbagħat mill-prinċipal lill-Awtorità qabel jibda x-xogħol, u għandu jinkludi tal-inqas deskrizzjoni qasira ta':"
L.S. 424.23	regolament 8	"Min iħaddem għandu jiżgura li l-ebda ħaddiem ma jkun espost għal konċentrazzjoni ta' l-asbestos fl-arja ogħla minn 0.1 fibri kull ċentimetru kwadrat, bħala medja maħduma fuq tmien sigħat."	"Il-prinċipal għandu jiżgura li l-ebda ħaddiem ma jkun espost għal konċentrazzjoni tal-asbestos fl-arja ogħla minn 0.1 fibri kull ċentimetru kwadrat, bħala medja maħduma fuq tmien sigħat."
L.S. 424.23	regolament 9(4)	"Qabel jinbeda xogħol ta' demolizzjoni jew ta' manutenzjoni, min iħaddem għandu jieħu l-miżuri meħtieġa kollha biex jidentifika materjali preżunti li jkollhom l-asbestos, inkluż billi jġib informazzjoni mingħand is-sidien tal-post. Fejn ikun hemm dubju raġonevoli dwar il-preżenza ta' l-asbestos f'materjal jew kostruzzjoni, il-ħtiġiet li japplikaw ta' dawn ir-regolamenti għandhom ikunu osservati."	"Qabel jinbeda xogħol ta' demolizzjoni jew ta' manutenzjoni, il-prinċipal għandu jieħu l-miżuri meħtieġa kollha biex jidentifika materjali preżunti li jkollhom l-asbestos, inkluż billi jikseb informazzjoni mingħand is-sidien tal-post. Fejn ikun hemm dubju raġonevoli dwar il-preżenza tal-asbestos f'materjal jew kostruzzjoni, ir-rekwiżiti li japplikaw ta' dawn ir-regolamenti għandhom ikunu osservati."
L.S. 424.23	regolament 10(1)	"Fil-każ ta' ċerti attivitajiet bħal ma huma demolizzjoni, xogħol ta' tneħħija ta' asbestos, tiswija u manutenzjoni li dwarhom ikun jidher minn qabel li l-valur ta' limitu provdut fir-regolament 8 ikun ser jinqabeż minkejja li jsir użu minn miżuri tekniċi ta' prevenzjoni biex inaqqsu l-konċentrazzjoni ta' l-asbetos fl-arja, min iħaddem għandu jiddetermina l-miżuri intiżi sabiex jiżguraw il-protezzjoni tal-ħaddiema waqt li huma jkunu qegħdin jagħmlu dawn l-	"Fil-każ ta' ċerti attivitajiet bħalma huma d-demolizzjoni, ix-xogħol ta' tneħħija ta' asbestos, it-tiswija u l-manutenzjoni li fir-rigward tagħhom ikun prevedibbli li l-valur ta' limitu provdut fir-regolament 8 ikun ser jinqabeż minkejja li jsir użu minn miżuri tekniċi ta' prevenzjoni biex inaqqsu l-konċentrazzjoni tal-asbetos fl-arja, il-prinċipal għandu jiddetermina l-miżuri intiżi sabiex jiżgura l-protezzjoni tal-ħaddiema waqt li huma jkunu qegħdin jagħmlu dawn l-attivitajiet, b'mod

		attivitajiet, b'mod partikolari dwar il-miżuri li ġejjin:"	partikolari dwar il-miżuri li ġejjin:"
L.S. 424.23	regolament 14(b)	"Iżda t-tabib għandu jgħaddi lil min iħaddem, b'mod strettament kunfidenzjali, ir-riżultati ta' dak l-eżami u xi rakkomandazzjonijiet magħmula, u min iħaddem għandu jagħti kopja lill-ħaddiem ta' dak ir-riżultat ta' l-eżami u tar-rakkomandazzjonijiet magħmulin lill-ħaddiem konċernat;"	"Iżda t-tabib għandu jgħaddi lill-prinċipal, b'mod strettament kunfidenzjali, ir-riżultati ta' dak l-eżami u xi rakkomandazzjonijiet magħmula, u l-prinċipal għandu jagħti kopja lill-ħaddiem ta' dak ir-riżultat tal-eżami u tar-rakkomandazzjonijiet magħmula lill-ħaddiem konċernat;"
L.S. 424.23	regolament 14(e)	"il-ħaddiem involut jew min iħaddem jista' jitlob reviżjoni ta' l-istima msemmija fil-paragrafi (a) u (b)."	"il-ħaddiem involut jew il-prinċipal jista' jitlob reviżjoni tal-istima msemmija fil-paragrafi (a) u (b)."
L.S. 424.23	regolament 15(a)	"min iħaddem għandu jniżżel isem il-ħaddiema responsabbli biex jagħmlu l-attivitajiet imsemmija fir-regolament 1(3) f'reġistru u għandu jindika x-xorta u d-dewmien ta' l-attività għal dak li jkun soġġett u espost għalih. It-tabib u, jew l-Awtorità għandu jkollhom aċċess għal dan ir-reġistru. Kull ħaddiem għandu jkollu aċċess għar-riżultati fir-reġistru li jkun jolqot lilu personalment. Il-ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tagħhom għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni fir-reġistru b'mod kollettiv u anonimu;"	"il-prinċipal għandu jniżżel isem il-ħaddiema responsabbli biex jagħmlu l-attivitajiet imsemmija fir-regolament 1(3) f'reġistru u għandu jindika x-xorta u t-tul tal-attività għal dak li jkun soġġett u espost għalih. It-tabib u, jew l-Awtorità għandu jkollhom aċċess għal dan ir-reġistru. Kull ħaddiem għandu jkollu aċċess għar-riżultati fir-reġistru li jkun jolqot lilu personalment. Il-ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tagħhom għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni fir-reġistru b'mod kollettiv u anonimu;"
L.S. 424.23	nota marġinali fir-regolament 16	"Min iħaddem għandu jipprovdi taħriġ."	"Prinċipali għandhom jipprovdu taħriġ."
L.S. 424.23	regolament 16(1)	"Min iħaddem għandu jipprovdi taħriġ xieraq lill-ħaddiema kollha li jkunu esposti, jew li jistgħu jkunu esposti għal trab li jkun fih l-asbestos. Dan it-taħriġ għandu	"Il-prinċipali għandhom jipprovdu taħriġ xieraq lill-ħaddiema kollha li jkunu esposti, jew li jistgħu jkunu esposti għal trab li jkun fih l-asbestos. Dan it-taħriġ għandu jingħata

		jingħata regolarment u b'xejn lill-ħaddiema."	regolarment u b'xejn lill-ħaddiema."
L.S. 424.23	regolament 16(3)	"Qabel ma jsir xogħol ta' demolizzjoni jew tneħħija ta' asbestos, min iħaddem għandu jagħti prova lill-Awtorità dwar l-abbiltà tiegħu f'dan il-qasam, u l-Awtorità tista' titlob lil min iħaddem u li jkun qed jaħdem jew li jkollu l-intenzjoni li jaħdem f'dan il-qasam biex jiġi reġistrat magħha, u meta tagħmel dan, l-Awtorità tista' tiddetermina l-kriterji għal reġistrazzjoni bħal dik."	"Qabel ma jsir xogħol ta' demolizzjoni jew tneħħija ta' asbestos, il-prinċipal għandu jagħti prova lill-Awtorità dwar l-abbiltà tiegħu f'dan il-qasam, u l-Awtorità tista' titlob lill-prinċipal u li jkun qed jaħdem jew li jkollu l-intenzjoni li jaħdem f'dan il-qasam biex jiġi reġistrat magħha, u meta tagħmel dan, l-Awtorità tista' tiddetermina l-kriterji għal tali reġistrazzjoni."
Regolamenti dwar il-Protezzjoni tas-Saħħa u s-Sigurtà tal-Ħaddiema minn Riskji relatati ma' Aġenti Kimiċi fuq il-Post tax-Xogħol– L.S. 424.24	regolament 4(1)	"Min iħaddem għandu jara jekk ikunx hemm preżenti fil-post tax-xogħol xi aġenti kimiċi perikoluż, u għandu:"	"Il-prinċipal għandu jiddetermina jekk ikunx hemm preżenti fil-post tax-xogħol xi aġenti kimiċi perikoluż, u għandu:"
L.S. 424.24	regolament 4(2)	"F'kull każ fejn fil-post tax-xogħol ikun hemm preżenti aġenti kimiċi, min iħaddem għandu jeżamina kull riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema kaġunat mill-preżenza ta' dawk l-aġenti kimiċi filwaqt li jqis dan li ġej:"	"F'kull każ fejn fil-post tax-xogħol ikun hemm preżenti aġenti kimiċi, il-prinċipal għandu jeżamina kull riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema kaġunat mill-preżenza ta' tali aġenti kimiċi filwaqt li jqis dan li ġej:"
L.S. 424.24	regolament 4(2)(b)	"l-informazzjoni dwar is-sigurtà u s-saħħa li għandha tiġi pprovduta mill-fornitur (eż. l-iskeda ta' dejta ta' sigurtà rilevanti skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kopja relattiva għandha tinżamm fil-post tax-xogħol u tkun disponibbli għall-ħaddiema u, jew għar-Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-Ħaddiema, kif ukoll għall-persuni maħtura minn min iħaddem skont ir-	"l-informazzjoni dwar is-sigurtà u s-saħħa li għandha tiġi pprovduta mill-fornitur (eż. l-iskeda ta' dejta ta' sigurtà rilevanti skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), kopja relattiva għandha tinżamm fil-post tax-xogħol u tkun disponibbli għall-ħaddiema u, jew għar-Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-Ħaddiema, kif ukoll għall-persuni maħtura mill-prinċipal skont ir-regolament 9 tar-Regolamenti dwar

		regolament 9 tar-Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol;"	Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol;"
L.S. 424.24	regolament 4(3)	"Min iħaddem għandu jikseb mingħand il-fornitur jew minn sorsi oħra li huma faċilment aċċessibbli, dik l-informazzjoni addizzjonali li tkun meħtieġa biex isir l-evalwazzjoni tar-riskju. Meta jkun adatt, dik l-informazzjoni għandha tkun tinkludi l-evalwazzjoni speċifika rigward ir-riskju għall-utenti kif stabbilit abbażi ta' leġislazzjoni nazzjonali dwar l-aġenti kimiċi."	"Il-prinċipal għandu jikseb mingħand il-fornitur jew minn sorsi oħra li huma faċilment aċċessibbli, tali informazzjoni addizzjonali li tkun meħtieġa biex issir l-evalwazzjoni tar-riskju. Meta jkun adatt, dik l-informazzjoni għandha tkun tinkludi l-evalwazzjoni speċifika fir-rigward tar-riskju għall-utenti kif stabbilit abbażi ta' leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-aġenti kimiċi."
L.S. 424.24	regolament 4(4)	"Min iħaddem għandu jkollu fil-pussess tiegħu evalwazzjoni tar-riskji msemmija fis-subregolament (1)(e) sa (h), u għandu jidentifika liema miżuri jkunu ttieħdu skond ir-regolamenti 5 u 6. L-evalwazzjoni tar-riskju għandha tiġi dokumentata f'forma adatta skond il-liġi u l-prattika nazzjonali, u tista' tinkludi ġustifikazzjoni minn min iħaddem illi x-xorta u l-effetti kollha tar-riskji relatati ma' l-aġenti kimiċi jirrendu evalwazzjoni oħra dettaljata tar-riskju mhux neċessarju. L-evalwazzjoni tar-riskju għandha tinżamm aġġornata, partikolarment jekk kien hemm bidliet sinifikanti li setgħu għamlu din l-evalwazzjoni waħda mhux aġġornata, jew meta r-riżultati tas-sorveljanza	"Il-prinċipal għandu jkollu fil-pussess tiegħu evalwazzjoni tar-riskji msemmija fis-subregolament (1)(e) sa (h), u għandu jidentifika liema miżuri jkunu ttieħdu skont ir-regolamenti 5 u 6. L-evalwazzjoni tar-riskju għandha tiġi dokumentata f'forma adatta skont il-liġi u l-prattika nazzjonali, u tista' tinkludi ġustifikazzjoni mill-prinċipal illi x-xorta u l-effetti kollha tar-riskji relatati mal-aġenti kimiċi jirrendu evalwazzjoni oħra dettaljata tar-riskju mhux neċessarju. L-evalwazzjoni tar-riskju għandha tinżamm aġġornata, partikolarment jekk kien hemm bidliet sinifikanti li setgħu għamlu din l-evalwazzjoni waħda mhux aġġornata, jew meta r-riżultati tas-sorveljanza tas-saħħa jkunu juru li din tkun neċessarja."

		tas-saħħa jkunu juru li din tkun neċessarja."	
L.S. 424.24	regolament 5(1)	"Fit-twettiq tal-obbligu tiegħu sabiex jiżgura s-saħħa tal-ħaddiema f'attività li tinvolvi aġenti kimiċi perikoluż, min iħaddem għandu, minbarra l-miżuri stabbiliti f'dawn r-regolamenti, jieħu, fil-kuntest tar-responsabiltajiet tiegħu, il-miżuri neċessarji għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, inkluża il-prevenzjoni ta' riskji fuq il-post tax-xogħol u l-għoti ta' informazzjoni u taħriġ, u li jara wkoll li jkun hemm l-organizzazzjoni u l-mezzi neċessarji. Min iħaddem għandu jkun konxju tal-bżonn li dawn il-miżuri jiġu mibdula biex jitqies kull tibdil fiċ-ċirkostanzi u bil-għan li jittejjbu sitwazzjonijiet eżistenti."	"Fit-twettiq tal-obbligu tiegħu sabiex jiżgura s-saħħa tal-ħaddiema f'attività li tinvolvi aġenti kimiċi perikoluż, il-prinċipal għandu, minbarra l-miżuri stabbiliti f'dawn ir-regolamenti, jieħu fil-kuntest tar-responsabbiltajiet tiegħu l-miżuri neċessarji għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, inkluża l-prevenzjoni ta' riskji fuq il-post tax-xogħol u l-provvista ta' informazzjoni u taħriġ, kif ukoll l-organizzazzjoni u l-mezzi neċessarji. Il-prinċipal għandu jkun konxju tal-bżonn li dawn il-miżuri jiġu mibdula biex jitqies kull tibdil fiċ-ċirkostanzi u bil-għan li jittejbu s- sitwazzjonijiet eżistenti."
L.S. 424.24	regolament 5(2)	"Min iħaddem għandu jimplimenta l-miżuri msemmija fl-ewwel parti tas-subregolament (1) skond il-ħtiġiet tal-artiklu 6(2) tal-Att."	"Il-prinċipal għandu jimplimenta l-miżuri msemmija fl-ewwel parti tas-subregolament (1) skont ir-rekwiżiti tal-artikolu 6(2) tal-Att."
L.S. 424.24	regolament 6(1)	"Min iħaddem għandu jiżgura illi r-riskju minn aġent kimiku perikoluż għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol jiġi eliminat jew imnaqqas għall-minimu."	"Il-prinċipal għandu jiżgura illi r-riskju minn aġent kimiku perikoluż għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol jiġi eliminat jew imnaqqas għall-minimu."
L.S. 424.24	regolament 6(2)(a)	"Waqt li jkun applikat is-subregolament (1), bi preferenza għandu jsir tibdil fejn min iħaddem għandu jevita l-użu ta' aġent kimiku perikoluż billi jibdlu b'aġent kimiku jew proċess li, taħt l-kondizzjonijiet tal-użu tiegħu, mhux perikoluż jew hu inqas perikoluż	"Filwaqt li jkun applikat is-subregolament (1), preferibbilment għandha titwettaq is-sostituzzjoni li biha l-prinċipal għandu jevita l-użu ta' aġent kimiku perikoluż billi jibdlu b'aġent kimiku jew proċess li, taħt il-kondizzjonijiet tal-użu tiegħu, mhux perikoluż jew

		għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, skond il-każ."	hu inqas perikoluż għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, skont il-każ."
L.S. 424.24	regolament 6(2)(b)	"Meta x-xorta tal-attività ma tippermettix li r-riskju jiġi eliminat b'sostituzzjoni, filwaqt li titqies attività u l-evalwazzjoni tar-riskju msemmi fir-regolament 4, min iħaddem għandu jiżgura illi r-riskju jitnaqqas għall-minimu permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri protettivi u preventivi, konsistenti ma' l-evalwazzjoni tar-riskju magħmul konformement mar-regolament 4. Dawn għandhom jinkludu f'ordni ta' preċedenza:"	"Meta x-xorta tal-attività ma tippermettix li r-riskju jiġi eliminat b'sostituzzjoni, filwaqt li titqies attività u l-evalwazzjoni tar-riskju msemmi fir-regolament 4, il-prinċipal għandu jiżgura illi r-riskju jitnaqqas għall-minimu permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri protettivi u preventivi, konsistenti mal-evalwazzjoni tar-riskju magħmul konformement mar-regolament 4. Dawn għandhom jinkludu f'ordni ta' preċedenza:"
L.S. 424.24	regolament 6(4)	"Kemm-il darba min iħaddem ma jurix b'mod ċar b'mezzi oħra ta' evalwazzjoni li, skond is-subregolament (2), intlaħqu livelli ta' prevenzjoni u protezzjoni adegwati, min iħaddem għandu fuq bażi regolari u meta isir xi tibdil fil-kondizzjonijiet li jistgħu jolqtu l-espożizzjoni ta' ħaddiema għal aġenti kimiċi, jieħu dak il-kejl ta' aġenti kimiċi li jistgħu jippreżentaw riskju għas-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol li huma neċesarji, b'mod partikolari rigward valuri ta' limitu li wieħed jista' jkun espost għalihom fuq il-post tax-xogħol."	"Kemm-il darba l-prinċipal ma jurix b'mod ċar b'mezzi oħra ta' evalwazzjoni li, skont is-subregolament (2), intlaħqu livelli ta' prevenzjoni u protezzjoni adegwati, il-prinċipal għandu fuq bażi regolari u meta isir xi tibdil fil-kondizzjonijiet li jistgħu jolqtu l-espożizzjoni ta' ħaddiema għal aġenti kimiċi, jieħu dak il-kejl ta' aġenti kimiċi li jistgħu jippreżentaw riskju għas-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol li huma neċessarji, b'mod partikolari fir-rigward ta' valuri ta' limitu li wieħed jista' jkun espost għalihom fuq il-post tax-xogħol."
L.S. 424.24	regolament 6(5)(a)	"Min iħaddem għandu jqis ir-riżultati tal-proċeduri msemmija fis-subregolament (4) waqt li jissodisfa l-obbligi skond, jew li jirriżultaw bħala konsegwenza tar-regolament 4."	"Il-prinċipal għandu jqis ir-riżultati tal-proċeduri msemmija fis-subregolament (4) waqt li jissodisfa l-obbligi skont, jew li jirriżultaw bħala konsegwenza tar-regolament 4."

L.S. 424.24	regolament 6(5)(b)	"F'kull każ, meta valur preskritt b'regolamenti ta' limitu li wieħed jista' jkun espost għalih fuq il-post tax-xogħol jinqabeż, min iħaddem għandu minnufih jieħu passi waqt li jqis ix-xorta ta' dak il-limitu sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni billi jsegwi miżuri preventivi u protettivi."	"F'kull każ, meta valur preskritt b'regolamenti ta' limitu li wieħed jista' jkun espost għalih fuq il-post tax-xogħol jinqabeż, il-prinċipal għandu minnufih jieħu passi waqt li jqis ix-xorta ta' dak il-limitu sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni billi jsegwi miżuri preventivi u protettivi."
L.S. 424.24	regolament 6(6)	"Abbażi tal-evalwazzjoni globali ta' u l-prinċipji ġenerali għall-prevenzjoni tar-riskji fir-regolamenti 4 u 5, min iħaddem għandu jieħu miżuri tekniċi u, jew ta' organizzazzjoni xierqa għax-xorta tal-operazzjoni, inkluż irfieh, użu u segregazzjoni ta' aġenti kimiċi mhux kompatibbli, waqt li jipprovdi protezzjoni tal-ħaddiema minn periklu ġej mill-proprjetajiet fiżiko kimiċi tal-aġenti kimiċi. B'mod partikolari għandu jieħu miżuri f'ordni ta' preċedenza sabiex:"	"Abbażi tal-evalwazzjoni globali ta', u l-prinċipji ġenerali għall-prevenzjoni tar-riskji fir-regolamenti 4 u 5, il-prinċipal għandu jieħu miżuri tekniċi u, jew ta' organizzazzjoni xierqa għax-xorta tal-operazzjoni, inkluż irfigħ, użu u segregazzjoni ta' aġenti kimiċi mhux kompatibbli, waqt li jipprovdi protezzjoni tal-ħaddiema minn periklu riżultanti mill-proprjetajiet fiżikokimiċi tal-aġenti kimiċi. B'mod partikolari għandu jieħu miżuri f'ordni ta' preċedenza sabiex:"
L.S. 424.24	regolament 6(7)	"L-apparat tax-xogħol u sistemi protettivi provduti minn min iħaddem għall-protezzjoni tal-ħaddiema għandu jkun konformi mad-disposizzjonijiet nazzjonali rilevanti dwar d-disinn, manifattura u provvista rigward saħħa u sigurtà."	"L-apparat tax-xogħol u sistemi protettivi provduti mill-prinċipali għall-protezzjoni tal-ħaddiema għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti dwar id-disinn, il-manifattura u l-provvista fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà."
L.S. 424.24	regolament 6(8)	"Min iħaddem għandu jieħu miżuri sabiex jipprovdi kontroll suffiċjenti tal-impjant, apparat u makkinarju jew jipprovdi apparat li jnaqqas splużjonijiet jew arranġamenti li jtaffu l-pressa ta' splużjonijiet."	"Il-prinċipal għandu jieħu miżuri sabiex jipprovdi kontroll suffiċjenti tal-impjant, l-apparat u l-makkinarju jew jipprovdi apparat li jnaqqas splużjonijiet jew arranġamenti li jtaffu l-pressa ta' splużjonijiet."
L.S. 424.24	regolament 7(2)	"Mingħajr ħsara għall-ġeneralità ta' dak kollu hawn qabel imsemmi, min	"Mingħajr ħsara għall-ġeneralità ta' dak kollu hawn qabel imsemmi, il-

		iħaddem għandu, biex jipproteġi s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema minn xi inċident jew emerġenza relatata mal-preżenza fil-post tax-xogħol ta' kimika perikoluża, jistabbilixxi proċeduri jew pjanijiet ta' azzjoni li jistgħu jitħaddmu jekk tinqala' tali eventwalità biex tkun tista tittieħed azzjoni skond il-ħtieġa. Dawn l-arranġamenti għandhom jinkludu eżercizzji ta' sigurtà rilevanti li għandhom isiru f'intervalli regolari, kif ukoll faċilitajiet għall-ewwel għajnuna skond il-ħtieġa."	prinċipal għandu, biex jipproteġi s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema minn xi inċident jew emerġenza relatati mal-preżenza fil-post tax-xogħol ta' kimika perikoluża, jistabbilixxi proċeduri jew pjanijiet ta' azzjoni li jistgħu jitħaddmu jekk tinqala' tali eventwalità biex tkun tista' tittieħed azzjoni skont il-ħtieġa. Tali arranġamenti għandhom jinkludu eżerċizzji ta' sigurtà rilevanti li għandhom isiru f'intervalli regolari, kif ukoll faċilitajiet għall-ewwel għajnuna skont il-ħtieġa."
L.S. 424.24	regolament 7(3)	"F'każ tal-okkorrenza ta' xi wieħed mill-każijiet imsemmija fis-subregolament preċedenti, min iħaddem għandu jieħu passi immedjati biex inaqqas l-effetti ta' dak li ġara u biex jinforma lill-ħaddiema involuti. Biex is-sitwazzjoni tkun tista' tiġi għan-normal, min iħaddem għandu jimplimenta mill-iktar fis possibli miżuri biex is-sitwazzjoni tiġi għan-normal, u għandu jħalli jidħlu biss fil-lok milqut lil dawk il-ħaddiema li huma essenzjali biex tissewwa l-ħsara jew li jkunu meħtieġa biex isir ix-xogħol neċessarju."	"F'każ tal-okkorrenza ta' xi wieħed mill-każijiet imsemmija fis-subregolament preċedenti, il-prinċipal għandu jieħu passi immedjati biex inaqqas l-effetti ta' dak li seħħ u biex jinforma lill-ħaddiema involuti. Biex is-sitwazzjoni tkun tista' tiġi għan-normal, il-prinċipal għandu jimplimenta mill-iktar fis possibbli miżuri biex is-sitwazzjoni tiġi għan-normal, u għandu jħalli jidħlu biss fil-lok milqut lil dawk il-ħaddiema li huma essenzjali biex tissewwa l-ħsara jew li jkunu meħtieġa biex isir ix-xogħol neċessarju."
L.S. 424.24	regolament 7(4)	"Ħaddiema li jkollhom il-permess mingħand min iħaddem biex jidħlu fil-lok milqut, għandhom ikunu provduti bi ħwejjeġ protettivi skond il-ħtieġa, apparat personali protettiv, apparat u impjanti tas-sigurtà speċjalizzati, u li għandhom jużaw sakemm iddum tali sitwazzjoni.	"Ħaddiema li jkollhom il-permess mingħand il-prinċipal biex jidħlu fil-lok milqut, għandhom ikunu provduti bi ħwejjeġ protettivi skont il-ħtieġa, apparat personali protettiv, apparat u impjanti tas-sigurtà speċjalizzati, u li għandhom jużaw sakemm tippersisti tali sitwazzjoni. Il-prinċipal għandu jiżgura

		Min iħaddem għandu jiżgura li s-sitwazzjoni ma titħalliex issir permanenti."	li s-sitwazzjoni ma titħalliex issir permanenti."
L.S. 424.24	regolament 7(5)	"Min iħaddem għandu jieħu dawk il-passi skond il-ħtieġa biex jiżgura li ebda persuna li ma tkunx protetta ma titħalla tidħol jew li tibqa' fil-lok milqut."	"Il-prinċipal għandu jieħu dawk il-passi skont il-ħtieġa biex jiżgura li l-ebda persuna li ma tkunx protetta ma titħalla tidħol jew li tibqa' fil-lok milqut."
L.S. 424.24	regolament 7(6)	"Min iħaddem għandu jieħu dawk il-miżuri neċessarji biex jipprovdi sistemi ta' twissija u ta' komunikazzjoni oħra meħtieġa biex jagħtu sinjal ta' żieda fir-riskji għas-saħħa u għas-sigurtà jekk dan iseħħ, u biex jinbdew mill-ewwel, jekk tqum il-ħtieġa, azzjonijiet rimedjali, assistenza, il-ħruġ tan-nies mil-lok, u għal operazzjonijiet ta' salvataġġ."	"Il-prinċipal għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jipprovdi sistemi ta' twissija u ta' komunikazzjoni oħra meħtieġa sabiex jipprovdu sinjal ta' żieda fir-riskji għas-saħħa u għas-sigurtà meta dan iseħħ, sabiex jiġi ffaċilitat ir-rispons adegwat, tiskatta l-evakwazzjoni minnufih u l-operazzjonijiet ta' salvataġġ, jekk dan ikun meħtieġ."
L.S. 424.24	regolament 7(7)	"Min iħaddem għandu jiżgura illi informazzjoni dwar arranġamenti għall-emerġenzi li jinvolvu aġenti kimiċi perikoluż tkun disponibbli, inkluż għas-servizzi ta' inċidenti u ta' emerġenza interni u esterni, u għal dan il-għan għandu jagħti preavviż tal-perikli fix-xogħol rilevanti, tal-arranġamenti għall-identifikazzjoni tal-perikli, tal-prekawzjonijiet u proċeduri, u dan biex is-servizzi għall-emerġenzi jkunu jistgħu jippreparaw għalihom proċeduri dwar kif ser jaġixxu u miżuri ta' prekawzjoni. Min iħaddem għandu wkoll jipprovdi informazzjoni dwar perikli speċifiċi, li jinqalgħu, jew li jistgħu jinqalgħu waqt inċident jew emerġenza, inkluża informazzjoni dwar	"Il-prinċipal għandu jiżgura illi informazzjoni dwar arranġamenti għall-emerġenzi li jinvolvu aġenti kimiċi perikoluż tkun disponibbli, inkluż għas-servizzi ta' inċidenti u ta' emerġenza interni u esterni, u għal dan il-għan għandu jagħti preavviż tal-perikli fix-xogħol rilevanti, tal-arranġamenti għall-identifikazzjoni tal-perikli, tal-prekawzjonijiet u l-proċeduri, u dan biex is-servizzi għall-emerġenzi jkunu jistgħu jippreparaw għalihom proċeduri dwar kif ser jaġixxu u miżuri ta' prekawzjoni. Il-prinċipal għandu wkoll jipprovdi informazzjoni dwar perikli speċifiċi li jinqalgħu, jew li jistgħu jinqalgħu waqt inċident jew emerġenza, inkluża informazzjoni dwar proċeduri ppreparata kif

		proċeduri ppreparata skond kif mehtieġa f'dawn ir-regolamenti."	meħtieġa skont dan ir-regolament."
L.S 424.24	regolament 8(1)	"Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, rigward informazzjoni u taħriġ ta' ħaddiema, min iħaddem għandu jiżgura li:"	"Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, fir-rigward ta' informazzjoni u taħriġ ta' ħaddiema, il-prinċipal għandu jiżgura li:"
L.S. 424.24	regolament 8(2)	"Fejn kontenituri u pajpijiet għal aġenti kimiċi perikoluży użati fuq l-post tax-xogħol ma jkunux immarkati skond ir-Regolamenti dwar it-Twaħħil ta' Sinjali tas-Saħħa u, jew tas-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, min iħaddem għandu, mingħajr ħsara għal xi derogi provduti fir-regolamenti, jiżgura illi l-kontenut tal-kontenituri u pajpijiet, flimkien max-xorta ta' dak il-kontenut u xi periklu assoċjat, ikun identifikabbli b'mod ċar."	"Fejn kontenituri u pajpijiet għal aġenti kimiċi perikoluży użati fuq l-post tax-xogħol ma jkunux immarkati skont ir-Regolamenti dwar it-Twaħħil ta' Sinjali tas-Saħħa u, jew tas-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, il-prinċipal għandu, mingħajr ħsara għal xi derogi provduti fir-regolamenti, jiżgura illi l-kontenut tal-kontenituri u l-pajpijiet, flimkien max-xorta ta' dak il-kontenut u xi periklu assoċjat, ikunu identifikabbli b'mod ċar."
L.S. 424.24	regolament 9(3)	"Derogi konformi mas-subregolament (2) jistgħu jingħataw wara li min iħaddem jgħaddi lill-Awtorità l-informazzjoni li ġejja:"	"Derogi konformi mas-subregolament (2) jistgħu jingħataw wara li l-prinċipal jgħaddi lill-Awtorità l-informazzjoni li ġejja:"
L.S. 424.24	regolament 10(1)(a)	"Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull ħaddiem li, jekk ikun hekk jixtieq, jirċievi sorveljanza tas-saħħa f'intervalli regolari, min iħaddem għandu jagħmel arranġamenti sabiex issir sorveljanza skond il-każ tas-saħħa tal-ħaddiema li għalihom r-riżultati tal-evalwazzjoni msemmija fir-regolament 4 juri riskju għas-saħħa, u tali eżamijiet għandhom ikunu disponibbli għall-Awtorità."	"Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull ħaddiem li, jekk ikun hekk jixtieq, jirċievi sorveljanza tas-saħħa f'intervalli regolari, il-prinċipal għandu jagħmel arranġamenti sabiex issir sorveljanza skont il-każ tas-saħħa tal-ħaddiema li għalihom ir-riżultati tal-evalwazzjoni msemmija fir-regolament 4 juri riskju għas-saħħa, u tali eżamijiet għandhom ikunu disponibbli għall-Awtorità."

L.S. 424.24	regolament 10(2)	"Min iħaddem għandu jiżgura li għal kull ħaddiem li jirċievi sorveljanza tas-saħħa skond r-rekwiżiti tas-subregolament (1), għandhom isiru u jinżammu aġġornati d-dokumenti individwali tas-saħħa u tal-espożizzjoni."	"Il-prinċipal għandu jiżgura li għal kull ħaddiem li jirċievi sorveljanza tas-saħħa skont ir-rekwiżiti tas-subregolament (1), għandhom isiru u jinżammu aġġornati d-dokumenti individwali tas-saħħa u tal-espożizzjoni."
L.S. 424.24	regolament 10(4)(b)	"il-ħaddiem għandu jkun informat mit-tabib jew minn persuna oħra kompetenti kif adatt bir-riżultat li jkun jirrigwarda lilu personalment, inkluża kull informazzjoni u parir rigward sorveljanza tas-saħħa li huwa għandu jsegwi fl-aħħar tal-espożizzjoni. Min iħaddem għandu:"	"il-ħaddiem għandu jkun informat mit-tabib jew minn persuna oħra kompetenti kif adatt bir-riżultat li jkun jirrigwarda lilu personalment, inkluża kull informazzjoni u parir fir-rigward ta' sorveljanza tas-saħħa li huwa għandu jsegwi fl-aħħar tal-espożizzjoni. Il-prinċipal għandu:"
Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema minn Riskji relatati mal-Espożizzjoni għal Aġenti Bijoloġiċi fuq il-Post tax-Xogħol – L.S. 424.25	regolament 3(1)(d)	"Min iħaddem għandu jforni lill-Awtorità, meta din hekk titlob, l-informazzjoni użata sabiex issir l-evalwazzjoni."	"Il-prinċipal għandu jforni lill-Awtorità, meta din hekk titlob, l-informazzjoni użata sabiex issir l-evalwazzjoni."
L.S. 424.25	regolament 5	"Min iħaddem għandu jevita l-użu ta' aġent bijoloġiku dannuż jekk ix-xorta tal-attività tkun hekk tippermetti, billi jbiddlu ma' aġent bijoloġiku li, taħt il-kondizzjonijiet tal-użu tiegħu, ma jkunx perikoluż jew ikun anqas perikoluż għas-saħħa tal-ħaddiema, skond il-każ, fl-istat preżenti tal-għarfien relattiv."	"Il-prinċipal għandu jevita l-użu ta' aġent bijoloġiku dannuż jekk ix-xorta tal-attività tkun hekk tippermetti, billi jissostitwixxih ma' aġent bijoloġiku li, taħt il-kondizzjonijiet tal-użu tiegħu, ma jkunx perikoluż jew ikun anqas perikoluż għas-saħħa tal-ħaddiema, skont il-każ, fl-istat preżenti tal-għarfien relattiv."
L.S. 424.25	regolament 7(1)	"Meta r-riżultati tal-evalwazzjoni msemmija fir-regolament 3 juru riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, min iħaddem għandu, meta jiġi hekk mitlub, jagħti lill-Awtorità	"Meta r-riżultati tal-evalwazzjoni msemmija fir-regolament 3 juru riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, il-prinċipal għandu, meta jiġi hekk mitlub, jagħti lill-Awtorità informazzjoni xierqa dwar:"

		informazzjoni xierqa dwar:"	
L.S. 424.25	regolament 7(2)	"Min iħaddem għandu immedjatament jinforma lill-Awtorità b'kull aċċident jew inċident li seta' wassal għall-ħruġ ta' xi aġent bijoloġiku u li jista' jwassal għal xi infezzjoni u, jew mard gravi fil-bniedem."	"Il-prinċipal għandu immedjatament jinforma lill-Awtorità b'kull aċċident jew inċident li seta' wassal għall-ħruġ ta' xi aġent bijoloġiku u li jista' jwassal għal xi infezzjoni u, jew mard gravi fil-bniedem."
L.S. 424.25	regolament 8(1)	"Min iħaddem għandu jkun obbligat, fil-każ tal-attivitajiet kollha li għalihom hemm riskju għas-saħħa jew is-sigurtà tal-ħaddiema minħabba f'xogħol b'aġenti bijoloġiċi, li jieħu miżuri adatti sabiex jiżgura li:"	"Il-prinċipal għandu jkun obbligat, fil-każ tal-attivitajiet kollha li għalihom hemm riskju għas-saħħa jew is-sigurtà tal-ħaddiema minħabba f'xogħol b'aġenti bijoloġiċi, li jieħu miżuri adatti sabiex jiżgura li:"
L.S. 424.25	regolament 8(2)(b)	"Min iħaddem għandu jiżgura illi dak l-ilbies u apparat protettiv ikunu dikontaminati u mnaddfa jew, jekk ikun meħtieġ, meqruda."	"Il-prinċipal għandu jiżgura illi tali lbies u apparat protettiv ikunu dikontaminati u mnaddfa jew, jekk ikun meħtieġ, meqruda."
L.S. 424.25	regolament 9	"Min iħaddem għandu jieħu miżuri xierqa sabiex jiżgura li l-ħaddiema u, jew r-rappreżentanti tal-ħaddiema fl-impriża jew l-istabbiliment jirċievu taħriġ biżżejjed u adatt, abbażi ta' kull informazzjoni disponibbli, b'mod partikolari fil-forma ta' informazzjoni u istruzzjonijiet, rigward:"	"Il-prinċipal għandu jieħu miżuri xierqa sabiex jiżgura li l-ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tal-ħaddiema fl-impriża jew l-istabbiliment jirċievu taħriġ biżżejjed u adatt, abbażi ta' kull informazzjoni disponibbli, b'mod partikolari fil-forma ta' informazzjoni u istruzzjonijiet, rigward:"
L.S. 424.25	regolament 10(1)	"Min iħaddem għandu jipprovdi istruzzjonijiet bil-miktub fuq il-post tax-xogħol u, jekk ikun adatt, juri avviżi li għandhom mill-inqas jinkludu l-proċedura li għandha tkun segwita f'każ:"	"Il-prinċipal għandu jipprovdi istruzzjonijiet bil-miktub fuq il-post tax-xogħol u, jekk ikun adatt, juri avviżi li għandhom mill-inqas jinkludu l-proċedura li għandha tkun segwita f'każ:"
L.S. 424.25	regolament 10(3)(a)	"Min iħaddem għandu minnufih jgħarraf lill-ħaddiema u, jew lir-rappreżentanti tagħhom dwar kull aċċident jew inċident li seta' wassal għar-rilaxx ta' aġent bijoloġiku u li jista'	"Il-prinċipal għandu minnufih jgħarraf lill-ħaddiema u, jew lir-rappreżentanti tagħhom dwar kull aċċident jew inċident li seta' wassal għar-rilaxx ta' aġent bijoloġiku u li jista' joħloq

Verżjoni Elettronika

		joħloq xi infezzjoni u, jew mard gravi fil-bniedem."	xi infezzjoni u, jew mard gravi fil-bniedem."
L.S. 424.25	regolament 10(3)(b)	"Iktar minn hekk, min iħaddem għandu wkoll javża lill-ħaddiema u, jew lir-rappreżentanti tagħhom fl-impriża jew l-istabbiliment kemm jista' jkun malajr meta jseħħ xi aċċident jew inċident serju, x'ikun ikkaġunah u l-miżuri meħuda jew li jkunu ser jittieħdu sabiex titranġa s-sitwazzjoni."	"Iktar minn hekk, il-prinċipal għandu wkoll javża lill-ħaddiema u, jew lir-rappreżentanti tagħhom fl-impriża jew l-istabbiliment kemm jista' jkun malajr meta jseħħ xi aċċident jew inċident serju, xi jkun ikkaġunah u l-miżuri meħuda jew li jkunu ser jittieħdu sabiex titranġa s-sitwazzjoni."
L.S. 424.25	regolament 10(6)	"Min iħaddem għandu jipprovdi lill-ħaddiema u, jew lir-rappreżentanti tagħhom, fuq talba tagħhom, l-informazzjoni msemmija fir-regolament 7(1)."	"Il-prinċipal għandu jipprovdi lill-ħaddiema u, jew lir-rappreżentanti tagħhom, fuq talba tagħhom, l-informazzjoni msemmija fir-regolament 7(1)."
L.S. 424.25	regolament 11(1)	"Min iħaddem għandu jżomm lista ta' ħaddiema esposti għal aġenti bijoloġiċi tal-grupp 3 u, jew tal-grupp 4, filwaqt li jindika t-tip ta' xogħol magħmul u, kull meta jkun possibbli, l-aġent bijoloġiku li kienu esposti għalih, kif ukoll id-dokumenti ta' espożizzjoni, aċċidenti u inċidenti, kif adatt."	"Il-prinċipal għandu jżomm lista ta' ħaddiema esposti għal aġenti bijoloġiċi tal-grupp 3 u, jew tal-grupp 4, filwaqt li jindika t-tip ta' xogħol magħmul u, kull meta jkun possibbli, l-aġent bijoloġiku li kienu esposti għalih, kif ukoll id-dokumenti ta' espożizzjoni, aċċidenti u inċidenti, kif adatt."
L.S. 424.25	regolament 12(1)	"Min iħaddem għandu jikkonsulta l-ħaddiema u, jew lir-rappreżentanti tagħhom u jippermettilhom li jieħdu parti f'diskussjonijiet fuq kull ħaġa li jkollha x'taqsam mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Dan jippresupponi:- il-konsultazzjoni mal-ħaddiema,- id-dritt tal-ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tagħhom li jagħmlu proposti, u l-parteċipazzjoni bilanċjata skond il-liġijiet u, jew il-prattiċi li japplikaw."	"Il-prinċipal għandu jikkonsulta l-ħaddiema u, jew lir-rappreżentanti tagħhom u jippermettilhom li jieħdu parti f'diskussjonijiet fuq kull ħaġa li jkollha x'taqsam mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Dan jippresupponi:- il-konsultazzjoni mal-ħaddiema,- id-dritt tal-ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tagħhom li jagħmlu proposti, u l-parteċipazzjoni bilanċjata skont il-liġijiet u, jew il-prattiċi li japplikaw."

L.S. 424.25	regolament 12(2)	"Ħaddiema jew rappreżentanti tal-ħaddiema b'responsabilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema għandhom jieħdu sehem b'mod bilanċjat, skond il-liġijiet u, jew il-prattiċi applikabbli, u għandhom jiġu kkonsultati bil-quddiem u fi żmien adatt minn min iħaddem rigward:"	"Ħaddiema jew rappreżentanti tal-ħaddiema b'responsabilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema għandhom jieħdu sehem b'mod bilanċjat, skont il-liġijiet u, jew il-prattiċi applikabbli, u għandhom jiġu kkonsultati bil-quddiem u fi żmien xieraq mill-prinċipali fir-rigward ta':"
L.S. 424.25	regolament 12(2)(b)	"l-għażla ta' persuna jew persuni kompetenti li min iħaddem huwa obbligat li jinkariga sabiex jagħmlu attivitajiet relatati mal-protezzjoni u l-prevenzjoni ta' riskji fuq il-post tax-xogħol għall-impriża u, jew l-istabbiliment, u l-ħaddiema li min iħaddem huwa obbligat li jinkariga sabiex jimplimentaw l-miżuri *inter alia*, għall-ewwel għajnuna, it-tifi tan-nar u l-evakwazzjoni tal-ħaddiema, u l-attivitajiet relattivi għall-protezzjoni u l-prevenzjoni ta' riskji fuq l-post tax-xogħol;"	"l-għażla ta' persuna jew persuni kompetenti li prinċipal huwa obbligat li jinkariga sabiex jagħmlu attivitajiet relatati mal-protezzjoni u l-prevenzjoni ta' riskji fuq il-post tax-xogħol għall-impriża u, jew l-istabbiliment, u l-ħaddiema li l-prinċipal huwa obbligat li jinkariga sabiex jimplimentaw il-miżuri *inter alia*, għall-ewwel għajnuna, it-tifi tan-nar u l-evakwazzjoni tal-ħaddiema, u l-attivitajiet relattivi għall-protezzjoni u l-prevenzjoni ta' riskji fuq l-post tax-xogħol;"
L.S. 424.25	regolament 12(3)	"Rappreżentanti tal-ħaddiema b'responsabilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema għandu jkollhom d-dritt li jitolbu lil min iħaddem sabiex jieħu miżuri adatti u biex jagħmel proposti lilhom għal dak l-għan sabiex jitnaqqas il-periklu għall-ħaddiema u, jew tinteħħa l-kaġuni tal-periklu."	"Rappreżentanti tal-ħaddiema b'responsabilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema għandu jkollhom id-dritt li jitolbu lill-prinċipal sabiex jieħu miżuri adatti u biex jagħmel proposti lilhom għal dak il-għan sabiex jitnaqqas il-periklu għall-ħaddiema u, jew jitneħħa s-sors tal-periklu."
L.S. 424.25	regolament 12(5)	"Min iħaddem għandu jippermetti li r-rappreżentanti tal-ħaddiema b'responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema	"Il-prinċipal għandu jippermetti li r-rappreżentanti tal-ħaddiema b'responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema għandu jkollhom żmien adegwat waqt il-ħin

		għandu jkollhom żmien adegwat waqt l-ħin tax-xogħol, mingħajr telf ta' ebda paga, u jipprovdihom bil-mezzi neċessarji sabiex dawn ir-rappreżentanti ikunu jistgħu jeżerċitaw d-drittijiet u l-funzjonijiet tagħhom."	tax-xogħol, mingħajr telf tal-ebda paga, u jipprovdihom bil-mezzi neċessarji sabiex tali rappreżentanti jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet u l-funzjonijiet tagħhom."
L.S. 424.25	regolament 12(6)	"Ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tagħhom huma intitolati jappellaw, skond il-liġi u, jew prattika rilevanti, lill-Awtorità jekk jidhrilhom li l-miżuri meħuda u l-mezzi użati minn min iħaddem ma jkunux adegwati sabiex tiġi żgurata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema għandhom jingħataw l-opportunità jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom matul żjajjar ta' spezzjoni mill-Awtorità."	"Ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tagħhom huma intitolati jappellaw, skont il-liġi u, jew prattika rilevanti, lill-Awtorità jekk jidhrilhom li l-miżuri meħuda u l-mezzi użati mill-prinċipal ma jkunux adegwati sabiex tiġi żgurata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema għandhom jingħataw l-opportunità jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom matul żjajjar ta' spezzjoni mill-Awtorità."
L.S. 424.25	regolament 13(1)(ċ)	"Bla ħsara għas-subregolament (2), għandha ssir ukoll notifikazzjoni bil-quddiem fil-każ tal-użu għall-ewwel darba ta' kull aġent bijoloġiku sussegwenti tal-grupp 4 u ta' kull aġent bijoliġiku ġdid sussegwenti tal-grupp 3 meta min iħaddem innifsu jkun provviżorjament jikklassifika dak l-aġent bijoloġiku."	"Bla ħsara għas-subregolament (2), għandha ssir ukoll notifikazzjoni bil-quddiem fil-każ tal-użu inizjali ta' kull aġent bijoloġiku sussegwenti tal-grupp 4 u ta' kull aġent bijoliġiku ġdid sussegwenti tal-grupp 3 meta l-prinċipal innifsu jkun provviżorjament jikklassifika dak l-aġent bijoloġiku."
L.S. 424.25	regolament 14(1)(a)	"Meta r-riżultat tal-evalwazzjoni msemmija fir-regolament 3 juru riskju għas-saħħa jew għas-sigurtà, min iħaddem għandu jagħmel arranġamenti sabiex kull ħaddiem involut ikun jista' jagħmel sorveljanza rilevanti tas-saħħa:"	Meta r-riżultat tal-evalwazzjoni msemmija fir-regolament 3 juru riskju għas-saħħa jew għas-sigurtà, il-prinċipal għandu jagħmel arranġamenti sabiex kull ħaddiem involut ikun jista' jagħmel sorveljanza rilevanti tas-saħħa:"

L.S. 424.25	regolament 14(2)(ċ)	"Meta min iħaddem jagħmel disponibbli xi tilqim, għandu jitqies il-kodiċi tal-prattika rakkomandat muri fl-Iskeda VII."	"Meta l-prinċipal jagħmel disponibbli xi tilqim, għandu jitqies il-kodiċi tal-prattika rakkomandat stabbilit fl-Iskeda VII."
L.S. 424.25	regolament 14(2)(d)	"Jekk ħaddiem jinstab li jkollu xi infezzjoni u, jew marda li tkun suspettat bħala riżultat ta' espożizzjoni, it-tabib jew min iħaddem għandu joffri dik is-sorveljanza lil ħaddiema oħra li jkunu ġew esposti b'mod simili."	"Jekk ħaddiem jinstab li jkollu xi infezzjoni u, jew marda li tkun suspettat bħala riżultat ta' espożizzjoni, it-tabib jew il-prinċipal għandu joffri dik is-sorveljanza lil ħaddiema oħra li jkunu ġew esposti b'mod simili."
L.S. 424.25	regolament 14 (6)(b)	"il-ħaddiema involuti jew min iħaddem jistgħu jitolbu li jiġu riveduti r-riżultati tas-sorveljanza tas-saħħa."	"il-ħaddiema involuti jew il-prinċipal jistgħu jitolbu li jiġu riveduti r-riżultati tas-sorveljanza tas-saħħa."
Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Ħaddiema fl-Industriji ta' l-Estrazzjoni tal-Minerali permezz ta' Driljar u ta' Ħaddiema fl-Industriji ta' l-Estrazzjoni tal-Minerali Fuq u Taħt l-Art L.S. 424.26	regolament 1(3)	"Min iħaddem għandu jiżgura li kull tibdil, estensjoni u, jew konverżjoni li ssir wara l-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti tkun tħares ir-rekwiżiti stipulati fl-Annessi."	"Il-prinċipal għandu jiżgura li kull tibdil, estensjoni u, jew konverżjoni li ssir wara l-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti tkun tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Annessi."
L.S. 424.26	regolament 4	"Fit-twettiq tal-prinċipji stipulati taħt l-artikolu 6 ta' l-Att u taħt ir-regolament 4 tad-Disposizzjonijiet Ġenerali, għandu jkun d-dmir ta' min iħaddem li jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura li: (a) il-postijiet tax-xogħol ikunu mfassla, fabbrikati, armati, kummissjonati, operati u mantenuti b'tali mod li l-ħaddiema jkunu jistgħu jwettqu x-xogħol mogħti lilhom mingħajr	"Fit-twettiq tal-prinċipji stipulati taħt l-artikolu 6 tal-Att u taħt ir-regolament 4 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali, għandu jkun d-dmir tal-prinċipal li jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura li: (a) il-postijiet tax-xogħol ikunu ddisinjati, fabbrikati, armati, kummissjonati, operati u mantenuti b'tali mod li l-ħaddiema jkunu jistgħu jwettqu x-xogħol mogħti lilhom mingħajr l-ebda periklu għas-saħħa u

Verżjoni Elettronika

		ebda periklu għas-saħħa u s-sigurtà tagħhom u, jew għas-saħħa u s-sigurtà ta' xi ħaddiema oħrajn; (b) l-operazzjoni tal-postijiet tax-xogħol meta jkun hemm ħaddiema sseħħ taħt is-superviżjoni ta' persuna inkarigata; (ċ) xogħol li jinvolvi risku speċjali jingħata biss lil ħaddiema kompetenti u jitwettaq skond l-istruzzjonijiet mogħtija minn min iħaddem; (d) l-informazzjoni, l-istruzzjoni, it-taħriġ u s-superviżjoni kollha tingħata b'tali mod li tinftiehem mill-ħaddiema involuti kollha; (e) jingħataw il-faċilitajiet meħtieġa ta' l-ewwel għajnuna; (f) isiru eżerċizzji tas-sigurtà b'intervalli regolari."	s-sigurtà tagħhom u, jew għas-saħħa u s-sigurtà ta' xi ħaddiema oħra; (b) l-operazzjoni tal-postijiet tax-xogħol meta jkun hemm ħaddiema sseħħ taħt is-superviżjoni ta' persuna inkarigata; (ċ) xogħol li jinvolvi riskju speċjali jingħata biss lil ħaddiema kompetenti u jitwettaq skont l-istruzzjonijiet mogħtija mill-prinċipal; (d) l-informazzjoni, l-istruzzjoni, it-taħriġ u s-superviżjoni kollha tingħata b'tali mod li tinftiehem mill-ħaddiema involuti kollha; (e) jingħataw il-faċilitajiet meħtieġa tal-ewwel għajnuna; (f) isiru eżerċizzji tas-sigurtà b'intervalli regolari."
L.S. 424.26	regolament 5(1)	"Min iħaddem għandu jipprepara u jżomm aġġornat dokument tas-saħħa u s-sigurtà."	"Il-prinċipal għandu jipprepara u jżomm aġġornat dokument tas-saħħa u s-sigurtà."
L.S. 424.26	"regolament 6(1)	"Meta jkun hemm ħaddiema minn diversi kumpanniji jew impriżi fl-istess post tax-xogħol, kull min iħaddem għandu jkun responsabbli għall-affarjiet kollha taħt il-kontroll tiegħu."	"Meta jkun hemm ħaddiema minn diversi kumpaniji jew impriżi fl-istess post tax-xogħol, kull prinċipal għandu jkun responsabbli għall-affarijiet kollha taħt il-kontroll tiegħu."
L.S. 424.26	regolament 6(2)	"Dik il-persuna li tħaddem li tkun responabbli għall-post tax-xogħol għandha tikkordina l-implimentazzjoni tal-miżuri kollha tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u għandha tiddikjara, fid-dokument tas-saħħa u s-sigurtà, l-iskop ta' dik il-kordinazzjoni u l-miżuri u l-proċeduri għall-implimentazzjoni tagħha."	"Dak il-prinċipal li jkun responabbli għall-post tax-xogħol għandu jikkordina l-implimentazzjoni tal-miżuri kollha tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u għandu jiddikjara fid-dokument tas-saħħa u s-sigurtà l-iskop ta' dik il-kordinazzjoni u l-miżuri u l-proċeduri għall-implimentazzjoni tagħha."

L.S. 424.26	regolament 6(3)	"Il-kordinazzjoni ma għandhiex tolqot ir-responsabbiltajiet stipulati fl-Att għal kull persuna li tħaddem."	"Il-kordinazzjoni ma għandhiex tolqot ir-responsabbiltajiet stipulati fl-Att għal kull prinċipal."
L.S. 424.26	regolament 7	"Min iħaddem għandu jieħu miżuri u prewkawzjonijiet adatti skond ix-xorta ta' l-operazzjoni involuta sabiex jevita, u jipprevjeni li ssir esplożjoni u, jew li jkun hemm xi atmosferi li huma ta' periklu għas-saħħa."	"Il-prinċipal għandu jieħu miżuri u prekawzjonijiet xierqa skont ix-xorta tal-operazzjoni involuta sabiex jevita, u jipprevjeni li ssir splużjoni u, jew li jkun hemm xi atmosferi li huma ta' periklu għas-saħħa."
L.S. 424.26	regolament 8	"Min iħaddem għandu jkollu u jżomm miżuri xierqa ta' ħrib u salvataġġ sabiex il-ħaddiema jkollhom opportunitajiet xierqa li jħallu l-post tax-xogħol malajr u mingħajr riskju fl-każ ta' periklu."	"Il-prinċipal għandu jkollu u jżomm miżuri xierqa ta' evakwazzjoni u salvataġġ sabiex il-ħaddiema jkollhom opportunitajiet xierqa li jħallu l-post tax-xogħol malajr u mingħajr riskju fil-każ ta' periklu."
L.S. 424.26	regolament 9	"Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jsiru minnufih l-operazzjonijiet meħtieġa ta' twissija jekk ikun hemm bżonn."	"Il-prinċipal għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jsiru minnufih l-operazzjonijiet meħtieġa ta' twissija jekk ikun hemm bżonn."
L.S. 424.26	regolament 10(1)	"Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 6(3) tal-Att, min iħaddem għandu jinforma lir-rappreżentant u lill-ħaddiema bil-miżuri kollha li jridu jittieħdu dwar is-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol, u partikolarment dwar dawk li jirrigwardaw l-implimentazzjoni tar-regolamenti 5 sa 11."	"Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 6(3) tal-Att, il-prinċipal għandu jinforma lir-rappreżentant u lill-ħaddiema bil-miżuri kollha li jridu jittieħdu dwar is-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol, u partikolarment dwar dawk li jirrigwardaw l-implimentazzjoni tar-regolamenti 5 sa 11."
L.S. 424.26	regolament 11(1)	"Kull ħaddiem għandu jagħmel eżami mediku qabel ma jingħata xi dmir kopert minn dawn ir-regolamenti u dan l-eżami għandu jitħallas għalih minn min iħaddem."	"Kull ħaddiem għandu jagħmel eżami mediku qabel ma jingħata xi dmir kopert minn dawn ir-regolamenti u dan l-eżami għandu jitħallas mill-prinċipal."
L.S. 424.26	regolament 12(2)	"Ir-rappreżentant għandu d-dritt jitlob lil min iħaddem sabiex jieħu miżuri xierqa, u d-dritt li jagħtih proposti għal dak l-iskop, sabiex jitnaqqsu l-	"Ir-rappreżentant għandu d-dritt jitlob lill-prinċipal sabiex jieħu miżuri xierqa, u d-dritt li jagħtih proposti għal dak l-iskop, sabiex jitnaqqsu l-perikli għall-

		perikli għall-ħaddiema u, jew jitneħħew is-sorsi ta' periklu."	ħaddiema u, jew jitneħħew is-sorsi ta' periklu."
L.S. 424.26	partita 2(1) tal-Anness I	"F'kull ħin meta ikun hemm ħaddiema fuq post tax-xogħol, dan il-post tax-xogħol għandu jkun taħt il-kontroll u superviżjoni ta': (a) persuna responsabbli li għandha l-abbiltajiet u l-kompetenza meħtieġa għal dan id-dmir, skond xi liġi oħra li tirregola dawn id-dmirijiet, u li tkun inħatret minn min iħaddem; jew (b) min iħaddem jekk għandu l-abbiltajiet u l-kompetenza hawn qabel imsemmija."	"F'kull waqt meta jkun hemm ħaddiema fuq post tax-xogħol, tali post tax-xogħol għandu jkun taħt il-kontroll u s-superviżjoni ta': (a) persuna responsabbli li għandha l-abbiltajiet u l-kompetenza meħtieġa għal tali dmir, skont xi liġi oħra li tirregola dawn id-dmirijiet, u li tkun inħatret mill-prinċipal; jew (b) mill-prinċipal jekk għandu l-abbiltajiet u l-kompetenza preċedentement imsemmija."
L.S. 424.26	partita 7(1) tal-Anness I	"Fejn meħtieġ mid-dokument tas-saħħa u s-sigurtà, min iħaddem għandu jdaħħal sistema ta' permessi għax-xogħol għat-twettiq: (a) ta' attivitajiet perikoluż; u (b) ta' attivitajiet li s-soltu huma mingħajr tifxkil iżda li jistgħu jkollhom x'jaqsmu ma' attvitajiet oħrajn sabiex joħolqu xi perikli serji."	"Fejn meħtieġ mid-dokument tas-saħħa u s-sigurtà, il-prinċipal għandu jdaħħal sistema ta' permessi għax-xogħol għat-twettiq: (a) ta' attivitajiet perikoluż; u (b) ta' attivitajiet li s-soltu huma mingħajr tfixkil iżda li jistgħu jkollhom x'jaqsmu ma' attivitajiet oħra sabiex joħolqu xi perikli serji."
L.S. 424.26	partita 8 tal-Anness I	"Min iħaddem għandu jiżgura li l-miżuri li ttieħdu għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, inkluża s-sistema ta' ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà, jiġu riveduti regolarment sabiex jiġi żgurat il-ħarsien ta' dawn ir-regolamenti."	"Il-prinċipal għandu jiżgura li l-miżuri li ttieħdu għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, inkluża s-sistema ta' ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà, jiġu riveduti regolarment sabiex jiġi żgurat il-ħarsien ta' dawn ir-regolamenti."
L.S. 424.26	partita 12(1) tal-Anness I	"Min jimpjega għandu jwaqqaf skema li tipprovdi għal eżami sistematiku, il-manutenzjoni u, fejn hu propizju, l-ittestjar	"Il-prinċipal għandu jwaqqaf skema li tipprovdi għal eżami sistematiku, il-manutenzjoni u, fejn hu propizju, l-ittestjar mekkaniku u elettriku tal-apparat u l-impjant."

		mekkaniku w elettriku ta' l-apparat u l-impjant."	
L.S. 424.26	partita 12(3) tal-Anness I	"Min iħaddem għandu jżomm *records* ta' dawn l-eżaminijiet u testijiet."	"Il-prinċipal għandu jżomm rekords ta' dawn l-eżamijiet u testijiet."
L.S. 424.26	partita 18(2) tal-Anness I	"Min iħaddem għandu jiżgura li, fil-każ ta' periklu, il-ħaddiema jkunu jistgħu jevakwaw il-postijiet tax-xogħol malajr kemm jista' jkun u mingħajr perikli."	"Il-prinċipal għandu jiżgura li, fil-każ ta' periklu, il-ħaddiema jkunu jistgħu jevakwaw il-postijiet tax-xogħol malajr kemm jista' jkun u mingħajr perikli."
L.S. 424.26	partita 27(3) tal-Anness I	"Min iħaddem għandu jiżgura li twieqi u soqfa tal-ħġieġ jistgħu jitnaddfu mingħajr periklu."	"Il-prinċipal għandu jiżgura li twieqi u soqfa tal-ħġieġ jistgħu jitnaddfu mingħajr periklu."
L.S. 424.26	partita 28(7) tal-Anness I	"Bibien tul il-passaġġi ta' emerġenza għandhom ikunu mmarkati kif xieraq u min iħaddem għandu jiżgura li jkun possibbli li jinfetħu minn ġewwa f'kull ħin mingħajr xi għajnuna speċjali kif ukoll meta l-postijiet tax-xogħol ikunu okkupati."	"Bibien tul il-passaġġi ta' emerġenza għandhom ikunu mmarkati kif xieraq u l-prinċipal għandu jiżgura li jkun possibbli li jinfetħu minn ġewwa f'kull waqt mingħajr xi għajnuna speċjali kif ukoll meta l-postijiet tax-xogħol ikunu okkupati."
L.S. 424.26	partita 30 tal-Anness I	"Min iħaddem għandu jiżgura li bibien u xtiebi mekkaniċi: (a) jaħdmu mingħajr riskju ta' aċċident lill-ħaddiema; (b) ikunu armati b'apparat ta' għeluq fil-każ ta' emerġenza aċċessibbli u li jista' faċilment jiġi identifikat u, sakemm ma jinfetħux weħidhom fil-każ ta' nuqqas ta' dawl, jistgħu ukoll jinfetħu manwalment."	"Il-prinċipal għandu jiżgura li bibien u xtiebi mekkaniċi: (a) jaħdmu mingħajr riskju ta' aċċident lill-ħaddiema; (b) ikunu armati b'apparat ta' għeluq fil-każ ta' emerġenza aċċessibbli u li jista' faċilment jiġi identifikat u, sakemm ma jinfetħux weħidhom fil-każ ta' nuqqas ta' dawl, jistgħu wkoll jinfetħu manwalment."
L.S. 424.26	partita 2(1) tal-Anness III	"Mingħajr preġudizzju għar-regolament 6, min iħaddem li jkun responsabbli għall-post tax-xogħol kopert b'dan l-Anness għandu jiżgura li d-dokument tas-saħħa u s-sigurtà juri li jkunu ttieħdu l-miżuri relevanti sabiex jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema kemm f'sitwazzjonijiet	"Mingħajr preġudizzju għar-regolament 6, il-prinċipal li jkun responsabbli għall-post tax-xogħol kopert b'dan l-Anness għandu jiżgura li d-dokument tas-saħħa u s-sigurtà juri li jkunu ttieħdu l-miżuri relevanti sabiex jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema kemm f'sitwazzjonijiet normali kif

		normali kif ukoll dawk kritiċi, partikolarment li:"	ukoll f'dawk kritiċi, partikolarment li:"
L.S. 424.26	partita 2(2) tal-Anness III	"Waqt l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' l-istadji kollha rilevanti koperti b'dawn ir-regolamenti, min iħaddem għandu josserva l-proċeduri u l-arranġamenti stipulati fid-dokument tas-saħħa u s-sigurtà."	"Waqt l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-istadji kollha rilevanti koperti b'dawn ir-regolamenti, il-prinċipal għandu josserva l-proċeduri u l-arranġamenti stipulati fid-dokument tas-saħħa u s-sigurtà."
L.S. 424.26	partita 17 tal-Anness III	"Il-mezzi tas-salvataġġ, raftijiet, bagi u ġgieget tas-salvataġġ provduti minn min iħaddem għandhom ikunu:"	"Il-mezzi tas-salvataġġ, raftijiet, bagi u ġkieket tas-salvataġġ provduti mill-prinċipal għandhom ikunu:"
L.S. 424.26	partita 23(1) tal-Anness III	"Jekk ix-xorta, l-iskala u t-tul ta' żmien ta' l-operazzjonijiet jkunu jeħtieġu, min iħaddem għandu wkoll jipprovdi lill-ħaddiema bl-akkomodazzjoni."	"Jekk ix-xorta, l-iskala u t-tul ta' żmien tal-operazzjonijiet ikunu jeħtieġu, il-prinċipal għandu wkoll jipprovdi lill-ħaddiema bl-akkomodazzjoni."
L.S. 424.26	partita 2(2) tal-Anness IV	"Min iħaddem għandu jiżgura li jipprovdi mezzi tat-tifi tan-nar rapidi u effettivi."	"Il-prinċipal għandu jiżgura li jipprovdi mezzi tat-tifi tan-nar rapidi u effettivi."
L.S. 424.26	partita 4(3) tal-Anness IV	"Min iħaddem għandu jiżgura li:"	"Il-prinċipal għandu jiżgura li:"
L.S. 424.26	partita 6(1) tal-Anness IV	"Min iħaddem għandu jiżgura li ssir evalwazzjoni biżżejjed u adatta ta' l-iskavazzjonijiet proposti jew eżistenti minn persuna kompetenti sabiex tiddetermina jekk skavazzjonijiet bħal dawn humiex ta' periklu sinifikanti."	"Il-prinċipal għandu jiżgura li ssir evalwazzjoni suffiċjenti u adegwata tal-iskavar propost jew eżistenti minn persuna kompetenti sabiex tiddetermina jekk tali skavar huwiex ta' periklu sinifikanti."
L.S. 424.26	partita 6(3) tal-Anness IV	"Fejn il-konklużjoni milħuqa mill-persuna kompetenti li tagħmel l-evalwazzjoni skond is-subregolament (1) tkun dik li l-iskavazzjoni ma tipprezenta l-ebda periklu sinifikanti, min iħaddem għandu jiżgura li persuna kompetenti twettaq aktar evalwazzjonijiet:"	"Fejn il-konklużjoni milħuqa mill-persuna kompetenti li tagħmel l-evalwazzjoni skont is-subregolament (1) tkun dik li l-iskavar ma jippreżenta l-ebda periklu sinifikanti, il-prinċipal għandu jiżgura li persuna kompetenti twettaq aktar evalwazzjonijiet:"
L.S. 424.26	partita 7(2) tal-Anness IV	"Min iħaddem għandu jiżgura li:"	"Il-prinċipal għandu jiżgura li:"

L.S. 424.26	partita 7(3) tal-Anness IV	"Min iħaddem għandu jiżgura li kull informazzjoni disponibbli għalih li tista' tkun relevanti għall-iskopijiet ta' eżami ġeotekniku tkun disponibbli għall-ispeċjalista ġeotekniku li jkun qiegħed iwettaq l-eżami."	"Il-prinċipal għandu jiżgura li kull informazzjoni disponibbli għalih li tista' tkun relevanti għall-iskopijiet ta' eżami ġeotekniku tkun disponibbli għall-ispeċjalista ġeotekniku li jkun qiegħed iwettaq l-eżami."
L.S. 424.26	partita 8(1) tal-Anness IV	"Meta l-konkluzjoni reġistrata mill-ispeċjalista ġeotekniku wara eżami ġeotekniku ta' skavazzjoni proposta jew eżistenti tkun dik li l-iskavazzjoni tirrappreżenta periklu sinifikanti minħabba instabbilità jew moviment, min iħaddem għandu jiżgura, mingħajr ħsara għar-regolament 7(1)(d), li l-iskavazzjoni msemmija tgħaddi minn eżami ġeotekniku ieħor mill-inqas kull sentejn."	"Meta l-konklużjoni reġistrata mill-ispeċjalista ġeotekniku wara eżami ġeotekniku ta' skavar propost jew eżistenti tkun dik li l-iskavar jirrappreżenta periklu sinifikanti minħabba instabbiltà jew moviment, il-prinċipal għandu jiżgura, mingħajr ħsara għar-regolament 7(1)(d), li l-iskavazzjoni msemmija tgħaddi minn eżami ġeotekniku ieħor mill-inqas kull sentejn."
L.S. 424.26	partita 8(2) tal-Anness IV	"Mingħajr ħsara għas-subregolament (1), fejn, għal skavazzjoni li taqa' taħt is-subregolament (1), hemm raġuni – (a) għal suspett li kien hemm jew li ser ikun hemm bidla sinifikanti: (i) fil-materji li għandu x'jaqsam magħhom l-eżami ġeotekniku; jew (ii) f'xi art fil-viċinanza li tista' tiġi milquta mill-moviment jew l-instabbilità ta' l-iskavazzjoni; jew (b) għal dubju dwar il-validità tal-konklużjoni ta' l-eżami kurrenti, min iħaddem għandu jiżgura li jsir eżami ġeotekniku ieħor kemm jista' jkun b'mod raġonevolment prattikabbli malajr."	"Mingħajr ħsara għas-subregolament (1) fejn, għal skavar li jaqa' taħt is-subregolament (1), hemm raġuni – (a) għal suspett li kien hemm, jew li ser ikun hemm bidla sinifikanti: (i) fil-materji li għandu x'jaqsam magħhom l-eżami ġeotekniku; jew (ii) f'xi art fil-viċinanza li tista' tiġi milquta mill-moviment jew l-instabbiltà tal-iskavazzjoni; jew (b) għal dubju dwar il-validità tal-konklużjoni ta' l-eżami kurrenti, il-prinċipal għandu jiżgura li jsir eżami ġeotekniku ieħor kemm jista' jkun b'mod raġonevolment prattikabbli malajr."

L.S. 424.32	regolament 8(1)	"Bil-għan li jiġi prevenut u individwat fil-ħin kull effett ħażin fuq is-saħħa, kif ukoll biex issir prevenzjoni ta' kull riskju għas-saħħa fit-tul u kull riskju ta' mard kroniku, li jirriżulta minn espożizzjoni għal radjazzjoni ottika, min iħaddem għandu jagħmel arranġamenti biex issir sorveljanza adatta tas-saħħa tal-ħaddiema li huma esposti għal radjazzjoni ottika artifiċjali u dik id-dokumentazzjoni medika għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Awtorità."	"Bil-għan li jiġi prevenut u individwat fil-ħin kull effett ħażin fuq is-saħħa, kif ukoll biex issir prevenzjoni ta' kull riskju għas-saħħa fit-tul u kull riskju ta' mard kroniku, li jirriżulta minn espożizzjoni għal radjazzjoni ottika, il-prinċipal għandu jagħmel arranġamenti sabiex issir sorveljanza adegwata tas-saħħa tal-ħaddiema li huma esposti għal radjazzjoni ottika artifiċjali u dik id-dokumentazzjoni medika għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Awtorità."
L.S. 424.32	regolament 8(2)	"Min iħaddem għandu jiżgura li ssir sorveljanza tas-saħħa minn tabib jew persuna oħra li l-Awtoritajiet tas-Saħħa jqisu li hi kompetenti biex twettaq sorveljanza tas-saħħa skond dan ir-regolament."	"Prinċipal għandu jiżgura li ssir sorveljanza tas-saħħa minn tabib jew persuna oħra li l-awtoritajiet tas-saħħa jqisu li hi kompetenti biex twettaq sorveljanza tas-saħħa skont dan ir-regolament."
L.S. 424.32	regolament 8(3)	"Min iħaddem għandu jiżgura li, għal kull ħaddiem sottopost għal sorveljanza tas-saħħa skond ir-regolament 8(1), issir u tinżamm aġġornata	"Prinċipal għandu jiżgura li, għal kull ħaddiem sottopost għal sorveljanza tas-saħħa skont ir-regolament 8(1), issir u tinżamm aġġornata

		dokumentazzjoni medika individwali."	dokumentazzjoni medika individwali."
L.S. 424.32	regolament 8(4)(ċ)	"Min iħaddem għandu jieħu miżuri xierqa biex jiżgura li t-tabib jew il-persuna kompetenti kif imsemmija fis-subregolament (2) ikollha aċċess għar-riżultati tal-evalwazzjoni tar-riskju msemmija fir-regolament 4 f'każ li dawk ir-riżultati jkunu rilevanti għas-sorveljanza tas-saħħa."	"Prinċipal għandu jieħu miżuri xierqa sabiex jiżgura li t-tabib jew il-persuna kompetenti kif imsemmija fis-subregolament (2) ikollhom aċċess għar-riżultati tal-evalwazzjoni tar-riskju msemmija fir-regolament 4 f'każ li dawk ir-riżultati jkunu rilevanti għas-sorveljanza tas-saħħa."
L.S. 424.32	regolament 8(5)	"F'kull każ, fejn tiġi individwata espożizzjoni li hi aktar mil-limiti ta' valur, min iħaddem għandu jipprovdi eżami mediku lil kull impjegat konċernat. Dan l-eżami mediku għandu jsir ukoll fejn, b'riżultat tas-sorveljanza tas-saħħa, jinstab li ħaddiem għandu marda identifikabbli jew inkella jkun ibati minn effett ħażin għas-saħħa li t-tabib jew persuna kompetenti jqisu li kien ikkaġunat minn espożizzjoni għal radjazzjoni ottika artifiċjali fuq il-post tax-xogħol. Fiż-żewġ każijiet, fejn jinqabżu l-valuri ta' limitu jew jiġu identifikati effetti ħżiena għas-saħħa, inkluż mard:"	"F'kull każ, fejn tiġi individwata espożizzjoni li teċċedi l-limiti ta' valur, il-prinċipal għandu jipprovdi eżami mediku lil kull impjegat konċernat. Dan l-eżami mediku għandu jsir ukoll fejn, b'riżultat tas-sorveljanza tas-saħħa, jinstab li ħaddiem għandu marda identifikabbli jew inkella jkun ibati minn effett ħażin għas-saħħa li t-tabib jew persuna kompetenti jqisu li kien ikkaġunat minn espożizzjoni għal radjazzjoni ottika artifiċjali fuq il-post tax-xogħol. Fiż-żewġ każijiet, fejn jinqabżu l-valuri ta' limitu jew jiġu identifikati effetti ħżiena għas-saħħa, inkluż mard:"

L.S. 424.32	regolament 8(5)(b)	"min iħaddem għandu jiġi infurmat b'kull fatt sinifikattiv li jinstab bis-sorveljanza tas-saħħa, billi titqies il-kunfidenzjalità medika kollha;"	"prinċipal għandu jiġi infurmat b'kull fatt sinifikattiv li jinstab bis-sorveljanza tas-saħħa, billi titqies il-kunfidenzjalità medika kollha;"
L.S. 424.32	regolament 8(5)(ċ)	"min iħaddem għandu:"	"prinċipal għandu:"
Regolamenti dwar Ħtiġiet Minimi ta' Saħħa u Sigurtà għall-Ħarsien tal-Ħaddiema minn Riskji li jirriżultaw mill-Espożizzjoni għal Kampi Elettromanjetiċi fuq il-Post tax-Xogħol – L.S. 424.34	regolament 3(2)	"Min iħaddem għandu jiżgura li l-espożizzjoni tal-ħaddiema għall-kampi elettromanjetiċi tkun limitata għall-ELVs relatati mal-effetti fuq is-saħħa u l-ELVs relatati mal-effetti fuq is-sensi stabbiliti fl-Iskeda II, għal effetti mhux termali, u fl-Iskeda III, għall-effetti termali. Il-konformità mal-ELVs relatati mal-effetti fuq is-saħħa u l-ELVs relatati mal-effetti fuq is-sensi għandha tiġi stabbilita bl-użu ta' proċeduri ta' evalwazzjoni rilevanti relatati mal-espożizzjoni u msemmija fir-regolament 4. Fejn l-espożizzjoni ta' ħaddiema għal kampi elettromanjetiċi taqbeż l-ELVs, min iħaddem għandu jieħu azzjoni immedjata f'konformità mar-regolament 5(8)."	"Prinċipal għandu jiżgura li l-espożizzjoni tal-ħaddiema għall-kampi elettromanjetiċi tkun limitata għall-ELVs relatati mal-effetti fuq is-saħħa u l-ELVs relatati mal-effetti fuq is-sensi stabbiliti fl-Iskeda II, għal effetti mhux termali, u fl-Iskeda III, għall-effetti termali. Il-konformità mal-ELVs relatati mal-effetti fuq is-saħħa u l-ELVs relatati mal-effetti fuq is-sensi għandha tiġi stabbilita bl-użu ta' proċeduri ta' evalwazzjoni rilevanti relatati mal-espożizzjoni u msemmija fir-regolament 4. Fejn l-espożizzjoni ta' ħaddiema għal kampi elettromanjetiċi teċċedi l-ELVs, il-prinċipal għandu jieħu azzjoni immedjata f'konformità mar-regolament 5(8)."
L.S. 424.34	regolament 3(3)	"Għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, meta jintwera li l-ALs rilevanti stabbiliti fl-Iskedi II u III ma jkunux qed jinqabżu, min iħaddem	"Għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, meta jintwera li l-ALs rilevanti stabbiliti fl-Iskedi II u III ma jkunux qed jinqabżu, il-prinċipal

Verżjoni Elettronika

		għandu jitqies li jkun konformi mal-ELVs relatati mal-effetti fuq is-saħħa u l-ELVs relatati mal-effetti fuq is-sensi. Fejn l-espożizzjoni taqbeż l-ALs, min iħaddem għandu jieħu azzjoni f'konformità mar-regolament 5(2), ħlief jekk l-evalwazzjoni mwettqa f'konformità mar-regolamenti 4(1), (2) u (3) turi li l-ELVs rilevanti ma nqabżux u li jistgħu jiġu eskluži kwalunkwe riskji għas-sigurtà."	għandu jitqies li jkun konformi mal-ELVs relatati mal-effetti fuq is-saħħa u l-ELVs relatati mal-effetti fuq is-sensi. Fejn l-espożizzjoni taqbeż l-ALs, il-prinċipal għandu jieħu azzjoni f'konformità mar-regolament 5(2), ħlief jekk l-evalwazzjoni mwettqa f'konformità mar-regolamenti 4(1), (2) u (3) turi li l-ELVs rilevanti ma nqabżux u li jistgħu jiġu eskluži kwalunkwe riskji għas-sigurtà."
L.S. 424.34	regolament 4(1)	"Min iħaddem għandu jevalwa r-riskji kollha għall-ħaddiema li jirriżultaw mill-kampi elettromanjetiċi fil-post tax-xogħol u, jekk meħtieġ, ikejjel jew jikkalkula l-livelli tal-kampi elettromanjetiċi li għalihom ikunu esposti l-ħaddiema. Mingħajr preġudizzju għar-regolament 12 tar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u r-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti, dik l-evalwazzjoni tista' ssir pubblika fuq talba skont il-liġijiet rilevanti tal-Unjoni u l-liġijiet u prattiċi nazzjonali. B'mod partikolari, fil-każ tal-ipproċessar tad-*data* personali tal-impjegati matul din l-evalwazzjoni, kull pubblikazzjoni għandha tikkonforma mal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data*. Sakemm ma jkunx hemm interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar, l-	"Prinċipal għandu jevalwa r-riskji kollha għall-ħaddiema li jirriżultaw mill-kampi elettromanjetiċi fil-post tax-xogħol u, jekk meħtieġ, ikejjel jew jikkalkula l-livelli tal-kampi elettromanjetiċi li għalihom ikunu esposti l-ħaddiema. Mingħajr preġudizzju għar-regolament 12 tar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u r-regolament 6, dik l-evalwazzjoni tista' ssir pubblika fuq talba skont il-liġijiet rilevanti tal-Unjoni u l-liġijiet u prattiċi nazzjonali. B'mod partikolari, fil-każ tal-ipproċessar tad-data personali tal-impjegati matul din l-evalwazzjoni, kull pubblikazzjoni għandha tikkonforma mal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data. Sakemm ma jkunx hemm interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar, l-awtoritajiet pubbliċi li

		awtoritajiet pubbliċi li jkunu fil-pussess ta' kopja tal-evalwazzjoni jistgħu jirrifjutaw talba għaliha jew talba biex jagħmluha pubblika, jekk l-iżvelar ikun idgħajjef il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' min iħaddem, inklużi dawk marbuta mal-proprjetà intellettwali. Min iħaddem jista' jirrifjuta li jiżvela jew jippubblika l-evalwazzjoni taħt l-istess kundizzjonijiet skont il-liġijiet rilevanti tal-Unjoni u l-liġijiet u prattiċi nazzjonali."	jkunu fil-pussess ta' kopja tal-evalwazzjoni jistgħu jirrifjutaw talba għaliha jew talba sabiex jagħmluha pubblika, jekk l-iżvelar ikun idgħajjef il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali tal-prinċipal, inklużi dawk marbuta mal-proprjetà intellettwali. Prinċipal jista' jirrifjuta li jiżvela jew jippubblika l-evalwazzjoni taħt l-istess kundizzjonijiet skont il-liġijiet rilevanti tal-Unjoni u l-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali."
L.S. 424.34	regolament 4(2)	"Għall-fini tal-evalwazzjoni prevista fis-subregolament (1), min iħaddem għandu jidentifika u jevalwa l-kampi elettromanjetiċi fil-post tax-xogħol, billi jieħu f'konsiderazzjoni l-gwidi prattiċi rilevanti disponibbli mill-Kummissjoni u *standards* jew linji gwida oħrajn rilevanti, inklużi bażijiet ta' *data* dwar l-espożizzjoni. Minkejja l-obbligi ta' min iħaddem taħt dawn ir-regolamenti, min iħaddem għandu wkoll ikun intitolat, fejn rilevanti, li jikkunsidra l-livelli ta' emissjoni u *data* adatta oħra relatata mas-sigurtà pprovduta mill-manifattur jew id-distributur, dwar it-tagħmir, f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni, inkluża evalwazzjoni tar-riskji, jekk applikabbli għall-kundizzjonijiet ta' espożizzjoni fil-post tax-xogħol jew il-post tal-installazzjoni."	"Għall-fini tal-evalwazzjoni prevista fis-subregolament (1), prinċipal għandu jidentifika u jevalwa l-kampi elettromanjetiċi fil-post tax-xogħol, billi jieħu f'konsiderazzjoni l-gwidi prattiċi rilevanti disponibbli mill-Kummissjoni u standards jew linji gwida oħra rilevanti, inklużi bażijiet ta' data dwar l-espożizzjoni. Minkejja l-obbligi tal-prinċipal taħt dawn ir-regolamenti, prinċipal għandu wkoll ikun intitolat, fejn rilevanti, li jikkunsidra l-livelli ta' emissjoni u data adatta oħra relatata mas-sigurtà pprovduta mill-manifattur jew id-distributur, dwar it-tagħmir, f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni, inkluża evalwazzjoni tar-riskji, jekk applikabbli għall-kundizzjonijiet ta' espożizzjoni fil-post tax-xogħol jew il-post tal-installazzjoni."
L.S. 424.34	regolament 4(5)	"Meta jkun qed iwettaq l-evalwazzjoni tar-riskju, min iħaddem għandu jagħti attenzjoni partikolari għal dan li ġej:"	"Meta jkun qed iwettaq l-evalwazzjoni tar-riskju, il-prinċipal għandu jagħti attenzjoni partikolari għal dan li ġej:"

L.S. 424.34	regolament 4(7)	"Min iħaddem għandu jkun fil-pussess ta' evalwazzjoni tar-riskji f'konformità mar-regolament 10 tar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u għandu jidentifika liema miżuri għandhom jittieħdu f'konformità mar-regolament 5. L-evalwazzjoni tar-riskju tista' tinkludi ir-raġunijiet għalfejn min iħaddem iqis li n-natura u l-limitu tar-riskji relatati mal-kampi elettromanjetiċi jagħmlu evalwazzjoni dettaljata oħra tar-riskji mhux meħtieġa. L-evalwazzjoni tar-riskju għandha tiġi aġġornata fuq bażi regolari, b'mod partikolari jekk ikun hemm tibdil sinifikanti li minħabba fih ma tkunx għadha rilevanti, jew jekk ir-riżultati tas-sorveljanza tas-saħħa msemmija fir-regolament 8 juru li dan ikun meħtieġ."	"Prinċipal għandu jkun fil-pussess ta' evalwazzjoni tar-riskji f'konformità mar-regolament 10 tar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u għandu jidentifika liema miżuri għandhom jittieħdu f'konformità mar-regolament 5. L-evalwazzjoni tar-riskju tista' tinkludi r-raġunijiet għalfejn il-prinċipal iqis li n-natura u l-limitu tar-riskji relatati mal-kampi elettromanjetiċi jagħmlu evalwazzjoni dettaljata oħra tar-riskji mhux meħtieġa. L-evalwazzjoni tar-riskju għandha tiġi aġġornata fuq bażi regolari, b'mod partikolari jekk ikun hemm tibdil sinifikanti li minħabba fih ma tkunx għadha rilevanti, jew jekk ir-riżultati tas-sorveljanza tas-saħħa msemmija fir-regolament 8 juru li dan ikun meħtieġ."
L.S. 424.34	regolament 5(1)	"B'kunsiderazzjoni tal-progress tekniku u d-disponibbiltà tal-miżuri għall-kontroll tal-produzzjoni ta' kampi elettromanjetiċi fis-sors, min iħaddem għandu jieħu l-azzjonijiet meħtieġa biex jiżgura li r-riskji li jinħolqu mill-kampi elettromanjetiċi fil-post tax-xogħol jiġu eliminati jew imnaqqsa għal livell minimu."	"B'kunsiderazzjoni tal-progress tekniku u d-disponibbiltà tal-miżuri għall-kontroll tal-produzzjoni ta' kampi elettromanjetiċi fis-sors, il-prinċipal għandu jieħu l-azzjonijiet meħtieġa biex jiżgura li r-riskji li jinħolqu mill-kampi elettromanjetiċi fil-post tax-xogħol jiġu eliminati jew imnaqqsa għal livell minimu."
L.S. 424.34	regolament 5(2)	"Fuq il-bażi tal-evalwazzjoni tar-riskju msemmija fir-regolament 4, ladarba l-ALs rilevanti, msemmija fir-regolament 3 u fl-Iskedi II u III, jinqabżu u ħlief jekk l-evalwazzjoni mwettqa skont ir-regolament 4(1), (2) u (3) turi li l-ELVs rilevanti ma	"Abbażi tal-evalwazzjoni tar-riskju msemmija fir-regolament 4, ladarba l-ALs rilevanti, msemmija fir-regolament 3 u fl-Iskedi II u III, jinqabżu u ħlief jekk l-evalwazzjoni mwettqa skont ir-regolament 4(1), (2) u (3) turi li l-ELVs rilevanti ma

		jkunux qegħdin jinqabżu u li r-riskji tas-sigurtà jistgħu jiġu eskluży, min iħaddem għandu joħloq u jimplimenta pjan ta' azzjoni li jkun jinkludi miżuri tekniċi u, jew organizzattivi għall-prevenzjoni ta' espożizzjoni ogħla mill-ELVs relatati mal-effetti fuq is-saħħa u l-ELVs relatati mal-effetti fuq is-sensi, b'konsiderazzjoni b'mod partikolari ta':"	jkunux qegħdin jinqabżu u li r-riskji tas-sigurtà jistgħu jiġu eskluży, il-prinċipal għandu joħloq u jimplimenta pjan ta' azzjoni li jkun jinkludi miżuri tekniċi u, jew organizzattivi għall-prevenzjoni ta' espożizzjoni ogħla mill-ELVs relatati mal-effetti fuq is-saħħa u l-ELVs relatati mal-effetti fuq is-sensi, b'konsiderazzjoni b'mod partikolari ta':"
L.S. 424.34	regolament 5(3)	"Abbażi tal-evalwazzjoni tar-riskju msemmija fir-regolament 4, min iħaddem għandu joħloq u jimplimenta pjan ta'azzjoni li għandu jinkludi miżuri tekniċi u, jew organizzattivi għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe riskju għall-ħaddiema f'riskju partikolari, u kwalunkwe riskju minħabba l-effetti indiretti, imsemmija fir-regolament 4."	"Abbażi tal-evalwazzjoni tar-riskju msemmija fir-regolament 4, il-prinċipal għandu joħloq u jimplimenta pjan ta' azzjoni li għandu jinkludi miżuri tekniċi u, jew organizzattivi għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe riskju għall-ħaddiema f'riskju partikolari, u kwalunkwe riskju minħabba l-effetti indiretti, imsemmija fir-regolament 4."
L.S. 424.34	regolament 5(4)	"Barra milli jipprovdi l-informazzjoni stipulata fir-regolament 6, min iħaddem għandu jadatta l-miżuri msemmija f'dan ir-regolament għar-rekwiżiti tal-ħaddiema f'riskju partikolari u, fejn ikun applikabbli, għall-evalwazzjoni individwali tar-riskji, b'mod partikolari fir-rigward ta' ħaddiema li jkunu ddikjaraw l-użu ta' tagħmir mediku impjantat attiv jew passiv, bħal *pacemakers* kardijaċi jew l-użu ta' tagħmir mediku li jintlibes fuq il-ġisem, bħal pompi tal-insulina, jew fir-rigward ta' ħaddiema nisa tqal li jkunu nfurmaw lil min iħaddimhom bil-kundizzjoni tagħhom."	"Barra milli jipprovdi l-informazzjoni stipulata fir-regolament 6, il-prinċipal għandu jadatta l-miżuri msemmija f'dan ir-regolament għar-rekwiżiti tal-ħaddiema f'riskju partikolari u, fejn ikun applikabbli, għall-evalwazzjoni individwali tar-riskji, b'mod partikolari fir-rigward ta' ħaddiema li jkunu ddikjaraw l-użu ta' tagħmir mediku impjantat attiv jew passiv, bħal pacemakers kardijaċi jew l-użu ta' tagħmir mediku li jintlibes fuq il-ġisem, bħal pompi tal-insulina, jew fir-rigward ta' ħaddiema nisa tqal li jkunu infurmaw lill-prinċipal tagħhom bil-kundizzjoni tagħhom."

Verżjoni Elettronika

L.S. 424.34	regolament 5(8)	"Il-ħaddiema ma għandhomx ikunu esposti għal effetti ogħla mill-ELVs relatati mal-effetti fuq is-sensi u l-ELVs relatati mal-effetti fuq is-saħħa, ħlief jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet skont ir-regolament 9(1)(*a*) jew (*ċ*) jew ir-regolament 3(3) jew (4). Jekk, minkejja l-miżuri meħuda minn min iħaddem, l-ELVs relatati mal-effetti fuq is-saħħa u l-ELVs relatati mal-effetti fuq is-sensi jinqabżu, min iħaddem għandu jieħu azzjoni immedjata sabiex inaqqas l-espożizzjoni sakemm jintlaħaq livell taħt dawn l-ELVs. Min iħaddem għandu jidentifika u jirrekordja r-raġunijiet għaliex l-ELVs relatati mal-effetti fuq is-saħħa u l-ELVs relatati mal-effetti fuq is-sensi jkunu nqabżu, u għandu jemenda l-miżuri ta' protezzjoni u prevenzjoni skont il-każ sabiex jipprevjeni li jerġgħu jinqabżu. Il-miżuri emendati dwar il-protezzoni u l-prevenzjoni għandhom jiġu ppreżervati f'forma xierqa traċċabbli sabiex tippermetti l-konsultazzjoni fi stadju ulterjuri, skont il-liġi u l-prattika nazzjonali."	"Il-ħaddiema ma għandhomx ikunu esposti għal effetti ogħla mill-ELVs relatati mal-effetti fuq is-sensi u l-ELVs relatati mal-effetti fuq is-saħħa, ħlief jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet skont ir-regolament 9(1)(a) jew (ċ) jew ir-regolament 3(3) jew (4). Jekk, minkejja l-miżuri meħuda mill-prinċipal, l-ELVs relatati mal-effetti fuq is-saħħa u l-ELVs relatati mal-effetti fuq is-sensi jinqabżu, il-prinċipal għandu jieħu azzjoni immedjata sabiex inaqqas l-espożizzjoni sakemm jintlaħaq livell taħt dawn l-ELVs. Il-prinċipal għandu jidentifika u jirrekordja r-raġunijiet għaliex l-ELVs relatati mal-effetti fuq is-saħħa u l-ELVs relatati mal-effetti fuq is-sensi jkunu nqabżu, u għandu jemenda l-miżuri ta' protezzjoni u prevenzjoni skont il-każ sabiex jipprevjeni li jerġgħu jinqabżu. Il-miżuri emendati dwar il-protezzjoni u l-prevenzjoni għandhom jiġu ppreżervati f'forma xierqa traċċabbli sabiex tippermetti l-konsultazzjoni fi stadju ulterjuri, skont il-liġi u l-prattika nazzjonali."
L.S. 424.34	regolament 5(9)	"Fejn japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-regolament 3(3) u(4) u fejn il-ħaddiem jirrapporta sintomi temporanji, min iħaddem għandu jaġġorna, jekk meħtieġ, l-evalwazzjoni tar-riskju u l-miżuri ta' prevenzjoni. Is-sintomi temporanji jistgħu jinkludu:"	"Fejn japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-regolament 3(3) u(4) u fejn il-ħaddiem jirrapporta sintomi temporanji, il-prinċipal għandu jaġġorna, jekk meħtieġ, l-evalwazzjoni tar-riskju u l-miżuri ta' prevenzjoni. Is-sintomi temporanji jistgħu jinkludu:"

L.S. 424.34	regolament 6	"Mingħajr preġudizzju għar-regolamenti 12 u 14 tar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, min iħaddem għandu jiżgura li l-ħaddiema li x'aktarx ikunu esposti għal riskji minn kampi elettromanjetiċi fuq ix-xogħol u, jew ir-rappreżentanti tagħhom jirċievu kwalunkwe informazzjoni u taħriġ meħtieġ relatat mal-eżitu tal-evalwazzjoni tar-riskju prevista fir-regolament 4 li jikkonċernaw b'mod partikolari:"	"Mingħajr preġudizzju għar-regolamenti 12 u 14 tar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, il-prinċipal għandu jiżgura li l-ħaddiema li x'aktarx ikunu esposti għal riskji minn kampi elettromanjetiċi fuq ix-xogħol u, jew ir-rappreżentanti tagħhom jirċievu kwalunkwe informazzjoni u taħriġ meħtieġ relatat mal-eżitu tal-evalwazzjoni tar-riskju prevista fir-regolament 4 li jikkonċernaw b'mod partikolari:"
L.S. 424.34	regolament 8(1)	"Bil-għan li jsiru prevenzjoni u dijanjożi bikrija ta' kwalunkwe effett negattiv fuq is-saħħa minħabba espożizzjoni għal kampi elettromanjetiċi, min iħaddem għandu jagħmel arranġamenti biex issir sorveljanza tas-saħħa xierqa tal-ħaddiema li huma esposti għal kampi elettromanjetiċi u dik id-dokumentazzjoni medika għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Awtorità."	"Bil-għan li jsiru prevenzjoni u dijanjosi bikrija ta' kwalunkwe effett negattiv fuq is-saħħa minħabba espożizzjoni għal kampi elettromanjetiċi, il-prinċipal għandu jagħmel arranġamenti sabiex issir sorveljanza tas-saħħa xierqa tal-ħaddiema li huma esposti għal kampi elettromanjetiċi u dik id-dokumentazzjoni medika għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Awtorità."
	regolament 8(2)	"Min iħaddem għandu jiżgura li r-riżultati tas-sorveljanza tas-saħħa jinżammu f'forma adatta sabiex tkun tista' ssir konsultazzjoni f'data iktar tard, u jkunu suġġetti għal konformità mar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità. Il-ħaddiema individwali, fuq talba tagħhom, għandu jkollhom aċċess għad-dokumentazzjoni medika tagħhom.	"Prinċipal għandu jiżgura li r-riżultati tas-sorveljanza tas-saħħa jinżammu f'forma adatta sabiex tkun tista' ssir konsultazzjoni f'data iktar tard, u jkunu suġġetti għal konformità mar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità. Il-ħaddiema individwali, fuq talba tagħhom, għandu jkollhom aċċess għad-dokumentazzjoni medika tagħhom.

		Jekk jiġi rrappurtat effett fuq is-saħħa mhux mixtieq jew mhux mistenni minn ħaddiem, jew fi kwalunkwe każ meta tinstab l-espożizzjoni ogħla mill-ELVs, min iħaddem għandu jiżgura li jiġu pprovduti eżamijiet mediċi xierqa jew sorveljanza tas-saħħa individwali lill-ħaddiem(a) kkonċernat(i). Tali eżamijiet jew sorveljanza għandhom isiru disponibbli matul is-sigħat magħżula mill-ħaddiem, u kwalunkwe spiża li tirriżulta minnha għandha titħallas minn min iħaddem."	Jekk jiġi rrappurtat effett fuq is-saħħa mhux mixtieq jew mhux mistenni minn ħaddiem, jew fi kwalunkwe każ meta tinstab l-espożizzjoni ogħla mill-ELVs, il-prinċipal għandu jiżgura li jiġu pprovduti eżamijiet mediċi xierqa jew sorveljanza tas-saħħa individwali lill-ħaddiema kkonċernati. Tali eżamijiet jew sorveljanza għandhom isiru disponibbli matul is-sigħat magħżula mill-ħaddiem, u kwalunkwe spiża li tirriżulta minnha għandha titħallas mill-prinċipal."
L.S. 424.34	regolament 9(1)(a)(v)	"min iħaddem juri li l-ħaddiema għadhom protetti kontra l-effetti negattivi fuq is-saħħa u kontra r-riskji relatati mas-sigurtà, inkluż billi jiżgura li l-istruzzjonijiet għall-użu sigur ipprovduti mill-manifattur f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 dwar tagħmir mediku jiġu segwiti;"	"il-prinċipal juri li l-ħaddiema għadhom protetti kontra l-effetti negattivi fuq is-saħħa u kontra r-riskji relatati mas-sigurtà, inkluż billi jiżgura li l-istruzzjonijiet għall-użu sigur ipprovduti mill-manifattur f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 dwar tagħmir mediku jiġu segwiti;"
L.S. 424.34	regolament 9(1)(ċ)(iv)	"min iħaddem juri li l-ħaddiema għadhom protetti kontra l-effetti negattivi fuq is-saħħa u r-riskji relatati mas-sigurtà, inkluż bl-użu ta' standards u linji gwida komparabbli, aktar speċifiċi u rikonoxxuti internazzjonalment. F'dawn il-każi min iħaddem għandu jinforma lill-Awtorità bil-miktub qabel ma jibdew dawn l-attivitajiet."	"il-prinċipal juri li l-ħaddiema għadhom protetti kontra l-effetti negattivi fuq is-saħħa u r-riskji relatati mas-sigurtà, inkluż bl-użu ta' standards u linji gwida komparabbli, aktar speċifiċi u rikonoxxuti internazzjonalment. F'tali każijiet il-prinċipal għandu jinforma lill-Awtorità bil-miktub qabel ma jibdew dawn l-attivitajiet."
Regolamenti dwar l-Apparat tax-Xogħol (Ħtiġiet Minimi għas-Saħħa u s-	nota marġinali fir-regolament 3	"Dmirijiet ta' min iħaddem - dmirijiet ġenerali."	"Dmirijiet tal-prinċipal - dmirijiet ġenerali."

Verżjoni Elettronika

Sigurtà) – L.S. 424.35			
L.S. 424.35	regolament 3(1)(a)(b)	"Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-apparat tax-xogħol għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema fl-intrapriża u, jew l-istabbiliment innifsu jkunu adatti għax-xogħol li jkun ser jitwettaq jew adatti kif imiss għall-iskop u jkunu ser jintużaw mill-ħaddiema mingħajr periklu għas-sigurtà u għas-saħħa tagħhom. "(b) Fl-għażla tal-apparat tax-xogħol li huwa jipproponi li jintuża, min iħaddem għandu jagħti każ tal-kondizzjonijiet u l-karatteristiċi speċifiċi tax-xogħol kif ukoll tal-periki li jeżistu fl-intrapriża u, jew l-istabbiliment, b'mod speċjali fil-post tax-xogħol, għas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema, u, jew kull periklu addizzjonali li jirriżulta mill-użu tal-apparat inkwistjoni."	"Il-prinċipal għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-apparat tax-xogħol għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema fl-intrapriża u, jew l-istabbiliment innifsu jkunu adatti għax-xogħol li jkun ser jitwettaq jew adatti kif xieraq għall-iskop u jkunu ser jintużaw mill-ħaddiema mingħajr periklu għas-sigurtà u għas-saħħa tagħhom. "(b) Fl-għażla tal-apparat tax-xogħol li huwa jipproponi li jintuża, il-prinċipal għandu jagħti każ tal-kondizzjonijiet u l-karatteristiċi speċifiċi tax-xogħol kif ukoll tal-perikli li jeżistu fl-intrapriża u, jew l-istabbiliment, b'mod speċjali fil-post tax-xogħol, għas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema u, jew kull periklu addizzjonali li jirriżulta mill-użu tal-apparat inkwistjoni."
L.S. 424.35	regolament 3(2)	"Fejn ma jkunx għal kollox possibbli li jiġi hekk żgurat li l-apparat tax-xogħol jista' jintuża mingħajr riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, min iħaddem għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jimminimizza dawk ir-riskji."	"Fejn ma jkunx għalkollox possibbli li jiġi hekk żgurat li l-apparat tax-xogħol jista' jintuża mingħajr riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, il-prinċipal għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jimminimizza dawk ir-riskji."
L.S. 424.35	regolament 4(1)	"Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 3, min iħaddem għandu jakkwista u, jew juża u, jew jippermetti li jintuża apparat tax-xogħol li ikun jaqbel mal-ħtigiet minimi stipulat f'dawn ir-regolamenti sakemm ebda provvediment leġislattiv ieħor ma jkun applikabbli	"Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 3, il-prinċipal għandu jakkwista u, jew juża u, jew jippermetti li jintuża apparat tax-xogħol li jkun jaqbel mar-rekwiżiti minimi stipulati f'dawn ir-regolamenti sakemm l-ebda provvediment leġiżlattiv ieħor ma jkun applikabbli

		jew ikun hekk biss applikabbli parzjalment."	jew ikun hekk biss applikabbli parzjalment."
L.S. 424.35	regolament 4(2)	"Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li, matul il-ħajja tax-xogħol tiegħu kollha, l-apparat tax-xogħol ikun qiegħed jinżamm, permezz ta' manutenzjoni adegwata, f'tali livell li jkun jaqbel mad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1)."	"Prinċipal għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li, matul il-ħajja tax-xogħol tiegħu kollha, l-apparat tax-xogħol ikun qiegħed jinżamm, permezz ta' manutenzjoni adegwata, f'tali livell li jkun jaqbel mad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1)."
L.S. 424.35	regolament 5(1)	"Min iħaddem għandu jiżgura li fejn is-sigurtà tal-apparat tax-xogħol tkun tiddependi fuq il-kondizzjonijiet tal-istallazzjoni, dak l-apparat għandu jkun soġġett għall-ispezzjoni tal-bidu (wara l-istallazzjoni u qabel ma jibda' jaħdem) u għal spezzjoni wara l-assemblaġġ f'post ġdid jew f'lokalità ġdida minn persuni kompetenti, biex ikun żgurat li l-apparat tax-xogħol ikun ġie stallat sew u jkun qed jaħdem sew."	"Prinċipal għandu jiżgura li fejn is-sigurtà tal-apparat tax-xogħol tkun tiddependi fuq il-kondizzjonijiet tal-istallazzjoni, dak l-apparat għandu jkun soġġett għall-ispezzjoni tal-bidu (wara l-istallazzjoni u qabel ma jibda jaħdem) u għal spezzjoni wara l-assemblaġġ f'post ġdid jew f'lokalità ġdida minn persuni kompetenti, biex ikun żgurat li l-apparat tax-xogħol ikun ġie stallat sew u jkun qed jaħdem sew."
L.S. 424.35	regolament 5(2)	"Min iħaddem għandu jiżgura li apparat tax-xogħol espost għall-kondizzjonijiet li jikkawżaw deterjorament u li jista' jwassal għal sitwazzjonijiet ta' periklu, isirulu - (a) spezzjonijiet perjodiċi u, meta jkun adatt, testijiet minn persuni kompetenti, (b) spezzjonijiet speċjali minn persuni kompetenti kull darba li jseħħu ċirkostanzi eċċezzjonali li jistgħu jipperikolaw is-sigurtà tal-apparat tax-xogħol, bħal xogħol ta' modifika, inċidenti,	"Prinċipal għandu jiżgura li apparat tax-xogħol espost għall-kondizzjonijiet li jikkawżaw deterjorament u li jista' jwassal għal sitwazzjonijiet ta' periklu, isirulu: (a) spezzjonijiet perjodiċi u, meta jkun xieraq, testijiet minn persuni kompetenti; (b) spezzjonijiet speċjali minn persuni kompetenti kull darba li jseħħu ċirkostanzi eċċezzjonali li jistgħu jipperikolaw is-sigurtà tal-apparat tax-xogħol, bħal xogħol ta' modifika, inċidenti,

		fenomeni naturali jew perijodi twal ta' inattività, sabiex ikun żgurat li jinżammu kondizzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà u li d-deterjorazzjoni tkun tista' tinkixef u tiġi rimedjata fil-pront."	fenomeni naturali jew perjodi twal ta' inattività, sabiex ikun żgurat li jinżammu kondizzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà u li d-deterjorazzjoni tkun tista' tiġi identifikata u tiġi rimedjata fil-pront."
L.S. 424.35	regolament 5(3)	"Meta xi difett jinstab f'xi apparat tax-xogħol jew mezz ta' sigurtà b'xi eżami jew prova taħt dan ir-regolament u, fil-fehma tal-persuna kompetenti li tagħmel l-eżami u l-prova jew - (a) l-imsemmi difett joħloq periklu lil persuni impjegati u minħabba f'hekk l-apparat tax-xoghol jew il-mezz ta' sigurtà (skond il-każ) m'għandux jintuża sakemm id-difett jitranġa; (b) l-imsemmi difett jista' jkun li joħloq periklu lil persuni impjegati u minħabba f'hekk l-apparat tax-xoghol jew il-mezz ta' sigurtà (skond il-każ) m'għandux jintuża wara li jgħaddi perjodu speċifikat kemm-il darba l-imsemmi difett ma jitranġax, dak id-difett għandu, kemm jista' jkun malajr wara li jitlesta l-eżami u l-prova, jiġi avżat bil-miktub mill-persuna kompetenti lil min iħaddem u, fil-każ ta' difett li jaqa' taħt il-paragrafu (b), dak l-avviż għandu jinkludi l-perjodu li fih, fil-fehma tal-persuna kompetenti, id-difett għandu jitranġa."	"Meta xi difett jinstab f'xi apparat tax-xogħol jew mezz ta' sigurtà b'xi eżami jew prova taħt dan ir-regolament u, fil-fehma tal-persuna kompetenti li tagħmel l-eżami u l-prova jew - (a) l-imsemmi difett joħloq periklu lil persuni impjegati u minħabba f'hekk l-apparat tax-xogħol jew il-mezz ta' sigurtà, skont il-każ, ma għandux jintuża sakemm id-difett jitranġa; (b) l-imsemmi difett jista' jkun li joħloq periklu lil persuni impjegati u minħabba f'hekk l-apparat tax-xogħol jew il-mezz ta' sigurtà, skont il-każ, ma għandux jintuża wara li jgħaddi perjodu speċifikat kemm-il darba l-imsemmi difett ma jitranġax, tali difett għandu, kemm jista' jkun malajr wara li jitlestew l-eżami u l-prova, jiġi avżat bil-miktub mill-persuna kompetenti lil prinċipal u, fil-każ ta' difett li jaqa' taħt il-paragrafu (b), tali avviż għandu jinkludi l-perjodu li fih, fil-fehma tal-persuna kompetenti, id-difett għandu jitranġa."
L.S. 424.35	regolament 5(4)	"Ir-riżultati tal-ispezzjonijiet għandhom jiġu reġistrati minn min iħaddem u jinżammu għal	"Ir-riżultati tal-ispezzjonijiet għandhom jiġu reġistrati mill-prinċipal u jinżammu għal perjodu minimu ta' sentejn (2)."

		perjodu minimu ta' sentejn."	
L.S. 424.35	regolament 6	"Meta l-użu ta' apparat tax-xogħol ikun x'aktarx jinvolvi xi riskju speċifiku għas-sigurtà jew is-saħħa tal-ħaddiema, min iħaddem għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li: (a) l-użu tal-apparat tax-xogħol ikun ristrett għal dawk il-persuni li jkunu ngħataw l-inkarigu li jużawh; (b) fil-każ ta' tiswijiet, modifikazzjonijiet, manutenzjoni jew *servicing*, ikunu l-ħaddiema involuti f'dak ix-xogħol li jiġu speċifikament imqabbda jagħmlu dak ix-xoghol."	"Meta l-użu ta' apparat tax-xogħol ikun x'aktarx jinvolvi xi riskju speċifiku għas-sigurtà jew is-saħħa tal-ħaddiema, il-prinċipal għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li: (a) l-użu tal-apparat tax-xogħol ikun ristrett għal dawk il-persuni li jkunu ngħataw l-inkarigu li jużawh; (b) fil-każ ta' tiswijiet, modifikazzjonijiet, manutenzjoni jew servicing, ikunu l-ħaddiema involuti f'tali xogħol li jiġu speċifikament imqabbda sabiex jagħmlu dak ix-xogħol."
L.S. 424.35	regolament 7	"Għandu jingħata każ sew minn min iħaddem dwar il-mod kif wieħed joqgħod u fejn għandhom joqogħdu l-ħaddiema waqt li jkunu qegħdin jużaw apparat tax-xogħol u dwar il-prinċipji ergonomiċi, meta min iħaddem ikun qed japplika l-ħtiġiet Minimi ta' saħħa u sigurtà."	"Għandu jingħata kas sew mill-prinċipal dwar il-mod kif wieħed joqgħod u fejn għandhom joqogħdu l-ħaddiema waqt li jkunu qegħdin jużaw apparat tax-xogħol u dwar il-prinċipji ergonomiċi, meta prinċipal ikun qed japplika r-rekwiżiti minimi ta' saħħa u sigurtà."
L.S. 424.35	regolament 8(1)	"Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali, min iħaddem għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżġura li l-ħaddiema jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom informazzjoni adegwata u, meta jkun meħtieġ, istruzzjonijiet bil-miktub dwar l-apparat tax-xogħol li jintuża f'xogħlhom."	"Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali, il-prinċipal għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-ħaddiema jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom informazzjoni adegwata u, meta jkun meħtieġ, istruzzjonijiet bil-miktub dwar l-apparat tax-xogħol li jintuża f'xogħolhom."
L.S. 424.35	regolament 9	"Mingħajr preġudizzju għar-regolament 14 tar-Regolamenti dwar	"Mingħajr preġudizzju għar-regolament 14 tar-Regolamenti dwar

		Dispożizzjonijiet Ġenerali, min iħaddem għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura li: (a) dawk il-ħaddiema li jingħataw l-inkarigu li jużaw apparat tax-xogħol, jingħataw taħriġ adegwat inkluż taħriġ dwar kull riskju li dak l-uzu jista' jkun jinvolvi, u (b) il-ħaddiema msemmija fir-regolament 6(b) jirċievu taħriġ speċifiku adegwat."	Dispożizzjonijiet Ġenerali, il-prinċipal għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura li: (a) dawk il-ħaddiema li jingħataw l-inkarigu li jużaw apparat tax-xogħol, jingħataw taħriġ adegwat inkluż taħriġ dwar kull riskju li dak l-użu jista' jkun jinvolvi; u (b) il-ħaddiema msemmija fir-regolament 6(b) jirċievu taħriġ speċifiku adegwat."
L.S. 424.35	partita 5.3 tal-Iskeda I	"Is-slielem jistgħu jintużaw biss bħala stazzjonijiet tax-xogħol fil-għoli taħt ċirkostanzi li fihom, kif indikat fil-paragrafu 5.2, l-użu ta' apparat tax-xogħol ieħor iktar żgur ma jkunx ġustifikat minħabba fil-livell baxx tar-riskju jew inkella minħabba fiż-żmien qasir tal-użu jew fatturi eżistenti fuq is-sit li min iħaddem ma jistax ibiddel."	"Is-slielem jistgħu jintużaw biss bħala stazzjonijiet tax-xogħol fil-għoli taħt ċirkostanzi li fihom, kif indikat fil-partita 5.2, l-użu ta' apparat tax-xogħol ieħor iktar sikur ma jkunx ġustifikat minħabba fil-livell baxx tar-riskju jew inkella minħabba fiż-żmien qasir tal-użu jew fatturi eżistenti fuq is-sit li l-prinċipal ma jistax ibiddel."
L.S. 424.35	partita 7.1 tal-Iskeda I	"Kull min iħaddem għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżgura li skali mobbli u *moving walkways*: (a) jaħdmu mingħajr periklu; (b) ikollhom kull apparat xieraq ta' sigurtà; (ċ) ikollhom apparat ta' qtugħ f'emerġenza, liema apparat ikun jidher u jkun aċċessibbli faċilment; (d) issirilhom manutenzjoni kif imiss, u jiġu eżaminati u ċċertifikati kull sitt xhur minn inġinier mekkaniku bil-*warrant*."	"Kull prinċipal għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżgura li skali mobbli u moving walkways: (a) jaħdmu mingħajr periklu; (b) ikollhom kull apparat xieraq ta' sigurtà; (ċ) ikollhom apparat ta' qtugħ f'emerġenza, liema apparat ikun jidher u jkun aċċessibbli faċilment; (d) issirilhom manutenzjoni kif imiss, u jiġu eżaminati u ċċertifikati kull sitt xhur minn inġinier mekkaniku bil-warrant."
L.S. 424.35	partita 7.2 tal-Iskeda I	"Min iħaddem għandu jibgħat lil-Awtorità rapport tal-eżami, magħmul mill-	"Prinċipal għandu jibgħat lill-Awtorità rapport tal-eżami, magħmul mill-

		inġinier skont dak li hawn aktar qabel imsemmi, fi żmien mhux aktar minn ħmistax-il ġurnata tax-xogħol mid-data ta' meta jsir l-eżami."	inġinier skont dak li hawn aktar qabel imsemmi, fi żmien mhux aktar minn ħmistax-il ġurnata ta' xogħol mid-data ta' meta jsir l-eżami."
L.S. 424.35	paragrafu (a) tal-partita 8.2 tal-Iskeda I	"Kull eżami li għandu jsir skont il-paragrafu 8.1 għandu jsir wara li jkun ingħata avviż ta' jumejn lil min iħaddem u jkun magħmul, l-ewwelnett, f'eżami tal-*boiler* meta jkun kiesaħ u 'l ġewwa u 'l barra tiegħu jkunu mħejjija b'dak il-mod li jista' jiġi ordnat mil-persuna kompetenti, u imbagħad, ħlief fil-każ ta' ekonomizzatur jew *superheater*, f'eżami waqt li jkun taħt pressjoni tal-istim normali, iżda ż-żewġ partijiet tal-eżami jistgħu jsiru minn eżaminaturi differenti."	"Kull eżami li għandu jsir skont il-partita 8.1 għandu jsir wara li jkun ingħata avviż ta' jumejn lill-prinċipal u jkun magħmul, l-ewwel nett, f'eżami tal-boiler meta jkun kiesaħ u 'l ġewwa u 'l barra tiegħu jkunu mħejjija b'dak il-mod li jista' jiġi ordnat mill-persuna kompetenti, u mbagħad, ħlief fil-każ ta' ekonomizzatur jew superheater, f'eżami waqt li jkun taħt pressjoni tal-istim normali, iżda ż-żewġ partijiet tal-eżami jistgħu jsiru minn eżaminaturi differenti."
L.S. 424.35	partita 2.2 tal-Iskeda III	"Dawk il-biċċiet kollha u makkinarju kollu għandhom jiġu eżaminati sew minn persuna kompetenti mill-anqas darba kull perjodu ta' tnax-il xahar; fil-każ li l-makkinarju jew l-aċċessorji tagħhom jintużaw biex jerfgħu persuni, dawn għandhom jiġu eżaminati mill-inqas darba kull perjodu ta' sitt xhur. Kopja taċ-ċertifikat tal-eżami għandha takkompanja l-magna li tintuża għall-irfigħ fuq il-post tax-xogħol fejn tkun qed tintuża u dan iċ-ċertifikat għandu jkun disponibbli biex jiġi spezzjonat. Meta jirriżulta mill-eżami li l-magna li tintuża għall-irfigħ jew l-aċċessorji tagħha ma tistax tkompli tintuża mingħajr periklu kemm-il darba ma jsirulhiex tiswijiet immedjati jew fi żmien stabbilit, min jagħmel ir-	"Dawk il-biċċiet kollha u makkinarju kollu għandhom jiġu eżaminati sew minn persuna kompetenti mill-anqas darba kull perjodu ta' tnax-il xahar; fil-każ li l-makkinarju jew l-aċċessorji tagħhom jintużaw biex jerfgħu persuni, dawn għandhom jiġu eżaminati mill-inqas darba kull perjodu ta' sitt xhur. Kopja taċ-ċertifikat tal-eżami għandha takkompanja l-magna li tintuża għall-irfigħ fuq il-post tax-xogħol fejn tkun qed tintuża u dan iċ-ċertifikat għandu jkun disponibbli biex jiġi spezzjonat. Meta jirriżulta mill-eżami li l-magna li tintuża għall-irfigħ jew l-aċċessorji tagħha ma tistax tkompli tintuża mingħajr periklu kemm-il darba ma jsirulhiex tiswijiet immedjati jew fi żmien

		rapport għandu minnufih jibgħat kopja tar-rapport lill-Awtorità. Kull sid jew min iħaddem għandu jiżgura li kull tiswija, tiġdid jew alterazzjonijiet fuq il-magna li tintuża għall-irfigħ jew fuq l-aċċessorji tagħha skont m'huma dikjarati mill-persuna kompetenti biex tintuża mingħajr periklu, għandhom isiru minnufih jew fiż-żmien indikat fir-rapport tal-persuna kompetenti, skond il-każ."	stabbilit, min jagħmel ir-rapport għandu minnufih jibgħat kopja tar-rapport lill-Awtorità. Kull sid jew prinċipal għandu jiżgura li kull tiswija, tiġdid jew alterazzjonijiet fuq il-magna li tintuża għall-irfigħ jew fuq l-aċċessorji tagħha skont ma huma dikjarati mill-persuna kompetenti biex tintuża mingħajr periklu, għandhom isiru minnufih jew fiż-żmien indikat fir-rapport tal-persuna kompetenti, skont il-każ."
Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni) – L.S. 424.36	regolament 2	""kuntrattur" tfisser kuntrattur jew persuna li tħaddem li l-ħaddiema tagħha iwettqu, jagħmlu jew jimmaniġġjaw xogħol ta' kostruzzjoni, u li tforni materjal u, jew xogħol biex ikun jista' jsir dak ix-xogħol;"	""kuntrattur" tfisser kuntrattur jew prinċipal li l-ħaddiema tiegħu jwettqu, jagħmlu jew jimmaniġġjaw xogħol ta' kostruzzjoni, u li jforni materjal u, jew xogħol biex ikun jista' jsir dak ix-xogħol;"
L.S. 424.36	regolament 5(4)(d)	"jikkoordina l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawn ir-regolamenti sabiex jassiguraw li min jimpjega u, jekk meħtieġ għall-protezzjoni tal-ħaddiema, persuni impjegati għall-rashom:"	"jikkoordina l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawn ir-regolamenti sabiex jassiguraw li l-prinċipal u, jekk meħtieġ għall-protezzjoni tal-ħaddiema, persuni impjegati għal rashom:"
L.S. 424.36	regolament 8(2)	"L-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti ma għandux jaffettwa l-prinċipju tar-responsabbilità ta' min iħaddem kif provdut fl-Att jew fil-leġislazzjoni sussidjarja."	"L-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti ma għandux jaffettwa l-prinċipju tar-responsabbilità tal-prinċipal kif provdut fl-Att jew fil-leġiżlazzjoni sussidjarja."
L.S. 424.36	partita 5.2 tas-Sezzjoni II tat-Taqsima B tal-Iskeda IV	"Fejn isir ix-xogħol fil-għoli, kull min iħaddem u, jew il-persuna impjegata għal rasha, għandhom jieħdu miżuri xierqa u suffiċjenti biex jipprevjenu kull persuna li taqa' distanza li tista' tikkawża dannu personali."	"Fejn isir ix-xogħol fil-għoli, kull prinċipal u, jew il-persuna impjegata għal rasha, għandhom jieħdu miżuri xierqa u suffiċjenti biex jipprevjenu kull persuna li taqa' distanza li tista' tikkawża dannu personali."

Verżjoni Elettronika

It-Tieni Skeda
Leġiżlazzjoni Sussidjarja meqjusa bħala magħmula taħt dan l-Att

Leġiżlazzjoni Sussidjarja	Enumerazzjoni preżenti	Enumerazzjoni mill-ġdid
Ordni dwar Postijiet tax-Xogħol (Estensjoni ta' Tifsir)	L.S. 424.02	L.S. 646.01
Regolamenti dwar is-Sigurtà fil-Baċiri	L.S. 424.03	L.S. 646.02
Regolamenti dwar Postijiet tax-Xogħol (Saħħa, Skansar u Ħsieb Ġenerali)	L.S. 424.09	L.S. 646.03
Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Żgħażagħ fuq il-Post tax-Xogħol	L.S. 424. 10	L.S. 646.04
Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Maternità fuq il-Post tax-Xogħol	L.S. 424.11	L.S. 646.05
Regolamenti dwar l-Ewwel Għajnuna fuq il-Post tax-Xogħol	L.S. 424. 13	L.S. 646.06
Regolamenti dwar Ħtiġiet Minimi ta' Saħħa u Sigurtà f'Xogħol b'Apparat ta' Wiri fuq Skrin	L.S. 424.14	L.S. 646.07
Regolamenti dwar Ħtiġiet Minimi ta' Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol	L.S. 424.15	L.S. 646.08
Regolamenti dwar it-Twaħħil ta' Sinjali tas-Saħħa u, jew tas-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol	L.S. 424.16	L.S. 646.09
Regolamenti dwar il-Protezzjoni kontra Riskji ta' Korriment tad-Dahar fil-Postijiet tax-Xogħol	L.S. 424.17	L.S. 646.10
Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol	L.S. 424.18	L.S. 646.11
Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Perikli ta' Inċidenti Kbar	L.S. 424.19	L.S. 646.12
Regolamenti dwar Rekwiżiti Minimi għall-Użu ta' Tagħmir Protettiv Personali fuq ix-Xogħol	L.S. 424.21	L.S. 646.13
Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema mir-Riskji relatati mal-Espożizzjoni għall-Carcinogens, Mutagens jew Reprotoxic Substances fuq il-Post tax-Xogħol	L.S. 424.22	L.S. 646.14
Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema mir-Riskji li jinħolqu meta persuna tkun esposta għall-Asbestos fuq il-Post tax-Xogħol	L.S. 424.23	L.S. 646.15
Regolamenti dwar il-Protezzjoni tas-Saħħa u s-Sigurtà tal-Ħaddiema minn Riskji relatati ma' Aġenti Kimiċi fuq il-Post tax-Xogħol	L.S. 424.24	L.S. 646.16
Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema minn Riskji relatati mal-Espożizzjoni għal Aġenti Bijoloġiċi fuq il-Post tax-Xogħol	L.S. 424.25	L.S. 646.17

Verżjoni Elettronika

Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Ħaddiema fl-Industriji tal-Estrazzjoni tal-Minerali permezz ta' Driljar u ta' Ħaddiema fl-Industriji tal-Estrazzjoni tal-Minerali Fuq u Taħt l-Art	L.S. 424.26	L.S. 646.18
Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet ta' Saħħa u Sigurtà Minimi fuq ix-Xogħol) (Spazji Ristretti jew Spazji b'Atmosferi Esplożivi)	L.S. 424.27	L.S. 646.19
Regolamenti dwar Bżonnijiet Minimi ta' Saħħa u Sigurtà għall-Protezzjoni tal-Ħaddiema minn Riskji li jinqalgħu minn espożizzjoni għall-Ħsejjes fuq il-Post tax-Xogħol	L.S. 424.28	L.S. 646.20
Regolamenti dwar Bżonnijiet Minimi ta' Saħħa u Sigurtà għall-Protezzjoni tal-Ħaddiema minn Riskji li jirriżultaw mill-Espożizzjoni għall-Vibrazzjonijiet fuq il-Post tax-Xogħol	L.S. 424.31	L.S. 646.21
Regolamenti dwar Ħtiġiet Minimi ta' Saħħa u Sigurtà għall-Ħarsien tal-Ħaddiema minn Riskji li jirriżultaw mill-Espożizzjoni għar-Radjazzjoni Ottika Artifiċjali fuq il-Post tax-Xogħol	L.S. 424.32	L.S. 646.22
Regolamenti dwar Ħtiġiet Minimi ta' Saħħa u Sigurtà għall-Ħarsien tal-Ħaddiema minn Riskji li jirriżultaw mill-Espożizzjoni għal Kampi Elettromanjetiċi fuq il-Post tax-Xogħol	L.S. 424.34	L.S. 646.23
Regolamenti dwar l-Apparat tax-Xogħol (Ħtiġiet Minimi għas-Saħħa u s-Sigurtà)	L.S. 424.35	L.S. 646.24
Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet minimi ta' Saħħa u Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni)	L.S. 424.36	L.S. 646.25

Verżjoni Elettronika

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 258 tal-15 ta' Lulju, 2024.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

ELEANOR SCERRI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati